ISSN 1831-8517

CVRIA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

# Rapport annwali 2010

RAPPORT ANNWALI 2010

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

MT

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

# RAPPORT ANNWALI 2010

Ħarsa lejn ix-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja,
tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu 2011

www.curia.europa.eu

Il-Qorti tal-Ġustizzja
L-2925 Il-Lussemburgu
Tél. (352) 43 03-1

Il-Qorti Ġenerali
L-2925 Il-Lussemburgu
Tél. (352) 43 03-1

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea
L-2925 Il-Lussemburgu
Tél. (352) 43 03-1

Il-Qorti fuq l-internet: http://www.curia.europa.eu

Data meta tlesta: 1 ta' Jannar 2011

Riproduzzjoni awtorizzata sakemm jiġi indikat is-sors. Ir-ritratti jistgħu jiġu rriprodotti biss fil-kuntest ta' din il-pubblikazzjoni. Għal kull użu ieħor, għandha tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-829-1049-8

doi:10.2862/51683

© L-Unjoni Ewropea, 2011

*Printed in Luxembourg*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

# Werrej

Paġna

Daħla mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja
Vassilios Skouris ..... 5

## Kapitolu I

*Il-Qorti tal-Ġustizzja*

A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2010 ..... 9

B – Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2010 ..... 11

C – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 59

1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 61
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2010 ..... 77
3. Ordnijiet Protokollari ..... 79
4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 81

D – Statistika tal-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 85

## Kapitolu II

*Il-Qorti Ġenerali*

A – Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2010 ..... 115

B – Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali ..... 159

1. Membri tal-Qorti Ġenerali ..... 161
2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2010 ..... 173
3. Ordnijiet protokollari ..... 175
4. Membri preċedenti tal-Qorti Ġenerali ..... 177

C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali ..... 179

## Kapitolu III

*It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku*

A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2010 ........ 203

B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 215

1. Il-Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 217

2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2010 ........ 221

3. Ordni protokollari ........ 223

4. Membri preċedenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 225

C – Statistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 227

## Kapitolu IV

*Laqgħat u Żjarat*

A – Żjarat uffiċjali u avvenimenti fil-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Qorti Ġenerali u fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ........ 241

B – Żjarat ta' studju (2010) ........ 245

1. Tqassim f'tipi ta' gruppi ........ 245

2. Żjarat ta' studju – Tqassim skont Stati Membri (2010) ........ 246

3. Żjarat ta' studju – Membri tal-Ġudikatura nazzjonali (2010) ........ 248

4. Żvilupp fin-numru u fit-tip ta' viżitaturi (2007-2010) ........ 248

C – Udjenzi Solenni ........ 249

D – Żjarat jew parteċipazzjoni f'avvenimenti uffiċjali ........ 251

*Organigramma tal-Qorti* ........ 256

# Daħla

Għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sena 2010 kienet sena ta' konsolidazzjoni tar-riformi introdotti fi ħdan is-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni permezz tat-Trattat ta' Lisbona. Il-proċedura li għandha twassal sabiex tiġi implementata l-iktar riforma importanti, jiġifieri l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, inbdiet din is-sena stess. Il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet u ser tibqa' ssegwi mill-qrib l-iżviluppi fl-implementazzjoni ta' din il-proċedura.

Is-sena 2010 ser tibqa' mfakkra wkoll għar-ritmu partikolarment intensiv tal-attività ġudizzjarja tal-Istituzzjoni. Wieħed jinnota, f'dan ir-rigward, li, b'kollox, tressqu 1 406 kawża quddiem it-tliet qrati li jifformaw il-Qorti tal-Ġustizzja, numru li huwa l-iktar wieħed għoli fl-istorja tal-Istituzzjoni u li huwa xhieda taż-żieda kostanti fil-volum tal-kawżi li jikkonċernaw l-Unjoni. Barra minn hekk, wieħed ta' min isemmi wkoll it-tnaqqis ġenerali fit-tul tal-proċeduri, tnaqqis li huwa sinjifikattiv ħafna b'mod partikolari fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari.

Fl-aħħar nett, matul is-sena li għadha kemm intemmet telqu żewġ Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll erba' Membri tal-Qorti Ġenerali, tluq li jagħmel parti b'mod partikolari mit-tiġdid parzjali tal-Istituzzjoni. F'dan ir-rigward ta' min jgħid li l-ħatriet tal-Membri l-ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali kienu l-ewwel ħatriet li saru fil-kuntest tal-proċedura l-ġdida introdotta permezz tat-Trattat ta' Lisbona, jiġifieri wara opinjoni tal-kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE.

Dan ir-rapport jagħti preżentazzjoni kompleta tal-iżvilupp u tal-attività tal-Istituzzjoni matul is-sena 2010. Bħal kull sena, parti sostanzjali tar-Rapport hija ddedikata għal rendikonti fil-qosor iżda eżawrjenti tal-attività ġudizzjarja proprja tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Din l-analiżi tal-attività ġudizzjarja matul is-sena 2010 hija kkompletata u sostnuta bi statistika speċifika għal kull qorti.



V. Skouris
President tal-Qorti tal-Ġustizzja



# Kapitolu I

## Il-Qorti tal-Ġustizzja

## A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2010

*Minn Vassilios Skouris, President*

Din l-ewwel parti tar-Rapport Annwali tagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea matul is-sena 2010. Hija tagħti, l-ewwel nett, ħarsa lejn l-iżvilupp tal-Istituzzjoni matul din is-sena li għaddiet b'enfażi fuq il-bidliet istituzzjonali li affettwaw lill-Qorti tal-Ġustizzja u l-iżviluppi li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna u l-metodi tax-xogħol tagħha. It-tieni nett, hija tinkludi analiżi statistika tal-iżvilupp tal-volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll tat-tul medju tal-proċeduri. It-tielet nett, bħal kull sena, din il-parti tippreżenta l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza kklassifikati skont is-suġġett.

**1.** It-Trattat ta' Lisbona jipprovdi li l-Unjoni Ewropea għandha taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u l-proċedura li għandha twassal għal din l-adeżjoni nbdiet din is-sena. L-ewwel stadju ta' din il-proċedura ġie konkluż u l-Kummissjoni Ewropea ngħatat mandat sabiex tidħol f'negozjati mal-Kunsill tal-Ewropa. Ma hemm ebda dubju li l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-KEDB ser ikollha effetti fuq is-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni fl-intier tagħha.

Kien għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja segwiet mill-qrib l-iżvilupp ta' din il-proċedura u, bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-isforzi magħmula sabiex jiġi ffinalizzat il-proġett ta' adeżjoni, adeżjoni li tqajjem kwistjonijiet legali pjuttost kumplessi, hija ppreżentat l-ewwel riflessjonijiet tagħha dwar aspett partikolari li jikkonċerna l-mod kif tiffunzjona s-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni f'dokument ippubblikat fil-5 ta' Mejju 2010[1]. F'dan id-dokument, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, sabiex jiġi osservat il-prinċipju ta' sussidjarjetà inerenti għall-konvenzjoni msemmija u sabiex fl-istess ħin jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, huwa meħtieġ mekkaniżmu li jiggarantixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiġi adita, b'mod effettiv, bil-kwistjoni tal-validità ta' att tal-Unjoni qabel ma l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tiddeċiedi dwar il-konformità ta' dan l-att mal-KEDB.

Fl-aħħar nett, ta' min wieħed isemmi l-emendi magħmula fit-23 ta' Marzu 2010 lir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja (ĠU L 92, p. 12). L-iskop ta' dawn l-emendi huwa li jintroduċu l-aġġustamenti għal dawn ir-regoli tal-proċedura li kienu meħtieġa bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

**2.** L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2010 turi, b'mod ġenerali, livell ta' produttività għoli u titjib sinjifikattiv ħafna tal-effiċjenza fir-rigward tat-tul tal-proċeduri. Barra minn hekk, għandha tissemma wkoll iż-żieda mingħajr preċedent li kien hemm din is-sena fin-numru tal-kawżi mressqa u, b'mod partikolari, fin-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 522 kawża fl-2010 (ċifra netta, inklużi l-kawżi magħquda), ċifra li tirrappreżenta tnaqqis żgħir meta mqabbla mas-sena preċedenti (543 kawża maqtugħa fl-2009). Minn dawn il-kawżi, 370 inqatgħu permezz ta' sentenza u 165 permezz ta' digriet.

Fl-2010 tressqu 631 kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (irrispettivament mill-kawżi magħquda minħabba konnessjoni), ċifra li tirrappreżenta żieda ferm sinjifikattiva meta mqabbla mas-sena 2009 (562 kawża) u li tikkostitwixxi l-ogħla numru ta' kawżi mressqa fl-istorja tal-Qorti

[1] http://curia.europa.eu/jcms/upload/docs/application/pdf/2010-05/convention_fr_2010-05-21_12-10-16_11.pdf

tal-Ġustizzja. Is-sitwazzjoni hija identika fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari. In-numru ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa din is-sena huwa, għat-tieni sena konsekuttiva, l-ogħla numru li qatt intlaħaq u, meta mqabbel mas-sena 2009, jirrappreżenta żieda ta' 27.4 % (385 kawża fl-2010 u 302 kawża fl-2009).

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika hija pożittiva ħafna. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda r-rinviji għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul kien ta' 16.1 xhur. Minn analiżi komparattiva jirriżulta li, fuq il-perijodu kollu li għalih il-Qorti tal-Ġustizzja għandha statistika affidabbli, it-tul medju meħtieġ sabiex jinqatgħu l-kawżi għal deċiżjoni preliminari laħaq l-iktar livell baxx tiegħu fl-2010. Fir-rigward tar-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju tal-proċeduri kien ta' 16.7 xhur u ta' 14.3 xhur rispettivament (meta mqabbla ma' 17.1 xhur u 15.4 xhur rispettivament fl-2009).

It-titjib fl-effiċjenza li biha l-Qorti tal-Ġustizzja tittratta l-kawżi huwa dovut kemm għar-riformi fil-metodi tax-xogħol tagħha mnedija f'dawn l-aħħar snin, u kif ukoll għall-użu iktar estiż tad-diversi strumenti proċedurali li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef ċerti kawżi, b'mod partikolari l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-prijorità tad-deċiżjonijiet, il-proċedura mħaffa, il-proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

Il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ntalbet f'6 kawżi u l-Awla magħżula kkunsidrat li l-kundizzjonijiet mitluba fl-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura kienu sodisfatti f'5 minn dawn il-kawżi. Dawn il-kawżi nqatgħu fi żmien medju ta' 2.1 xhur.

Din is-sena tressqu 12-il talba għal proċedura mħaffa, iżda l-kundizzjonijiet mitluba mir-Regoli tal-Proċedura kienu sodisfatti biss f'4 minnhom. Skont prassi stabbilita fl-2004, it-talbiet għal proċedura mħaffa jiġu milqugħa jew miċħuda permezz ta' digriet motivat tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, f'14-il kawża ġie aċċettat li dawn il-kawżi jingħataw prijorità fuq il-kawżi l-oħra.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tuża l-proċedura ssemplifikata prevista fl-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura sabiex tirrispondi għal ċerti domandi magħmula lilha permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, inqatgħu b'kollox 24 kawża permezz ta' digriet abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja użat b'mod frekwenti l-possibbiltà, mogħtija lilha bl-Artikolu 20 tal-Istatut tagħha, li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali meta l-kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ġdida ta' dritt. Fil-fatt, nistgħu nsemmu li madwar 50 % tas-sentenzi mogħtija fl-2010 kienu mingħajr konklużjonijiet (52 % fl-2009).

Fir-rigward tat-tqassim tal-kawżi bejn id-diversi kulleġġi ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' min isemmi li l-Awla Manja ddeċidiet madwar 14 %, l-Awli b'ħames Imħallfin 58 % u l-Awli bi tliet Imħallfin madwar 27 % tal-kawżi maqtugħa permezz ta' sentenza jew digriet ta' natura ġudizzjarja fl-2010. Meta mqabbla mas-sena l-oħra, wieħed jara żieda kunsiderevoli fin-numru ta' kawżi maqtugħa mill-Awla Manja (8 % fl-2009) u tnaqqis sinjifikattiv fin-numru ta' kawżi maqtugħa mill-Awli bi tliet Imħallfin (34 % fl-2009).

Għal informazzjoni iktar iddettaljata dwar l-istatistika tas-sena 2010, il-qarrej huwa mistieden jara l-parti ta' dan ir-rapport iddedikata għall-istatistika ġudizzjarja.

## B – Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2010

Din il-parti tar-Rapport Annwali tagħti preżentazzjoni qasira tal-ġurisprudenza fl-2010.

### *Kwistjonijiet kostituzzjonali jew istituzzjonali*

Fl-2010, ġiet arrikkita kunsiderevolment il-ġurisprudenza dwar id-drittijiet fundamentali.

Il-kawża *Volker und Markus Schecke* (sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Kawżi magħquda C-92/09 u C-93/09) tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tippreċiża r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt għall-protezzjoni ta' data personali sa fejn f'din il-kawża ntalbet teżerċita l-istħarriġ tagħha fir-rigward tal-validità tar-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005 u Nru 259/2008 [1], li jistabbilixxu r-regoli dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni u li jirrikjedu l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-persuni fiżiċi li jibbenefikaw mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), filwaqt li jirrikjedu wkoll li tali informazzjoni titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, b'mod partikolari permezz ta' siti internet amministrati mill-uffiċċji nazzjonali. Id-domanda preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja kienet tikkonċerna l-kompatibbiltà bejn id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, irrikonoxxut mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligu ta' trasparenza fil-qasam tal-Fondi Ewropej, u f'dan il-kuntest il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-pubblikazzjoni fuq sit internet tad-data nominattiva dwar il-benefiċjarji tal-fondi u dwar l-ammonti li dawn irċevew tikkostitwixxi, minħabba l-fatt li dan is-sit huwa liberament aċċessibbli għal terzi, preġudizzju għad-dritt tal-benefiċjarji kkonċernati għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom, b'mod ġenerali, u għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom, b'mod partikolari. Sabiex ikun iġġustifikat, tali preġudizzju għandu jkun previst mil-liġi, għandu josserva l-kontenut essenzjali tad-drittijiet imsemmija u, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jkun neċessarju u għandu effettivament jissodisfa l-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni, filwaqt li d-derogi u l-limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet għandhom japplikaw fil-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li għalkemm, f'soċjetà demokratika, il-persuni taxxabbli għandhom dritt li jinżammu informati dwar l-użu tal-fondi pubbliċi, xorta jibqa' l-fatt li l-Kunsill u l-Kummissjoni kienu obbligati jibbilanċjaw id-diversi interessi inkwistjoni, ibbilanċjar li kien jeħtieġ, qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, li jiġi vverifikat jekk il-pubblikazzjoni ta' din id-data permezz ta' sit internet wieħed mill-Istat Membru kinitx tmur lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi segwiti. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat invalidi ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1290/2005, kif ukoll ir-Regolament Nru 259/2008 fl-intier tiegħu, mingħajr ma misset l-effetti tal-pubblikazzjoni tal-listi tal-benefiċjarji tal-għajnuna taħt il-FAEG u taħt il-FAEŻR magħmula mill-awtoritajiet nazzjonali matul il-perijodu li jippreċedi d-data tas-sentenza.

Dejjem fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, il-Qorti tal-Ġustizzja tat, fit-22 ta' Diċembru 2010, sentenza importanti oħra (sentenza *DEB Deutsche Energiehandels- und Beratungsgesellschaft*, C-279/09), dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, tal-21 ta' Ġunju 2005, dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1437/2007, tas-26 ta' Novembru 2007 (ĠU L 322, p. 1), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 259/2008, tat-18 ta' Marzu 2008, li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1290/2005 rigward il-pubblikazzjoni ta' tagħrif dwar il-benefiċjarji tal-fondi mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 76, p. 28).

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn il-kumpannija kummerċjali Ġermaniża DEB u l-Istat Ġermaniż u kienet tikkonċerna talba għal għajnuna legali mressqa minn din il-kumpannija quddiem il-qrati nazzjonali. Il-kumpannija DEB xtaqet tippreżenta rikors għad-danni kontra l-Istat Ġermaniż sabiex tikseb kumpens għad-dannu li allegatament ġarrbet minħabba d-dewmien min-naħa ta' dan l-Istat Membru sabiex jittrasponi d-Direttiva 98/30/KE, li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali [2]. It-talba ta' DEB għal għajnuna legali ma ntlaqgħatx minħabba li l-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dritt Ġermaniż sabiex tingħata tali għajnuna lill-persuni ġuridiċi ma kinux sodisfatti. Il-qorti li quddiemha tressaq l-appell minn dan ir-rifjut għamlet rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja fejn staqsiet jekk il-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni jipprekludix, fil-kuntest ta' rikors għad-danni kontra l-Istat, ippreżentat taħt l-imsemmi dritt tal-Unjoni, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tissuġġetta l-eżerċizzju ta' azzjoni ġudizzjarja għall-ħlas bil-quddiem fir-rigward tal-ispejjeż u tillimita l-għoti tal-għajnuna legali għall-persuna ġuridika li ma tkunx f'pożizzjoni li tagħmel dan il-ħlas bil-quddiem, filwaqt li teżiġi l-osservanza ta' kundizzjonijiet onerużi ħafna.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-risposta għal din id-domanda kellha tingħata fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li, mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, għandha l-istess valur legali bħat-Trattati. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għall-Artikolu 47 tal-Karta, li jistabbilixxi dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti għal kull persuna li tkun tixtieq tinvoka d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni. It-tielet paragrafu ta' dan l-artikolu jipprovdi li "għandha tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja". Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, l-ewwel nett, li ma huwiex eskluż li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, jista' jiġi invokat minn persuni ġuridiċi sabiex jiġu meħlusa mill-obbligu li jħallsu bil-quddiem l-ispejjeż marbuta mal-proċeduri u/jew mal-assistenza ta' avukat. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li jistabbilixxi d-dritt ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, it-tieni nett, li hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika, fl-ewwel lok, jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna legali jikkostitwixxux limitazzjoni għad-dritt ta' aċċess għall-qrati ta' natura tali li tista' tippreġudika l-essenza stess ta' dan id-dritt, fit-tieni lok, jekk dawn il-kundizzjonijiet għandhomx għan leġittimu u, fit-tielet lok, jekk hemmx relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi applikati u l-għan segwit. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi identifikat l-elementi ta' evalwazzjoni li l-qorti nazzjonali tista' tieħu inkunsiderazzjoni, elementi li jirriflettu dawk identifikati fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li jinkludu, *inter alia*, l-importanza tas-suġġett tal-kawża, il-kumplessità tad-dritt u tal-proċedura applikabbli u, fir-rigward b'mod iktar preċiż tal-persuni ġuridiċi, il-forma tagħhom, jekk għandhomx skop ta' lukru jew le, kif ukoll il-kapaċità finanzjarji tas-soċji jew l-azzjonisti tagħhom.

Il-modalitajiet kif il-qorti nazzjonali għandha timplementa r-responsabbiltà tal-Istat fil-każ li dan jonqos milli jwettaq l-obbligi Komunitarji tiegħu għadhom iqajmu numru ta' domandi.

Fil-kawża *Trasportes Urbanos y Servicios Generales* (sentenza tas-26 ta' Jannar 2010, C-118/08), il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf il-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikazzjoni ta' regola li tipprovdi li rikors għad-danni kontra l-Istat ibbażat fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni minn liġi nazzjonali jista' jitkompla biss jekk ir-rimedji nazzjonali kollha jkunu eżawriti, filwaqt li tali regola ma hijiex applikabbli għal rikors għad-danni kontra l-Istat ibbażat fuq ksur tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti tal-

[2] Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 28).

Ġustizzja, wara li fakkret il-prinċipji tal-obbligu ta' kumpens li għandhom l-Istati Membri fil-każ ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni minħabba s-supremazija ta' dan id-dritt, irrispondiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' din ir-regola. Filwaqt li bbażat ruħha fuq il-prinċipju ta' ekwivalenza, il-Qorti tal-Ġustizza ddeċidiet li r-regoli kollha applikabbli għal rikors għandhom japplikaw mingħajr distinzjoni għal rikors ibbażat fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni u għal rikors ibbażat fuq nuqqas li jiġi osservat id-dritt nazzjonali: is-suġġett taż-żewġ rikorsi għad-danni huwa simili sa fejn it-tnejn huma intiżi li jiksbu kumpens għad-dannu kkawżat mill-Istat. Fid-dawl tal-prinċipju ta' ekwivalenza, is-sempliċi fatt li l-qorti li għandha kompetenza sabiex tikkonstata l-ksur tad-dritt hija differenti ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita distinzjoni bejn dawn iż-żewġ rikorsi.

Fil-kawża *Melki u Abdeli* (sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2010, C-188/10 u C-189/10), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-mekkaniżmu proċedurali msejjaħ "*question prioritaire de constitutionnalité*" (mekkaniżmu proċedurali li jagħti prijorità lil proċedura interlokutorja għall-istħarriġ tal-kostituzzjonalità) li ġie stabbilit reċentement fi Franza. Il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet din l-opportunità sabiex tfakkar li, sabiex tiġi żgurata s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-funzjonament tas-sistema ta' kooperazzjoni bejnha u l-qrati nazzjonali teħtieġ li l-qorti nazzjonali għandha tkun tista', f'kull mument tal-proċedura li hija tqis adegwat, u anki fi tmiem proċedura interlokutorja għall-istħarriġ tal-kostituzzjonalità, tagħmel kull domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja li hija tqis neċessarja. Għalhekk, l-Artikolu 267 TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi proċedura interlokutorja għall-istħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet nazzjonali sakemm il-qrati nazzjonali l-oħra jkunu jistgħu:

- jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja f'kull mument tal-proċedura li huma jqisu adegwat, u anki fi tmiem proċedura interlokutorja għall-istħarriġ tal-kostituzzjonalità,

- jadottaw kwalunke miżura neċessarja sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ġudizzjarja provviżorja tad-drittijiet mogħtija mis-sistema legali tal-Unjoni, u

- jirrifjutaw li japplikaw, fi tmiem tali proċedura interlokutorja, id-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali inkwistjoni jekk iqisuha kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

Fil-qasam tal-konsegwenzi marbuta mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha li tagħti deċiżjonijiet preliminari, qasam li diġà ġie diskuss diversi drabi, il-kawża *Albron Catering* (sentenza tal-21 ta' Ottubru 2010, C-242/09) tat l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tfakkar li, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, huwa biss b'mod strettament eċċezzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', skont prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti għas-sistema legali tal-Unjoni, tasal sabiex tillimita l-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tinvoka dispożizzjoni interpretata minnha sabiex tikkontesta relazzjonijiet legali stabbiliti *in bona fide*. Sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi dwar tali limitazzjoni, huwa meħtieġ li jkunu sodisfatti żewġ kriterji essenzjali, jiġifieri l-*bona fide* tal-partijiet ikkonċernati u r-riskju ta' problemi serji. Għalhekk, sa fejn ma kien tressaq quddiemha ebda element konkret ta' natura li jistabbilixxi riskju ta' problemi serji marbut ma' numru kbir ta' kawżi li setgħu jinfetħu, sussegwentement għas-sentenza msemmija fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/23/KE [3], kontra impriżi li wettqu trasferiment li jaqa' taħt din id-direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kienx hemm lok li tillimita l-effetti ta' tali sentenza *ratione temporis*.

3 Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5 Vol. 4 p. 98).

Fir-rigward tal-kontribut tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-definizzjoni tal-effetti tal-ftehim konklużi mill-Unjoni ma' Stati terzi, ta' min wieħed isemmi l-kawża *Brita* (sentenza tal-25 ta' Frar 2010, C-386/08) fejn tqajmu diversi kwistjonijiet importanti dwar l-interpretazzjoni ta' ftehim internazzjonali, b'mod partikolari tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Iżrael [4].

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li r-regoli li jinsabu fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-trattati [5] japplikaw għal ftehim konkluż bejn Stat u organizzazzjoni internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Iżrael, sa fejn dawn ir-regoli huma l-espressjoni tad-dritt internazzjonali ġenerali ta' konswetudni. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tiegħu għandhom jiġu interpretati inkonformità mal-prinċipju "*pacta tertiis nex nocent nec prosunt*". Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru ta' importazzjoni jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-benefiċċju tat-trattament preferenzjali stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Iżrael lil merkanzija li toriġina mix-Xatt tal-Punent. Fil-fatt, minn Ftehim ta' Assoċjazzjoni ieħor, il-Ftehim KE-PLO [6], jirriżulta li huma biss l-awtoritajiet doganali tax-Xatt tal-Punent u tal-medda ta' Gaża li huma awtorizzati joħorġu ċertifikat ta' moviment jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw mix-Xatt tal-Punent u mill-medda ta' Gaża. Issa, jekk il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Iżrael jiġi interpretat b'tali mod li l-awtoritajiet Iżraeljani jingħataw kompetenzi doganali fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mix-Xatt tal-Punent, dan ikun ifisser li l-awtoritajiet doganali Palestinjani jkunu qegħdin jiġu obbligati ma jeżerċitawx il-kompetenzi li madankollu ngħatawlhom permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim KE-PLO. Tali interpretazzjoni jkollha l-effett li toħloq obbligu għal terzi mingħajr il-kunsens tagħhom u għalhekk tmur kontra l-prinċipju tad-dritt internazzjonali ġenerali "*pacta tertiis nec nocent nec prosunt*", iċċitat iktar 'il fuq, kif ikkodifikat fil-Konvenzjoni ta' Vjenna.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-kuntest tal-proċedura prevista mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Iżrael, l-awtoritajiet doganali tal-Istat ta' importazzjoni ma humiex marbuta bil-prova tal-oriġini prodotta u bir-risposta tal-awtoritajiet doganali tal-Istat ta' esportazzjoni meta l-imsemmija risposta ma jkunx fiha informazzjoni suffiċjenti sabiex tiġi ddeterminata l-oriġini reali tal-prodotti.

Bħal fis-snin preċedenti, l-aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet kien is-suġġett ta' numru ta' kawżi u f'dan ir-rigward ta' min wieħed isemmi b'mod partikolari tliet sentenzi. Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Bavarian Lager* (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, C-28/08 P), il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat ir-relazzjoni bejn ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [7] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 [8].

4 Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, mill-parti 'l waħda, u l-Istat ta' Iżrael, mill-parti l-oħra, iffirmat fi Brussell fl-20 ta' Novembru 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Vol. 55, p. 167).

5 Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-liġi tat-trattati, tat-23 ta' Mejju 1969 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1155, p. 331).

6 Ftehim ta' Assoċjazzjoni interim Ewro-Mediterranju dwar kummerċ u kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għall-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-medda ta' Gaża, minn naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Frar 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Vol. 26, p. 124).

7 Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, P. 331).

8 Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

Ir-Regolament Nru 1049/2001 jistabbilixxi bħala regola ġenerali l-aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet iżda jipprevedi numru ta' eċċezzjonijiet, fosthom fil-każ fejn l-iżvelar jista' jippreġudika l-protezzjoni tal-ħajja privata jew l-integrità tal-individwu, inkonformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, meta applikazzjoni bbażata fuq ir-Regolament Nru 1049/2001 tkun intiża sabiex jinkiseb aċċess għal dokumenti li fihom data personali, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 45/2001 isiru kompletament applikabbli. Billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni dan ir-riferiment għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali u billi limitat l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għas-sitwazzjonijiet fejn il-ħajja privata jew l-integrità tal-individwu jkunu ppreġudikati fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ġenerali tat interpretazzjoni partikolari u limitattiva tar-Regolament Nru 1049/2001, interpretazzjoni li ma tikkorrispondix għall-ekwilibriju li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jistabbilixxi bejn iż-żewġ regolamenti inkwistjoni.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet aġixxiet b'mod korrett meta ddeċidiet li l-lista tal-parteċipanti f'laqgħa miżmuma fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kien fiha data personali u li, meta talbet, fir-rigward tal-persuni li ma kinux taw il-kunsens espress tagħhom, li l-persuna li titlob l-aċċess tistabbilixxi n-neċessità tat-trasferiment ta' din id-data personali, il-Kummissjoni aġixxiet b'mod konformi mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament Nru 45/2001.

Fl-istess ġurnata, il-Qorti tal-Ġustizzja tat sentenza importanti ħafna oħra fil-qasam tal-aċċess għal dokumenti (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, *Il-Kummissjoni vs Technische Glaswerke Ilmenau*, C-139/07 P), dwar, din id-darba, ir-relazzjoni bejn ir-Regolament Nru 1049/2001 u r-Regolament (KE) Nru 659/1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolku 88 tat-Trattat KE [9]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġi rrifjutat l-aċċess għal dokument li ntalab l-iżvelar tiegħu, ma huwiex biżżejjed, bħala prinċipju, li dan id-dokument ikun jirrigwarda attività msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001. L-istituzzjoni kkonċernata għandha tipprovdi wkoll spjegazzjonijiet fir-rigward ta' kif l-aċċess għal dan id-dokument jista' konkretament u effettivament jippreġudika l-interess protett minn eċċezzjoni prevista f'dan l-artikolu. Madankollu, f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-istituzzjoni Komunitarja kkonċernata tista' tibbaża ruħha fuq preżunzjonijiet ġenerali li japplikaw għal ċerti kategoriji ta' dokumenti.

Fir-rigward tal-proċeduri ta' verifika tal-għajnuna mill-Istat, tali preżunzjonijiet jistgħu jirriżultaw mir-Regolament Nru 659/1999, kif ukoll mill-ġurisprudenza li tirrigwarda d-dritt ta' konsultazzjoni tad-dokumenti tal-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni. Ir-Regolament Nru 659/1999 ma jipprovdi ebda dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni għall-partijiet interessati, ħlief għall-Istat Membru responsabbli għall-għoti tal-għajnuna. Fil-fatt, jekk dawn il-partijiet interessati jkunu jistgħu jiksbu aċċess għad-dokumenti tal-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1049/2001, is-sistema ta' verifika tal-għajnuna mill-Istat tiġi mdgħajfa. Barra minn hekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-proċeduri ta' verifika tal-għajnuna mill-Istat, il-partijiet interessati minbarra l-Istat Membru kkonċernat ma għandhomx id-dritt li jikkonsultaw id-dokumenti tal-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni u, għalhekk, għandha tiġi rrikonoxxuta l-eżistenza ta' preżunzjoni ġenerali fis-sens li l-iżvelar tad-dokumenti tal-fajl amministrattiv ser jippreġudika, bħala prinċipju, il-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' investigazzjoni. Din il-preżunzjoni ġenerali ma teskludix id-dritt tal-partijiet interessati li juru li

[9] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88] tat-Trattat KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

dokument speċifiku li ntalab l-iżvelar tiegħu ma huwiex kopert minn din il-preżunzjoni jew li juru li jeżisti interess pubbliku ogħla li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument imsemmi skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Tali mekkaniżmu ta' preżunzjonijiet kien ukoll fil-qofol tal-kawża *L-Isvezja vs API u Il-Kummissjoni* (sentenza tal-21 ta' Settembru 2010, Kawżi magħquda C-514/07 P, C-528/07 P u C-532/07 P), kawża fejn il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni tal-aċċess għas-sottomissjonijiet ippreżentati quddiemha minn istituzzjoni fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali atti għandhom karatteristiċi kompletament partikolari sa fejn, min-natura stess tagħhom, jagħmlu parti mill-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, dawn is-sottomissjonijiet huma redatti esklużivament għall-finijiet tal-imsemmija proċedura ġudizzjarja u jikkostitwixxu element essenzjali tagħha. Issa, l-attività ġudizzjarja bħala tali hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt ta' aċċess għal dokumenti stabbilit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji timplika, b'mod partikolari, li għandha tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Jekk il-kontenut tas-sottomissjonijiet tal-istituzzjoni jkun is-suġġett ta' dibattitu pubbliku, ikun hemm riskju li l-kritika magħmula kontrihom tinfluwenza l-pożizzjoni difiża mill-istituzzjoni. Tali sitwazzjoni tista' tikkawża distorsjoni fl-ekwilibriju indispensabbli bejn il-partijiet f'kawża quddiem il-qrati tal-Unjoni peress li hija biss l-istituzzjoni kkonċernata minn talba ta' aċċess għad-dokumenti tagħha, u mhux il-partijiet kollha fil-proċedura, li hija suġġetta għall-obbligu ta' żvelar. Barra minn hekk, l-esklużjoni tal-attività ġudizzjarja mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt ta' aċċess għal dokumenti hija ġġustifikata minħabba l-ħtieġa li jiġi ggarantit, matul il-proċedura ġudizzjarja kollha, li l-argumenti bejn il-partijiet, kif ukoll id-deliberazzjoni, jipproċedu mingħajr problemi. L-iżvelar tas-sottomissjonijiet jkollu l-effett li jesponi l-attività ġudizzjarja għal pressjonijiet esterni, anki jekk biss mill-perspettiva tal-pubbliku, u jikkawża preġudizzju għas-serenità tal-proċeduri. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li kien hemm preżunzjoni ġenerali fis-sens li l-iżvelar tas-sottomissjonijiet ippreżentati minn istituzzjoni fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja jikkawża preġudizzju għall-protezzjoni ta' din il-proċedura, skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, meta dawn il-proċeduri jkunu għadhom pendenti, liema preżunzjoni ġenerali ma teskludix id-dritt tal-persuna kkonċernata li turi li dokument speċifiku ma huwiex kopert minn din il-preżunzjoni.

Għall-kuntrarju, ladarba tintemm l-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jkunx għad hemm lok għall-preżunzjoni li l-iżvelar tas-sottomissjonijiet jikkawża preġudizzju għal din l-attività u għalhekk ikun meħtieġ eżami konkret tad-dokumenti li ntalab aċċess għalihom sabiex jiġi stabbilit jekk l-iżvelar tagħhom jistax jiġi rrifjutat taħt it-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

## *Ċittadinanza Ewropea*

F'dan il-qasam, li jinsab fi żvilupp kontinwu, il-kawża *Tsakouridis* (sentenza tat-23 ta' Novembru 2010, C-145/09) qajmet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-kwistjoni delikata tal-kundizzjonijiet għat-tkeċċija ta' ċittadin tal-Unjoni li jgawdi minn dritt ta' residenza permanenti kif iddefinit fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/38/KE, dwar id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera [10]. Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ippreċiżat li miżura ta' tkeċċija kellha tkun ibbażata fuq eżami individwali tas-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata, fejn jittieħdu inkunsiderazzjoni kriterji bħalma huma l-età, l-istat tas-saħħa, iċ-ċentru tal-interessi personali, familjari u professjonali tagħha, it-tul tal-perijodi li matulhom

[10] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5 Vol. 5, p. 46).

ma kinitx tinsab fl-Istat Membru ospitanti u l-intensità tar-rabtiet mal-pajjiżi ta' oriġini, filwaqt li l-kriterju determinanti għall-għoti ta' protezzjoni addizzjonali kontra l-miżura ta' tkeċċija jibqa' dak tar-residenza fl-Istat Membru ospitanti matul l-għaxar snin li jippreċedu l-miżura ta' tkeċċija. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din il-miżura ta' tkeċċija tista' tiġi ġġustifikata permezz ta' "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika" jew permezz ta' "raġunijiet serji ta' politika pubblika [ordni pubbliku] jew ta' sigurtà pubblika" fis-sens tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2004/38 biss jekk, fid-dawl tal-gravità eċċezzjonali tat-theddida, tali miżura kienet neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi li hija intiża li tiggarantixxi, bil-kundizzjoni li tali għan ma jistax jintlaħaq b'miżuri inqas restrittivi, fid-dawl tat-tul ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti taċ-ċittadin tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li l-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mat-traffikar ta' drogi fi grupp organizzat, ir-reat li għalih kienet ikkundannata l-persuna kkonċernata, setgħet taqa' taħt il-kunċett ta' "raġunijiet imperattivi ta' sigurtà pubblika" jew ta' "raġunijiet serji ta' politika pubblika [ordni pubbliku] jew ta' sigurtà pubblika" fis-sens tal-istess Artikolu 28 ta' din id-direttiva.

Dejjem fir-rigward tad-drittijiet fil-qasam tal-moviment liberu u tar-residenza libera marbuta maċ-ċittadinanza Ewropea, għandha tissemma l-kawża *Bressol et* (sentenza tat-13 ta' April 2010, C-73/08), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita n-numru ta' studenti ċittadini tal-Unjoni kkunsidrati bħala mhux residenti fil-korsijiet universitarji mediċi u paramediċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet, l-ewwel nett, li, irrispettivament minn eventwali applikazzjoni tal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/38 għas-sitwazzjoni ta' wħud mill-istudenti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Artikoli 18 u 21 tat-Trattat FUE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita n-numru ta' studenti, ikkunsidrati bħala mhux residenti f'dan l-Istat Membru, li jistgħu jirreġistraw għall-ewwel darba fi stabbilimenti ta' edukazzjoni terzjarja, u dan sa fejn din il-leġiżlazzjoni tikkostitwixxi trattament inugwali bejn studenti residenti u mhux residenti u, għalhekk, diskriminazzjoni bbażata indirettament fuq iċ-ċittadinanza. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li tali leġiżlazzjoni restrittiva tista' tiġi ġġustifikata permezz tal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika biss jekk l-awtoritajiet kompetenti jwettqu eżami fil-fond tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fuq tliet stadji: verifika tal-eżistenza ta' riskji reali fid-dawl tal-għan segwit, tar-relazzjoni bejn din il-leġiżlazzjoni u t-twettiq tal-għan segwit kif ukoll tal-proporzjonalità bejn il-leġiżlazzjoni msemmija u l-għan segwit, fejn kull stadju għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi, iddettaljati u preċiżi. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jinvokaw l-Artikolu 13 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-16 ta' Diċembru 1966, jekk il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex kompatibbli mal-Artikoli 18 u 21 TFUE.

Fil-kawża *Lassal* (sentenza tas-7 ta' Ottubru 2010, C-162/09), kien l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/38 li kien fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari kien jikkonċerna, b'mod iktar preċiż, il-kwistjoni jekk, sabiex wieħed jikseb id-dritt ta' residenza permanenti previst fl-imsemmi Artikolu 16, kellux jittieħed inkunsiderazzjoni perijodu ta' residenza kontinwa ta' ħames snin, imwettaq qabel id-data tat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, jiġifieri t-30 ta' April 2006, inkonformità mal-istrumenti tad-dritt tal-Unjoni li jippreċedu din id-data, u jekk, fl-affermattiv, assenzi temporanji qabel it-30 ta' April 2006 u sussegwenti għal din ir-residenza legali kontinwa ta' ħames snin kinux ta' natura li jaffettwaw il-kisba tad-dritt ta' residenza permanenti fis-sens tad-direttiva msemmija. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta pożittiva għall-ewwel parti tad-domanda billi ddeċidiet li, minkejja li l-possibbiltà li jinkiseb dritt ta' residenza jekk jiġi osservat perijodu ta' ħames snin ma hijiex prevista fl-istrumenti tad-dritt tal-Unjoni li jippreċedu d-Direttiva 2004/38, jekk jiġi rrifjutat li jittieħed inkunsiderazzjoni dan il-perijodu kontinwu ta' residenza, din id-direttiva tkun qiegħda tiġi mċaħħda kompletament mill-effettività tagħha u tkun qiegħda tinħoloq sitwazzjoni inkompatibbli mal-idea ta' integrazzjoni permezz tat-tul ta' residenza, idea li fuqha hija bbażata d-direttiva msemmija. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkunsidrat li l-għanijiet u l-iskop

tad-Direttiva 2004/38, li hija intiża b'mod partikolari li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri, li tippromwovi l-koeżjoni soċjali u li ssaħħaħ is-sentiment ta' ċittadinanza tal-Unjoni permezz tad-dritt ta' residenza, ikunu serjament kompromessi jekk dan id-dritt ta' residenza jiġi rrifjutat lil ċittadini tal-Unjoni li kienu residenti, b'mod legali, fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti għal perijodu kontinwu ta' ħames snin imwettaq qabel it-30 ta' April 2006, u dan għas-sempliċi raġuni li assenzi temporanji, ta' inqas minn sentejn konsekuttivi, kienu seħħew sussegwentement għal dan il-perijodu iżda qabel din l-istess data.

Fost il-ġurisprudenza dwar iċ-ċittadinanza Ewropea, għandha tissemma, fl-aħħar nett, il-kawża *Rottmann* (sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, C-135/08), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kundizzjonijiet għar-revoka taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru miksuba bin-naturalizzazzjoni minn ċittadin Ewropew li kien kiseb din iċ-ċittadinanza b'mod frawdolenti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 KE, ma jipprekludix lil Stat Membru milli jirrevoka lil ċittadin tal-Unjoni Ewropea ċ-ċittadinanza ta' dan l-Istat Membru miksuba b'naturalizzazzjoni meta din tkun inkisbet b'mod frawdolenti, sa fejn din id-deċiżjoni ta' revoka tikkorrispondi għal raġuni ta' interess ġenerali minħabba l-frodi li ġġib fix-xejn ir-rabta ta' ċittadinanza bejn l-Istat Membru u ċ-ċittadin tiegħu. Madankollu, huwa meħtieġ li din id-deċiżjoni ta' revoka tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità. Meta, bħalma kien il-każ f'din il-kawża, iċ-ċittadin li wettaq il-frodi kien diġà tilef iċ-ċittadinanza oriġinali tiegħu minħabba n-naturalizzazzjoni, il-qrati nazzjonali għandhom jeżaminaw il-konsegwenzi tad-deċiżjoni ta' revoka fuq il-persuna kkonċernata u fuq il-membri tal-familja tiegħu, u għandhom b'mod partikolari jevalwaw jekk it-telf tad-drittijiet kollha li jgawdi minnhom ċittadin tal-Unjoni huwiex iġġustifikat fid-dawl tal-gravità tal-ksur imwettaq mill-persuna kkonċernata, taż-żmien li għadda bejn id-deċiżjoni ta' naturalizzazzjoni u d-deċiżjoni ta' revoka, kif ukoll tal-eventwali possibbiltà li l-persuna kkonċernata tirkupra ċ-ċittadinanza oriġinali tagħha. Dan ifisser li t-telf taċ-ċittadinanza oriġinali u t-telf taċ-ċittadinanza ta' naturalizzazzjoni ma humiex inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, bħala prinċipju, anki jekk id-deċiżjoni ta' revoka taċ-ċittadinanza timplika t-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea.

## *Moviment liberu tal-merkanzija*

Fil-kawża *Ker-Optika* (sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, C-108/09), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi l-bejgħ permezz tal-internet ta' lentijiet tal-kuntatt li joriġinaw minn Stati Membri oħra u l-kunsinna tagħhom fid-domiċilju tal-konsumatur iċċaħħad lill-operaturi li ġejjin minn Stati Membri oħra minn modalità partikolarment effiċjenti ta' kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-prodotti u b'hekk tostakola b'mod kunsiderevoli l-aċċess tagħhom għas-suq nazzjonali u tikkostitwixxi, għaldaqstant, ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa minnu li Stat Membru jista' jitlob li l-lentijiet tal-kuntatt jiġu kkunsinnati minn persunal ikkwalifikat, li jkun kapaċi jagħti lill-klijent informazzjoni dwar l-użu korrett u l-manutenzjoni ta' dawn il-prodotti kif ukoll dwar ir-riskji marbuta mal-użu tagħhom. Il-limitazzjoni tal-provvista tal-lentijiet tal-kuntatt għall-ħwienet tal-ottika li joffru s-servizzi ta' persuna kkwalifikata biex teżamina l-għajnejn tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi. Il-Qorti tal-Ġustizzja iżda fakkret li dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti wkoll minn oftalmologu barra mill-ħwienet tal-ottika. Barra minn hekk, dawn is-servizzi, bħala regola, huma meħtieġa biss matul l-ewwel kunsinna tal-lentijiet tal-kuntatt. Meta jsiru kunsinni ulterjuri, ikun biżżejjed li l-klijent juri lill-bejjiegħ it-tip ta' lentijiet li ngħata fl-ewwel kunsinna u li jindikalu jekk kienx hemm xi bidla fil-viżta tiegħu kkonstatata minn oftalmologu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għan sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-utenti tal-lentijiet tal-kuntatt jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi minn dawk li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Għaldaqstant, il-projbizzjoni ta' bejgħ permezz tal-internet ta' lentijiet tal-kuntatt ma hijiex proporzjonali fid-dawl tal-għan ta' protezzjoni tas-saħħa

pubblika u hija għalhekk kuntrarja għar-regoli applikabbli fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija.

### *Moviment liberu tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital*

Din is-sena l-Qorti tal-Ġustizzja reġgħet tat numru kbir ta' sentenzi fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tal-moviment liberu tal-kapital u tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Għal finijiet ta' ċarezza, is-sentenzi magħżula ser jinġabru skont il-libertà li jikkonċernaw u mbagħad, jekk ikun il-każ, skont l-oqsma ta' attivitajiet ikkonċernati.

Fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, għandhom jissemmew il-kawżi magħquda *Blanco Pérez u Chao Gómez* (sentenza tal-1 ta' Ġunju 2010, C-570/07 u C-571/07), fejn kienet inkwistjoni leġiżlazzjoni Spanjola li teżiġi l-kisba ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel għall-ftuħ ta' spiżeriji ġodda f'reġjun partikolari. L-għoti ta' tali awtorizzazzjoni kien marbut, b'mod iktar partikolari, mal-osservanza ta' kundizzjonijiet marbuta mad-densità demografika u mad-distanza minima bejn l-ispiżeriji fir-reġjun ikkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, bħala prinċipju, l-Artikolu 49 TFUE ma jipprekludix tali leġiżlazzjoni. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, Stat Membru jista' jqis li jeżisti riskju ta' nuqqas ta' spiżeriji f'ċerti partijiet tat-territorju tiegħu u, għaldaqstant, ta' nuqqas ta' provvista adegwata u ta' kwalità ta' prodotti mediċinali. Għalhekk, dan l-Istat Membru jista' jadotta, fid-dawl ta' dan ir-riskju, leġiżlazzjoni li tipprovdi li tista' tinfetaħ biss spiżerija waħda għal ċertu numru ta' residenti, b'tali mod li l-ispiżeriji jkunu mifruxa b'mod ibbilanċjat fit-territorju nazzjonali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi tali leġiżlazzjoni inkwantu tostakola, f'kull żona ġeografika b'karatteristiċi demografiċi partikolari, il-ftuħ ta' numru biżżejjed ta' spiżeriji li jistgħu jiżguraw servizz farmaċewtiku adegwat, kwistjoni din li għandha tiġi vverifikata mill-qorti nazzjonali. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 85/432, li tikkonċerna l-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' ċerti attivitajiet fil-qasam tal-farmaċija, u mal-Artikolu 45(2)(e) u (g) tad-Direttiva 2005/36, dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, jipprekludi kriterji previsti f'leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħhom jintgħażlu l-proprjetarji tal-ispiżeriji l-ġodda u li jkunu intiżi, l-ewwel nett, li l-kwalifiki professjonali dwar l-eżerċizzju tal-professjoni miksuba f'parti partikolari tat-territorju nazzjonali jiżdiedu b'20 % u, it-tieni nett, li, fil-każ li l-applikazzjoni tal-iskala tirriżulta f'sitwazzjoni ta' parità, l-awtorizzazzjonijiet jingħataw f'ordni li tagħti prijorità lill-ispiżjara li eżerċitaw l-attività professjonali tagħhom fil-parti msemmija tat-territorju nazzjonali, kriterji dawn li naturalment huma iktar faċli li jintlaħqu mill-ispiżjara nazzjonali.

Il-prinċipju ta' libertà ta' stabbiliment kien ukoll is-suġġett ta' diversi sentenzi fil-qasam fiskali. Fosthom, ta' min wieħed isemmi, fl-ewwel lok, il-kawża *X Holding* (sentenza tal-25 ta' Frar 2010, C-337/08) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 43 KE u 48 KE ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tagħti lil kumpannija parent il-possibbiltà li tistabbilixxi entità fiskali waħda mas-sussidjarja residenti tagħha, iżda li tipprekludi l-istabbiliment ta' tali entità fiskali waħda fil-każ ta' sussidjarja mhux residenti meta l-profitti ta' din tal-aħħar ma jkunux suġġetti għal-liġi fiskali ta' dan l-Istat Membru. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali sistema fiskali hija ġġustifikata fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi mħares it-tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri. Fil-fatt, peress li l-kumpannija parent tista' liberament tiddeċiedi li tifforma entità fiskali mas-sussidjarja tagħha u daqstant ieħor liberament tista' tiddeċiedi li xxolji din l-entità minn sena għall-oħra, il-possibbiltà li ma' din l-entità fiskali tiġi inkluża sussidjarja mhux residenti tkun tfisser li l-kumpannija parent titħalla libera li tagħżel is-sistema fiskali applikabbli għat-telf ta' din is-sussidjarja u l-post ta' fejn dan it-telf għandu jittieħed inkunsiderazzjoni. Barra minn hekk, il-fatt li Stat Membru jiddeċiedi li jaċċetta l-attribuzzjoni temporanja tat-telf ta' stabbiliment permanenti barrani fl-Istat tal-uffiċċju rreġistrat tal-impriża ma jfissirx li huwa għandu jestendi din il-possibbiltà fil-konfront tas-sussidjarji

mhux residenti ta' kumpannija parent residenti. Fil-fatt, sa fejn l-istabbilimenti permanenti stabbiliti fi Stat Membru ieħor u s-sussidjarji mhux residenti ma humiex f'sitwazzjoni paragunabbli f'dak li jirrigwarda t-tqassim tas-setgħa ta' tassazzjoni, l-Istat Membru ta' oriġini ma huwiex marbut li fil-konfront tal-kumpanniji sussidjarji mhux residenti japplika l-istess sistema fiskali li huwa japplika fil-konfront tal-istabbilimenti permanenti barranin.

Fit-tieni lok għandha tissemma s-sentenza *Gielen* (sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, C-440/08), li tikkonċerna l-għoti, mil-leġiżlazzjoni Olandiża fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul, ta' tnaqqis favur persuni li jaħdmu għal rashom li jkunu ħadmu numru ta' sigħat bħala imprendituri. Din il-leġiżlazzjoni kienet tipprevedi, madankollu, li s-sigħat maħduma minn persuni taxxabbli mhux residenti għal stabbiliment li jinsab fi Stat Membru ieħor ma kinux jittieħdu inkunsiderazzjoni għal dan il-għan. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 49 TFUE jipprekludi tali leġiżlazzjoni li għandha effetti diskriminatorji fil-konfront tal-persuni taxxabbli mhux residenti, u dan minkejja li dawn il-persuni taxxabbli jistgħu, fir-rigward ta' dan il-vantaġġ, jagħżlu s-sistema applikabbli għall-persuni taxxabbli residenti. Dwar dan il-punt tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt ikkunsidrat li l-eżistenza ta' diskriminazzjoni indiretta minħabba ċ-ċittadinanza fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE ma hijiex ikkontestata mill-fatt li l-persuni taxxabbli mhux residenti għandhom l-għażla ta' assimilazzjoni li tippermettilhom jagħżlu bejn is-sistema fiskali diskriminatorja u dik applikabbli għar-residenti, sa fejn tali għażla ma hijiex ta' natura li teskludi l-effetti diskriminatorji tal-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ sistemi fiskali. Jekk jiġi rrikonoxxut tali effett lill-imsemmija għażla, dan ikollu bħala konsegwenza li jivvalida sistema fiskali li tibqa', fiha nnifisha, kuntrarja għall-Artikolu 49 TFUE minħabba n-natura diskriminatorja tagħha. Barra minn hekk, sistema nazzjonali restrittiva fir-rigward tal-libertà ta' stabbiliment xorta tibqa' inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni anki meta l-applikazzjoni tagħha ma tkunx obbligatorja.

Għandha tissemma wkoll, fit-tielet lok, sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam fiskali dwar, din id-darba, il-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Fis-sentenza *Schmelz* (sentenza tas-26 ta' Ottubru 2010, C-97/09), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tivverifika l-kompatibbiltà mal-Artikolu 49 KE tas-sistema speċjali għall-impriżi żgħar prevista fl-Artikoli 24(3) u 28i tas-Sitt Direttiva 77/388/KE [11] u fl-Artikolu 283(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/112/KE [12], sistema li tippermetti lill-Istati Membri li jagħtu lill-impriżi żgħar stabbiliti fit-territorju tagħhom eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud filwaqt li jitilfu d-dritt għal tnaqqis, iżda jeskludu din il-possibbiltà għall-impriżi żgħar stabbiliti fi Stati Membri oħra. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm din is-sistema tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, f'dan l-istadju tal-evoluzzjoni tas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud, l-għan li tiġi ggarantita l-effettività tal-kontrolli fiskali fid-dawl tal-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni fiskali u l-abbuż eventwali kif ukoll l-għan tas-sistema għall-impriżi żgħar, li hija intiża li ssaħħaħ il-kompettività ta' dawn l-impriżi, jiġġustifikaw, madankollu, li l-applikabbiltà tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud tkun limitata għall-attivitajiet tal-impriżi żgħar stabbiliti fit-territorju tal-Istat Membri li fih hija dovuta t-taxxa. B'mod partikolari, kontroll effettiv tal-attivitajiet eżerċitati fil-kuntest tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi minn impriża żgħira li mhix stabbilita fl-imsemmi territorju ma jaqax fil-portata tal-Istat Membru ospitanti. Barra minn hekk, ir-regoli dwar l-assistenza amministrattiva previsti mir-Regolament (KE) Nru 1798/2003, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jħassar ir-Regolament

11 Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

12 Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

(KEE) Nru 218/92 [13], u mid-Direttiva 77/799/KEE [14], ma humiex ta' natura li jiżguraw skambju effettiv ta' data fir-rigward tal-impriżi żgħar li jeżerċitaw attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru li japplika eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 49 KE ma jipprekludix tali sistema.

Fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tat numru kbir ta' sentenzi f'oqsma differenti ħafna, bħalma huma, *inter alia*, il-qasam tas-saħħa pubblika, dak tal-kollokament tal-ħaddiema u dak tal-logħob tal-ażżard.

L-ewwel nett, fis-sentenza tagħha *Il-Kummissjoni vs Franza* (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, C-512/08), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu tissuġġetta, barra minn sitwazzjonijiet partikolari marbuta, b'mod partikolari, mal-istat ta' saħħa tal-persuna assigurata jew man-natura urġenti tal-kura meħtieġa, għar-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel it-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż mill-istituzzjoni kompetenti, skont is-sistema ta' kopertura fis-seħħ fl-Istat Membru li taqa' taħtu din l-istituzzjoni, tal-kura programmata fi Stat Membru ieħor u li timplika l-użu ta' tagħmir mediku ta' importanza ewlenija fi struttura li ma hijiex sptar, ma jonqosx milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 49 KE. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tar-riskji għall-organizzazzjoni tal-politika ta' saħħa pubblika u għall-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali, tali rekwiżit jidher, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, bħala restrizzjoni ġustifikata. Dawn ir-riskji huma marbuta mal-fatt li, indipendentement mill-kuntest, ta' sptar jew le, fejn se jiġi installat u użat, it-tagħmir mediku ta' importanza ewlenija għandu jkun jista' jkun is-suġġett ta' politika ta' ppjanar fir-rigward, b'mod partikolari, tan-numru tiegħu u tat-tqassim ġeografiku tiegħu, u dan sabiex tiġi ggarantita fit-territorju nazzjonali kollu offerta ta' kura moderna li tkun imqassma sew, stabbli, ibbilanċjata u aċċessibbli, kif ukoll sabiex tiġi evitata kemm jista' jkun kull ħela tal-mezzi finanzjarji, tekniċi u umani. Għall-kuntrarju, fis-sentenza *Elchinov* (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, C-173/09), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, interpretata fis-sens li teskludi, fil-każijiet kollha, it-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż tal-kura fi sptar mogħtija mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel fi Stat Membru ieħor, ma hijiex konformi mal-Artikolu 49 KE u mal-Artikolu 22 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, fil-verżjoni emendata u aġġornata bir-Regolament (KE) Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1992/2006 [15]. Fil-fatt, għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix, bħala prinċipju, sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, kif tixhed is-sentenza *Il-Kummissjoni vs Franza*, iċċitata iktar 'il fuq, huwa xorta waħda meħtieġ li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' tali awtorizzazzjoni jkunu ġustifikati. Dan ma huwiex il-każ, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni sa fejn din iċċaħħad lill-persuna assigurata, li, għal raġunijiet marbuta mal-istat ta' saħħa tagħha jew man-neċessità li tirċievi kura urġenti fi sptar, ġiet ostakolata milli titlob tali awtorizzazzjoni jew ma setgħetx tistenna r-risposta mill-istituzzjoni kompetenti, mit-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż tal-kura minn din l-istituzzjoni, u dan minkejja li l-kundizzjonijiet għal tali teħid ta' responsabbiltà jkunu barra minn hekk sodisfatti. Issa, it-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż ta' tali kura ma huwiex tali li jipperikola l-kisba ta' għanjiet ta' ppjanar ta' sptar u lanqas ma huwa tali li jippreġudika serjament il-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali. Għaldaqstant, minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li din il-leġiżlazzjoni kienet timponi restrizzjoni mhux iġġustifikata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

[13] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003, tas-7 ta' Ottubru 2003 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 392).

[14] Direttiva tal-Kunsill 77/799/KE, tad-19 ta' Diċembru 1977, dwar għajnuna reċiproka mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 63).

[15] Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqalqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 392, p. 1).

It-tieni nett, fil-qasam tal-kollokament tal-ħaddiema, ta' min wieħed isemmi s-sentenza *Santos Palhota et* (sentenza tas-7 ta' Ottubru 2010, C-515/08), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi, għal persuna li tħaddem stabbilita fi Stat Membru u li tikkolloka ħaddiema fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, it-trażmissjoni ta' dikjarazzjoni ta' kollokament li ssir minn qabel sa fejn il-bidu tal-kollokament ippjanat huwa suġġett għan-notifika, lil din il-persuna li tħaddem, ta' numru ta' reġistrazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni u sa fejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat ospitanti għandhom terminu ta' ħamest ijiem tax-xogħol, mid-data ta' riċeviment ta' din id-dikjarazzjoni, sabiex jagħmlu din in-notifika. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li tali proċedura għandha tiġi kkunsidrata bħala waħda li għandha n-natura ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni amministrattiva li tista' tostakola, b'mod partikolari minħabba t-terminu previst għall-għoti ta' din in-notifika, il-kollokament ippjanat u, konsegwentement, l-eżerċizzju, mill-persuna li tħaddem il-ħaddiema li għandhom jiġu kkollokati, ta' attivitajiet ta' provvista ta' servizzi, b'mod partikolari meta s-servizz li għandu jitwettaq jeħtieġ li jitwettaq b'rapidità. Għall-kuntrarju, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn l-istess Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi, għal persuna li tħaddem stabbilita fi Stat Membru ieħor u li tikkolloka ħaddiema fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, iż-żamma għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tiegħu, matul il-perijodu ta' kollokament, ta' kopja ta' dokumenti ekwivalenti għad-dokumenti li jikkonċernaw il-ħaddiem jew dwar ix-xogħol rikjesti mil-liġi tal-ewwel Stat kif ukoll it-trażmissjoni ta' din il-kopja lill-imsemmija awtoritajiet fi tmiem dan il-perijodu. Fil-fatt, tali miżuri huma proporzjonati mal-għan li jikkonsisti fil-protezzjoni tal-ħaddiema sa fejn huma adegwati sabiex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jivverifikaw l-osservanza, fir-rigward tal-ħaddiema kkollokati, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol kif inhuma elenkati fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71/KE [16], u, għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dawn il-ħaddiema.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha wkoll l-okkażjoni, f'diversi kawżi, li tindirizza l-kwistjoni delikata tal-monopolji nazzjonali fil-qasam tal-logħob tal-ażżard u tal-imħatri fuq l-isports, u li tippreċiża l-kundizzjonijiet li għandhom jissodisfaw tali monopolji sabiex jitqiesu li huma ġġustifikati. L-ewwel nett, fis-sentenzi tagħha *Sporting Exchange* (sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, C-203/08) u *Ladbrokes Betting & Gaming u Ladbrokes International* (sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, C-258/08), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 49 KE ma jipprojbixxix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u li tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sa fejn is-settur tal-logħob tal-ażżard offert permezz tal-internet ma huwiex is-suġġett ta' armonizzazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea, Stat Membru jista' jikkunsidra li s-sempliċi fatt li operatur jipproponi legalment servizzi li jaqgħu f'dan is-settur permezz tal-internet fi Stat Membru ieħor, fejn ikun stabbilit u fejn bħala prinċipju jkun diġà suġġett għal kundizzjonijiet legali u għal kontrolli min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat tal-aħħar, ma huwiex garanzija suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumaturi nazzjonali kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità, fid-dawl tad-diffikultajiet li jistgħu jsibu, f'tali kuntest, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' stabbiliment fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kwalitajiet u tal-onestà professjonali tal-operaturi. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' kuntatt dirett bejn il-konsumatur u l-operatur, il-logħob tal-ażżard aċċessibbli bl-internet jimplika riskji ta' natura differenti u ta' portata ikbar meta mqabbla mas-swieq tradizzjonali ta' tali logħob fir-rigward ta' eventwali frodi mwettqa mill-operaturi fil-konfront tal-konsumaturi. Għalhekk, ir-restrizzjoni msemmija tista', fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-offerta ta' logħob tal-ażżard permezz tal-internet, titqies bħala ġustifikata minħabba l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kriminalità.

[16] Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kap 5, Vol. 2, p. 431).

Fis-sentenza tagħha *Ladbrokes Betting & Gaming u Ladbrokes International*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li leġiżlazzjoni nazzjonali intiża sabiex trażżan id-dipendenza għal-logħob tal-ażżard kif ukoll sabiex tiġġieled kontra l-frodi, u li tikkontribwixxi b'mod effettiv sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, tista' tiġi kkunsidrata li tillimita l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku, anki jekk id-detentur jew id-detenturi ta' liċenzja esklużiva huma awtorizzati jrendu l-logħob tal-ażżard li joffru attraenti billi jintroduċu logħob tal-ażżard ġdid u billi jirrikorru għar-reklamar. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-attivitajiet ta' logħob illegali jistgħux jikkostitwixxu problema fl-Istat Membru kkonċernat li għaliha tista' tirrimedja espansjoni tal-attivitajiet awtorizzati u rregolati u jekk din l-espansjoni hijiex fuq skala li tista' tirrendiha irrikonċiljabbli mal-għan li tittrażżan l-imsemmija dipendenza.

It-tieni nett, fis-sentenzi tagħha *Carmen Media Group* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, C-46/08) u *Stoß* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Kawżi magħquda C-316/07, C-358/07 sa C-360/07, C-409/07 u C-410/07), il-Qorti tal-Ġustizzja dawret l-attenzjoni tagħha fuq il-leġiżlazzjoni Ġermaniża li tipprojbixxi kull organizzazzjoni jew provvista ta' logħob tal-ażżard pubbliku fuq l-internet. Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li segwiet ir-raġunament magħmul fis-sentenzi *Sporting Exchange* u *Ladbrokes Betting & Gaming u Ladbrokes International*, iċċitati iktar 'il fuq, iddeċidiet li, bl-intenzjoni li l-ħajra għal-logħob u l-esplojtazzjoni tal-logħob jiġu limitati għal ambjent ikkontrollat, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu monopolji pubbliċi, liema monopolju jista' jikkontrolla r-riskji marbuta mas-settur tal-logħob tal-ażżard b'mod iktar effikaċi minn sistema fejn operaturi privati jkunu awtorizzati, bil-kundizzjoni li josservaw il-leġiżlazzjoni applikabbli f'dan il-qasam, jorganizzaw logħob tal-imħatri. B'mod partikolari, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li wħud mid-diversi tipi ta' logħob tal-ażżard huma suġġetti għal monopolju pubbliku filwaqt li oħrajn huma suġġetti għal sistema ta' awtorizzazzjonijiet maħruġa lil operaturi privati ma jistax, fih innifsu, idaħħal inkwistjoni l-koerenza tas-sistema Ġermaniża, u dan sa fejn dan il-logħob għandhom karatteristiċi differenti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fid-dawl tal-konstatazzjonijiet li huma kienu għamlu f'dawn il-kawżi, il-qrati Ġermaniżi ġustament ikkunsidraw li l-leġiżlazzjoni Ġermaniża ma tillimitax b'mod koerenti u sistematiku l-logħob tal-ażżard. Fil-fatt, dawn il-qrati kienu kkonstataw, minn naħa, li d-detenturi tal-monopolji pubbliċi jorganizzaw kampanji pubbliċitarji intensivi bil-għan li jkabbru kemm jistgħu l-profitti li jirriżultaw mil-lotteriji, b'tali mod li jitbiegħdu mill-għanijiet li jiġġustifikaw l-eżistenza ta' dawn il-monopolji u, min-naħa l-oħra, li, fir-rigward tal-logħob tal-ażżard bħal-logħob tal-każinòs u l-logħob awtomatizzat, logħob li ma jaqax taħt il-monopolju pubbliku iżda li għandu potenzjal ta' riskju ta' vizzju ikbar tal-logħob suġġett għal dan il-monopolju, l-awtoritajiet Ġermaniżi jħaddnu jew jittolleraw politika intiża li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni f'dan il-logħob. Issa, f'tali ċirkustanzi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan ta' prevenzjoni ta' dan il-monopolju ma jistax jibqa' jiġi segwit b'mod effiċjenti, b'tali mod li dan il-monopolju ma jistax jibqa' jiġi ġġustifikat.

Barra minn hekk, fis-sentenza *Stoß*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' meta jiġu sabiex jistabbilixxu l-livell ta' protezzjoni kontra l-perikoli li jirriżultaw mil-logħob tal-ażżard. Għalhekk, u fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam, l-Istati Membri ma humiex obbligati jirrikonoxxu l-awtorizzazzjonijiet maħruġa minn Stati Membri oħra f'dan is-settur. Għall-istess raġunijiet u fid-dawl tar-riskji li jippreżenta l-logħob tal-ażżard fuq l-internet meta mqabbel mal-logħob tal-ażżard tradizzjonali, l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu wkoll l-offerta tal-logħob tal-ażżard fuq l-internet. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fis-sentenza tagħha *Carmen Media Group*, iċċitata iktar 'il fuq, li tali sistema ta' awtorizzazzjoni, li tidderoga mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, nondiskriminatorji u magħrufa minn qabel, b'mod li jiġi limitat l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali sabiex din is-setgħa ma tkunx tista' tintuża arbitrarjament. Barra minn hekk, kull persuna milquta minn miżura restrittiva bbażata fuq tali deroga għandha jkollha rimedji effettivi ta' natura ġudizzjarja.

It-tielet nett, fis-sentenza tagħha *Winner Wetten* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, C-409/06), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minħabba s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni li huwa direttament applikabbli, tali leġiżlazzjoni nazzjonali dwar monopolju pubbliku dwar l-imħatri fuq il-kompetizzjonijiet sportivi, li tistabbilixxi restrizzjonijiet inkompatibbli mal-libertà ta' stabbiliment u mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ma tistax tibqa' tiġi applikata matul perijodu tranżitorju minħabba li r-restrizzjonijiet imsemmija ma jikkontribwixxux għal-limitazzjoni tal-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku, kif tirrikjedi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-moviment liberu tal-kapital, is-sentenza *Il-Kummissjoni vs Il-Portugall* (sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, C-171/08) jisthoqqilha attenzjoni partikolari. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tevalwa l-kompatibbiltà mal-Artikolu 56 KE tas-sistema partikolari tal-"golden shares" miżmuma mill-Istat Portugiż fil-kumpannija privatizzata Portugal Telecom, sistema li kienet tinkludi drittijiet speċjali marbuta mal-għażla ta' terz min-numru totali ta' diretturi, mal-għażla ta' numru determinat ta' membri tal-kumitat eżekuttiv magħżul minn fost il-bord tad-diretturi, mal-ħatra ta' mill-inqas wieħed mid-diretturi eletti sabiex jieħdu ħsieb speċjalment ċerti kwistjonijiet amministrattivi, kif ukoll mal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet importanti tal-laqgħa ġenerali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tal-influwenza li ż-żamma ta' tali drittijiet speċjali tagħtih fir-rigward tal-ġestjoni tal-kumpannija, influwenza li ma hijiex ġustifikata mid-daqs tas-sehem tiegħu, l-Istat Portugiż naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 56 KE. Fir-rigward tad-derogi permessi taħt l-Artikolu 58 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sigurtà pubblika jew, f'dan il-każ, il-ħtieġa li tiġi ggarantita s-sigurtà tad-disponibbiltà tan-netwerk ta' telekomunkazzjonijiet fil-każ ta' kriżi, ta' gwerra jew ta' terroriżmu tista' tiġi invokata biss fil-każ ta' theddida reali u suffiċjentement gravi, li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-proporzjonalità tar-restrizzjoni inkwistjoni, l-inċertezza, li tirriżulta mill-fatt li la liġi nazzjonali u lanqas il-memoranda tal-kumpannija kkonċernata ma jistabbilixxu kriterji fir-rigward taċ-ċirkustanzi fejn l-imsemmija setgħat speċjali jistgħu jiġu eżerċitati, tikkostitwixxi preġudizzju serju għal-libertà ta' moviment tal-kapital sa fejn tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali, f'dak li jikkonċerna l-użu ta' tali setgħat, marġni ta' diskrezzjoni tant wiesa' li dan il-marġni ma jistax jiġi kkunsidrat li huwa proporzjonat meta mqabbel mal-għanijiet mixtieqa.

Kien hemm ukoll żviluppi fil-ġurisprudenza li tikkonċerna s-settur speċifiku tal-kuntratti pubbliċi fil-kuntest tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Fil-linja tal-kawżi magħrufa sew *Viking Line* (sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, C-438/05) u *Laval un Partneri* (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, C-341/05), il-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* (sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, C-271/08), qajmet il-kwistjoni ta' kif id-dritt għal negozjati kollettivi jista' jiġi kkonċiljat mal-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment u ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam ta' kuntratti pubbliċi. F'din il-kawża, ir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni kien intiż li jiġi kkonstatat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 92/50/KEE [17] u taħt id-Direttiva 2004/18/KE [18], fil-kuntest tal-għoti ta' kuntratti għal servizzi ta' assigurazzjoni okkupazzjonali għax-xjuħija bħala parti mill-implementazzjoni ta' ftehim kollettiv innegozjat bejn l-imsieħba soċjali. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, billi ta direttament, mingħajr sejħa għal offerti fuq livell tal-Unjoni Ewropea, tali kuntratti lill-korpi u l-impriżi msemmija fl-Artikolu 6 tal-Ftehim kollettiv dwar il-konverżjoni, għall-impjegati tas-servizz pubbliku komunali, ta' parti mir-remunerazzjoni

[17] Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku [kuntratti pubbliċi għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 6, Vol. 1, p. 322).

[18] Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

f'kontribuzzjoni għall-pensjoni, l-Istat Membru kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-direttivi msemmija kif ukoll taħt il-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment u ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sostniet li l-għoti tal-kuntratti kontenzjużi kien sar fil-kuntest partikolari tal-implementazzjoni ta' ftehim kollettiv ta' xogħol.

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-natura fundamentali tad-dritt għal negozjati kollettivi u l-għan soċjali ta' ftehim kollettiv dwar il-konverżjoni, għall-impjegati tas-servizz pubbliku komunali, ta' parti mir-remunerazzjoni f'kontribuzzjoni għall-pensjoni, ma jistgħux, bħala tali, jimplikaw li meta l-persuna li tħaddem tkun awtorità komunali allura din il-persuna tkun awtomatikament eżentata mill-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Direttivi 92/50 u 2004/18 dwar il-kuntratti pubbliċi, direttivi li japplikaw il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi. Għalhekk, l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali għal negozjati kollettivi għandu jiġi kkonċiljat mar-rekwiżiti li jirriżultaw mil-libertajiet protetti mit-Trattat FUE u għandu jkun konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Wara li eżaminat, punt punt, id-diversi kunsiderazzjonijiet li setgħu jiġġustifikaw li l-għoti tal-kuntratti kontenzjużi jiġu eżentati mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet Ewropej dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, bħalma huma l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fl-għażla tal-korp għall-implementazzjoni tal-miżura ta' konverżjoni ta' parti mir-remunerazzjoni, l-elementi ta' solidarjetà li fuqhom huma bbażati l-offerti tal-korpi u tal-impriżi msemmija fil-ftehim kollettiv inkwistjoni, u kif ukoll l-esperjenza u l-affidabbiltà finanzjarja tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-osservanza tad-direttivi msemmija fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi setgħet, f'dan il-każ, tiġi kkonċiljata mal-għan soċjali segwit mill-ftehim kollettiv inkwistjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-kundizzjonijiet li għalihom id-direttivi msemmija jissuġġettaw il-kwalifika ta' "kuntratti pubbliċi" kienu sodisfatti f'dan il-każ. Minn naħa, hija osservat li għalkemm ikunu qegħdin jimplementaw, fil-qasam tal-assigurazzjoni okkupazzjonali għax-xjuħija, għażla stabbilita minn qabel permezz ta' ftehim kollettiv, l-awtoritajiet komunali, fil-kwalità tagħhom ta' persuna li tħaddem, huma xorta waħda awtoritajiet kontraenti sa fejn kienu rrappreżentati matul in-negozjati li wasslu għall-ftehim kollettiv implementat f'dan il-każ. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-kuntratti ta' assigurazzjoni fi grupp għandhom interess ekonomiku dirett għall-persuni li jħaddmu u li jikkonkludu tali kuntratti, b'tali mod li dawn huma kuntratti onerużi. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, f'din il-kawża, li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet naqset milli twettaq l-obbligu tagħha li tissuġġetta, skont id-direttivi Ewropej dwar il-kuntratti pubbliċi, l-għoti tal-kuntratti kontenzjużi, konklużi taħt ftehim kollettiv, għal sejħa għal offerti.

L-interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/18, dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi, kienet is-suġġett ta' deċiżjoni importanti oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fit-18 ta' Novembru 2010 (sentenza *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda*, C-226/09). F'dan il-każ, il-problema kienet tirriżulta mill-fatt li l-awtorità kontraenti, filwaqt li ma kinitx obbligata tippreċiża fl-avviż ta' kuntratt il-piż relattiv li kienet ser tagħti lil kull wieħed mill-kriterji għall-għoti tal-kuntratt, kienet għamlet dan wara l-iskadenza tat-terminu mogħti lill-impriżi sabiex jippreżentaw l-offerti tagħhom. Il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Istat Membru kontraenti fejn akkużatu bi ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali u tal-obbligu ta' trasparenza.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li, għalkemm l-obbligu li jiġi indikat il-piż relattiv għal kull wieħed mill-kriterji għall-għoti ta' kuntratt li jaqa' taħt l-Anness II A jissodisfa r-rekwiżit li tiġi ggarantita l-osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali u tal-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minn dan il-prinċipju, ma huwiex iġġustifikat li jiġi kkunsidrat li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kuntratti tal-kategorija tal-Anness II B, l-awtorità kontraenti li xorta waħda tiddeċiedi li tagħti tali indikazzjoni għandha tkun obbligata tagħmel dan qabel l-iskadenza tat-terminu mogħti sabiex jiġu ppreżentati l-offerti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tat piż relattiv lil dawn il-kriterji,

l-awtorità kontraenti kienet sempliċement ippreċiżat il-modalitajiet ta' kif kellhom jiġu evalwati l-offerti ppreżentati. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-emenda tal-piż mogħti lill-kriterji għall-għoti tal-kuntratt kontenzjuż, wara l-ewwel eżami tal-offerti ppreżentati, kienet tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali u tal-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minn dan il-prinċipju. Din l-emenda hija kuntrarja għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li dawn il-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni jimplikaw, għall-awtoritajiet kontraenti, l-obbligu li jimxu mal-istess interpretazzjoni tal-kriterji għall-għoti matul il-proċedura kollha.

Fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema, għandha tissemma l-kawża *Olympique Lyonnais* (sentenza tas-16 ta' Marzu 2010, C-325/08) li tikkonċerna l-kompatibbiltà mal-Artikolu 45 TFUE ta' regolament applikabbli fil-qasam tal-futbol professjonali. Skont ir-regolament imsemmi, plejer "espoir" (jiġifieri plejer promettenti) jista' jiġi ordnat iħallas kumpens għad-danni jekk jiffirma, mat-tmiem tal-perijodu ta' taħriġ tiegħu, kuntratt bħala plejer professjonali ma' klabb ta' Stat Membru ieħor u mhux mal-klabb li jkun ħarrġu. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ivverifikat li r-regolament kontenzjuż kien fil-fatt jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 45 TFUE. F'dan il-każ, ir-regolament inkwistjoni kien iċ-Charte du football professionnel (Karta tal-futbol professjonali) tal-Fédération française de football (Federazzjoni Franċiża tal-futbol). Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ir-regolament għandu n-natura ta' ftehim kollettiv intiż li jirregola l-impjieg u, bħala tali, jaqa' taħt id-dritt tal-Unjoni. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li s-sistema eżaminata tista' tiddiswadi lil plejer "espoir" milli jeżerċita d-dritt tiegħu għal moviment liberu. Għaldaqstant, tali sistema tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Madankollu, kif il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet fis-sentenza *Bosman* [19], fid-dawl tal-importanza soċjali kunsiderevoli tal-attività sportiva u, b'mod iktar partikolari, tal-futbol, fl-Unjoni, l-għan li jiġu inkoraġġuti r-reklutaġġ u t-taħriġ ta' plejers żgħażagħ għandu jiġi rikonoxxut bħala leġittimu. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Artikolu 45 TFUE ma jipprekludix sistema li, sabiex jintlaħaq tali għan, tiggarantixxi li l-klabb li jħarreġ jirċievi kumpens fil-każ li plejer żagħżugħ jiffirma, meta jtemm it-taħriġ tiegħu, kuntratt bħala plejer professjonali ma' klabb ta' Stat Membru ieħor, sakemm din is-sistema tkun adegwata sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq dan l-għan u sakemm ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan. Għall-kuntrarju, sabiex jiġi żgurat li jintlaħaq dan l-għan ma hijiex meħtieġa sistema, bħal dik inkwistjoni, fejn plejer "espoir" ikun jista' jiġi kkundannat iħallas kumpens għad-danni li l-ammont tiegħu jkun ikkalkolat mingħajr konnessjoni mal-ispejjeż veri tat-taħriġ.

Dejjem fil-qasam tal-ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja tat fl-istess jum żewġ sentenzi (sentenzi tat-23 ta' Frar 2010, *Ibrahim*, C-310/08, u *Teixeira*, C-480/08) dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema [20] u, b'mod iktar preċiż, dwar ir-relazzjoni tiegħu mad-Direttiva 2004/38/KE, dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni [21]. F'dawn iż-żewġ kawżi, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu ġew irrifjutati, mill-awtoritajiet nazzjonali, il-benefiċċju tal-għajnuna għall-akkomodazzjoni għalihom u għat-tfal tagħhom minħabba li ma kinux jibbenefikaw minn dritt ta' residenza fir-Renju Unit taħt id-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, waħda mir-rikorrenti kienet isseparat minn ma' żewġha li, wara li kien ħadem fir-Renju Unit, kien telaq mill-pajjiż, filwaqt li l-oħra, li wkoll kienet isseparat minn ma' żewġha, kienet hija stess tilfet l-istatus ta' ħaddiem. Madankollu, it-tfal tagħhom kienu qegħdin jistudjaw fir-Renju Unit u r-rikorrenti għalhekk invokaw l-Artikolu 12 tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq, kif interpretat

19 Sentenza tal-15 ta' Diċembru 1995, *Bosman* (C-415/93, Ġabra p. I-4921).

20 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap 5, Vol. 1, p. 15).

21 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 10.

mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha *Baumbast u R* [22]. Filwaqt li kkonfermat il-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 12 tar-regolament imsemmi jippermetti li t-tifel ta' ħaddiem migrant jiġi rrikonoxxut, flimkien mad-dritt tiegħu għal aċċess għat-tagħlim fl-Istat Membru ospitanti, dritt ta' residenza awtonoma u, għal dan il-għan, jeżiġi biss li t-tifel kien għex minn tal-inqas ma' wieħed mill-ġenituri tiegħu fi Stat Membru matul il-perijodu li dan il-ġenitur kien residenti f'dan l-Istat Membru fil-kwalità tiegħu ta' ħaddiem. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-ġenituri tat-tifel ikunu sadanittant iddivorzjaw, kif ukoll il-fatt li wieħed biss mill-ġenituri huwa ċittadin tal-Unjoni u li dan il-ġenitur ma għadux ħaddiem migrant fl-Istat Membru ospitanti, ma għandhom ebda importanza. B'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1612/68 għandu jiġi applikat b'mod awtonomu fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw espressament il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza fi Stat Membru ieħor, awtonomija li ma ġietx affettwata bid-dħul fis-seħħ tad-direttiva l-ġdida dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini Ewropej. Filwaqt li siltet il-konsegwenzi ta' din l-awtonomija, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat li d-dritt ta' residenza li jgawdi l-ġenitur li jkollu effettivament il-kustodja ta' tifel ta' ħaddiem migrant li jkun qiegħed jistudja ma huwiex suġġett għall-kundizzjoni li dan il-ġenitur ikollu riżorsi suffiċjenti sabiex ma jkunx ta' piż għas-sistema ta' għajnuna soċjali tal-Istat Membru ospitanti. Fl-aħħar nett, fit-tieni kawża (sentenza *Teixeira*, iċċitata iktar 'il fuq), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, għalkemm bħala regola ġenerali d-dritt ta' residenza tal-ġenitur li jkollu effettivament il-kustodja ta' tifel ta' ħaddiem migrant, sakemm dan it-tifel ikun qiegħed jistudja fl-Istat Membru ospitanti, jintemm malli dan it-tifel jilħaq l-età maġġorenni, l-affarijiet jistgħu jkunu differenti jekk it-tifel ikompli jkollu bżonn tal-preżenza u tal-kura ta' dan il-ġenitur sabiex ikun jista' jsegwi u jispiċċa l-istudji tiegħu. Hija għalhekk il-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk dan huwiex effettivament il-każ.

## *Approssimazzjoni tal-liġijiet*

Peress li huwa impossibbli li tissemma l-ġurisprudenza ġdida kollha f'dan is-settur, settur fejn wieħed jiltaqa' ma' diversità kbira ħafna, riflessjoni din tad-diversità dejjem tikber tal-oqsma li fihom jintervjeni l-leġiżlatur tal-Unjoni, ġie deċiż li jiġu enfasizzati żewġ setturi, jiġifieri l-prattiki kummerċjali b'mod ġenerali, b'attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-konsumaturi, u t-telekomunikazzjonijiet, filwaqt li ser jiġu indikati wkoll, minħabba l-interess ċar tagħhom, numru ta' deċiżjonijiet oħra.

Fil-qasam tal-prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumaturi, id-Direttiva 2005/29/KE [23] ġiet interpretata darbtejn f'din is-sena. Din id-direttiva tintroduċi armonizzazzjoni sħiħa tar-regoli dwar il-prattiki kummerċjali żleali minn impriżi fin-negozju mal-konsumaturi u tistabbilixxi, fl-Anness I tagħha, lista eżawrjenti ta' 31 prattika kummerċjali li, skont l-Artikolu 5(5) ta' din id-direttiva, huma kkunsidrati żleali f'kull ċirkustanza. Kif tippreċiża b'mod espliċitu l-premessa 17 ta' din id-direttiva, huma biss dawn il-prattiki kummerċjali li jistgħu jiġu kkunsidrati li huma żleali mingħajr ma jkunu eżaminati każ b'każ fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9 ta' din id-direttiva.

B'hekk, fis-sentenza *Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag* (sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, C-540/08), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi projbizzjoni ġenerali ta' bejgħ bi premji u li ma

22 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2002, *Baumbast u R* (C-413/99, Ġabra p. I-7091).

23 Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU L 114, p. 86).

hijiex intiża biss sabiex tipproteġi lill-konsumaturi iżda għandha wkoll għanijiet oħrajn. Prattiki li jinvolvu l-offerta lill-konsumaturi ta' premji marbuta max-xiri ta' prodotti jew servizzi ma humiex inklużi fl-Anness I ta' din id-direttiva u għalhekk ma jistgħux jiġu pprojbiti f'kull ċirkustanza iżda jistgħu jiġu pprojbiti biss wara li ssir analiżi speċifika li permezz tagħha tkun tista' tiġi stabbilita n-natura żleali ta' tali prattiki. B'hekk, il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'kompetizzjoni bi premju, marbuta max-xiri ta' ġurnal, ma tikkostitwixxix prattika kummerċjali żleali fis-sens tal-Artikolu 5(2) tad-direttiva msemmija minħabba s-sempliċi fatt li din il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni f'logħba tirrappreżenta, għall-inqas għal parti mill-konsumaturi kkonċernati, il-motiv determinanti li jwassalhom sabiex jixtru dan il-ġurnal.

F'kawża oħra dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2005/29, *Plus Warenhandelsgesellschaft* (sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, C-304/08), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-direttiva tipprekludi wkoll leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi bħala prinċipju l-prattiki kummerċjali li jissuġġettaw il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi f'kompetizzjoni jew f'logħob promozzjonali għax-xiri ta' prodott jew ta' servizz, mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li l-kampanji promozzjonali li jissuġġettaw il-parteċipazzjoni b'xejn tal-konsumatur f'lotterija għax-xiri ta' ċerta kwantità ta' prodotti jew ta' servizzi jikkostitwixxu atti kummerċjali li jaqgħu b'mod ċar fil-kuntest tal-istrateġija kummerċjali ta' operatur u huma direttament intiżi għall-promozzjoni tal-bejgħ ta' dan l-operatur. Għalhekk, tali kampanji jikkostitwixxu prattiki kummerċjali fis-sens ta' din id-direttiva u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, it-tieni nett, li l-istess direttiva, li tintroduċi armonizzazzjoni kompleta tar-regoli, tipprovdi b'mod espliċitu li l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw miżuri iktar restrittivi minn dawk stabbiliti mill-imsemmija direttiva, anki għall-fini li jiġi żgurat livell iktar għoli tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Peress li l-prattika inkwistjoni f'din il-kawża lanqas ma hija inkluża fl-Anness I, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li tali prattika ma tistax tiġi pprojbita mingħajr ma jiġi ddeterminat, fid-dawl tal-kuntest fattwali ta' kull każ, jekk din il-prattika għandhiex natura "żleali" fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fid-direttiva msemmija. Fost dawn il-kriterji tinsab *inter alia* l-kwistjoni ta' jekk il-prattika hijiex ta' natura li tbiddel, jew li tista' tbiddel, b'mod sostanzjali l-aġir ekonomiku tal-konsumatur medju fil-konfront tal-prodott.

Din is-sena l-Qorti tal-Ġustizzja kellha wkoll żewġ opportunitajiet tinterpreta d-Direttiva 93/13/KEE [24], dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumatur.

Waħda minn dawn l-okkażjonijiet kienet il-kawża *Caja de Ahorros y Monte de Piedad de Madrid* (sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, C-484/08), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sistema ta' protezzjoni implementata mid-direttiva msemmija hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ jew fornitur f'dak li jikkonċerna kemm is-setgħa ta' negozjar kif ukoll il-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li ġġiegħlu jaderixxi għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn qabel mill-bejjiegħ jew fornitur, mingħajr ma jkun jista' jeżerċita xi influwenza fuq il-kontenut tagħhom. Din id-direttiva armonizzat biss parzjalment u minimament il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-klawżoli inġusti, filwaqt li l-Istati Membri jibqgħalhom il-possibbiltà li jiżguraw lill-konsumatur livell ta' protezzjoni iktar għoli minn dak li hija tipprovdi. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ jew jadottaw, fil-qasam kollu rregolat minn din id-direttiva, regoli iktar stretti minn dawk li tistabbilixxi d-direttiva stess, bil-kundizzjoni li dawn ir-regoli jkunu intiżi li jiżguraw livell iktar għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li din id-direttiva ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza stħarriġ ġudizzjarju tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali dwar id-definizzjoni

[24] Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt jew dwar in-natura adegwata tal-prezz u r-remunerazzjoni, minn naħa, meta mqabbla mas-servizzi jew il-merkanzija pprovduti bħala korrispettiv, min-naħa l-oħra, anki jekk dawn il-klawżoli jkunu fformulati b'mod sempliċi u ċar.

It-tieni okkażjoni ppreżentat ruħha fil-kawża *VB Pénzügyi Lízing* (sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, C-137/08), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tkompli tiżviluppa r-raġunament tas-sentenza *Pannon GSM* (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, C-243/08) (ara r-Rapport Annwali 2009). Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 267 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tkopri l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "klawżola inġusta" imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 u fl-anness tagħha, kif ukoll il-kriterji li l-qorti nazzjonali tista' jew għandha tapplika waqt l-eżami ta' klawżola kuntrattwali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, fid-dawl tal-fatt li hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi, billi tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-kriterji, fuq il-klassifikazzjoni konkreta ta' klawżola kuntrattwali partikolari skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. In-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali għandha tiġi evalwata billi titqies in-natura tal-beni jew servizzi li għalihom ikun ġie konkluż il-kuntratt u billi jsir riferiment, fil-mument li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkustanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt, fosthom il-fatt li klawżola f'kuntratt konkluż bejn konsumatur u bejjiegħ jew fornitur li tikkonferixxi ġurisdizzjoni esklużiva lill-qorti li fid-distrett ġudizzjarju tagħha jkun jinsab l-uffiċċju rreġistrat tal-bejjiegħ jew tal-fornitur tkun ġiet inkluża mingħajr ma tkun ġiet innegozjata individwalment. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li l-qorti nazzjonali għandha tieħu *ex officio* miżuri istruttorji sabiex tistabbilixxi jekk klawżola li tagħti ġurisdizzjoni territorjali esklużiva u li tinsab fil-kuntratt li huwa s-suġġett tal-kawża li tressqet quddiemha u li kien ġie konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u, fl-affermattiv, għandha tevalwa *ex officio* n-natura possibbilment inġusta ta' tali klawżola. Fil-fatt, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-protezzjoni tal-konsumaturi mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'sitwazzjoni kkaratterizzata min-nuqqas ta' parità bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur, sitwazzjoni li tista' tiġi kkumpensata biss b'intervent pożittiv li ma jiġix mill-partijiet fil-kuntratt biss, il-qorti nazzjonali għandha, fil-każijiet kollha u indipendentement mir-regoli tal-liġi nazzjonali tagħha, tiddetermina jekk il-klawżola inkwistjoni kinitx jew le nnegozjata individwalment bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur.

Fir-rigward, din id-darba, tal-protezzjoni tal-konsumaturi fil-każ ta' kuntratti nnegozjati barra mill-istabbilimenti tan-negozju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kawża *E. Friz* (sentenza tal-15 ta' April 2010, C-215/08) li d-Direttiva 85/577/KEE [25] tapplika għal kuntratt konkluż bejn negozjant u konsumatur waqt żjara mhux mitluba fid-dar ta' dan tal-aħħar, dwar is-sħubija tal-konsumatur f'fondi ta' proprjetà immobbli magħluq ikkostitwit fil-forma ta' soċjetà, meta l-iskop prinċipali ta' din is-sħubija ma huwiex li l-konsumatur isir soċju fl-imsemmija soċjetà iżda li l-konsumatur jagħmel investiment ta' kapital. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalhekk, l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 85/577 ma jipprekludix regola nazzjonali li tipprovdi li, fil-każ tar-revoka tas-sħubija f'tali fondi ta' proprjetà immobbli, li tkun saret b'riżultat ta' żjara mhux mitluba fid-dar tal-konsumatur min-naħa tan-negozjant, il-konsumatur jista' jinvoka kontra din is-soċjetà, fuq l-attiv nett tal-likwidazzjoni, dritt ikkalkolat skont il-valur tas-sehem tiegħu fid-data tal-irtirar tiegħu minn dan il-fondi, u b'hekk jista' jikseb lura ammont li jkun inqas mill-valur tal-kontribuzzjoni tiegħu jew jiġi mġiegħel jipparteċipa fit-telf tal-imsemmi fondi. Fil-fatt, minkejja li ma hemmx dubju li d-direttiva msemmija hija intiża sabiex tipproteġi lill-konsumaturi, dan ma jfissirx li din il-protezzjoni hija assoluta. Kemm mill-istruttura ġenerali kif ukoll mill-formulazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jirriżulta li l-protezzjoni msemmija hija suġġetta għal ċerti limiti. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-konsegwenzi tal-eżerċizzju tad-dritt għal rinunzja, in-

[25] Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE, tal-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mill-lok tan-negozju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 262).

notifika tar-revoka għandha l-effett, kemm għall-konsumatur, kif ukoll għan-negozjant, li tistabbilixxi l-*istatus quo ante*. Madankollu, jibqa' l-fatt li ma hemm xejn f'din id-direttiva li jeskludi li l-konsumatur jista' jkollu, f'ċerti każijiet speċifiċi, obbligi fil-konfront tan-negozjant u jkollu, jekk ikun il-każ, ibati ċerti konsegwenzi li jirriżultaw mill-eżerċizzju tad-dritt tiegħu għal tħassir.

Fir-rigward ta' kwistjoni relatata, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawża *Heinrich Heine* (sentenza tal-15 ta' April 2010, C-511/08), li kienet tikkonċerna l-protezzjoni tal-konsumaturi fir-rigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod, iddeċidiet li t-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 97/7/KE [26] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-fornituri f'kuntratti konklużi mill-bogħod jistgħu jimputaw l-ispejjeż tal-kunsinna tal-prodotti lill-konsumatur fil-każ li dan il-konsumatur jeżerċita d-dritt tiegħu ta' rtirar mill-kuntratt. Huwa ċar li l-għan tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva msemmija li jikkonċernaw il-konsegwenzi legali tal-irtirar mill-kuntratt huwa li l-konsumatur ma jkunx skoraġġut milli jeżerċita d-dritt tiegħu ta' rtirar mill-kuntratt. Għalhekk, ikun kuntrarju għal dan il-għan jekk dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati fis-sens li jawtorizzaw lill-Istati Membri jippermettu li l-ispejjeż tal-kunsinna jkunu r-responsabbiltà tal-konsumatur fil-każ li jirtira mill-kuntratt. Barra minn hekk, il-fatt li l-konsumatur ikun responsabbli, minbarra l-ispejjeż diretti marbuta mar-ritorn tal-merkanzija, anki għall-ispejjeż tal-kunsinna huwa ta' natura li jdgħajjef id-diviżjoni bbilanċjata tar-riskji bejn il-partijiet fil-kuntratti li jsiru mill-bogħod, billi l-konsumatur ikollu jħallas l-ispejjeż kollha marbuta mat-trasport tal-merkanzija.

Fir-rigward tal-prattiki kummerċjali, ta' min wieħed isemmi, fl-aħħar nett, il-kawża *Lidl* (sentenza tat-18 ta' Novembru 2010, C-159/09), li rriżultat minn kampanja pubbliċitarja mnedija minn supermarket. Dan kien għamel reklamar, f'gazzetta lokali, li kien iqabbel żewġ irċevuti li jelenkaw diversi prodotti, fil-parti l-kbira tagħhom prodotti tal-ikel, mixtrija, rispettivament, f'żewġ supermarkets differenti u li kien jindika n-nefqa totali differenti, reklamar dan li ġie kkontestat mill-kompetitur ikkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett indikat li d-Direttiva dwar ir-reklamar qarrieqi u r-reklamar komparattiv [27] għandha tiġi interpretata fis-sens li s-sempliċi fatt li l-prodotti tal-ikel ikunu differenti minn xulxin fir-rigward tan-natura li jittieklu tagħhom u fir-rigward tal-gost li jesperjenzaw il-konsumaturi waqt li jiekluhom, skont il-kundizzjonijiet u l-post ta' produzzjoni tagħhom, l-ingredjenti tagħhom u l-identità tal-produttur tagħhom, ma huwiex ta' natura li jeskludi li l-paragun ta' tali prodotti jista' jissodisfa r-rekwiżit li dawn il-prodotti jservu l-istess ħtiġijiet jew li jkunu maħsuba għall-istess għan, b'tali mod li jkun hemm livell suffiċjenti ta' interkambjalità bejniethom [28]. Fil-fatt, jekk jiġi deċiż li, sakemm ma jkunux identiċi, żewġ prodotti tal-ikel ma jistgħux jitqiesu li huma paragunabbli, tkun qiegħda tiġi eskluża kull possibbiltà effettiva ta' reklamar komparattiv għal dak li jirrigwarda kategorija partikolarment importanti ta' oġġetti tal-konsum. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li reklamar li jagħmel paragun tal-prezzijiet ta' prodotti tal-ikel ikkummerċjalizzati minn żewġ katini ta' ħwienet kompetituri jista' jkun qarrieqi [29], b'mod partikolari jekk jiġi kkonstatat, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ ineżami, u b'mod partikolari fid-dawl tal-indikazzjonijiet jew tal-omissjonijiet li jakkompanjaw dan ir-reklamar, li d-deċiżjoni ta' xiri ta' numru sinjifikattiv ta' konsumaturi li lilhom huwa indirizzat dan ir-reklamar tista' tittieħed bil-fehma żbaljata li l-għażla ta' prodotti magħmula

[26] Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 1997, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi inrigward ta' kuntratti li jsiru mill-bogħod (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 3, p. 319).

[27] Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, tal-10 ta' Settembru 1984, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 227) kif emendata bid-Direttiva 97/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Ottubru 1997 sabiex tinkludi reklamar komparattiv (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol 3, p. 365).

[28] Artikolu 3a(1)(b) tad-Direttiva 84/450, dwar reklamar qarrieqi u komparattiv, kif emendata bid-Direttiva 97/55.

[29] Artikolu 3a(1)(a) tad-Direttiva 84/450, dwar reklamar qarrieqi u komparattiv, kif emendata bid-Direttiva 97/55.

minn min jirreklama tirrappreżenta l-livell ġenerali tal-prezzijiet tiegħu meta mqabbla ma' dak tal-kompetitur tiegħu, u li, għaldaqstant, dawn il-konsumaturi ser jiffrankaw bil-mod kif iddikjarat mill-imsemmi reklamar jekk jixtru regolarment prodotti tal-ikel ta' kuljum mingħand min jirreklama pjuttost milli mingħand l-imsemmi kompetitur, jew inkella bil-fehma żbaljata li l-prodotti kollha tal-kompetitur huma irħas minn dawk tal-kompetitur tiegħu. Tali reklamar jista' jkun ukoll qarrieqi jekk jiġi kkonstatat li, għall-finijiet ta' paragun magħmul mill-perspettiva esklużiva tal-prezz, ikunu ntgħażlu prodotti tal-ikel li madankollu jkollhom differenzi ta' natura li jikkundizzjonaw b'mod sinjifikattiv l-għażla tal-konsumatur medju, differenzi iżda li ma jkunux ġew indikati fir-reklamar ikkonċernat. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kundizzjoni ta' verifikabbiltà [30] teżiġi, fir-rigward ta' reklamar li jqabbel il-prezzijiet ta' żewġ assortimenti ta' prodotti, li l-prodotti għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati fuq il-bażi tal-informazzjoni li tinsab fir-reklamar imsemmi, b'tali mod li d-destinatarju jkun jista' jiżgura ruħu li ġie informat korrettament fid-dawl tax-xiri ta' prodotti tal-ikel ta' kuljum li huwa jkun mistenni jagħmel.

Din is-sena ngħataw numru partikolarment sinjifikattiv ta' sentenzi li jikkonċernaw is-settur tat-telekomunikazzjonijiet. L-ewwel nett, il-kawża *Polska Telefonia Cyfrowa* (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, C-99/09) tat opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta l-Artikolu 30(2) tad-Direttiva 2002/22/KE, id-Direttiva "Servizz Universali"[31], li jikkonċerna l-ispejjeż marbuta mal-portabbiltà tan-numru tat-telefon mobbli u li jippermetti lill-abbonat ta' servizz tat-telefon iżomm l-istess numru fil-każ li jibdel l-operatur tas-servizz. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-artikolu għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż sostnuti mill-operaturi ta' netwerks ta' telefonija mobbli sabiex jattivaw is-servizz tal-portabbiltà tan-numru meta tevalwa n-natura dissważiva tal-ħlas mitlub mingħand il-konsumaturi għall-użu tal-imsemmi servizz. Madankollu, din l-awtorità żżomm is-setgħa li tiffissa l-ammont massimu ta' dan il-ħlas li jista' jintalab mill-operaturi f'livell inqas mill-ispejjeż sostnuti minn dawn tal-aħħar meta ħlas ikkalkolat abbażi ta' dawn l-ispejjeż biss jista' jiddiswadi l-utenti milli jużaw il-faċilità tal-portabbiltà.Dejjem fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, ta' min wieħed isemmi l-kawża *Alassini et* (sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, C-317/08, C-318/08, C-319/08 u C-320/08) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal domanda preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għal tentattiv obbligatorju ta' konċiljazzjoni extra ġudizzjarja bħala kundizzjoni għall-ammissibbiltà ta' rikorsi ġudizzjarji f'ċertu tilwim bejn fornituri u utenti finali li jaqa' taħt id-Direttiva "Servizz Universali"[32]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 34(1) tad-direttiva msemmija jiffissa għall-Istati Membri l-għan li huma għandhom jistabbilixxu proċeduri extra ġudizzjarji sabiex jiġi riżolt tilwim li jinvolvi l-konsumaturi u li jirrigwarda kwistjonijiet li jaqgħu taħt din l-istess direttiva. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi proċedura ta' konċiljazzjoni extra ġudizzjarja u li tagħmel l-użu ta' din il-proċedura obbligatorju qabel ma t-tilwima tkun tista' titressaq quddiem qorti, ma hijiex ta' natura li tikkomprometti t-twettiq tal-għan ta' interess ġenerali segwit mid-direttiva msemmija anzi pjuttost issaħħaħ l-effettività tagħha minħabba li din il-leġiżlazzjoni twassal għal soluzzjoni iktar imħaffa u inqas oneruża tat-tilwim kif ukoll għat-tnaqqis fil-volum tax-xogħol tal-qrati. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-istadju addizzjonali fl-aċċess lejn il-qrati li tirrappreżenta proċedura ta' konċiljazzjoni minn qabel, proċedura magħmula obbligatorja mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, ma huwiex kuntrarju għall-prinċipji ta' ekwivalenza, ta' effettività u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva sa fejn din il-proċedura ma twassalx għal deċiżjoni vinkolanti fuq il-partijiet, sa fejn ma tikkawżax

[30] Artikolu 3a(1)(ċ) tad-Direttiva 84/450, dwar reklamar qarrieqi u komparattiv, kif emendata bid-Direttiva 97/55.

[31] Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva "Servizz Universali") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367).

[32] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

dewmien fl-iżvolġiment tal-proċeduri ġudizzjarji u lanqas ma tikkawża spejjeż sinjifikattivi għall-konsumaturi, sa fejn il-mezz elettroniku ma huwiex l-uniku mezz ta' aċċess għall-proċedura msemmija u sa fejn huma previsti miżuri provviżorji f'każijiet eċċezzjonali urġenti.

It-tieni nett, fil-kawża *Vodafone et* (sentenza tat-8 ta' Ġunju 2010, C-58/08), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tiddeċiedi dwar il-validità tar-Regolament (KE) Nru 717/2007, dwar roaming fuq netwerks pubbliċi tat-telefonija mobbli [33], fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, diversi operaturi ta' netwerks pubbliċi ta' telefonija mobbli u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali dwar il-validità ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li japplikaw dan ir-regolament. Adita bi tliet domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li r-Regolament, adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 95 KE, jistabbilixxi approċċ komuni sabiex l-utenti tan-netwerks pubbliċi tat-telefonija mobbli terrestri ma jħallsux prezz eċċessiv għas-servizzi ta' roaming madwar il-Komunità u li l-operaturi tad-diversi Stati Membri jkunu jistgħu joperaw taħt qafas regolatorju koerenti wieħed, ibbażat fuq kriterji oġġettivi, u għalhekk jikkontribwixxi għall-funzjonament mingħajr problemi tas-suq intern sabiex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni għal konsumaturi u sabiex tiġi ppreżervata l-kompetizzjoni bejn l-operaturi. It-tieni nett, fir-rigward tad-domanda dwar l-osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' sussidjarjetà minħabba li r-Regolament ma jistabbilixxix biss it-tariffi massimi medji bl-ingrossa għal kull minuta iżda jistabbilixxi wkoll it-tariffi massimi bl-imnut, filwaqt li jipprevedi wkoll obbligi ta' informazzjoni għall-benefiċċju tal-abbonati tar-roaming, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li jgawdi fil-qasam ikkonċernat, il-leġiżlatur Komunitarju seta' leġittimament jikkunsidra, fir-rigward ta' kriterji oġġettivi u ta' studju ekonomiku eżawrjenti, li regolazzjoni tas-swieq bl-ingrossa biss ma kinitx ser tikseb l-istess riżultat bħal regolazzjoni li tkopri kemm is-swieq bl-ingrossa u kif ukoll is-swieq bl-imnut, b'tali mod li kienet meħtieġa regolazzjoni bħal din, u li l-obbligu ta' informazzjoni jsaħħaħ l-effettività tal-iffissar ta' tariffi massimi. Filwaqt li kompliet b'din l-evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ma kienx hemm ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà fid-dawl tal-interdipendenza bejn it-tariffi bl-ingrossa u bl-imnut u l-effetti tal-approċċ komuni stabbilit permezz tar-regolament imsemmi, li l-għan tiegħu jista' jintlaħaq b'mod aħjar fuq livell Komunitarju.

Fl-aħħar nett, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Belġju* (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2010, C-222/08), li kienet tikkonċerna proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mibdija mill-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni parzjali mir-Renju tal-Belġju tal-Artikoli 12(1) u 13(1), kif ukoll tal-Parti A tal-Anness IV, tad-Direttiva "Servizz Universali" [34], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li, peress li din id-direttiva tistabbilixxi biss ir-regoli għall-kalkolu tal-ispiża netta tal-provvista tas-servizz universali fil-każ li l-awtoritajiet nazzjonali jikkunsidraw li din il-provvista tirrappreżenta piż mhux ġustifikat, l-Istat Membru inkwistjoni ma kienx naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu meta stabbilixxa huwa stess il-kundizzjonijiet li permezz tagħhom seta' jiġi ddeterminat jekk dan il-piż kienx ġustifikat jew le. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta rabat il-mekkaniżmi għall-irkupru tal-ispejjeż netti li l-provvista tas-servizz universali setgħet tikkawża għal impriża mal-eżistenza ta' piż eċċessiv fuq din l-impriża, il-leġiżlatur Komunitarju kellu l-intenzjoni jeskludi dritt awtomatiku għal kumpens għal kull spiża netta ta' provvista ta' servizz universali, filwaqt li kkunsidra li l-ispiża netta tas-servizz imsemmi ma hijiex neċessarjament piż eċċessiv għall-impriżi kkonċernati kollha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-piż mhux ġustifikat li l-awtorità regolatorja nazzjonali kellha tikkonstata l-eżistenza tiegħu qabel kwalunkwe kumpens seta' jkun biss il-piż li, għal kull waħda mill-impriżi kkonċernati, ikun ta' natura eċċessiva fir-rigward tal-kapaċità tagħha li ssostni tali piż fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tagħha (tagħmir, sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja, sehem tas-suq etc.). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Istat Membru inkwistjoni, li kien obbligat taħt

[33] Regolament (KE) Nru 717/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2007, dwar roaming fuq networks pubbliċi tat-telefonija mobbli fi ħdan il-Komunità u li jemenda d-Direttiva 2002/21/KE (ĠU L 171, p. 32).

[34] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 31.

din l-istess direttiva jintroduċi l-mekkaniżmi neċessarji għall-kumpens tal-impriżi li jġarrbu piż mhux ġustifikat, kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu billi kkonstata, b'mod ġenerali u abbażi tal-kalkolu tal-ispejjeż netti tal-fornitur tas-servizz universali, (li qabel kien l-uniku fornitur ta' dan is-servizz), li l-impriżi kollha li issa huma obbligati jipprovdu l-imsemmi servizz huma fil-fatt suġġetti għal piż mhux ġustifikat minħabba din il-provvista, mingħajr ma għamel eżami partikolari kemm tal-ispiża netta tas-servizz għal kull wieħed mill-operaturi kkonċernati u kif ukoll tal-karatteristiċi kollha partikolari għal kull operatur. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Istat Membru li jonqos milli jipprevedi, fil-kalkolu tal-ispiża netta tal-provvista tal-komponent soċjali tas-servizz universali, il-vantaġġi kummerċjali li jgawdu minnhom l-impriżi li għandhom l-obbligu li jagħmlu din il-provvista, inklużi l-vantaġġi intanġibbli, jonqos ukoll milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

Għalkemm f'dawn iż-żewġ setturi partikolarment sensittivi rajna l-iżvilupp ta' korp ta' ġurisprudenza omoġenju, il-ġurisprudenza fil-qasam tal-approssimazzjoni tal-liġijiet b'ebda mod ma hija limitata għal dawn iż-żewġ setturi. Ser jiġu indikati issa numru ta' kawżi li juru proprju l-varjetà f'dan il-qasam.

Il-kawża *Monsanto Technology* (sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, C-428/08) qajmet, għall-ewwel darba, il-kwistjoni tal-portata ta' privattiva Ewropea dwar sekwenza ta' DNA. Il-kumpannija Monsanto, li ilha mill-1996 proprjetarja ta' privattiva Ewropea dwar sekwenza ta' DNA li, meta tiġi introdotta fid-DNA ta' pjanta tas-soja, tagħmel lil din il-pjanta reżistenti għal erbiċida partikolari, xtaqet topponi għall-importazzjonijiet lejn Stat Membru ta' dqiq tas-soja prodott fl-Arġentina minn tali soja mmodifikata ġenetikament, u dan f'sitwazzjoni fejn l-invenzjoni ta' Monsanto ma kinitx protetta bi privattiva fl-Arġentina. Il-qorti nazzjonali li quddiemha tressqet il-kawża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni ta' jekk is-sempliċi preżenza tas-sekwenza ta' DNA protetta minn privattiva Ewropea kinitx biżżejjed sabiex tikkostitwixxi kontravvenzjoni tal-privattiva ta' Monsanto meta d-dqiq jiġi kkummerċjalizzat fl-Unjoni Ewropea. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-Direttiva 98/44/KE [35] tissuġġetta l-protezzjoni mogħtija minn privattiva Ewropea għall-kundizzjoni li t-tagħrif ġenetiku li jkun jinsab fil-prodott kopert bil-privattiva jew li jikkostitwixxi dan il-prodott jeżerċita attwalment il-funzjoni tiegħu f'dan l-istess materjal. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-funzjoni tal-invenzjoni ta' Monsanto tiġi eżerċitata meta t-tagħrif ġenetiku jipproteġi l-pjanta tas-soja li tinkorpora dan it-tagħrif kontra l-azzjoni ta' erbiċida. Issa, din il-funzjoni tas-sekwenza ta' DNA protetta ma tkunx tista' tibqa' tiġi eżerċitata meta tkun tinsab fi stat ta' residwu fid-dqiq tas-soja, li huwa materjal bla ħajja miksub wara numru ta' operazzjonijiet ta' trattament tas-soja. Għaldaqstant, il-protezzjoni taħt il-privattiva Ewropea hija eskluża meta t-tagħrif ġenetiku ma jkunx għadu jeżerċita l-funzjoni li kellu fil-pjanta inizjali li minnha jinħareġ il-materjal inkwistjoni. Barra minn hekk, tali protezzjoni lanqas ma tista' tingħata minħabba li t-tagħrif ġenetiku li jinsab fid-dqiq tas-soja jista' eventwalment jerġa' jeżerċita l-funzjoni tiegħu fi pjanta oħra. Fil-fatt, sabiex jiġri dan ikun neċessarju li s-sekwenza ta' DNA tiġi effettivament introdotta f'din il-pjanta l-oħra, u b'hekk jista' jkun hemm protezzjoni taħt il-privattiva Ewropea fir-rigward ta' din il-pjanta l-oħra. F'dawn iċ-ċirkustanzi, Monsanto ma setgħatx tipprojbixxi, fuq il-bażi tad-Direttiva 98/44, il-kummerċjalizzazzjoni tad-dqiq tas-soja li joriġina mill-Arġentina u li jkun fih l-invenzjoni bijoteknoloġika tagħha fi stat ta' residwu. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-direttiva msemmija tipprekludi regola nazzjonali li tagħti protezzjoni assoluta lil sekwenza ta' DNA koperta bi privattiva bħala tali, irrispettivament minn jekk teżerċitax jew le l-funzjoni tagħha fil-materjal li tkun tagħmel parti minnu. Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet ta' din l-istess direttiva li jipprevedu l-kriterju tal-eżerċizzju effettiv ta' din il-funzjoni jikkostitwixxu armonizzazzjoni eżawrjenti ta' dan il-qasam fl-Unjoni Ewropea.

[35] Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Lulju 1998, dwar il-protezzjoni legali tal-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 395).

Fil-kawża *Association of the British Pharmaceutical Industry* (sentenza tat-22 ta' April 2010, C-62/09), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta d-Direttiva 2001/83/KE [36]. Għalkemm, bħala prinċipju, din id-direttiva tipprojbixxi, fil-kuntest tal-promozzjoni ta' prodotti mediċinali lit-tobba jew lill-ispiżjara, li dawn jingħataw, jiġu offruti jew jiġu mwiegħda vantaġġi finanzjarji jew *in natura*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-direttiva ma tipprekludix skemi ta' inċentivi finanzjarji implementati mill-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa pubblika bil-għan li jnaqqsu n-nefqa tagħhom f'dan il-qasam u li jkunu intiżi sabiex, għall-finijiet tat-trattament ta' ċerti kundizzjonijiet mediċi, it-tobba, meta jiktbu l-preskrizzjoni, jiffavorixxu prodotti mediċinali msemmija speċifikament u li jkun fihom sustanza attiva differenti minn dik tal-prodott mediċinali li kien jiġi preskritt qabel jew li seta' jiġi preskritt li kieku tali skema ta' inċentivi ma kinitx teżisti. B'mod ġenerali, il-politika dwar is-saħħa ddefinita minn Stat Membru u n-nefqa pubblika allokata għaliha la għandhom skop ta' lukru u lanqas kummerċjali. Għalhekk, peress li skema ta' inċentivi finanzjarji taqa' taħt tali politika, hija ma tistax titqies li tagħmel parti mill-promozzjoni kummerċjali ta' prodotti mediċinali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-awtoritajiet pubbliċi huma obbligati jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-professjonisti tal-industrija farmaċewtika l-informazzjoni li turi li l-iskema inkwistjoni hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u li ma tkun qiegħda ssir ebda diskriminazzjoni bejn il-prodotti mediċinali nazzjonali u dawk li ġejjin minn Stati Membri oħra. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet għandhom jagħmlu pubblika tali skema u għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' dawn il-professjonisti l-evalwazzjonijiet li jistabbilixxu l-ekwivalenza terapewtika bejn is-sustanzi attivi disponibbli li jagħmlu parti mill-klassi terapewtika li tkun is-suġġett tal-iskema.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* (sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, C-518/07), dwar l-ipproċessar ta' data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-garanzija ta' indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni prevista mid-Direttiva 95/46/KE [37] hija intiża sabiex tiżgura l-effiċjenza u l-affidabbiltà tas-superviżjoni tal-osservanza tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u għandha tiġi interpretata fid-dawl ta' dan l-għan. Hija ma ġietx stabbilita sabiex tagħti status partikolari lil dawn l-awtoritajiet innifishom jew lill-aġenti tagħhom, iżda sabiex issaħħaħ il-protezzjoni tal-persuni u tal-korpi li huma kkonċernati mid-deċiżjonijiet tagħhom. B'hekk, meta jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom, l-awtoritajiet ta' superviżjoni għandhom jaġixxu b'mod oġġettiv u imparzjali. Għaldaqstant, dawn l-awtoritajiet ta' superviżjoni kompetenti għas-sorveljanza tal-ipproċessar tad-data personali fis-settur mhux pubbliku għandhom igawdu minn indipendenza li tippermettilhom jeżerċitaw id-dmirijiet tagħhom mingħajr influwenza esterna. Din l-indipendenza teskludi mhux biss kull influwenza eżerċitata mill-korpi li jaqgħu taħt superviżjoni, iżda wkoll minn kull pressjoni jew influwenza esterna oħra, sew jekk diretta jew indiretta, li jistgħu jmorru kontra t-twettiq, minn dawn l-awtoritajiet, tal-kompitu tagħhom li jikkonsisti f'li jiġi stabbilit ekwilibriju ġust bejn il-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u l-moviment liberu tad-data personali. Is-sempliċi riskju li l-awtoritajiet ta' skrutinju tal-Istat jistgħu jeżerċitaw influwenza politika fuq id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ta' superviżjoni kompetenti huwa biżżejjed sabiex jiġi ostakolat l-eżerċizzju indipendenti tad-dmirijiet tagħhom. Minn naħa, jista' jkun hemm "ubbidjenza mistennija" ta' dawn l-awtoritajiet fid-dawl tal-prassi deċiżjonali tal-awtorità ta' skrutinju tal-Istat. Min-naħa l-oħra, ir-rwol bħala gwardjani tad-dritt għall-ħajja privata li jassumu dawn l-awtoritajiet ta' superviżjoni jeżiġi li d-deċiżjonijiet tagħhom, u għaldaqstant huma stess, ikunu 'il fuq minn kull suspett ta'

[36] Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 262).

[37] It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(1) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

parzjalità. Għalhekk, l-iskrutinju mill-Istat eżerċitat fuq l-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni ma huwiex kompatibbli mar-rekwiżit ta' indipendenza.

Mogħtija fil-qasam tad-dritt tal-awtur u tad-drittijiet relatati, is-sentenza *Padawan* (sentenza tal-21 ta' Ottubru 2010, C-467/08) ipprovdiet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett, il-kriterji u l-limiti tal-kumpens ġust għal kopja privata. Id-Direttiva 2001/29/KE, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni [38], tirrikonoxxi l-eċċezzjoni ta' kopja privata introdotta fid-dritt nazzjonali minn ċerti Stati Membri, bil-kundizzjonijiet li d-detenturi tad-dritt ta' riproduzzjoni jirċievu kumpens ġust. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, l-ewwel nett, li l-kunċett ta' "kumpens ġust", fis-sens tal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29, jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha li introduċew l-eċċezzjoni ta' kopja privata. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-"bilanċ ġust" li għandu jinstab bejn il-persuni kkonċernati jimplika li l-kumpens ġust għandu neċessarjament jiġi kkalkolat abbażi tal-kriterju ta' ħsara kkawżata lill-awturi tax-xogħlijiet protetti wara l-introduzzjoni tal-eċċezzjoni ta' kopja privata. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-"ħlas għal kopja privata" ma huwiex impost direttament fuq l-utenti privati tal-apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni iżda fuq il-persuni li għandhom tali apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni, sa fejn huwa iktar faċli li jiġu identifikati dawn il-persuni u sa fejn dawn tal-aħħar għandhom il-possibbiltà li jgħaddu l-ispiża reali ta' dan il-finanzjament fuq l-utenti privati. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li hija meħtieġa rabta bejn l-applikazzjoni tas-sistema ta' ħlas intiża sabiex tiffinanzja l-kumpens ġust fir-rigward tal-materjal ta' riproduzzjoni u l-preżunzjoni ta' użu ta' dan tal-aħħar għall-finijiet ta' riproduzzjoni privata. Għaldaqstant, l-applikazzjoni mingħajr distinzjoni tas-sistema ta' ħlas għal kopja privata, b'mod partikolari fir-rigward tal-apparat, tagħmir u mezzi ta' riproduzzjoni diġitali li ma jkunux imqiegħda għad-dispożizzjoni ta' utenti privati u li jkunu manifestament riżervati għal użu differenti mill-ħolqien ta' kopji għal użu privat ma hijiex konformi mad-Direttiva 2001/29. Għall-kuntrarju, peress li l-apparat inkwistjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuni fiżiċi għal finijiet privati, b'ebda mod ma huwa neċessarju li jiġi stabbilit li dawn effettivament għamlu kopji privati permezz ta' dan l-apparat u għalhekk ikkawżaw effettivament ħsara lill-awtur tax-xogħol protett. Fil-fatt, hemm preżunzjoni leġittima li dawn il-persuni fiżiċi jibbenefikaw integralment minn dan it-tqegħid għad-dispożizzjoni, jiġifieri li huma sfruttaw il-funzjonijiet kollha assoċjati mal-imsemmi apparat, inkluża l-funzjoni ta' riproduzzjoni.

Fil-kawża *Kyrian* (sentenza tal-14 ta' Jannar 2010, C_233/08), it-talba għal deċiżjoni preliminari kienet tikkonċerna, l-ewwel nett, il-kwistjoni jekk, fid-dawl tal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 76/308/KEE, dwar l-assistenza bejn xulxin għall-irkupru ta' pretensjonijiet relatati ma' ċerti imposti, dazji, taxxi u miżuri oħra [39], kif emendata bid-Direttiva 2001/44/KE[40], il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun tinsab l-awtorità mitluba għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu n-natura eżekuttiva ta' titolu li jippermetti l-irkupru ta' kreditu, maħruġ fi Stat Membru ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, f'din is-sentenza, li l-qrati tal-Istat Membru mitlub, bħala prinċipju, ma għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu n-natura eżekuttiva ta' titolu li jippermetti l-eżekuzzjoni tal-irkupru, ħlief sabiex jivverifikaw il-konformità tat-titolu mal-ordni pubbliku tal-Istat imsemmi. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sa fejn in-notifika tikkostitwixxi "miżura ta' infurzar" fis-sens tal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 76/308, il-qorti tal-Istat Membru mitlub għandha ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ jekk dawn il-miżuri twettqux b'mod legali skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-imsemmi Stat Membru. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk, sabiex tkun legali, in-notifika tat-titolu

[38] Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol 1, p. 230).

[39] Direttiva tal-Kunsill 76/308/KEE, tal-15 ta' Marzu 1976 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 2, Vol. 1, p. 1).

[40] Direttiva tal-Kunsill 2001/44/KE, tal-15 ta' Ġunju 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 12, p. 27).

li jippermetti l-eżekuzzjoni tal-irkupru tal-kreditu għandhiex tkun indirizzata lid-debitur b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn tkun tinsab l-awtorità mitluba. Id-Direttiva 76/308 ma tistabbilixxi xejn f'dan ir-rigward. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-għan ta' din id-direttiva, li huwa li jiġi ggarantit it-twettiq effettiv tan-notifika ta' kull att jew deċiżjoni, għandu jiġi kkunsidrat li d-destinatarju ta' titolu eżekuttiv li jippermetti l-irkupru għandu, sabiex jitqiegħed f'pożizzjoni li jkun jista' jiddefendi d-drittijiet tiegħu, jirċievi n-notifika ta' dan it-titolu b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru mitlub. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, sabiex jiġi żgurat ir-rispett ta' dan id-dritt, il-qorti nazzjonali għandha tapplika d-dritt nazzjonali tagħha filwaqt li tishar sabiex tiżgura l-effikaċja sħiħa tad-dritt tal-Unjoni.

## *Kompetizzjoni*

Kien hemm żviluppi interessanti fil-ġurisprudenza li tikkonċerna kemm il-qasam tal-għajnuna mill-Istat u kemm dak tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi.

Fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Deutsche Post* (sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, C-399/08 P), il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex tasal għall-konklużjoni li jeżisti vantaġġ li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat favur impriża privata responsabbli sabiex topera servizz ta' importanza ekonomika ġenerali (iktar 'il quddiem "SIEĠ"). Filwaqt li l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat li r-riżorsi pubbliċi li kienet irċeviet l-impriża inkwistjoni bħala kumpens għall-provvista ta' SIEĠ kienu ta' ammont ogħla mill-ispejjeż addizzjonali kkawżati minn dan is-servizz u li dan il-kumpens żejjed kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni, il-Qorti Ġenerali annullat din id-deċiżjoni minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx uriet b'mod suffiċjenti, f'din id-deċiżjoni, l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE u minħabba li l-Kummissjoni ma setgħetx tippreżumi l-eżistenza ta' vantaġġ mogħti minn fondi pubbliċi lill-impriża mingħajr ma tivverifika minn qabel jekk dawn kinux effettivament iktar mill-ispejjeż addizzjonali kollha marbuta mat-twettiq ta' SIEĠ li kienet sostniet din l-impriża. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-analiżi tal-Qorti Ġenerali u ċaħdet l-aggravju tal-Kummissjoni bbażat fuq ksur tal-Artikoli 87(1) KE u 86(2) KE. Filwaqt li bdiet billi fakkret li kumpens finanzjarju mogħti lil impriża responsabbli sabiex topera SIEĠ jista' ma jaqax taħt id-deskrizzjoni ta' għajnuna mill-Istat, dan jista' jiġri biss jekk ikunu sodisfatti kundizzjonijiet preċiżi li jeħtieġu, b'mod partikolari, li dan il-kumpens ma jaqbiżx dak li huwa neċessarju sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha jew parti minnhom inkorsi fl-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku, fid-dawl tad-dħul rilevanti kif ukoll ta' profitt raġonevoli għall-eżekuzzjoni ta' dawn l-obbligi (kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg*, C-280/00, Ġabra p. I-7747, punti 74 u 75), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta l-validità ta' finanzjament ta' tali servizz tiġi eżaminata fid-dawl tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni hija obbligata tivverifika jekk din il-kundizzjoni kinitx sodisfatta. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet ikkonstatat nuqqasijiet f'dan ir-rigward fil-metodu użat mill-Kummissjoni u li għalhekk setgħet ġustament tikkonkludi li l-analiżi tal-Kummissjoni kienet difettuża, mingħajr madankollu ma bidlet l-oneru tal-prova u mingħajr ma ssostitwiet l-analiżi tal-Kummissjoni b'dik tagħha. Għalhekk, in-natura restrittiva tal-kundizzjonijiet li fihom il-kumpens ta' SIEĠ jista' ma jaqax taħt id-deskrizzjoni ta' għajnuna mill-Istat ma teħlisx lill-Kummissjoni minn oneru ta' prova strett meta hija tqis li dawn il-kundizzjonijiet ma kinux ġew osservati.

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Scott* (sentenza tat-2 ta' Settembru 2010, C-290/07 P), il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'appell minn sentenza tal-Qorti Ġenerali li annullat deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat inkompatibbli għajnuna mill-Istat mogħtija mill-awtoritajiet Franċiżi lil kumpannija Amerikana u li kienet tirriżulta mill-bejgħ ta' art b'kundizzjonijiet li ma jirriflettux ir-realtà tas-suq, appell fejn kellha tippreċiża l-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju magħmul mill-Qorti tal-Ġustizzja meta l-identifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat tqajjem diffikultajiet serji ta' evalwazzjoni. Il-Kummissjoni kienet qiegħda takkuża

lill-Qorti Ġenerali li marret lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ tagħha meta identifikat żbalji metodoloġiċi u żbalji fil-kalkolu li skont l-istess Qorti Ġenerali kienu jammontaw għal ksur tal-obbligu li l-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE titmexxa b'mod diliġenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħat dan l-aggravju filwaqt li fakkret, l-ewwel nett, il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza *Tetra Laval* (sentenza tal-15 ta' Frar 2005, *Il-Kummissjoni vs Tetra Laval*, C-12/03 P, Ġabra p. I-987, punt 39), li minnha jirriżulta li l-qorti tal-Unjoni ma għandhiex tivverifika biss l-eżattezza materjali tal-provi invokati, il-kredibbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex ta' natura tali li jsostnu l-konklużjonijiet li jkunu misluta minnhom. Marbuta ma' dan il-prinċipju hemm limitazzjoni importanti, fis-sens li l-qorti tal-Unjoni ma tistax, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, tissostitwixxi l-evalwazzjoni ekonomika magħmula mill-Kummissjoni b'dik tagħha. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Kummissjoni kienet obbligata tapplika l-kriterju ta' investitur privat sabiex tivverifika jekk il-prezz imħallas mill-benefiċjarju preżunt tal-għajnuna kienx jikkorrispondi għall-prezz li investitur privat, li jopera f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, seta' jiffissa. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ma kinitx identifikat l-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni li setgħu jiġġustifikaw l-annullament tad-deċiżjoni li tiddikjara l-inkompatibbiltà tal-għajnuna, b'tali mod li marret lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha. Fl-aħħar nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx takkuża lill-Kummissjoni li injorat ċerta informazzjoni li setgħet tkun utli minħabba li din l-informazzjoni ġiet ippreżentata sussegwentement għall-proċedura ta' investigazzjoni formali u minħabba li l-Kummissjoni ma għandhiex l-obbligu tiftaħ mill-ġdid din il-proċedura jekk tirċievi informazzjoni ġdida.

Fil-kawża *NDSHT vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-18 ta' Novembru 2010, C-322/09 P), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddefinixxi l-kontenut tal-kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat u li joriġina minn istituzzjoni Komunitarja. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'appell fejn kien qiegħed jintalab l-annullament ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet iddikjarat inammissibbli rikors li permezz tiegħu ntalab l-annullament tad-deċiżjoni li allegatament kienet tinsab fl-ittri tal-Kummissjoni mibgħuta lill-kumpannija NDSHT, dwar ilment li jirrigwarda għajnuna mill-Istat allegatament illegali mogħtija mill-belt ta' Stokkolma lil kumpannija kompetitriċi. L-appellanti, NDSHT, kienet qiegħda ssostni li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat l-ittri kontenzjużi, li fihom il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li ma tiħux azzjoni fir-rigward tal-ilment ta' NDSHT, bħala komunikazzjoni informali li ma setgħetx tiġi kkontestata fis-sens tal-Artikolu 230 KE. Fil-fatt, skont il-proċedura fis-seħħ, meta l-Kummissjoni tikkonstata, wara l-eżami ta' lment, li investigazzjoni ma tippermettix li jiġi konkluż li teżisti għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87 KE, hija tirrifjuta b'mod impliċitu li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-att inkwistjoni la seta' jitqies li huwa sempliċi komunikazzjoni informali u lanqas li huwa miżura provviżorja minħabba li kien jesprimi d-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni li ttemm l-eżami preliminari tagħha, u għalhekk li ma tiftaħx il-proċedura ta' investigazzjoni formali, u għal din l-istess raġuni dan l-att kellu konsegwenzi notevoli għall-appellanti. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li kkonfermat li l-appellanti kienet fil-fatt kumpannija kompetitriċi tal-kumpannija benefiċjarja tal-miżuri mqajma fl-ilment u kienet għalhekk fost il-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 88(2) KE, iddeċidiet li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-att kontenzjuż ma kellux il-karatteristiċi ta' deċiżjoni li setgħet tkun is-suġġett ta' rikors taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 minkejja li, irrispettivament mill-kwalità u mill-forma tiegħu, kien jipproduċi effetti legali vinkolanti ta' natura li jolqtu l-interessi tal-appellanti. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza inkwistjoni, ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq l-argument li l-att kontenzjuż ma setax ikun is-suġġett ta' rikors għal annullament u rrinvijat il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi dwar il-mertu.

Fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi, għandha tingħata attenzjoni b'mod partikolari lil żewġ sentenzi, waħda minnhom dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għall-gruppi ta' kumpanniji u l-oħra dwar il-portata tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom.

Permezz tas-sentenza *Knauf Gips vs Il-Kummissjoni* tal-1 ta' Lulju 2010 (C-407/08 P), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-każ ta' grupp ta' kumpanniji li jkun immexxi minn diversi persuni ġuridiċi, il-Kummissjoni ma twettaqx żball ta' evalwazzjoni meta tiddeċiedi li waħda minn dawn il-kumpanniji għandha titqies li hija esklużivament responsabbli għall-azzjoni tal-kumpanniji ta' dan il-grupp, li flimkien jikkostitwixxu unità ekonomika waħda. Fil-fatt, il-fatt li l-grupp ma jkunx immexxi minn persuna ġuridika waħda ma jipprekludix li kumpannija waħda tinżamm responsabbli għall-azzjoni ta' dan il-grupp. L-istruttura legali partikolari għal grupp ta' kumpanniji li tkun ikkaratterizzata mill-fatt li dan il-grupp ma jkunx immexxi minn persuna ġuridika waħda ma hijiex determinanti meta din l-istruttura ma tirriflettix il-funzjonament effettiv u l-organizzazzjoni reali tal-grupp imsemmi. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li n-nuqqas ta' rabtiet legali ta' subordinanza bejn żewġ kumpanniji li jmexxu l-grupp ma jibdilx il-konklużjoni li waħda minn dawn iż-żewġ kumpanniji kellha tinżamm responsabbli għall-aġir tal-grupp sa fejn, fil-verità, il-kumpannija l-oħra ma kinitx tiddetermina b'mod awtonomu l-aġir tagħha fuq is-suq inkwistjoni.

Barra minn hekk, is-sentenza *Knauf Gips vs Il-Kummissjoni* tipprovdi numru ta' preċiżazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-impriżi matul il-proċedura amministrattiva u meta jirrikorru għar-rimedji ġudizzjarji. Fil-fatt, f'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma timponi fuq id-destinatarju ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet l-obbligu li jikkontesta d-diversi punti ta' fatt u ta' liġi matul il-proċedura amministrattiva għaliex inkella ma jkunx jista' jikkontestahom sussegwentement fl-istadju tal-proċedura ġudizzjarja, u dan sa fejn tali limitazzjoni tkun kuntrarja għall-prinċipji fundamentali ta' legalità u ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża.

Fil-kawża *Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-14 ta' Settembru 2010, C-550/07 P) tqajmet ukoll kwistjoni dwar id-drittijiet tal-impriżi matul l-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet wettqet numru ta' kontrolli u kienet issekwestrat diversi dokumenti, fosthom kopji ta' ittri elettroniċi skambjati bejn id-Direttur Ġenerali u l-koordinatur ta' Akzo Nobel fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni, avukat irreġistrat mal-kamra tal-avukati Olandiża u impjegat minn Akzo Nobel. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tippreċiża jekk l-avukati interni impjegati minn impriża jibbenefikawx mill-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tagħhom bl-istess mod bħall-avukati esterni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li la l-iżvilupp fis-sitwazzjoni legali fi ħdan l-Istati Membri tal-Unjoni u lanqas l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat [41], ma kienu jiġġustifikaw il-kunsiderazzjoni li l-ġurisprudenza [42] timxi lejn rikonoxximent, lill-avukati interni, tal-benefiċċju tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-benefiċċju ta' din il-protezzjoni huwa suġġett għal żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. Minn naħa, il-komunikazzjoni mal-avukat għandha tkun marbuta mal-eżerċizzju tad-dritt tad-difiża tal-klijent u, min-naħa l-oħra, għandha tkun komunikazzjoni ma' avukat indipendenti, jiġifieri avukat li ma jkunx marbut mal-klijent permezz ta' relazzjoni ta' impjieg. Ir-rekwiżit ta' indipendenza jimplika n-nuqqas ta' kull relazzjoni ta' impjieg bejn l-avukat u l-klijent tiegħu, b'tali mod li l-protezzjoni abbażi tal-prinċipju tal-kunfidenzjalità ma testendix għall-komunikazzjonijiet fi ħdan impriża jew grupp ma' avukati interni. Avukat intern, minkejja l-fatt li jkun membru tal-kamra

41 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

42 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 1982, *AM & S Europe vs Il-Kummissjoni,* 155/79, Ġabra p. 1575.

tal-avukati u minkejja li jkun suġġett għar-regoli professjonali li jirriżultaw minn dan, ma għandux l-istess grad ta' indipendenza fil-konfront ta' min jimpjegah bħalma jkollu avukat li jkun jaħdem f'ditta ta' avukati esterna fil-konfront tal-klijent tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ikun iktar diffiċli għal avukat intern milli għal avukat estern li jsib rimedju għal tensjonijiet eventwali bejn l-obbligi professjonali u l-għanijiet mixtieqa mill-klijent tiegħu. Kemm minħabba d-dipendenza ekonomika tal-avukat intern kif ukoll minħabba r-rabtiet stretti ma' min jimpjegah, l-avukat intern ma jgawdix minn indipendenza professjonali simili għal dik ta' avukat estern.

## *Tassazzjoni*

Fil-kuntest ta' tliet kawżi (sentenzi tal-4 ta' Marzu 2010, C-197/08, C-198/09 u C-221/08), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentati mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Awstrija u l-Irlanda fil-qasam tal-iffissar ta' prezzijiet minimi għall-bejgħ bl-imnut ta' ċertu tabakk immanifatturat (is-sigaretti kif ukoll il-prodotti l-oħra tat-tabakk fir-rigward ta' Franza, is-sigaretti u t-tabakk maqtugħ fin fir-rigward tal-Awstrija u s-sigaretti fir-rigward tal-Irlanda), Il-Kummissjoni ppreżentat dawn ir-rikorsi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għaliex ikkunsidrat li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali inkwistjoni kienu jmorru kontra d-Direttiva 95/59/KE [43], li tistabbilixxi ċerti regoli dwar it-taxxa tas-sisa fuq il-konsum ta' dawn il-prodotti, sa fejn kienu jippreġudikaw il-libertà tal-manifatturi u tal-importaturi li jistabbilixxu l-prezzijiet massimi għall-bejgħ bl-imnut tal-prodotti tagħhom u għalhekk il-kompetizzjoni ħielsa.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sistema ta' prezzijiet minimi ma tistax titqies li hija kompatibbli mad-direttiva msemmija meta ma tkunx organizzata b'mod li jiġi eskluż, fi kwalunkwe ipoteżi, li jiġi ppreġudikat il-vantaġġ kompetittiv li jista' jirriżulta, għal ċerti manifatturi jew importaturi ta' tali prodotti, minn prezzijiet ta' produzzjoni iktar baxxi. Fil-fatt, hija ddeċidiet li jonqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 95/59 dawk l-Istati Membri li jimponu prezzijiet minimi għall-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti meta din is-sistema ma tippermettix li jiġi eskluż, fi kwalunkwe ipoteżi, li l-prezzijiet minimi imposti jippreġudikaw il-vantaġġ kompetittiv li jista' jirriżulta, għal ċerti manifatturi jew importaturi ta' prodotti tat-tabakk, minn prezzijiet ta' produzzjoni iktar baxxi. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali sistema, li, barra minn hekk, tiddetermina l-prezz minimu b'referenza għall-prezz medju fis-suq għal kull kategorija ta' sigaretti, jista' jkollha l-effett li telimina d-differenzi bejn il-prezzijiet ta' prodotti li jikkompetu u li tressaq dawn il-prezzijiet lejn il-prezz tal-prodott li jiswa l-iktar. Għalhekk, din is-sistema tikser il-libertà tal-manifatturi u tal-importaturi li jiddeterminaw il-prezz massimu tagħhom għall-bejgħ bl-imnut, iggarantita mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 95/59.

L-Istati Membri kienu ppruvaw jiġġustifikaw il-leġiżlazzjonijiet tagħhom billi jinvokaw il-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) [44]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-konvenzjoni ma jista' jkollha ebda impatt fuq in-natura kompatibbli jew le ta' tali sistema mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 95/59 sa fejn ma timponi ebda obbligu konkret fuq il-partijiet kontraenti fir-rigward tal-politika tal-prezzijiet għall-prodotti tat-tabakk, u sempliċement tiddeskrivi s-soluzzjonijiet possibbli sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet tas-saħħa nazzjonali fir-rigward tal-kontroll tat-tabakk. Fil-fatt, l-Artikolu 6(2) ta' din il-konvenzjoni jipprovdi biss li l-partijiet kontraenti għandhom jadottaw jew iżommu fis-seħħ miżuri li "jistgħu jinkludu" l-implementazzjoni

[43] Direttiva tal-Kunsill 95/59/KE, tas-27 ta' Novembru 1995, dwar taxxi li mhumiex taxxi fuq il-qligħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 283), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/10/KE, tat-12 ta' Frar 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 35, p. 182)

[44] Konvenzjoni Kwadru [Qafas] tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk, approvata mill-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/513/KE, tat-2 ta' Ġunju 2004 (ĠU L 142M 30.5.2006, p. 63).

ta' politika fiskali u "kif ikun xieraq" ta' politika tal-prezzijiet għall-prodotti tat-tabakk. L-Istati Membri invokaw ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 KE sabiex jiġġustifikaw ksur eventwali tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 95/59, u dan fir-rigward tal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 30 KE ma jistax jinftiehem bħala li jawtorizza miżuri ta' natura differenti minn restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni kif ukoll il-miżuri li għandhom effett ekwivalenti msemmija fl-Artikoli 28 KE u 29 KE.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-Direttiva 95/59 ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jikkontrollaw it-tabakk, kontroll li jaqa' taħt l-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, u fakkret li l-leġiżlazzjoni fiskali tikkostitwixxi strument importanti u effikaċi għall-kontroll tal-konsum tal-prodotti tat-tabakk u, għaldaqstant, għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika sa fejn l-għan li jiġi żgurat li l-prezzijiet ta' dawn il-prodotti jiġu ffissati f'livelli għolja jista' jintlaħaq b'mod adegwat b'tassazzjoni ogħla ta' dawn il-prodotti, peress li żidiet fit-taxxi tas-sisa għandhom eventwalment jirriżultaw f'żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut, mingħajr ma jinħoloq preġudizzju għal-libertà tal-iffissar tal-prezzijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-projbizzjoni li jiġu ffissati prezzijiet minimi ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jipprojbixxu l-bejgħ bit-telf tat-tabakk immanifatturat sa fejn dan ma jippreġudikax il-libertà tal-manifatturi u tal-importaturi li jiffissaw il-prezzijiet massimi għall-bejgħ bl-imnut tal-prodotti tagħhom. B'hekk, dawn l-operaturi ekonomiċi ma jkunux jistgħu jassorbu l-impatt tat-taxxi fuq dawn il-prezzijiet billi jbigħu l-prodotti tagħhom bi prezz inqas mit-total tal-prezz tal-produzzjoni u tat-taxxi kollha.

## *Trade marks*

Fil-kawża *Audi vs UASI* (sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, C-398/08 P), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li slogan pubbliċitarju seta' jiġi kkunsidrat, taħt ċerti kundizzjonijiet, bħala sinjal distintiv u seta' bħala tali jkun is-suġġett ta' trade mark valida, inkonformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [45]. Hija għalhekk annullat id-deċiżjoni li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tat-trade mark inkwistjoni kkostitwita mis-slogan "Vorsprung durch Technik" ("avvanz permezz tat-teknoloġija"). Fil-fatt, il-fatt li trade mark tkun ikkostitwita minn espressjoni promozzjonali li tista' tintuża minn impriżi oħra ma huwiex kriterju suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li din it-trade mark ma hijiex ta' karattru distintiv. Għalhekk, tali trade mark tista' tiġi pperċepita mill-pubbliku rilevanti kemm bħala espressjoni promozzjonali u kif ukoll bħala indikazzjoni tal-oriġini kummerċjali tal-prodotti u/jew tas-servizzi, indikazzjoni din li tikkostitwixxi l-funzjoni tat-trade mark. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi stabbilixxiet ċerti kriterji applikabbli għas-slogans pubbliċitarji: espressjoni li jista' jkollha diversi tifsiriet, li tista' tikkostitwixxi logħob tal-kliem jew li tista' tkun ipperċepita bħala immaġinattiva, sorprendenti u mhux mistennija u, bl-istess mod, li tista' tkun memorizzabbli. Il-preżenza ta' tali karatteristiċi, għalkemm ma hijiex neċessarja, hija madankollu ta' natura li tagħti karattru distintiv lis-sinjal inkwistjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk is-slogans pubbliċitarji huma kkostitwiti minn messaġġ oġġettiv, it-trade marks iffurmati abbażi ta' dawn is-slogans ma humiex, minħabba f'hekk, mingħajr karattru distintiv, sakemm ma jkunux deskrittivi. B'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex slogan pubbliċitarju ppreżentat bħala trade mark ikollu karattru distintiv, huwa għandu jkollu ċerta oriġinalità u riżonanza, għandu jeħtieġ sforz minimu ta' interpretazzjoni jew għandu jagħti lok għal proċess ta' konjizzjoni min-naħa tal-pubbliku kkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkonkludiet li, irrispettivament mis-sempliċità tas-slogan inkwistjoni, dan is-slogan ma setax jiġi kkunsidrat bħala ordinarju b'tali mod li seta' jiġi eskluż *a priori* u mingħajr ebda analiżi ulterjuri li t-trade mark, ikkostitwita minn dan is-slogan, hija

[45] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

adegwata sabiex tindika lill-konsumatur l-oriġini kummerċjali tal-prodotti jew servizzi koperti mill-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha.

Fil-kawżi magħquda *Google France SARL u Google Inc. vs Louis Vuitton Malletier SA, Google France SARL vs Viaticum SA u Luteciel SARL* u *Google France SARL vs Centre national de recherche en relations humaines (CNRRH) SARL et* (sentenza tat-23 ta' Marzu 2010, C-236/08 sa C-238/08), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Cour de cassation Franċiża, iddeċidiet dwar ir-responsabbiltà rispettiva tal-fornituri ta' servizzi ta' referenzar u ta' dawk li jirreklamaw fil-każ tal-użu tal-"AdWords". Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha għalhekk tinterpreta d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 40/94 [46] u tad-Direttiva 89/104/KEE [47] sabiex tippreċiża l-kunċett ta' użu ta' trade mark fis-sens tal-Artikolu 9(1) tar-regolament imsemmi u tal-Artikolu 5(1) u (2) tad-direttiva msemmija. Il-kumpannija Google tiġġestixxi mutur ta' riċerka fuq l-internet li huwa bbażat fuq l-użu ta' kliem prinċipali ("keywords") u toffri servizz ta' referenzar bi ħlas imsejjaħ "AdWords". Dan is-servizz jippermetti lil kull operatur ekonomiku juri link pubbliċitarju għas-sit tiegħu, flimkien ma' messaġġ pubbliċitarju, permezz tal-għażla ta' kelma jew kliem prinċipali, fil-każ li din il-kelma jew dawn il-kliem prinċipali jaqblu ma' dik jew dawk inklużi fit-talba magħmula mill-utent tal-internet fil-mutur ta' riċerka. Meta jintuża l-mutur ta' riċerka tal-kumpannija Google, id-dħul mill-utenti tal-internet tal-kliem li jikkostitwixxu dawn it-trade marks juri, fit-taqsima "liens commerciaux" ("links sponsorjati"), links għal, rispettivament, siti li joffru imitazzjonijiet tal-prodotti tal-kumpannija Louis Vuitton Malletier u għal siti ta' kompetituri tal-kumpannija Viaticum u tas-Centre national de recherche en relations humaines. Għalhekk, dawn il-kumpanniji, proprjetarji tat-trade marks użati bħala "AdWords", ħarrku lill-kumpannija Google sabiex jiġi kkonstatat, li din tal-aħħar kienet ippreġudikat it-trade marks tagħhom.

Il-Cour de cassation, li kellha tiddeċiedi fl-aħħar istanza dwar il-proċeduri mressqa mill-proprjetarji tat-trade marks kontra l-kumpannija Google, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-legalità tal-użu, bħala kliem prinċipali fil-kuntest ta' servizz ta' referenzar fuq l-internet, ta' sinjali li jikkorrispondu għal trade marks, mingħajr ma jkun ingħata l-kunsens tal-proprjetarji tagħhom. Dawk li jirreklamaw jużaw dawn is-sinjali għall-prodotti jew għas-servizzi tagħhom. Madankollu, dan ma huwiex il-każ fir-rigward tal-fornitur tas-servizz ta' referenzar, li jippermetti lil dawk li jirreklamaw li jagħżlu sinjali identiċi għal trade marks bħala kliem prinċipali, iżomm dawn is-sinjali u juri r-reklami tal-klijenti tiegħu fuq il-bażi tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-użu ta' sinjal identiku għal jew li jixbah lit-trade mark tal-proprjetarju minn terz jimplika, tal-inqas, li dan tal-aħħar juża s-sinjal fil-kuntest tal-komunikazzjoni kummerċjali tiegħu. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fornitur ta' servizz ta' referenzar jippermetti lil dawk li jirreklamaw jużaw sinjali identiċi għal jew li jixbhu lil trade marks proprjetà ta' terzi, mingħajr ma juża dawn is-sinjali huwa stess. Il-proprjetarju tat-trade marks, għalkemm ma jistax jinvoka dawn it-trade marks fil-konfront tal-fornitur ta' servizzi ta' referenzar, li ma jużahomx huwa stess, jista', għall-kuntrarju, jinvoka t-trade marks tiegħu fil-konfront ta' dawk li jirreklamaw li, permezz tal-kelma prinċipali li tikkorrispondi għat-trade marks, jippreżentaw reklami, permezz tal-kumpannija Google, li ma jippermettux lil jew li jagħmluha diffiċli għall-utent tal-internet li jidentifika l-impriża li tipprovdi l-prodotti jew is-servizzi indikati fir-reklam. Fil-fatt, l-utent tal-internet jista' jitfixkel dwar l-oriġini tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni. F'dan il-każ għalhekk ikun hemm preġudizzju għall-funzjoni tat-trade mark li tikkostitwixxi garanzija lill-konsumaturi tal-oriġini tal-prodott jew tas-servizz ("funzjoni ta' indikazzjoni ta' oriġini" tat-trade mark). Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina, individwalment f'kull każ, jekk il-fatti tal-kawża li jkollha

46 Ara nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti.

47 L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 92).

quddiemha jkunux ikkaratterizzati minn tali preġudizzju, jew minn riskju ta' tali preġudizzju, għall-funzjoni ta' indikazzjoni ta' oriġini. Fir-rigward tal-użu, minn dawk li jirreklamaw fuq l-internet, tas-sinjal li jikkorrispondi għat-trade mark ta' ħaddieħor bħala kelma prinċipali għall-finijiet tal-wiri ta' messaġġi pubbliċitarji, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li dan l-użu jista' jkollu ċerti riperkussjonijiet fuq l-użu pubbliċitarju tat-trade mark mill-proprjetarju tagħha kif ukoll fuq l-istrateġija kummerċjali tiegħu. Madankollu, dawn ir-riperkussjonijiet tal-użu tas-sinjal identiku għat-trade mark minn terzi ma jikkostitwixxux fihom infushom preġudizzju għall-"funzjoni ta' reklamar" tat-trade mark.

Il-Qorti tal-Ġustizzja sarulha domandi wkoll dwar ir-responsabbiltà ta' operatur, bħalma hija l-kumpannija Google, għad-data tal-klijenti tiegħu li dan l-operatur jaħżen fuq is-server tiegħu. Il-kwistjoni ta' responsabbiltà hija rregolata mid-dritt nazzjonali. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni jipprevedi limitazzjonijiet ta' responsabbiltà favur fornituri intermedjarji ta' servizzi tas-soċjetà tal-informatika[48]. Fir-rigward tal-kwistjoni jekk servizz ta' referenzar fuq l-internet, bħalma huwa "AdWords", jikkostitwixxix servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jikkonsisti fil-ħażna tal-informazzjoni pprovduta minn min jirreklama u jekk, għaldaqstant, il-fornitur tas-servizz ta' referenzar jibbenefikax minn limitazzjoni ta' responsabbiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk ir-rwol eżerċitat minn dan il-fornitur huwiex newtrali, jiġifieri li l-aġir tiegħu huwa sempliċement tekniku, awtomatiku u passiv, b'mod li jimplika n-nuqqas ta' tagħrif dwar u ta' kontroll fuq id-data li huwa jaħżen. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk jirriżulta li l-fornitur ta' servizzi ta' referenzar ma kellux rwol attiv, huwa ma jistax jitqies responsabbli għad-data li huwa ħażen fuq it-talba ta' min jirreklama sakemm, wara li sar jaf bin-natura illegali ta' din id-data jew tal-attivitajiet ta' min jirreklama, huma ma jiħux azzjoni mingħajr dewmien sabiex ineħħi jew iwaqqaf l-aċċess għal din id-data.

## *Politika soċjali*

Kienu diversi l-aspetti tal-politika soċjali, kif din il-politika qiegħda tiġi attwata fid-diversi direttivi li jikkonċernaw dan il-qasam, li tressqu għall-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fil-kawża *Albron Catering* (sentenza tal-21 ta' Ottubru 2010, C-242/09), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tippreċiża l-kunċett ta' "min jagħmel it-trasferiment" imsemmi fid-Direttiva 2001/23/KE, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferimenti ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[49]. Skont il-premessa 3 tagħha, din id-direttiva hija intiża li tipprovdi "għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega". F'dan is-sens, l-Artikolu 3(1) tagħha jipprovdi li "[i]d-drittijiet u l-obbliġi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment". Id-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża kienet dwar jekk, fil-każ ta' trasferiment fis-sens tad-Direttiva 2001/23 ta' impriża li tappartjeni għal grupp lil impriża barra minn dan il-grupp, l-impriża tal-grupp li magħha l-ħaddiema kienu assenjati b'mod permanenti minkejja li ma kinux marbuta b'kuntratt ta' impjieg, peress li fi ħdan dan il-grupp teżisti impriża li magħha l-ħaddiema kkonċernati kienu marbuta b'tali kuntratt ta' impjieg, tistax tiġi kkunsidrata wkoll bħala "min jagħmel it-trasferiment", skont l-Artikolu 2(1)(a) tal-imsemmija direttiva. Il-Qorti

48 Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

49 Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5 Vol. 4 p. 98).

tal-Ġustizzja wieġbet fl-affermattiv. Fil-fatt, ir-rekwiżit, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23, jew ta' kuntratt ta' impjieg, jew, b'mod alternattiv u għalhekk ekwivalenti, ta' relazzjoni ta' impjieg, fid-data tat-trasferiment, iwassal sabiex jiġi kkunsidrat li, skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, rabta kuntrattwali ma' min jagħmel it-trasferiment ma hijiex rikjesta, fiċ-ċirkustanzi kollha, sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija minn din id-direttiva.

Fil-kawża *Roca Álvarez* (sentenza tat-30 ta' Settembru 2010, C-104/09), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li miżura nazzjonali li tistipula li l-ħaddiema nisa, ommijiet ta' tarbija u li għandhom l-istatus ta' impjegat, jistgħu jibbenefikaw minn leave, skont diversi modalitajiet, matul l-ewwel disa' xhur wara t-twelid ta' din it-tarbija, filwaqt li ħaddiema rġiel, missirijiet ta' tarbija u li għandhom l-istess status, ma jistgħux jibbenefikaw mill-istess leave ħlief meta l-omm ta' din it-tarbija jkollha wkoll l-istatus ta' impjegat, tmur kontra d-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari kontra l-Artikolu 2(1), (3) u (4), u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 76/207/KEE[50]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, peress li dan il-leave jista' jittieħed kemm mill-missier impjegat kif ukoll mill-omm impjegata u peress li din l-għażla timplika li n-nutrizzjoni u l-kura tat-tarbija jistgħu jingħataw kemm mill-missier kif ukoll mill-omm, dan il-leave jidher li jingħata lill-ħaddiema fil-kwalità tagħhom ta' ġenituri tat-tarbija. Għaldaqstant ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jiżgura l-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika tal-mara wara t-tqala tagħha jew il-protezzjoni tar-relazzjonijiet speċjali bejn l-omm u t-tarbija tagħha. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-benefiċċju ta' dan il-leave huwa miċħud lill-missirijiet li għandhom l-istatus ta' impjegat, minħabba l-fatt biss li omm it-tarbija ma hijiex impjegata wkoll, jista' jkollu bħala effett li mara, li taħdem għal rasha, ikollha tillimita l-attività professjonali tagħha u terfa' waħidha l-piż li jirriżulta mit-twelid tat-tarbija tagħha, mingħajr ma tkun tista' tirċievi għajnuna minn missier it-tarbija. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali miżura ma tistax tiġi kkunsidrata bħala miżura li għandha l-effett li telimina jew li tnaqqas l-inugwaljanzi fattwali li jistgħu jeżistu għan-nisa, fir-realtà tal-ħajja soċjali, skont l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 76/207, u lanqas bħala miżura intiża sabiex twassal għal ugwaljanza sostanzjali u mhux formali billi tnaqqas l-inugwaljanzi fattwali li jistgħu jeżistu fil-ħajja soċjali u, b'hekk, sabiex tipprevjeni jew tikkumpensa, skont l-Artikolu 157(4) TFUE, għal żvantaġġi fil-karriera professjonali tal-persuni kkonċernati.

Fil-kawża *Danosa* (sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, C-232/09), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-ewwel nett tagħti risposta għall-kwistjoni ta' jekk persuna li tipprovdi servizzi lil kumpannija b'kapital azzjonarju, filwaqt li tkun membru tal-bord tad-diretturi tagħha, għandhiex tiġi kkunsidrata bħala ħaddiem fis-sens tad-Direttiva 92/85/KEE, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu[51]. Il-Qorti tal-Ġustizzja wieġbet fl-affermattiv, bil-kundizzjoni li l-funzjonijiet tal-persuna kkonċernata jkunu mwettqa, matul ċertu perijodu, taħt id-direzzjoni jew il-kontroll ta' organu ieħor ta' din il-kumpannija u li, bħala korrispettiv għal dawn il-funzjonijiet, hija tirċievi remunerazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li n-natura ġuridika *sui generis* tar-relazzjoni ta' impjieg fid-dritt nazzjonali ma jista' jkollha ebda effett fuq l-istatus ta' ħaddiem fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tivverifika l-konformità, fid-dawl tal-projbizzjoni ta' tkeċċija stabbilita fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/85, ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-tneħħija ta' membru tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija b'kapital azzjonarju mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni t-tqala ta' tali membru. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-eventwalità li l-persuna kkonċernata jkollha

50 Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 197).

51 Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' mizuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110).

l-istatus ta' "ħaddiema tqila" fis-sens ta' din id-direttiva, il-leġiżlazzjoni msemmija jkollha titqies li hija inkompatibbli ma' din l-istess direttiva. Jekk il-persuna kkonċernata ma jkollhiex dan l-istatus, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li din il-persuna tkun tista' tinvoka d-Direttiva 76/207/KEE, kif emendata bid-Direttiva 2002/73/KE [52]. Fil-fatt, skont il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, u b'mod partikolari skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/207, mara għandha tingħata protezzjoni kontra t-tkeċċija mhux biss matul il-leave tal-maternità iżda wkoll matul it-tqala kollha. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk jitqies li l-membru kkonċernat ta' bord tad-diretturi ma għandhiex l-istatus ta' "ħaddiema tqila", xorta jibqa' l-fatt li t-tneħħija tagħha, minħabba tqala jew minħabba raġuni essenzjalment ibbażata fuq dan l-istat, tista' tikkonċerna biss in-nisa u għalhekk tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess, kuntrarja għall-Artikoli 2(1) u (7) u 3(1)(c) tad-Direttiva 76/207.

Il-kawżi *Gassmayr* u *Parviainen* (sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, C-194/08 u C-471/08) wasslu wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 92/85, iċċitata iktar 'il fuq [53]. B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-kalkolu tar-remunerazzjoni li għandha tingħata lill-ħaddiema matul it-tqala tagħhom jew matul il-leave tal-maternità tagħhom meta jkunu provviżorjament ittrasferiti f'pożizzjoni oħra jew ikunu ngħataw leave mix-xogħol. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 92/85, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li ħaddiema tqila, mogħtija leave provviżorju mix-xogħol minħabba t-tqala tagħha, għandha dritt għal remunerazzjoni ekwivalenti għas-salarju medju li hija rċeviet matul perijodu ta' referenza qabel il-bidu tat-tqala tagħha, bl-esklużjoni tal-allowance għal xogħol tal-għassa. Fir-rigward ta' ħaddiema tqila li, inkonformità mal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 92/85, ġiet ittrasferita provviżorjament, minħabba t-tqala tagħha, f'pożizzjoni fejn tagħmel xogħol differenti minn dak li kienet twettaq qabel dan it-trasferiment, din il-ħaddiema ma għandhiex dritt għar-remunerazzjoni li hija kienet tirċievi bħala medja qabel l-imsemmi trasferiment. Fil-fatt, l-Istati Membri u, jekk ikun il-każ l-imsieħba soċjali, ma humiex obbligati, skont l-Artikolu 11(1) ta' din id-direttiva, li jżommu, f'dan it-trasferiment provviżorju, l-elementi tar-remunerazzjoni jew tal-allowances li jiddependu mill-eżerċizzju, mill-ħaddiema kkonċernata, ta' funzjonijiet speċifiċi f'kundizzjonijiet partikolari u li huma intiżi essenzjalment sabiex jingħata kumpens għall-inkonvenjenti marbuta ma' dan l-eżerċizzju. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minbarra ż-żamma tas-salarju bażiku tagħha, ħaddiema tqila mogħtija leave mix-xogħol jew li tkun imwaqqfa milli taħdem għandha dritt, skont l-imsemmi Artikolu 11(1), għall-elementi ta' remunerazzjoni jew għall-allowances li jkunu marbuta mal-istatus professjonali tagħha, bħalma huma l-allowances marbuta mal-kwalità tagħha ta' superjur ġerarkiku, mal-anzjanità tagħha u mal-kwalifki professjonali tagħha.

Barra minn hekk, fis-sentenza *Chatzi* (sentenza tas-16 ta' Settembru 2010, C-149/10), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-klawżola 2.1 tal-ftehim qafas dwar il-leave parentali konkluż mill-UNICE, CEEP u ETUC [54]. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata fis-sens li tagħti lill-wild dritt individwali għal-leave parentali, u dan kemm

[52] Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187), u Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002, li temenda d-Direttiva 76/207/KEE ċċitata iktar 'il fuq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 255).

[53] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 51.

[54] Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE, tat-3 ta' Ġunju 1996, dwar il-ftehim qafas konkluż mill-UNICE, CEEP u ta' ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 285), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/75/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li temenda, u testendi għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, id-Direttiva 96/34/KE dwar il-qafas ta' ftehim dwar il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNIIE, ĊEIP u l-KETU (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 263).

minħabba t-test stess tal-ftehim qafas u kif ukoll minħabba l-għan tiegħu. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-interpretazzjoni tal-klawżola 2.1 tal-ftehim qafas dwar il-leave parentali fis-sens li t-twelid ta' tewmin jagħti dritt għal numru ta' leave parentali ugwali għal dak tat-tfal li jkunu twieldu. Madankollu, hija ppreċiżat li, meta tinqara fid-dawl tal-prinċipju ta' trattament ugwali, din il-klawżola timponi fuq il-leġiżlatur nazzjonali d-dmir li jdaħħal fis-seħħ sistema ta' leave parentali li, skont is-sitwazzjoni eżistenti fl-Istat Membru kkonċernat, tiżgura lill-ġenituri ta' tewmin trattament li jieħu inkunsiderazzjoni b'mod xieraq il-ħtiġijiet partikolari tagħhom. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet f'idejn il-qorti nazzjonali sabiex tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tissodisfax dan ir-rekwiżit u, jekk ikun il-każ, sabiex tagħti lill-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali, sa fejn possibbli, interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni.

Kienu diversi l-kawżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tkompli tisħaqq fuq l-eżistenza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età u fejn setgħet tkompli tippreċiża l-portata ta' dan il-prinċipju.

Il-kawża *Andersen* (sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, C-499/08) tat l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2 u 6(1) tad-Direttiva 2000/78/KE [55], li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-ħaddiema eliġibbli għall-benefiċċju ta' pensjoni tax-xjuħija mħallsa minn min kien iħaddimhom skont skema ta' pensjoni li fiha huma ssieħbu qabel ma kellhom l-età ta' 50 sena ma jistgħux, minħabba dan il-fatt biss, jibbenefikaw minn kumpens speċjali għal tkeċċija intiż sabiex jiffavorixxi r-riintegrazzjoni professjonali ta' ħaddiema li jkollhom anzjanità ta' iktar minn tnax-il sena fl-impriża. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet tinkludi trattament differenti bbażat direttament fuq l-età. Dan għandu l-effett li jċaħħad lil ċerti ħaddiema mid-dritt għall-kumpens speċjali għal tkeċċija u dan għas-sempliċi raġuni li dawn jistgħu jibbenefikaw minn pensjoni tax-xjuħija. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi eżaminat il-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni għal din id-differenza fit-trattament, skont il-kundizzjonijiet previsti fid-Direttiva 2000/78. Hija ddeċidiet li għalkemm il-leġiżlazzjoni msemmija hija proporzjonata fir-rigward tal-għanijiet leġittimi tal-politika tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol, hija, għall-kuntrarju, tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. L-effett ta' din il-leġiżlazzjoni huwa li teskludi mill-benefiċċju tal-kumpens mhux biss lill-ħaddiema kollha li effettivament ikunu ser jirċievu pensjoni tax-xjuħija minn min iħaddimhom iżda wkoll dawk kollha li huma eliġibbli għall-benefiċċju ta' tali pensjoni iżda li jkunu jixtiequ jkomplu l-karriera professjonali tagħhom. Għalhekk, din il-leġiżlazzjoni ma hijiex ġustifikata u b'hekk hija inkompatibbli mad-Direttiva 2000/78.

Fis-sentenza *Kücükdevici* (sentenza tad-19 ta' Jannar 2010, C-555/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, kif stabbilit mid-Direttiva 2000/78, iċċitata iktar 'il fuq, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-perijodi ta' xogħol imwettqa mill-impjegat qabel ma jilħaq l-età ta' 25 sena ma jittiħdux inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-terminu tal-avviż qabel it-tkeċċija mix-xogħol. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li direttiva ma tistax, waħedha, toħloq obbligi fil-konfront ta' individwu u għaldaqstant ma tistax tiġi invokata bħala tali kontrih. Madankollu, hija ppreċiżat li d-Direttiva 2000/78 sempliċement tikkonkretizza l-prinċipju ta' trattament ugwali fil-qasam tal-impjiegi u tax-xogħol u li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li hija l-qorti nazzjonali adita b'kawża li tinvolvi l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, kif stabbilit mid-Direttiva 2000/78, li, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, għandha tiżgura l-protezzjoni ġuridika tal-partijiet li tirriżulta

[55] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

mid-dritt tal-Unjoni u li tiggarantixxi l-effett sħiħ tiegħu billi, jekk ikun hemm bżonn, ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jmorru kontra dan il-prinċipju.

Fl-aħħar nett, fil-kawżi *Wolf, Petersen* (sentenzi tat-12 ta' Jannar 2010, C-229/08 u C-341/08) u *Rosenbladt* (sentenza tat-12 ta' Ottubru 2010, C-45/09), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-portata li għandha tingħata lill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bbażata fuq l-età, fid-dawl tad-Direttiva 2000/78, iċċitata iktar 'il fuq. Fl-ewwel kawża, hija ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li tiffissa għal 30 sena l-limitu tal-età massima għar-reklutaġġ fil-korp ta' impjieg tas-servizz tekniku intermedjarju tal-pompieri, minkejja li tintroduċi differenza fit-trattament ibbażata fuq l-età fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, tista' tiġi kkunsidrata li hija xierqa għall-għan li tiġi żgurata n-natura operattiva u l-funzjonament tajjeb tas-servizz tal-pompieri professjonali, li jikkostitwixxi għan leġittimu fis-sens tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni msemmija ma tidhirx li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan peress li l-fatt li wieħed ikollu kapaċitajiet fiżiċi partikolarment għolja jista' jitqies bħala ħtieġa essenzjali u determinanti tax-xogħol, fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija, għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' pompier tas-servizz tekniku intermedjarju u peress li l-ħtieġa li persuna jkollha l-kapaċità fiżika sħiħa sabiex teżerċita din il-professjoni hija marbuta mal-età tal-membri ta' dan is-servizz.

Fit-tieni kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/78 jipprekludi miżura nazzjonali li tiffissa limitu fl-età massima għall-prattika tal-professjoni ta' dentist li jaħdem fuq bażi kuntrattwali mal-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa, fil-każ preżenti ta' 68 sena, meta din il-miżura jkollha bħala l-uniku għan li tiġi protetta s-saħħa tal-pazjenti mit-tnaqqis ta' kapaċità ta' dawn id-dentisti wara din l-età, u dan sa fejn dan l-istess limitu fl-età ma huwiex applikabbli għad-dentisti li ma jaħdmux fuq bażi kuntrattwali mal-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 6(1) tad-direttiva msemmija ma jipprekludix tali miżura meta din ikollha bħala għan it-tqassim tal-possibbiltajiet ta' impjieg bejn il-ġenerazzjonijiet fi ħdan il-professjoni tad-dentisti li jaħdmu fuq bażi kuntrattwali mal-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-suq tal-impjieg ikkonċernat, din il-miżura tkun xierqa u neċessarja sabiex jintlaħaq dan l-għan. Fit-tielet kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78 ma jipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha jitqiesu bħala validi l-klawżoli ta' terminazzjoni awtomatika tal-kuntratti ta' xogħol minħabba l-fatt li l-impjegat ikun laħaq l-età tal-irtirar, sa fejn, minn naħa, l-imsemmija dispożizzjoni hija oġġettivament u raġonevolment iġġustifikata b'għan leġittimu tal-politika tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol, u min-naħa l-oħra, il-mezzi sabiex jintlaħaq dan l-għan huma xierqa u neċessarji.

## *Ambjent*

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, C-297/08), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha teżamina jekk, kif kienet qiegħda ssostni l-Kummissjoni, ir-Repubblika Taljana kinitx naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2006/12/KE [56]. Il-fatti allegati fil-konfront tal-Italja kienu jikkonċernaw ir-rimi tal-iskart mir-reġjun tal-Campania biss.

Fir-rigward tal-infrastrutturi għall-irkupru u r-rimi tal-iskart urban, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fir-rigward tal-istabbiliment ta' netwerk integrat u adegwat ta' installazzjonijiet għar-rimi tal-iskart, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni rigward l-għażla tal-bażi territorjali li jqisu xierqa sabiex isiru awtosuffiċjenti fil-livell nazzjonali. Fir-rigward ta' ċerti tipi ta' skart, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, l-ipproċessar jista' effettivament isir f'daqqa fi struttura jew strutturi fuq skala nazzjonali, jew inkella b'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra. Għall-kuntrarju,

[56] Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar l-iskart (ĠU L 114, p. 9).

fir-rigward tal-iskart urban mhux perikoluż – li ma jeħtieġx installazzjonijiet speċjalizzati – l-Istati Membri għandhom jorganizzaw netwerk għar-rimi tal-iskart fl-iktar post viċin dak tal-produzzjoni, bla ħsara għall-possibbiltà li tiġi prevista kooperazzjoni interreġjonali, jew transkonfinali, li tissodisfa l-prinċipju ta' viċinanza. La l-oppożizzjoni mill-abitanti, la n-nuqqas ta' eżekuzjoni tal-kuntratti u lanqas l-eżistenza ta' attivitajiet kriminali ma jikkostitwixxu każijiet ta' forza maġġuri li jistgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mid-direttiva msemmija jew in-nuqqas li l-infrastruttura meħtieġa tiġi stabbilita b'mod effettiv u fil-ħin mixtieq.

Fir-rigward tal-perikolu għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara kkawżata lill-ambjent, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għalkemm din id-direttiva tistabbilixxi l-għanijiet tal-konservazzjoni tal-ambjent u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, hija ma tippreċiżax il-kontenut konkret tal-miżuri li għandhom jittieħdu u tħalli lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni. Għaldaqstant, bħala prinċipju, ma huwiex possibbli li, abbażi ta' sitwazzjoni fattwali li ma tkunx konformi mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tad-direttiva msemmija, jiġi direttament konkluż li l-Istat Membru kkonċernat neċessarjament naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-dispożizzjoni, jiġifieri, li naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jiżgura li l-iskart jintrema mingħajr perikolu għas-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent. Madankollu, il-persistenza ta' sitwazzjoni fattwali bħal din, b'mod partikolari meta tinvolvi degradazzjoni sinjifikattiva tal-ambjent matul perijodu twil mingħajr intervent min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti, tista' tindika li l-Istati Membru qabżu l-marġni ta' diskrezzjoni li tagħtihom din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, billi ma stabbilixxietx netwerk adegwat u integrat ta' installazzjonijiet għall-irkupru u għar-rimi tal-iskart viċin il-post fejn jiġi prodott u billi ma adottatx il-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġu evitati perikolu għas-saħħa tal-bniedem u ħsara lill-ambjent, fir-reġjun tal-Campania, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha fir-rigward ta' dawn iż-żewġ aspetti.

Fiż-żewġ sentenzi *ERG et*, tad-9 ta' Marzu 2010, mogħtija rispettivament fil-Kawża C-378/08 u fil-Kawżi magħquda C-379/08 u C-380/08, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali [57].

Fil-Kawża C-378/08, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-direttiva msemmija dwar ir-responsabbiltà ambjentali ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtorità kompetenti tippreżumi l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-operaturi u t-tniġġis ikkonstatat, u dan minħabba l-prossimità tal-installazzjonijiet tagħhom maż-żona mniġġsa. Madankollu, skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, sabiex tiġi preżunta tali rabta kawżali, din l-awtorità għandha jkollha indizji plawżibbli li fuqhom tista' tibbaża l-preżunzjoni tagħha, bħalma huma l-prossimità tal-installazzjoni tal-operatur mat-tniġġis ikkonstatat u l-korrispondenza bejn is-sustanzi li jniġġsu misjuba u l-komponenti użati mill-operatur fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti ma hijiex marbuta li tistabbilixxi t-tort tal-operatur li l-attivitajiet tiegħu huma meqjusa bħala responsabbli għad-danni kkawżati lill-ambjent. Għall-kuntrarju, din l-awtorità għandha l-ewwel nett tfittex l-oriġini tat-tniġġis ikkonstatat, u f'dan ir-rigward din l-awtorità għandha marġni ta' diskrezzjoni f'dak li jikkonċerna l-proċeduri, il-mezzi li għandhom jintużaw, u t-tul ta' tali riċerka.

Fil-Kawżi magħquda C-379/08 u C-380/08, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li tbiddel b'mod sostanzjali l-miżuri ta' rimedju għad-danni ambjentali li jkunu ġew deċiżi wara proċedura kontradittorja li saret b'kooperazzjoni mal-operaturi kkonċernati u li

[57] Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 357).

diġà twettqu jew bdew jitwettqu. Madankollu, sabiex tadotta deċiżjoni bħal din, din l-awtorità għandha:

– tisma' lill-operaturi, ħlief meta l-urġenza tas-sitwazzjoni ambjentali titlob azzjoni immedjata min-naħa tal-awtorità kompetenti;

– issejjaħ, b'mod partikolari, lill-persuni li tagħhom hija l-art li fuqha għandhom jitwettqu dawn il-miżuri sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, u għandha tieħu dawn l-osservazzjonijiet inkunsiderazzjoni, u

– tindika fid-deċiżjoni tagħha r-raġunijiet li jimmotivaw l-għażla tagħha kif ukoll, jekk ikun il-każ, ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw il-fatt li ma kellux għalfejn isir li jew ma setax isir eżami ddettaljat minħabba, pereżempju, l-urġenza tas-sitwazzjoni ambjentali.

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li din l-istess direttiva dwar ir-responsabbiltà ambjentali ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-awtorità kompetenti li tissuġġetta l-eżerċizzju tad-dritt tal-operaturi li jużaw l-artijiet tagħhom għall-kundizzjoni li huma jwettqu x-xogħlijiet għar-rimedju ambjentali rikjesti minnha, u dan anki fil-każ fejn l-imsemmija artijiet ma jkunux affettwati minn dawn ix-xogħlijiet minħabba l-fatt li huma diġà kienu s-suġġett ta' miżuri preċedenti ta' "risanament" jew li qatt ma kienu mniġġsa. Madankollu, tali miżura għandha tkun iġġustifikata mill-għan li jiġi evitat li s-sitwazzjoni ambjentali tmur għall-agħar, jew, skont il-prinċipju ta' prekawzjoni, mill-għan tal-prevenzjoni tal-okkorrenza jew ir-rikorrenza ta' danni ambjentali oħra fl-artijiet tal-operaturi, li jmissu mal-kosta kollha tal-baħar li hija s-suġġett tal-miżuri ta' rimedju.

## *Viża, ażil u immigrazzjoni*

F'dan il-qasam, li jinsab fi żvilupp kostanti, ingħataw diversi sentenzi li jistħoqqilhom attenzjoni. Fil-kawżi *Melki* u *Abdeli* (sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2010, C-188/10 u C-189/10), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 67(2) TFUE, kif ukoll l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 [58] jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istat Membru kkonċernat il-kompetenza li jikkontrollaw, f'żona ta' 20 kilometru biss li tibda mill-fruntiera terrestri ta' dan l-Istat mal-Istati partijiet fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, l-identità ta' kwalunkwe persuna, indipendentement mill-aġir tagħha u miċ-ċirkustanzi partikolari li joħolqu riskju ta' preġudizzju għall-ordni pubbliku, sabiex issir verifika tal-osservanza tal-obbligi taż-żamma, ta' pussess u ta' preżentazzjoni tat-titoli u tad-dokumenti previsti mil-liġi, mingħajr ma jiġi previst il-limitu neċessarju ta' din il-kompetenza li jiggarantixxi li l-eżerċizzju fil-prattika tal-imsemmija kompetenza ma jkollux effett ekwivalenti għal dak tal-verifiki fil-fruntieri.

Fil-kawża *Chakroun* (sentenza tal-4 ta' Marzu 2010, C-578/08), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkunsidrat li l-espressjoni *"jirrikorri għas-sistema ta' għajnuna soċjali"* li tinsab fl-Artikolu 7(1)(ċ) tad-Direttiva 2003/86/KE [59] għandha tiġi interpretata fis-sens li

[58] Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 105, p. 1).

[59] Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE, tat-22 ta' Settembru 2003, dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224).

ma tippermettix li Stat Membru jadotta leġiżlazzjoni dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja li tirrifjuta din ir-riunifikazzjoni lill-persuna li tkun qiegħda tirriunifika l-familja tagħha li jkollha l-prova li għandha riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti li jippermettulha tissodisfa l-bżonnijiet tagħha u tal-membri tal-familja tagħha, iżda li, minħabba l-livell tad-dħul tagħha, tista' madankollu titlob għajnuna speċjali fil-każ ta' spejjeż partikolari u individwali kkunsidrati neċessarji għall-għajxien tagħha, rifużjonijiet tat-taxxa mogħtija minn awtoritajiet lokali skont id-dħul, jew miżuri ta' sostenn għad-dħul fil-kuntest tal-politika minima komunali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni nett, iddeċidiet li d-Direttiva 2003/86, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(d) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-dħul imposti fl-Artikolu 7(1)(ċ) tad-direttiva msemmija, tagħmel distinzjoni skont jekk ir-relazzjoni mal-familja bdietx qabel jew wara d-dħul tal-persuna li tkun qiegħda tirriunifika l-familja tagħha fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

Fil-kawża *Bolbol* (sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, C-31/09), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva 2004/83/KE [60]. Il-karatteristika partikolari ta' din id-direttiva hija li tirriproduċi, fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea, l-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Genève [61]. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-regoli speċifiċi tal-Konvenzjoni applikabbli għall-Palestinjani spostati jikkonċernaw biss il-persuni li jkunu attwalment qegħdin jirċievu l-protezzjoni jew l-għajnuna tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Assistenza u x-Xogħol għar-Refuġjati Palestinjani tal-Lvant Qarib (iktar 'il quddiem l-"UNRWA"). Għaldaqstant, huma biss il-persuni li effettivament użaw l-għajnuna pprovduta mill-UNRWA li jaqgħu taħt dawn ir-regoli speċifiċi. Għall-kuntrarju, persuni li huma jew li kienu biss eliġibbli li jibbenefikaw minn protezzjoni jew minn għajnuna pprovduta mill-UNRWA jibqgħu koperti mid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Konvenzjoni. Għalhekk, l-applikazzjonijiet tagħhom għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat għandhom ikunu s-suġġett ta' eżami individwali u jistgħu jintlaqgħu biss fil-każ ta' persekuzzjoni għal raġunijiet ta' appartenenza għal razza jew reliġjon, ta' nazzjonalità jew għal raġunijiet politiċi. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-prova li l-persuna kkonċernata tkun effettivament qiegħda tirċievi għajnuna mingħand l-UNRWA, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm ir-reġistrazzjoni mal-UNRWA hija prova suffiċjenti, il-benefiċjarju għandu jkun jista' jipproduċi din il-prova permezz ta' mezzi oħra.

Fil-kawżi *B* u *D* (sentenzi tad-9 ta' Novembru 2010, C-57/09 u C-101/09), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-klawżola ta' esklużjoni tal-istatus ta' refuġjat previsti fl-Artikolu 12(2)(b) u (ċ) tad-Direttiva 2004/83/KE [62]. Is-sitwazzjoni ppreżentata quddiemha kienet tinvolvi kandidat għall-istatus ta' refuġjat, minn naħa, u refuġjat irrikonoxxut, min-naħa l-oħra, li t-tnejn li huma kienu jagħmlu parti minn organizzazzjonijiet imniżżla fil-lista tal-Unjoni Ewropea ta' persuni, gruppi u entitajiet involuti f'atti ta' terroriżmu, lista stabbilita bħala parti mill-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-kuntest ta' riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi eżaminat il-kwistjoni ta' jekk – meta l-persuna kkonċernata kienet tagħmel parti minn organizzazzjoni mniżżla fil-lista u meta din il-persuna sostniet b'mod attiv il-ġlieda bl-armi ta' din l-organizzazzjoni, jekk mhux ukoll okkupat pożizzjoni importanti fi ħdan din

[60] Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE, tad-29 ta' April 2004, dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat [status] ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 7, p. 96).

[61] Konvenzjoni ta' Genève, tat-28 ta' Lulju 1951, dwar l-istatus ta' refuġjati [Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)],

[62] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 60.

l-organizzazzjoni – jistax jingħad li jkun hemm "*delitt serju mhux politiku*" jew "*atti kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti*" fis-sens tad-direttiva msemmija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-esklużjoni mill-istatus ta' refuġjat ta' persuna li kienet tagħmel parti minn organizzazzjoni li tapplika metodi terroristiċi hija suġġetta għal eżami individwali tal-fatti speċifiċi li permezz tagħhom l-awtorità kompetenti tkun tista' tevalwa jekk hemmx raġunijiet serji sabiex wieħed jaħseb li, fil-kuntest tal-attivitajiet tagħha fi ħdan din l-organizzazzjoni, din il-persuna wettqet delitt serju mhux politiku jew kienet ħatja ta' atti kuntrarji għall-għanijiet u għall-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti, jew li hija istigat tali delitt jew tali atti jew ipparteċipat fihom fi kwalunkwe mod ieħor, fis-sens ta' din l-istess direttiva.

Minn dan jirriżulta, l-ewwel nett, li s-sempliċi fatt li l-persuna kkonċernata kienet tagħmel parti minn tali organizzazzjoni ma jistax ikollu l-konsegwenza awtomatika li hija għandha tiġi eskluża mill-istatus ta' refuġjat. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li lanqas is-sempliċi parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' grupp terroristiku ma hija ta' natura li tagħti lok għall-applikazzjoni awtomatika tal-klawżoli ta' esklużjoni previsti fl-istess direttiva, sa fejn din id-direttiva tippresupponi reviżjoni kompleta taċ-ċirkustanzi kollha partikolari għal kull każ individwali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat li l-esklużjoni mill-istatus ta' refuġjat skont waħda mill-klawżoli ta' esklużjoni kkonċernati ma hijiex suġġetta għall-fatt li l-persuna kkonċernata tkun ta' perikolu attwali għall-Istat Membru ospitanti. Il-klawżoli ta' esklużjoni huma intiżi sabiex jippenalizzaw biss atti mwettqa fil-passat. Fis-sistema ta' din id-direttiva, hemm dispożizzjonijiet oħra li permezz tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu l-miżuri neċessarji meta persuna tkun ta' perikolu attwali.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat din id-direttiva fis-sens li l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu dritt ta' ażil taħt id-dritt nazzjonali tagħhom lil persuna eskluża mill-istatus ta' refuġjat skont waħda mill-klawżoli ta' esklużjoni ta' din id-direttiva, sakemm dan it-tip ieħor ta' protezzjoni ma jkunx jinvolvi riskju ta' konfużjoni mal-istatus ta' refuġjat fis-sens tal-istess direttiva.

Fil-kawżi *Salahadin Abdulla et* (sentenzi tat-2 ta' Marzu 2010, C-175/08, C-176/08, C-178/08, C-179/08), il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kundizzjonijiet għall-waqfien tal-istatus ta' refuġjat minħabba raġunijiet marbuta ma' bdil fiċ-ċirkustanzi li kienu ġġustifikaw ir-rikonoxximent ta' dan l-istatus, fis-sens tal-Artikolu 11(1)(e) tad-Direttiva 2004/83 iċċitata iktar 'il fuq.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li persuna titlef l-istatus ta' refuġjat meta, sussegwentement għal bdil fiċ-ċirkustanzi ta' natura sinjifikattiva u mhux temporanja, li seħħ fil-pajjiż terz ikkonċernat, iċ-ċirkustanzi li kienu ġġustifikaw il-biża' ta' persekuzzjoni ma jkunux għadhom jeżistu u meta din il-persuna ma jkollhiex raġunijiet oħrajn sabiex tibża' minn persekuzzjoni. Sabiex jaslu għall-konklużjoni li l-biża' tar-refuġat minn persekuzzjoni ma għadx għandha bażi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-atturi li joffru protezzjoni fil-pajjiż terz, imsemmija fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/83, ikunu ħadu miżuri raġonevoli sabiex tiġi evitata persekuzzjoni. Għalhekk, dawn l-atturi għandhom ikollhom, b'mod partikolari, sistema legali effettiva għall-kxif, prosekuzzjoni u pieni ta' atti li jikkostitwixxu persekuzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw ukoll li ċ-ċittadin ikkonċernat, fil-każ tal-waqfien tal-istatus tiegħu ta' refuġjat, ser ikollu aċċess għal din il-protezzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi analizzat l-ipoteżi fejn iċ-ċirkustanzi li kienu wasslu għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat ma jkunux għadhom jeżistu u ppreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw, jekk ikun meħtieġ, jekk jeżistux ċirkustanzi oħra li jiġġustifikaw li l-persuna kkonċernata jista' jkollha biża' ġġustifikata li tkun is-suġġett ta' persekuzzjoni. Fil-kuntest ta' din l-analiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, b'mod partikolari, li kemm fl-istadju tal-għoti tal-istatus ta' refuġjat u kemm fl-istadju tal-eżami tal-kwistjoni taż-żamma

ta' dan l-istatus, l-evalwazzjoni tirrigwarda l-istess kwistjoni dwar jekk iċ-ċirkustanzi stabbiliti jikkostitwixxux theddida ta' persekuzzjoni ta' natura tali li l-persuna kkonċernata jista' jkollha raġuni li tibża', fid-dawl tas-sitwazzjoni individwali tagħha, li tkun effettivament is-suġġett ta' atti ta' persekuzzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-kriterju ta' probabbiltà sabiex jiġi evalwat ir-riskju ta' persekuzzjoni huwa l-istess bħal dak applikat meta jingħata l-istatus ta' refuġjat.

## *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u dritt internazzjonali privat*

Il-"Komunitarizzazzjoni" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili mxiet id f'id, kif wieħed jistenna, mat-tisħiħ fir-rwol tal-qorti Komunitarja.

Matul is-sena 2010, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet importanti li jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-kuntratti stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [63].

Fost dawn id-deċiżjonijiet, ta' min wieħed isemmi, l-ewwel nett, is-sentenza *Car Trim* (sentenza tal-25 ta' Frar 2010, C-381/08), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru 44/2001, li jistabbilixxi żewġ definizzjonijiet awtonomi, waħda dwar il-kuntratt ta' bejgħ ta' merkanzija, u l-oħra dwar il-kuntratt ta' provvista ta' servizzi, sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali stabbilita fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 44/2001, fil-qasam kuntrattwali, regola li tagħti ġurisdizzjoni lill-qorti tal-post fejn l-obbligu li jkun il-bażi tar-rikors ġie jew għandu jiġi eżegwit. Fir-rigward tal-kuntratt ta' bejgħ ta' merkanzija, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 5(1)(b) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi l-post ta' eżekuzzjoni ta' dan l-obbligu bħala l-post tal-kunsinna tal-merkanzija, kif previst fil-kuntratt. Fir-rigward tal-kuntratt ta' provvista ta' servizzi, it-tieni inċiż tal-Artikolu 5(1)(b) ta' dan l-istess regolament jirreferi għall-post fejn jiġu pprovduti s-servizzi, kif previst fil-kuntratt. Id-domanda preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża kienet tikkonċerna, minn naħa, id-definizzjoni tal-kriterji ta' distinzjoni bejn il-"bejgħ ta' merkanzija" u l-"provvista ta' servizzi" fis-sens tal-Artikolu 5(1)(b) tar-regolament imsemmi u, min-naħa l-oħra, id-determinazzjoni tal-post ta' eżekuzzjoni tal-obbligu ta' kunsinna fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, b'mod partikolari fil-każ fejn il-kuntratt ma jistabbilixxi xejn f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-ewwel parti tad-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kuntratti li l-għan tagħhom huwa l-kunsinna ta' merkanzija li trid tiġi ffabbrikata jew prodotta meta x-xerrej ikun ifformula ċerti rikjesti dwar ix-xiri, l-ipproċessar u l-kunsinna tal-merkanzija, mingħajr ma pprovda l-materjali, u meta l-fornitur ikun responsabbli għall-kwalità u l-konformità tal-merkanzija mal-kuntratt, għandhom jiġu kkwalifikati bħala "bejgħ ta' merkanzija" fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 5(1)(b) ta' dan ir-regolament. Fir-rigward tat-tieni parti tad-domanda preliminari dwar id-determinazzjoni tal-post ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet, l-ewwel nett, li, skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Nru 44/2001, fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, il-post fejn il-merkanzija kienet jew kellha tiġi kkunsinnata skont il-kuntratt għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, jekk fuq din il-bażi jkun impossibbli li jiġi ddeterminat il-post tal-kunsinna, mingħajr ma jsir riferiment għad-dritt sostantiv applikabbli għall-kuntratt, dan il-post huwa dak fejn fiżikament twasslet il-merkanzija b'tali mod li x-xerrej kiseb jew kellu jikseb is-setgħa li jiddisponi effettivament minn din il-merkanzija fid-destinazzjoni finali tagħha. Fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, din is-soluzzjoni ma tissodisfax biss l-għan

[63] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

ta' prevedibbiltà u ta' prossimità, iżda hija wkoll konformi mal-għan fundamentali tal-kuntratt ta' bejgħ ta' merkanzija, jiġifieri t-trasferiment tagħha mill-bejjiegħ lix-xerrej, tranżazzjoni li tiġi kkompletata biss mal-wasla ta' din il-merkanzija fid-destinazzjoni finali tagħha.

Jistħoqqilhom attenzjoni wkoll żewġ kawżi magħquda, *Pammer* u *Hotel Alpenhof* (sentenzi tas-7 ta' Diċembru 2010, C-585/08 u C-144/09), li wkoll jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 fil-qasam kuntrattwali. F'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament, li jikkonċerna l-kuntratti konklużi minn konsumaturi. B'mod iktar preċiż, id-domanda preliminari komuni għal dawn iż-żewġ kawżi kienet tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "attività indirizzata" lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur, kunċett li jinsab fl-Artikolu 15(1)(ċ) tar-Regolament Nru 44/2001. Dan il-kunċett, li l-għan tiegħu huwa li jippermetti l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċjali ta' dan ir-regolament li jipproteġu lill-konsumatur li jikkonkludi kuntratti fuq l-internet, ma huwiex iddefinit fir-regolament imsemmi. Hija biss dikjarazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 44/2001 li tippreċiża li "is-sempliċi fatt li sit ta' l-Internet ikun aċċessibbli mhuwiex suffiċjenti sabiex l-Artikolu 15 ikun applikabbli, għalkemm ikun fattur li dan is-sit ta' l-Internet iħajjar il-konklużjoni ta' kuntratti minn distanza u li kuntratt ġie effettivament konkluż minn distanza, bi kwalunkwe mezz". Din id-dikjarazzjoni żżid li elementi bħal-lingwa u l-munita użati fuq is-sit internet ma humiex fatturi suffiċjenti.

Sabiex tippreċiża t-termini tar-regolament imsemmi, il-Qorti tal-Ġustizzja tat definizzjoni ġenerali tal-kunċett ta' "attività indirizzata" fil-kuntest tal-kummerċ elettroniku u mbagħad ipprovdiet lista, mhux eżawrjenti, tal-indikazzjonijiet li permezz tagħhom jista' jiġi kkunsidrat li l-attività ta' negozjant hija indirizzata lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-kunċett ta' "attività indirizzata" għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu u stabbilixxiet li negozjant jindirizza l-attività tiegħu, permezz tal-internet, lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tal-konvenut jekk, qabel il-konklużjoni eventwali ta' kuntratt mal-konsumatur, minn dawn is-siti internet u mill-attività globali tan-negozjant jirriżulta li dan tal-aħħar kien ikkunsidra li jinnegozja mal-konsumaturi ddomiċiljati f'wieħed jew iktar Stati Membri, fosthom dak li fih il-konsumatur għandu d-domiċilju tiegħu, fis-sens li huwa kien lest li jikkonkludi kuntratt ma' dawn il-konsumaturi. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet, b'mod mhux eżawrjenti, l-indikazzjonijiet li għandha tivverifika l-qorti nazzjonali, indikazzjonijiet li jikkostitwixxu l-espressjonijiet manifesti tar-rieda tan-negozjant li jinnegozja mal-konsumaturi stabbilti fi Stat Membru differenti minn dak tiegħu, jiġifieri n-natura internazzjonali tal-attività, l-indikazzjoni ta' rotot minn Stati Membri oħra sabiex jintlaħaq il-post fejn in-negozjant huwa stabbilit, l-użu ta' lingwa jew ta' munita oħra minbarra l-lingwa jew il-munita normalment użati fl-Istat Membru li fih in-negozjant huwa stabbilit, bil-possibbilità ta' riżervazzjoni u ta' konferma tar-riżervazzjoni f'din il-lingwa, l-indikazzjoni ta' numru tat-telefon flimkien mal-indikazzjoni ta' prefiss internazzjonali, l-infiq ta' spiża għal servizz ta' referenzar fuq l-internet sabiex jiġi ffaċilitat għall-konsumaturi ddomiċiljati fi Stati Membri oħra l-aċċess għas-sit tan-negozjant jew dak tal-intermedjarju tiegħu, l-użu ta' isem ta' dominju tal-ogħla livell differenti minn dak tal-Istat Membru fejn in-negozjant huwa stabbilit u l-indikazzjoni ta' klijentela internazzjonali li tikkonsisti minn klijenti ddomiċiljati f'diversi Stati Membri. Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, f'dawn iż-żewġ sentenzi, in-natura insuffiċjenti ta' elementi bħalma huma l-aċċessibbiltà tas-sit internet tan-negozjant fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur, l-indikazzjoni ta' indirizz elettroniku jew ta' dettalji oħra, jew inkella l-użu tal-lingwa jew tal-munita normalment użati fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit in-negozjant.

Barra minn hekk, fil-kawża *Pammer*, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet ukoll li vjaġġ fuq bastiment tat-tagħbija jista' jitqies li huwa vjaġġ bi "prezz inklussiv [kollox kompriż]" fis-sens tal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 44/2001, sa fejn jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkostitwixxi "pakkett" fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 90/314/KEE [64]. Skont dan it-test, il-vjaġġ għandu jinkludi, minbarra t-trasport bi prezz fiss, l-akkomodazzjoni u vjaġġ ta' iktar minn 24 siegħa. Ta' min wieħed jinnota li, sabiex tiżgura koerenza fid-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tinterpreta l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Nru 44/2001 fid-dawl tad-dispożizzjoni korrispondenti li tinsab fir-Regolament (KE) Nru 593/2009, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali, li tagħmel riferiment espliċitu għall-kunċett ta' vjaġġ b'"kollox kompriż" fis-sens tad-Direttiva 90/314, iċċitata iktar 'il fuq.

L-interpretazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2201/2203, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 [65] tat lok għal tliet sentenzi li jistħoqqilhom attenzjoni. Dawn id-deċiżjonijiet jikkonċernaw talbiet għar-ritorn ta' minuri fil-każ li dan il-minuri jittieħed illegalment barra mill-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu. Ta' min wieħed jinnota wkoll li tnejn minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari stabbilita fl-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din il-proċedura ilha applikabbli mill-1 ta' Marzu 2008 għar-rinviji li jikkonċernaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-iskop tagħha huwa li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tisma' fi żmien kunsiderevolment iqsar l-iktar kwistjonijiet sensittivi, bħalma huwa dawk li jistgħu jitqajmu, pereżempju, f'ċerti sitwazzjonijiet li jimplikaw limitazzjoni tal-libertà, meta r-risposta għad-domanda magħmula tkun determinanti għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni legali tal-persuna taħt arrest jew taħt libertà kundizzjonata, jew fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri u tal-kustodja tal-minuri, meta l-ġurisdizzjoni tal-qorti adita taħt id-dritt tal-Unjoni tiddependi mir-risposta għad-domanda preliminari.

Fil-kawża *Povse* (sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, C-211/10), il-qorti Awstrijaka tar-rinviju għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza msemmija iktar 'il fuq, sensiela ta' domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kustodja u r-ritorn ta' minuri li jinsabu fir-Regolament Nru 2201/2003. Il-kwistjoni fil-kawża prinċipali kienet bejn il-ġenituri ta' minuri meħud illegalment mill-omm mid-domiċilju komuni fl-Italja lejn l-Awstrija. Il-kumplessità ta' din il-kawża kienet tirriżulta mill-fatt li kienu żvolġew żewġ proċeduri fl-istess ħin, waħda quddiem il-qrati Taljani u l-oħra quddiem il-qrati Awstrijaċi, liema żewġ proċeduri kienu wasslu għal eżitu differenti. L-ewwel domanda preliminari kienet tikkonċerna l-kwistjoni jekk miżura provviżorja, bħal dik mogħtija mill-qorti Taljana li tneħħi l-projbizzjoni ordnata kontra l-omm li tħalli t-territorju Taljan mal-minuri u li tassenja, provviżorjament, il-kustodja tal-minuri liż-żewġ ġenituri, filwaqt li tawtorizza li l-minuri jirrisjedi fl-Awstrija sal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, hijiex "sentenza dwar kustodja li ma [timplikax] ir-ritorn tal-minuri" fis-sens tal-Artikolu 10(b)(iv) tar-Regolament Nru 2201/2003. L-effett ta' tali deċiżjoni mogħtija mill-qorti tal-Istat Membru tar-residenza abitwali preċedenti tal-minuri huwa li tittrasferixxi l-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti lill-qrati tal-Istat Membru fejn ittieħed il-minuri maħtuf. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li deċiżjoni provviżorja ma tikkostitwixxix "sentenza dwar kustodja li ma [timplikax] ir-ritorn tal-minuri" fis-sens tal-Artikolu 10(b)(iv) tar-regolament imsemmi u ma tistax tkun il-bażi ta' trasferiment ta' ġurisdizzjoni lill-qrati tal-Istat fejn il-minuri ttieħed illegalment. Din il-konklużjoni tirriżulta mill-istruttura tar-Regolament Nru 2201/2003 u taqdi wkoll l-interessi tal-minuri. Soluzzjoni opposta, fil-fatt, toħloq ir-riskju li l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni tal-Istat Membru

[64] Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE, tat-13 ta' Ġunju 1990, dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 10, p. 132).

[65] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003 (Ġu Edizzojoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

tar-residenza preċedenti tal-minuri tiġi skoraġġita milli tieħu l-miżuri provviżorji meħtieġa fl-interess tal-minuri. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 11(8) tar-Regolament Nru 2201/2003. Skont din id-dispożizzjoni, deċiżjoni li ma jsirx ir-ritorn mogħtija skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, bħal dik mogħtija f'dan il-każ mill-qrati Awstrijaċi aditi mill-missier, ma tistax tipprekludi l-eżekuzzjoni ta' kull deċiżjoni sussegwenti li tordna r-ritorn tal-minuri mogħtija minn qorti li jkollha ġurisdizzjoni skont ir-Regolament Nru 2201/2003, bħad-deċiżjoni miksuba mill-missier fil-proċedura prinċipali quddiem il-qrati Taljani, wara li ngħatat id-deċiżjoni Awstrijaka li ma jsirx ir-ritorn. Id-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja kienet jekk, sabiex tkun eżegwibbli, id-deċiżjoni li tordna r-ritorn tal-minuri għandhiex tkun ibbażata fuq deċiżjoni finali tal-istess qorti dwar il-kustodja tal-minuri. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fin-negattiv peress li kkunsidrat li jkun diffiċli li tali interpretazzjoni tiġi kkonċiljata mal-għan ta' ħeffa mfittex mill-Artikolu 11 tal-istess regolament u mal-prijorità mogħtija lill-ġurisdizzjoni tal-qorti ta' oriġini. It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 għandu jiġi interpretat fis-sens li deċiżjoni mogħtija sussegwentement minn qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, li tagħti dritt ta' kustodja provviżorju u li hija kkunsidrata eżegwibbli skont id-dritt ta' dan l-Istat, ma tistax tipprekludi l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ċċertifikata, mogħtija preċedentement mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni tal-Istat Membru tal-oriġini u li tordna r-ritorn tal-minuri. Fir-rigward tan-natura irrikonċiljabbli fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47(2) tal-istess regolament, ta' deċiżjoni ċċertifikata ma' deċiżjoni eżegwibbli sussegwenti, din għandha tiġi vverifikata biss fir-rigward ta' kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti mogħtija mill-qrati li għandhom ġurisdizzjoni tal-Istat Membru tal-oriġini. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ċċertifikata ma tistax tiġi rrifjutata fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, għar-raġuni li, minħabba bdil fiċ-ċirkustanzi li seħħ wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, l-eżekuzzjoni tista' tippreġudika serjament l-aħjar interessi tal-minuri. Fil-fatt, tali bdil jikkostitwixxi kwistjoni dwar il-mertu, li taqa' fil-kompetenza tal-qorti li jkollha ġurisdizzjoni tal-Istat Membru tal-oriġini.

Il-kwistjoni tad-dritt ta' kustodja u tat-teħid illegali ta' minuri fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 kienet ukoll fil-qofol tal-kawża *McB* (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, C-400/10), li nstemgħet ukoll permezz tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Din il-kawża turi d-differenzi li jeżistu bejn il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tad-dritt ta' kustodja tal-missier li ma jkunx miżżewweġ mal-omm tal-minuri. Fil-fatt, f'ċerti sistemi nazzjonali, il-missier naturali tal-minuri ma jgawdix *ipso jure* minn dritt ta' kustodja u l-kisba ta' dan id-dritt hija suġġetta għal deċiżjoni tal-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni li tagħtih tali dritt. Dan japplika pereżempju taħt id-dritt Irlandiż, li kien applikabbli għall-mertu tal-kawża prinċipali. Minn dan isegwi li, fin-nuqqas ta' deċiżjoni li tagħtih il-kustodja tal-minuri, il-missier ma jistax jistabbilixxi n-natura illegali tat-teħid tal-minuri fis-sens tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament Nru 2201/2003, sabiex jitlob ir-ritorn tal-minuri fil-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *McB* kienet tikkonċerna l-kwistjoni jekk il-liġi ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti tad-dritt ta' kustodja lill-missier tal-minuri, li ma jkunx miżżewweġ mal-omm tal-minuri, għal deċiżjoni ġudizzjarja, hijiex kompatibbli mar-Regolament Nru 2201/2003, interpretat inkonformità mal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dwar ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, l-ewwel nett, li għalkemm il-kunċett ta' "dritt ta' kustodja" huwa ddefinit b'mod awtonomu mir-regolament inkwistjoni, mill-Artikolu 2(11)(a) tar-regolament imsemmi jirriżulta li d-deċiżjoni dwar min għandu jkollu dan id-dritt għandha tittieħed skont il-liġi nazzjonali applikabbli, iddefinita bħala l-liġi tal-Istat Membru fejn il-minuri kien abitwalment residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma tiegħu. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li l-missier naturali ma għandux awtomatikament, b'mod differenti mill-omm, id-dritt ta' kustodja tal-minuri tiegħu fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jaffettwax il-kontenut essenzjali tad-dritt tiegħu għall-ħajja privata u tal-familja, sa fejn id-dritt tiegħu li jitlob id-dritt ta' kustodja lil-qorti kompetenti huwa mħares.

Fl-aħħar nett, ta' min wieħed isemmi l-kawża *Purrucker* (sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, C-256/09), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwar l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 li jikkonċernaw ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-qorti ta' Stat Membru ieħor, għal miżuri provviżorji adottati fil-qasam tad-dritt ta' kustodja fuq il-bażi tal-Artikolu 20 tar-regolament imsemmi. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret id-distinzjoni bejn ir-regoli tal-Artikoli 8 sa 14 tar-regolament imsemmi, li jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni fuq il-mertu, u r-regola tal-Artikolu 20(1) ta' dan l-istess regolament, li tippermetti lil qorti ta' Stat Membru, meta ma tkunx stabbilita l-ġurisdizzjoni tagħha fuq il-mertu, tadotta miżuri provviżorji u kawtelatorji, bil-kundizzjoni iżda li jiġu osservati tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li l-miżuri kkonċernati għandhom ikunu urġenti, għandhom jirrigwardaw persuni jew beni preżenti fl-Istat Membru fejn tinsab din il-qorti, u għandhom ikunu ta' natura provviżorja. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sistema ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni prevista fl-Artikoli 21 *et seq* tar-Regolament Nru 2201/2003 ma tapplikax għal miżuri provviżorji adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 20 tar-regolament imsemmi. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma xtaqx din l-applikabbiltà, kif jirriżulta kemm mill-proċess leġiżlattiv u kif ukoll mid-dispożizzjonijiet ekwivalenti ta' strumenti preċedenti, bħar-Regolament (KE) Nru 1347/2000 u l-Konvenzjoni ta' Brussell II. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li applikazzjoni f'kull Stat Membru ieħor, inkluż fl-Istat li jkollu ġurisdizzjoni dwar il-mertu, tas-sistema ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni prevista mir-Regolament Nru 2201/2003 fir-rigward tal-miżuri provviżorji, toħloq riskju li jiġu evitati r-regoli dwar il-ġurisdizzjoni stabbiliti minn dan ir-regolament u ta' "forum shopping". Din is-sitwazzjoni tkun kuntrarja għall-għanijiet imfittxija mir-regolament imsemmi u, b'mod partikolari, għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-interess superjuri tal-minuri permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jirrigwardawh mill-qorti li hija ġeografikament viċina għar-residenza abitwali tiegħu, li hija meqjusa mil-leġiżlatur tal-Unjoni bħala l-iktar idonea sabiex tikkunsidra l-adozzjoni ta' miżuri fl-interess tal-minuri. Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-ħtieġa li l-konvenut fil-proċedura b'urġenza jitħalla jippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni li tordna l-miżuri provviżorji. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, fid-dawl tal-importanza tal-miżuri provviżorji, irrispettivament minn jekk ikunux adottati minn qorti b'ġurisdizzjoni dwar il-mertu jew le, li jistgħu jiġu ordnati fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, huwa importanti li l-persuna kkonċernata minn tali proċedura, anki jekk tkun instemgħet mill-qorti li adottat il-miżuri, tkun tista' tieħu l-inizjattiva li tippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni li tistabbilixxi dawn il-miżuri provviżorji. Huwa essenzjali li din il-persuna tkun tista' tressaq talba għall-istħarriġ lil qorti distinta minn dik li tkun adottat l-imsemmija miżuri u li tiddeċiedi, fi żmien qasir, il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni fuq il-mertu li l-qorti li adottat il-miżuri provviżorji kienet irrikonoxxiet lilha nfisha, jew, jekk mid-deċiżjoni ma jirriżultax li l-qorti kellha ġurisdizzjoni jew li kienet irrikonoxxiet li hija kellha ġurisdizzjoni fuq il-mertu skont dan ir-regolament, il-kwistjoni tal-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 tar-regolament imsemmi.

## *Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali*

L-istrument li l-iktar jirrappreżenta l-qasam tal-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, il-mandat ta' arrest Ewropew, kompla jkun is-sors ta' ġurisprudenza ġdida.

Fil-kawża *Mantello* (sentenza tas-16 ta' Novembru 2010, C-261/09), il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI[66], li jippermetti lill-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew meta mill-informazzjoni li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha jirriżulta li l-persuna li hija s-suġġett tal-mandat

[66] Deċiżjoni kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19,Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU L 17, 22.01.2009, p. 45).

kienet ġiet "finalment ġudikata minn Stat Membru fir-rigward ta' l-istess atti". B'risposta għal domanda, l-ewwel nett, dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett tal-"istess atti", il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, għall-finijiet tal-ħruġ u tal-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, il-kunċett tal-"istess atti" li jinsab fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, dan il-kunċett tal-"istess atti" jinsab ukoll fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u, f'dan il-kuntest, ġie interpretat bħala li jirrigwarda biss il-materjalità tal-fatti u li jinkludi ġabra ta' fatti marbutin inseparabbilment ma' xulxin, irrispettivament mill-kwalifika ġuridika ta' dawn il-fatti jew mill-interess ġuridiku protett. Fid-dawl tal-għan komuni tal-Artikolu 54 tal-konvenzjoni msemmija u tal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Qafas, li huwa li jiġi evitat li persuna tiġi mħarrka mill-ġdid jew tkun is-suġġett ta' sentenza kriminali fir-rigward tal-istess fatti, l-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett ipprovduta fil-kuntest tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tapplika wkoll fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li persuna li hija s-suġġett tal-mandat titqies li kienet is-suġġett ta' sentenza definittiva fir-rigward tal-istess atti meta, fi tmiem proċedura kriminali, l-azzjoni pubblika ssir definittivament estinta jew il-persuna kkonċernata tinħeles definittivament. Din in-natura "definittiva" tas-sentenza taqa' taħt id-dritt tal-Istat Membru fejn tkun ingħatat din is-sentenza. Għaldaqstant, deċiżjoni li, skont id-dritt tal-Istat Membru li jkun beda l-proċeduri kriminali, ma ġġibx magħha l-estinzjoni definittiva tal-azzjoni pubblika fuq livell nazzjonali fir-rigward ta' ċerti fatti ma tikkostitwixxix ostakolu proċedurali għall-eventwali teħid jew tkomplija ta' proċeduri kriminali, fir-rigward ta' dawn l-istess fatti, f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni. Meta, b'risposta għal talba għal informazzjoni magħmula mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, l-awtorità li tkun ħarġet il-mandat ta' arrest tkun espressament ikkonstatat, fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali tagħha, li s-sentenza preċedenti mogħtija fis-sistema legali tagħha ma hijiex sentenza definittiva li tkopri l-fatti indikati fil-mandat tagħha, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax, bħala prinċipju, tirrifjuta l-eżekuzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

## *Politika estera u ta' sigurtà*

Fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq rinviju għal deċiżjoni preliminari magħmul mill-Oberlandesgericht ta' Düsseldorf, ippreċiżat il-portata tal-miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, C-550/09) u tat l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 [67].

Sabiex jimplementa ċerti riżoluzzjonijiet tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK [68] u r-Regolament Nru 2580/2001, li jordnaw l-iffriżar tal-fondi tal-persuni u tal-entitajiet inklużi f'lista stabbilita u aġġornata b'mod regolari permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill. Ir-regolament imsemmi jipprojbixxi, barra minn hekk, li jitqiegħdu fondi, direttament jew indirettament, għad-dispożizzjoni tal-persuni u tal-entitajiet inklużi f'din il-lista.

Sa Ġunju 2007, id-deċiżjonijiet kienu jiġu adottati mingħajr ebda komunikazzjoni, lill-persuni u lill-entitajiet inklużi fil-lista, tar-raġunijiet speċifiċi għalfejn ġew inklużi f'din il-lista. Sussegwentement

[67] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 207).

[68] Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 217).

għal sentenza tal-Qorti Ġenerali [69] li annullat l-inklużjoni ta' grupp minħabba l-fatt, b'mod partikolari, li l-Kunsill ma kienx ta r-raġunijiet għal din l-inklużjoni u minħabba li għalhekk stħarriġ ġudizzjarju dwar il-mertu kien impossibbli, il-Kunsill bidel il-proċedura ta' inklużjoni tiegħu. Għalhekk, meta adotta deċiżjoni ġdida li taġġorna l-lista [70], li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill ta lill-persuni u lill-gruppi kkonċernati dikjarazzjoni bir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom. F'sentenzi sussegwenti, il-Qorti Ġenerali annullat l-inklużjoni ta' diversi entitajiet oħra minħabba l-istess raġunijiet bħal dawk indikati fis-sentenza T-228/02 tagħha, iċċitata iktar 'il fuq. Fit-2 ta' Mejju 2002, l-organizzazzjoni Devrimci Halk Kurtulus Partisi-Cephesi (DHKP-C) ġiet inkluża fil-lista inkwistjoni. Minn dakinhar, il-Kunsill adotta diversi deċiżjonijiet li aġġornaw din il-lista. DHKP-C baqgħet dejjem inkluża f'din il-lista.

Il-kawża li fiha sar ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tikkonċerna żewġ ċittadini Ġermaniżi li kienu tressqu proċeduri kriminali kontrihom fil-Ġermanja. L-att tal-akkuża ta' E u F kien jindika li dawn kienu membri tad-DHKP-C bejn it-30 ta' Awwissu 2002 u l-5 ta' Novembru 2008. Huma nżammu taħt arrest minħabba li kienu jagħmlu parti minn grupp terroristiku, u tressqu proċeduri kriminali kontrihom. Minħabba li kellha dubji dwar il-validità tal-inklużjoni tad-DHKP-C fil-lista, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, fil-kuntest tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali li annullaw l-inklużjoni ta' ċerti persuni u entitajiet minħabba nuqqas ta' osservanza ta' garanziji proċedurali elementari, l-inklużjoni tad-DHKP-C kellhiex, għall-perijodu qabel id-29 ta' Ġunju 2007, titqies ukoll li hija invalida, minkejja l-fatt li d-DHKP-C ma kinitx talbet l-annullament ta' din l-inklużjoni.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-kawża quddiem il-qorti nazzjonali setgħet twassal għal sanzjonijiet kriminali ta' ħabs. F'dan il-kuntest, hija enfasizzat li l-Unjoni Ewropea hija Unjoni ta' dritt li l-istituzzjonijiet tagħha huma suġġetti għall-istħarriġ tal-kompatibbiltà tal-atti tagħhom mat-Trattat FUE u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt. Kull parti għandha d-dritt, fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali, li tinvoka l-invalidità ta' dispożizzjonijiet li jinsabu f'atti tal-Unjoni u li jkunu ta' bażi għal deċiżjoni jew għal att nazzjonali meħuda fil-konfront tagħha, u li titlob lill-qorti nazzjonali sabiex f'dan ir-rigward tressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk din il-parti ma jkollhiex id-dritt li tippreżenta rikors dirett quddiem il-Qorti Ġenerali kontra dawn id-dispożizzjonijiet.

Fir-rigward tal-validità tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' qabel Ġunju 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ebda waħda minn dawn id-deċiżjonijiet ma kellha motivazzjoni dwar il-kundizzjonijiet legali ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2580/2001 għad-DHKP-C, jew spjegazzjoni tar-raġunijiet speċifiċi u konkreti li minħabba fihom il-Kunsill ikkunsidra li l-inklużjoni tad-DHKP-C fil-lista kienet jew baqgħet iġġustifikata. L-akkużati għalhekk ġew imċaħħda mill-indikazzjonijiet neċessarji sabiex jivverifikaw jekk kinitx fondata l-inklużjoni tad-DHKP-C fil-lista matul il-perijodu qabel id-29 ta' Ġunju 2007, u sabiex jivverifikaw b'mod partikolari l-eżattezza u r-rilevanza tal-elementi li wasslu għal din l-inklużjoni, u dan minkejja li din l-istess inklużjoni kkontribwixxiet għall-motivi tal-att ta' akkuża kontra tagħhom. In-nuqqas ta' motivazzjoni li bih hija vvizzjata l-inklużjoni huwa wkoll ta' natura li kapaċi jtellef stħarriġ ġudizzjarju adegwat dwar il-legalità sostantiva ta' din l-inklużjoni. Issa, il-possibbiltà ta' tali stħarriġ hija indispensabbli sabiex jiġi żgurat ekwilibriju ġust bejn ir-rekwiżiti tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali.

Dwar il-kwistjoni ta' jekk id-deċiżjoni ta' Ġunju 2007 vvalidatx b'mod retroattiv l-inklużjoni tad-DHKP-C fil-lista, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din id-deċiżjoni b'ebda mod ma setgħet

[69] Sentenza tat-12 ta' Diċembru 2006, *Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill* (T-228/02).

[70] Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/445/KE, tat-28 ta' Ġunju 2007, li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 2006/379 u 2006/1008 (ĠU L 169, p. 58).

tikkontribwixxi sabiex tiġġustifika kundanna kriminali għal fatti li jirrigwardaw perijodu preċedenti għad-dħul fis-seħħ tagħha. Jekk ma jkunx hekk, ma jkunx qiegħed jiġi osservat il-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tad-dispożizzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kundanna kriminali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija l-qorti nazzjonali li għandha ma tapplikax, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill adottati qabel Ġunju 2007, li ma jistgħux, konsegwentement, jikkontribwixxu sabiex jiġġustifikaw il-proċeduri kriminali kontra E u F, fir-rigward tal-perijodu qabel id-29 ta' Ġunju 2007.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tat interpretazzjoni wiesgħa tal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament Nru 2580/2001 dwar it-tqegħid ta' fondi għad-dispożizzjoni tal-persuni jew tal-entitajiet inklużi fil-lista. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-projbizzjoni tinkludi kull att li t-twettiq tiegħu huwa neċessarju sabiex persuna, grupp jew entità inkluża fil-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001, effettivament tikseb il-poter li tiddisponi kompletament mill-fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra kkonċernati. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali tifsira hija indipendenti mill-eżistenza jew le ta' relazzjoni bejn l-awtur u d-destinatarju tal-att ta' tqegħid għad-dispożizzjoni inkwistjoni.

Fil-kawża *M et* (sentenza tad-29 ta' April 2010, C-340/08), il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni ta' jekk il-benefiċċji ta' sigurtà soċjali u ta' assistenza – bħall-allowances ta' sussistenza, l-allowances tal-familja u l-allowances għall-akkomodazzjoni – mogħtija lill-konjuġi ta' persuni preżunti terroristi u inklużi fil-lista tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 [71], humiex fondi li għandhom jiġu ffriżati taħt dan ir-regolament.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, peress li hemm ċerti diverġenzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tar-regolament imsemmi u tar-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li dan ir-regolament huwa intiż li jimplementa, ir-regolament imsemmi għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-għan tiegħu, jiġifieri l-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali. L-għan tal-iffriżar tal-fondi huwa li jipprekludi li l-persuni kkonċernati jkollhom aċċess għal riżorsi ekonomiċi jew finanzjarji, indipendentement min-natura tagħhom, li huma jistgħu jużaw sabiex isostnu attivitajiet terroristiċi. B'mod partikolari, dan il-għan għandu jinftiehem fis-sens li l-iffriżar tal-fondi japplika biss għall-assi li jistgħu jinbidlu f'fondi, oġġetti jew servizzi li jistgħu jintużaw sabiex ikunu sostnuti attivitajiet terroristiċi. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ma ġiex sostnut li l-konjuġi kkonċernati jittrażmettu mill-ġdid dawn il-fondi lill-konjuġi tagħhom minflok ma jużawhom għall-ispejjeż bażiċi tal-ħtiġijiet tal-ħajja tad-dar tagħhom u lanqas ma ġie sostnut li l-fondi inkwistjoni ma humiex effettivament użati mill-konjuġi sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet essenzjali tal-ħtiġijiet tal-ħajja tad-dar li tagħha jagħmlu parti l-persuni inklużi fil-lista. Issa, huwa diffiċli li wieħed jikkunsidra li dawn il-fondi jistgħu jiġu kkonvertiti f'mezzi li jistgħu iservu sabiex ikunu sostnuti attivitajiet terroristiċi peress li l-benefiċċji huma ffissati f'livell intiż sabiex ikopri biss il-bżonnijiet strettament neċessarji għall-għajxien tal-persuni kkonċernati. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-vantaġġ li persuna inkluża fil-lista tista' tislet indirettament mill-ħlas tal-benefiċċji soċjali lill-konjuġi tagħha ma huwiex ta' natura tali li jġib fix-xejn l-għan ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, dan ir-regolament ma japplikax għall-għoti ta' benefiċċji ta' sigurtà soċjali jew ta' assistenza lil-konjuġi tal-persuni inklużi fil-lista tal-iffriżar ta' fondi.

[71] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerta merkanzija u servizzi lejn l-Afghanistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294).

## C – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja



(Ordni protokollari fis-7 ta' Ottubru 2010)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

A. Arabadjiev, President ta' Awla; Y. Bot, Avukat Ġenerali Prinċipali; K. Lenaerts u A. Tizzano, Presidenti ta' Awla; V. Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja; J. N. Cunha Rodrigues, J.-C. Bonichot, K. Schiemann u J.-J. Kasel, Presidenti ta' Awla.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

M. Ilešič u G. Arestis, Imħallfin; J. Kokott, Avukat Ġenerali; A. Rosas, Imħallef; D. Šváby, President ta' Awla; R. Silva de Lapuerta, E. Juhász, A. Borg Barthet u J. Malenovský, Imħallfin.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

J. Mazák u P. Mengozzi, Avukati Ġenerali; L. Bay Larsen, E. Levits, U. Lõhmus u A. Ó Caoimh, Imħallfin; E. Sharpston, Avukat Ġenerali; P. Lindh u T. von Danwitz, Imħallfin.

*Ir-raba' filliera, mix-xellug għal-lemin:*

E. Jarašiūnas, Imħallef; P. Cruz Villalón, Avukat Ġenerali; M. Berger u C. Toader, Imħallfin; V. Trstenjak, Avukat Ġenerali; M. Safjan, Imħallef; N. Jääskinen, Avukat Ġenerali; A. Prechal, Imħallef; A. Calot Escobar, Reġistratur.

# 1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

*(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



**Vassilios Skouris**

Imwieled fl-1948; gradwat fil-Liġi mill-Università libera ta' Berlin (1970); irċieva d-Dottorat fid-Dritt Kostituzzjonali u Amministrattiv fl-Università ta' Amburgu (1973); Assistent Professur fl-Università ta' Amburgu (1972-1977); Professur fid-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Bielefeld (1978); Professur tad-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Tessaloniki (1982); Ministru tal-Affarijiet Interni (fl-1989 u fl-1996); membru tal-Kumitat Amministrattiv fl-Università ta' Kreta (1983-1987); Direttur taċ-Ċentru tad-Dritt Ekonomiku Internazzjonali u Ewropew ta' Tessaloniki (1997-2005); President tal-Assoċjazzjoni Griega għad-Dritt Ewropew (1992-1994); membru tal-Kumitat tar-Riċerka Nazzjonali Griega (1993-1995); membru tal-Kumitat Superjuri għas-selezzjoni tal-impjegati għas-servizz pubbliku Grieg (1994-1996); membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Akkademja tad-Dritt Ewropew ta' Trier (mill-1995); membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kulleġġ Nazzjonali Grieg tal-Maġistratura (1995-1996); membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1997-1999); President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Grieg fl-1998; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ġunju 1999; President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Antonio Tizzano**

Imwieled fl-1940; professur tad-dritt Ewropew fl-Università La Sapienza, ta' Ruma; professur fl-universitajiet "Istituto Orientale" (1969-1979) u "Federico II" ta' Napli (1979-1992), ta' Catania (1969-1977) u ta' Mogadishu (1967-1972); avukat fil-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana; Kunsillier ġuridiku fir-rappreżentanza permanenti tar-Repubblika Taljana għall-Komunitajiet Ewropej (1984-1992); membru tad-delegazzjoni Taljana fin-negozjati dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej, dwar l-Att Uniku Ewropew u dwar it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet, fosthom kuntarji fuq it-Trattati Ewropej u l-Kodiċi tal-Unjoni Ewropea; fundatur u direttur mill-1996 tar-rivista "Il Diritto dell'Unione Europea"; membru tal-kumitati ta' direzzjoni jew redazzjoni ta' diversi rivisti ġuridiċi; relatur f'diversi kungressi internazzjonali, konferenzi u korsijiet f'diversi istituzzjonijiet internazzjonali, fosthom l-Académie de droit international ta' Den Haag (1987); membru tal-grupp ta' esperti independenti maħtura sabiex jeżaminaw il-finanzi tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1999); Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sat-3 ta' Mejju 2006; Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006.



## José Narciso da Cunha Rodrigues

Imwieled fl-1940; Funzjonijiet ġudizzjarji diversi (1964-1977); inkarigat b'diversi missjonijiet għall-Gvern in vista tar-realizzazzjoni u tal-koordinament tal-istudji tar-Riformi tas-Sistema Ġudizzjarji; aġent tal-Gvern fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1980-1984); espert fi ħdan l-iSteering Committee tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa (1980-1985); Membru tal-Kummissjoni għar-Reviżjoni tal-Kodiċi Penali u l-Kodiċi tal-Proċedura Penali; Procurador-Geral da República (1984-2000); membru tal-Kumitat tas-Sorveljanza tal-Uffiċċju tal-Ġlieda kontra l-Frodi tal-Unjoni Ewropea (OLAF) (1999-2000); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000.



## Christiaan Willem Anton Timmermans

Imwieled fl-1941; Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1966-1969); funzjonarju tal-Kummisjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1969-1977); dottorat fid-dritt (Università ta' Leiden); professur fid-Dritt Ewropew fl-Università ta' Groningue (1977-1989); Imħallef Aġġunt fil-Qorti tal-Appell ta' Arnhem; responsabbli għal diversi publikazzjonijiet; Direttur Ġenerali Aġġunt fis-servizzi legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1989-2000); Professur tad-Dritt Ewropew fl-Uuniversità ta' Amsterdam; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000.



## Allan Rosas

Imwieled fl-1948; dottorat fid-dritt fl-Università ta' Turku (Finlandja); professur tal-liġi fl-Università ta' Turku (1978-1981) u fl-Åbo Akademi (Turku/Åbo) (1981-1996); Direttur tal-Istitut tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-istess akkademja (1985-1995); diversi inkarigi universitarji ta' responsabbilta, nazzjonali u internazzjonali; membru tas-soċjetajiet xjentifiċi; koordinazzjoni ta' diversi proġetti u programmi ta' riċerka, nazzjonali u internazzjonali, partikolarment fis-suġġetti segwenti: dritt komunitarju, dritt internazzjonali, drittijiet tal-bniedem u drittijiet fundamentali, dritt kostituzzjonali u amministrazzjoni pubblika komparata; rappreżentant tal-gvern Finlandiż bħala membru jew kunsillier tad-delegazzjonijiet Finlandiżi f'diversi konferenzi u laqgħat internazzjonali; funzjonijiet ta' espert tal-ħajja ġuridika Finlandiża, partikolarment fi ħdan il-kummissjonijiet ġuridiki governattivi jew parlamentari fil-Finlandja, kif ukoll tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-UNESCO, tal-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u tal-Kunsill tal-Ewropa; mill-1959, kunsillier ġuridiku prinċipali fis-servizzi ġuridiċi tal-Kummissjoni Ewropea, responsabbli għar-relazzjonijiet barranin; minn Marzu 2001, direttur ġenerali aġġunt tas-servizz ġuridiku tal-Kummissjoni Ewropea; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-17 ta' Jannar 2002.



**Rosario Silva de Lapuerta**

Imwielda fl-1945; gradwata fid-dritt (Université Complutense de Madrid); abogado del Estado f' Málaga; abogado del Estado fis-servizz ġuridiku fil-Ministeru tat-Transport, tat-Turiżmu u tal-Komunikazzjoni, wara fis-servizz ġuridiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin; abogado del Estado-Jefe tas-servizz ġuridiku tal-Istat, responsabbli minn proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u viċi-Direttur Ġenerali fis-servizz tal-assistenza ġuridika komunitarja u internazzjonali ta' l`Abogacia General del Estado (Ministeru tal-Ġustizzja); membru tal-Grupp ta' Riflessjoni tal-Kummisjoni fuq il-Ġejjieni tas-Sistema Ġudizzjarja Komunitarja; Kap tad-Delegazzjoni Spanjola tal-Grupp "Amis de la Présidence" għar-Riforma tas-Sistema Ġurisdizzjonali Komunitarja fit-trattat ta' Nizza u tal-grupp ad hoc "Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill; professur tad-Dritt Komunitarja fl-Iskola Diplomatika ta' Madrid; kodirettur tar-rivista "Noticias de la Unión Europea"; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Koen Lenaerts**

Imwieled fl-1945; lic.iuris, Ph.D. fid-dritt (Katholieke Universiteit Leuven); Master of Laws, Master in Public Administration (Harvard University); professur fil-Katholieke Universiteit Leuven; visiting professor fl-universitajiet ta' Burundi, ta' Strasburg u fil-Harvard University; professur fil-Collège d'Europe ta' Bruges; référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja; avukat fil-Qorti ta' Brussel; Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-25 ta' Settembru 1989 sas-6 ta' Ottubru 2003; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Juliane Kokott**

Imwielda fl-1957; studjat il-liġi (Universitajiet ta' Bonn u ta' Ġinevra); LL.(American University/Washington D.C.); Dottorat fil-Liġi (Università ta' Heidelberg, 1985; Università ta' Harvard, 1990); visiting professor fl-Università ta' Berkeley (1991); Professur tad-Dritt Pubbliku Ġermaniż u barrani, tad-Dritt Internazzjonali u tad-Dritt Ewropew fl-Universitajiet ta' Augsburg (1992), Heidelberg (1993) u Düsseldorf (1994); Deputat-Imħallef għall-gvern Ġermaniż fil-Qorti Internazzjonali tal-Konċiljazzjoni u Arbitraġġ tal-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE); Viċi President tal-Kunsill Konsultattiv Federali fuq it-Tibdil Globali (WBGU, 1996); Professur tad-Dritt Internazzjonali, tad-Dritt Internazzjonali tan-Negozju u tad-Dritt Ewropew fl-Università ta' St. Gallen (1999); Direttur tal-Istitut tad-Dritt Ewropew u d-Dritt Internazzjonali tan-Negozju fl-Università ta' St.Gallen (2000); Direttur Aġġunt tal-Programm ta' Speċjalizzazzjoni fid-Dritt tan-Negozju fl-Università ta' St. Gallen (2001); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



**Konrad Hermann Theodor Schiemann**

Imwieled fl-1937; gradwat fid-dritt f'Cambridge University; barrister (1964-1980); Queen's Counsel (1980-1986); Imħallef fil-High Court of England and Wales (1986-1995); Lord Justice of Appeal (1995-2003); membru anzjan tal-Honourable Society of the Inner Temple mill-1985, u teżorier (2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Jannar 2004.



**Pranas Kūris**

Imwieled fl-1938; iggradwa fid-dritt mill-Università ta' Vilnius (1961); dottorat fix-xjenzi legali mill-Università ta' Moska; awtorizzat sabiex jgħallem il-liġi (Dr. hab), Università ta' Moska (1973); assistent riċerkatur mal-Institut des Hautes Études International (Direttur: Prof. C. Rousseau); Università ta' Pariġi (1967-1968); membru tal-Akkademja tax-Xjenzi tal-Litwanja (1996); duttur honoris causa tal-Università tad-dritt tal-Litwanja (2001); varji inkarigi ta' tagħlim u inkarigi amministrattivi mal-Università ta' Vilnius (1961-1990); lecturer, assistent professur u professur tad-Dritt Pubbliku Internazzjonali u dekan tal-Fakultà tal-Liġi; numru ta' inkarigi governattivi mas-servizz diplomatiku u mal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Litwanja; Ministru tal-Ġustizzja (1990-1991), Membru tal-Kunsill tal-Istat (1991), ambaxxatur tar-Repubblika tal-Litwanja għall-Belġju, il-Lussemburgu u l-Olanda (1992-1994); Imħallef fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn Ġunju 1994); Imħallef fil-Qorti Suprema tal-Litwanja u, sussegwentement, il-President tal-istess Qorti (Diċembru 1994 – Ottubru 1998); ipparteċipa f'numru ta' konferenzi internazzjonali; membru tad-delegazzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja għan-negozjati mal-Unjoni Sovjetika (1990-1992); awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet (madwar 200); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004 sas-6 ta' Ottubru 2010.



**Endre Juhász**

Imwieled fl-1944; iggradwa fid-dritt mill-Università ta' Szeged, Ungerija (1967); Eżamijiet għall-ammissjoni fl-Avukatura Ungeriża (1970); studji post-graduate fid-Dritt Komparattiv, Università ta' Strasbourg, Franza (1969, 1970, 1971, 1972); Uffiċjal fid-Dipartiment tal-Liġi tal-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1966-1974), Direttur għal affarijiet leġiżlattivi (1973-1974); First Corcial Secretary fl-Ambaxxata Ungeriża, Brussell, responsabbli għal affarijiet komunitarji (1974-1979); Direttur fil-Ministeru tal-Kummerċ Esteru (1979-1983); First Corcial Secretary, imbagħad Konsulent kummerċjali għall-Ambaxxata Ungeriża f'Washington DC, USA (1983-1989); Direttur Ġenerali mal-Ministeru tal-Kummerċ u tal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1989-1991); negozjatur prinċipali fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Ungerija u l-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom (1990-1991); segretarju ġenerali mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali, kap tal-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej (1992); Segretarju tal-Istat mal-Ministeru tar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali (1993-1994); Segretarju tal-Istat, president tal-Uffiċċju għall-Affarijiet Ewropej, Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ (1994); Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju, kap tal-missjoni diplomatika tar-Repubblika Ungeriża għall-Unjoni Ewropea (Jannar 1995 – Mejju 2003); negozjatur prinċipali għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Ungerija mal-Unjoni Ewropea (Lulju 1998 – April 2003); Ministru bla portafoll għall koordinazzjoni ta' affarijiet dwar l-integrazzjoni Ewropea (minn Mejju 2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**George Arestis**

Imwieled fl-1945; iggradwa fil-Liġi mill-Università ta' Ateni (1968); M.A. fil-Politika Kumparattiva u Gvern, Università ta' Kent f'Canterbury (1970); ipprattika bħala Avukat f'Ċipru (1972-1982); Maħtur Imħallef ta' Qorti Distrettwali (1982); promoss għall-kariga ta' President ta' Qorti Distrettwali (1995); President Amministrattiv tal-Qorti Distrettwali ta' Nikożija (1997-2003); Imħallef tal-Qorti Suprema ta' Ċipru (2003); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Anthony Borg Barthet U.O.M.**

Imwieled fl-1947; duttur tal-liġi mir-Royal University of Malta fl-1973; daħal fis-Servizz taċ-Ċivil Malti bħala Nutar tal-Gvern fl-1975; Avukat tar-Repubblika fl-1978, Avukat anzjan tar-Repubblika fl-1979, Deputat Avukat Ġenerali fl-1988 u maħtur Avukat Ġenerali mill-President ta' Malta fl-1989; Lecturer part-time tad-dritt ċivili fl-Università ta' Malta; Membru tal-Kunsill tal-Università ta' Malta (1998-2004); Membru tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (1998-2004); Membru tal-Bord tad-Diretturi taċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004.



**Marko Ilešič**

| Għajnuna mill-Istat | 14 | 2 | 16 |
| Kompetizzjoni | 8 | 5 | 13 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 26 | 4 | 30 |
| Libertà ta' stabbiliment | 14 | 3 | 17 |
| Moviment liberu tal-kapital | 5 | 1 | 6 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 5 | 1 | 6 |
| Moviment liberu tal-persuni | 16 | 1 | 17 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 2 | | 2 |
| Politika Ekonomika u Monetarja | | 1 | 1 |
| Politika industrijali | 8 | 1 | 9 |
| Politika komuni tas-sajd | 1 | 1 | 2 |
| Politika kummerċjali | 2 | | 2 |
| Politika reġjonali | 1 | 1 | 2 |
| Politika soċjali | 31 | 5 | 36 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 2 | 2 | 4 |
| Proprjetà intellettwali | 19 | 19 | 38 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi [3] | 1 | 2 | 3 |
| Riċerka, Informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 1 | | 1 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | 5 | | 5 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 4 | 2 | 6 |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 23 | 1 | 24 |
| Tariffa Doganali Komuni [4] | 7 | | 7 |
| Tassazzjoni | 58 | 8 | 66 |
| Trasport | 4 | | 4 |
| Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni [4] | 12 | 3 | 15 |
| **Trattat KE** | 399 | 83 | 482 |
| **Trattat UE** | 4 | | 4 |
| Proċedura | | 6 | 6 |
| Regolamenti tal-Persunal | 3 | 1 | 4 |
| **Diversi** | 3 | 7 | 10 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **406** | **90** | **496** |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

3 It-taqsima "Ambjent u konsumaturi" inqasmet f'żewġ taqsimiet distinti għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

4 It-taqsimiet "Tariffa Doganali Komuni" u "Unjoni doganali" huma magħquda f'taqsima waħda għall-kawżi ġodda mill-1 ta' Diċembru 2009.

## 11. *Kawżi magħluqa* – Sentenzi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: eżitu tad-deċiżjoni (2006-2010) [1]



| | 2006 | | 2007 | | 2008 | | 2009 | | 2010 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Ammessi** | **Miċħuda** | **Ammessi** | **Miċħuda** | **Ammessi** | **Miċħuda** | **Ammessi** | **Miċħuda** | **Ammessi** | **Miċħuda** |
| Il-Belġju | 7 | | 9 | 1 | 7 | | 15 | 1 | 6 | 1 |
| Il-Bulgarija | | | | | | | | | | |
| Ir-Repubblika Ċeka | | | 6 | | 2 | | 1 | | 4 | |
| Id-Danimarka | | | 3 | | | | 1 | | | |
| Il-Ġermanja | 7 | | 7 | 1 | 3 | 3 | 6 | 2 | 4 | 2 |
| L-Estonja | | | | | | | 1 | | 1 | |
| L-Irlanda | 2 | 1 | 7 | 2 | 4 | | 7 | | 4 | |
| Il-Greċja | 6 | | 10 | 3 | 8 | 1 | 22 | | 7 | |
| Spanja | 10 | 1 | 13 | 1 | 15 | 1 | 11 | | 10 | 2 |
| Franza | 5 | | 7 | | 9 | 1 | 6 | | 8 | 2 |
| L-Italja | 13 | 1 | 23 | 2 | 14 | 1 | 11 | 4 | 10 | |
| Ċipru | | | | | | | | | | |
| Il-Latvja | | | | | | | | | | |
| Il-Litwanja | | | | | 1 | | | | 1 | |
| Il-Lussemburgu | 19 | | 12 | | 12 | | 7 | | 2 | |
| L-Ungerija | | | | | | | | | | |
| Malta | | | 1 | | | | 2 | | 1 | 1 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 1 | 1 | 3 | 1 | 3 | | 3 | | 2 | 1 |
| L-Awstrija | 10 | | 6 | | 3 | | 6 | | 5 | |
| Il-Polonja | | | | | 2 | | 5 | | 4 | 1 |
| Il-Portugall | 7 | | 9 | | 6 | | 7 | 1 | 7 | 1 |
| Ir-Rumanija | | | | | | | | | | |
| Is-Slovenja | | | | | | | 1 | | 1 | |
| Is-Slovakkja | | | 1 | | 1 | | | | 1 | |
| Il-Finlandja | 7 | | 3 | 1 | 1 | 1 | 6 | 1 | | |
| L-Isvezja | 2 | 1 | 5 | | 2 | 1 | 7 | | 2 | |
| Ir-Renju Unit | 7 | 3 | 2 | 4 | 1 | | 8 | 1 | 3 | 1 |
| **Total** | **103** | **8** | **127** | **16** | **94** | **9** | **133** | **10** | **83** | **12** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## 12. *Kawżi magħluqa* – Tul tal-proċeduri (2006-2010) [1]
(sentenzi u digrieti ta' natura ġudizzjarja)




| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 19.8 | 19.3 | 16.8 | 17.1 | 16.1 |
| Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari | | | 2.1 | 2.5 | 2.1 |
| Rikorsi diretti | 20 | 18.2 | 16.9 | 17.1 | 16.7 |
| Appelli | 17.8 | 17.8 | 18.4 | 15.4 | 14.3 |

[1] It-tul ta' żmien huwa espress f'xhur u f'parti minn għaxra ta' xahar.
Huma esklużi mill-kalkoli dwar it-tul tal-proċeduri: il-kawżi li jinkludu sentenza interlokutorja jew miżura istruttorja; l-opinjonijiet; il-proċeduri partikolari (jiġifieri t-taxxa tal-ispejjeż, l-għajnuna legali, l-oppożizzjoni, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, ir-rettifika, il-proċedura ta' qbid); il-kawżi li jintemmu b'digriet ta' tħassir, minħabba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew rinviju lill-Qorti Ġenerali; il-proċeduri għal miżuri provviżorji kif ukoll l-appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent.

# 13. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Natura tal-proċeduri (2006-2010) [1]




| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 378 | 408 | 395 | 438 | 484 |
| Rikorsi diretti | 232 | 213 | 242 | 170 | 167 |
| Appelli | 120 | 117 | 126 | 129 | 144 |
| Proċeduri partikolari | 1 | 4 | 4 | 4 | 3 |
| Opinjonijiet | | | 1 | 1 | 1 |
| **Total** | **731** | **742** | **768** | **742** | **799** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# 14. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Kulleġġ ġudikanti (2006-2010) [1]




| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| Mhux assenjati | 489 | 481 | 524 | 490 | 520 |
| Seduta plenarja | | | | | 1 |
| Awla Manja | 44 | 59 | 40 | 65 | 49 |
| Awli b'ħames imħallfin | 171 | 170 | 177 | 169 | 193 |
| Awli bi tliet imħallfin | 26 | 24 | 19 | 15 | 32 |
| President | 1 | 8 | 8 | 3 | 4 |
| **Total** | **731** | **742** | **768** | **742** | **799** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 15. *Diversi* – Proċeduri mħaffa (2006-2010) [1]

| | 2006 | | 2007 | | 2008 | | 2009 | | 2010 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda |
| Rikorsi diretti | | | | 1 | | | | | | 1 |
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | | 5 | | 5 | 2 | 6 | 1 | 3 | 4 | 7 |
| Appelli | | | | 1 | | | | 1 | | |
| Proċeduri partikolari | | | | | | | | 1 | | |
| **Total** | | **5** | | **7** | **2** | **6** | **1** | **5** | **4** | **8** |

## 16. *Varji* – Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (2008-2010) [2]

| | 2008 | | 2009 | | 2010 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda | Ammissjoni | Ċaħda |
| Agrikoltura | | 1 | | | | |
| Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali | 2 | 1 | | 1 | | |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 1 | 1 | 2 | | 5 | 1 |
| **Total** | **3** | **3** | **2** | **1** | **5** | **1** |

[1] Mill-1 ta' Lulju 2000, kawża tista' tkun suġġetta għal proċedura mħaffa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 62a u 104a tar-Regoli tal-Proċedura.

[2] Mill-1 ta' Marzu 2008, permezz tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura, tista' tiġi implementata proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari fil-kawżi li jirrigwardaw l-Ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

## 17. *Diversi* – Proċeduri għal miżuri provviżorji (2010) [1]

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ċaħda | Ammissjoni | Tħassir jew ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni |
| Aċċess għal dokumenti | 1 | | | | |
| Għajnuna mill-Istat | | 1 | | | |
| Kompetizzjoni | | 2 | 3 | | |
| Dritt istituzzjonali | | 2 | 1 | | |
| Ambjent | | 1 | | | |
| Politika kummerċjali | 1 | | | | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 1 | | 1 | | |
| **TOTAL ĠENERALI** | **3** | **6** | **5** | | |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

# 18. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja* (1952-2010) – Kawżi ġodda u sentenzi

| Snin | Kawżi ġodda [1] | | | | | | | Sentenzi/ Opinjonijiet [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rikorsi diretti | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji u dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | Talbiet għal miżuri provviżorji | |
| 1953 | 4 | | | | | 4 | | |
| 1954 | 10 | | | | | 10 | | 2 |
| 1955 | 9 | | | | | 9 | 2 | 4 |
| 1956 | 11 | | | | | 11 | 2 | 6 |
| 1957 | 19 | | | | | 19 | 2 | 4 |
| 1958 | 43 | | | | | 43 | | 10 |
| 1959 | 46 | | | | 1 | 47 | 5 | 13 |
| 1960 | 22 | | | | 1 | 23 | 2 | 18 |
| 1961 | 24 | 1 | | | 1 | 26 | 1 | 11 |
| 1962 | 30 | 5 | | | | 35 | 2 | 20 |
| 1963 | 99 | 6 | | | | 105 | 7 | 17 |
| 1964 | 49 | 6 | | | | 55 | 4 | 31 |
| 1965 | 55 | 7 | | | | 62 | 4 | 52 |
| 1966 | 30 | 1 | | | | 31 | 2 | 24 |
| 1967 | 14 | 23 | | | | 37 | | 24 |
| 1968 | 24 | 9 | | | | 33 | 1 | 27 |
| 1969 | 60 | 17 | | | | 77 | 2 | 30 |
| 1970 | 47 | 32 | | | | 79 | | 64 |
| 1971 | 59 | 37 | | | | 96 | 1 | 60 |
| 1972 | 42 | 40 | | | | 82 | 2 | 61 |
| 1973 | 131 | 61 | | | | 192 | 6 | 80 |
| 1974 | 63 | 39 | | | | 102 | 8 | 63 |
| 1975 | 61 | 69 | | | 1 | 131 | 5 | 78 |
| 1976 | 51 | 75 | | | 1 | 127 | 6 | 88 |
| 1977 | 74 | 84 | | | | 158 | 6 | 100 |
| 1978 | 146 | 123 | | | 1 | 270 | 7 | 97 |
| 1979 | 1 218 | 106 | | | | 1 324 | 6 | 138 |
| 1980 | 180 | 99 | | | | 279 | 14 | 132 |
| 1981 | 214 | 108 | | | | 322 | 17 | 128 |
| 1982 | 217 | 129 | | | | 346 | 16 | 185 |
| 1983 | 199 | 98 | | | | 297 | 11 | 151 |
| 1984 | 183 | 129 | | | | 312 | 17 | 165 |
| 1985 | 294 | 139 | | | | 433 | 23 | 211 |
| 1986 | 238 | 91 | | | | 329 | 23 | 174 |
| 1987 | 251 | 144 | | | | 395 | 21 | 208 |
| 1988 | 193 | 179 | | | | 372 | 17 | 238 |
| 1989 | 244 | 139 | | | | 383 | 19 | 188 |

>>>

| Snin | Kawżi ġodda [1] | | | | | | | Sentenzi/ Opinjonijiet [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rikorsi diretti | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji u dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | Talbiet għal miżuri provviżorji | |
| 1990 | 221 | 141 | 15 | 1 | | 378 | 12 | 193 |
| 1991 | 140 | 186 | 13 | 1 | 2 | 342 | 9 | 204 |
| 1992 | 251 | 162 | 24 | 1 | 2 | 440 | 5 | 210 |
| 1993 | 265 | 204 | 17 | | | 486 | 13 | 203 |
| 1994 | 125 | 203 | 12 | 1 | 3 | 344 | 4 | 188 |
| 1995 | 109 | 251 | 46 | 2 | | 408 | 3 | 172 |
| 1996 | 132 | 256 | 25 | 3 | | 416 | 4 | 193 |
| 1997 | 169 | 239 | 30 | 5 | | 443 | 1 | 242 |
| 1998 | 147 | 264 | 66 | 4 | | 481 | 2 | 254 |
| 1999 | 214 | 255 | 68 | 4 | | 541 | 4 | 235 |
| 2000 | 197 | 224 | 66 | 13 | 2 | 502 | 4 | 273 |
| 2001 | 187 | 237 | 72 | 7 | | 503 | 6 | 244 |
| 2002 | 204 | 216 | 46 | 4 | | 470 | 1 | 269 |
| 2003 | 277 | 210 | 63 | 5 | 1 | 556 | 7 | 308 |
| 2004 | 219 | 249 | 52 | 6 | 1 | 527 | 3 | 375 |
| 2005 | 179 | 221 | 66 | 1 | | 467 | 2 | 362 |
| 2006 | 201 | 251 | 80 | 3 | | 535 | 1 | 351 |
| 2007 | 221 | 265 | 79 | 8 | | 573 | 3 | 379 |
| 2008 | 210 | 288 | 77 | 8 | 1 | 584 | 3 | 333 |
| 2009 | 143 | 302 | 104 | 2 | 1 | 552 | 1 | 377 |
| 2010 | 136 | 385 | 97 | 6 | | 624 | 2 | 370 |
| **Total** | **8 601** | **7 005** | **1 118** | **85** | **19** | **16 828** | **351** | **8 637** |

[1] Ċifri grossi; proċeduri partikolari esklużi.

[2] Ċifri netti.

## 19. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja* (1952-2010) – Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa
(skont l-Istat Membru u skont is-sena) [1]

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Oħra [1] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1961 | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 1 |
| 1962 | | | | | | | | | | | | | | | | | | 5 | | | | | | | | | | | 5 |
| 1963 | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 5 | | | | | | | | | | | 6 |
| 1964 | | | | | | | | | | | 2 | | | | | | | 4 | | | | | | | | | | | 6 |
| 1965 | | | | | 4 | | | | | 2 | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 7 |
| 1966 | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 1 |
| 1967 | 5 | | | | 11 | | | | | 3 | | | | | 1 | | | 3 | | | | | | | | | | | 23 |
| 1968 | 1 | | | | 4 | | | | | 1 | 1 | | | | | | | 2 | | | | | | | | | | | 9 |
| 1969 | 4 | | | | 11 | | | | | 1 | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | 17 |
| 1970 | 4 | | | | 21 | | | | | 2 | 2 | | | | | | | 3 | | | | | | | | | | | 32 |
| 1971 | 1 | | | | 18 | | | | | 6 | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | 37 |
| 1972 | 5 | | | | 20 | | | | | 1 | 4 | | | | | | | 10 | | | | | | | | | | | 40 |
| 1973 | 8 | | | | 37 | | | | | 4 | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | 61 |
| 1974 | 5 | | | | 15 | | | | | 6 | 5 | | | | | | | 7 | | | | | | | | | 1 | | 39 |
| 1975 | 7 | | | 1 | 26 | | | | | 15 | 14 | | | | 1 | | | 4 | | | | | | | | | 1 | | 69 |
| 1976 | 11 | | | | 28 | | 1 | | | 8 | 12 | | | | | | | 14 | | | | | | | | | 1 | | 75 |
| 1977 | 16 | | | 1 | 30 | | 2 | | | 14 | 7 | | | | | | | 9 | | | | | | | | | 5 | | 84 |
| 1978 | 7 | | | 3 | 46 | | 1 | | | 12 | 11 | | | | | | | 38 | | | | | | | | | 5 | | 123 |
| 1979 | 13 | | | 1 | 33 | | 2 | | | 18 | 19 | | | | 1 | | | 11 | | | | | | | | | 8 | | 106 |
| 1980 | 14 | | | 2 | 24 | | 3 | | | 14 | 19 | | | | | | | 17 | | | | | | | | | 6 | | 99 |
| 1981 | 12 | | | 1 | 41 | | | | | 17 | 11 | | | | 4 | | | 17 | | | | | | | | | 5 | | 108 |
| 1982 | 10 | | | 1 | 36 | | | | | 39 | 18 | | | | | | | 21 | | | | | | | | | 4 | | 129 |
| 1983 | 9 | | | 4 | 36 | | 2 | | | 15 | 7 | | | | | | | 19 | | | | | | | | | 6 | | 98 |
| 1984 | 13 | | | 2 | 38 | | 1 | | | 34 | 10 | | | | | | | 22 | | | | | | | | | 9 | | 129 |
| 1985 | 13 | | | | 40 | | 2 | | | 45 | 11 | | | | 6 | | | 14 | | | | | | | | | 8 | | 139 |

>>>

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Oħra [1] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1986 | 13 | | | 4 | 18 | | 4 | 2 | 1 | 19 | 5 | | | | 1 | | | 16 | | | | | | | | | 8 | | 91 |
| 1987 | 15 | | | 5 | 32 | | 2 | 17 | 1 | 36 | 5 | | | | 3 | | | 19 | | | | | | | | | 9 | | 144 |
| 1988 | 30 | | | 4 | 34 | | | | 1 | 38 | 28 | | | | 2 | | | 26 | | | | | | | | | 16 | | 179 |
| 1989 | 13 | | | 2 | 47 | | 1 | 2 | 2 | 28 | 10 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 14 | | 139 |
| 1990 | 17 | | | 5 | 34 | | 4 | 2 | 6 | 21 | 25 | | | | 4 | | | 9 | | | 2 | | | | | | 12 | | 141 |
| 1991 | 19 | | | 2 | 54 | | 2 | 3 | 5 | 29 | 36 | | | | 2 | | | 17 | | | 3 | | | | | | 14 | | 186 |
| 1992 | 16 | | | 3 | 62 | | | 1 | 5 | 15 | 22 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 18 | | 162 |
| 1993 | 22 | | | 7 | 57 | | 1 | 5 | 7 | 22 | 24 | | | | 1 | | | 43 | | | 3 | | | | | | 12 | | 204 |
| 1994 | 19 | | | 4 | 44 | | 2 | | 13 | 36 | 46 | | | | 1 | | | 13 | | | 1 | | | | | | 24 | | 203 |
| 1995 | 14 | | | 8 | 51 | | 3 | 10 | 10 | 43 | 58 | | | | 2 | | | 19 | 2 | | 5 | | | | | 6 | 20 | | 251 |
| 1996 | 30 | | | 4 | 66 | | | 4 | 6 | 24 | 70 | | | | 2 | | | 10 | 6 | | 6 | | | | 3 | 4 | 21 | | 256 |
| 1997 | 19 | | | 7 | 46 | | 1 | 2 | 9 | 10 | 50 | | | | 3 | | | 24 | 35 | | 2 | | | | 6 | 7 | 18 | | 239 |
| 1998 | 12 | | | 7 | 49 | | 3 | 5 | 55 | 16 | 39 | | | | 2 | | | 21 | 16 | | 7 | | | | 2 | 6 | 24 | | 264 |
| 1999 | 13 | | | 3 | 49 | | 2 | 3 | 4 | 17 | 43 | | | | 4 | | | 23 | 56 | | 7 | | | | 4 | 5 | 22 | | 255 |
| 2000 | 15 | | | 3 | 47 | | 2 | 3 | 5 | 12 | 50 | | | | | | | 12 | 31 | | 8 | | | | 5 | 4 | 26 | 1 | 224 |
| 2001 | 10 | | | 5 | 53 | | 1 | 4 | 4 | 15 | 40 | | | | 2 | | | 14 | 57 | | 4 | | | | 3 | 4 | 21 | | 237 |
| 2002 | 18 | | | 8 | 59 | | | 7 | 3 | 8 | 37 | | | | 4 | | | 12 | 31 | | 3 | | | | 7 | 5 | 14 | | 216 |
| 2003 | 18 | | | 3 | 43 | | 2 | 4 | 8 | 9 | 45 | | | | 4 | | | 28 | 15 | | 1 | | | | 4 | 4 | 22 | | 210 |
| 2004 | 24 | | | 4 | 50 | | 1 | 18 | 8 | 21 | 48 | | | | 1 | 2 | | 28 | 12 | | 1 | | | | 4 | 5 | 22 | | 249 |
| 2005 | 21 | | 1 | 4 | 51 | | 2 | 11 | 10 | 17 | 18 | | | | 2 | 3 | | 36 | 15 | 1 | 2 | | | | 4 | 11 | 12 | | 221 |
| 2006 | 17 | | 3 | 3 | 77 | | 1 | 14 | 17 | 24 | 34 | | | 1 | 1 | 4 | | 20 | 12 | 2 | 3 | | | 1 | 5 | 2 | 10 | | 251 |
| 2007 | 22 | 1 | 2 | 5 | 59 | 2 | 2 | 8 | 14 | 26 | 43 | | | 1 | | 2 | | 19 | 20 | 7 | 3 | 1 | | 1 | 5 | 6 | 16 | | 265 |
| 2008 | 24 | | 1 | 6 | 71 | 2 | 1 | 9 | 17 | 12 | 39 | 1 | 3 | 3 | 4 | 6 | | 34 | 25 | 4 | 1 | | | | 4 | 7 | 14 | | 288 |
| 2009 | 35 | 8 | 5 | 3 | 59 | 2 | | 11 | 11 | 28 | 29 | 1 | 4 | 3 | | 10 | 1 | 24 | 15 | 10 | 3 | 1 | 2 | 1 | 2 | 5 | 28 | 1 | 302 |
| 2010 | 37 | 9 | 3 | 10 | 71 | | 4 | 6 | 22 | 33 | 49 | | 3 | 2 | 9 | 6 | | 24 | 15 | 8 | 10 | 17 | 1 | 5 | 6 | 6 | 29 | | 385 |
| **Total** | **651** | **18** | **15** | **135** | **1 802** | **6** | **55** | **151** | **244** | **816** | **1 056** | **2** | **10** | **10** | **73** | **33** | **1** | **767** | **363** | **32** | **77** | **19** | **3** | **8** | **64** | **87** | **505** | **2** | **7 005** |

[1] Kawża C-265/00, Campina Melkunie (Qorti tal-Ġustizzja Benelux vs Benelux Gerechtshof).
Kawża C-196/09, Miles et (Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej).

# 20. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja* (1952-2010) – Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa
(skont l-Istat Membru u skont il-qorti)

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | Cour constitutionnelle | 17 | |
| | Cour de cassation | 77 | |
| | Conseil d'État | 62 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 495 | 651 |
| **Il-Bulgarija** | Софийски градски съд, Търговско отделение | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 17 | 18 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Nejvyšší soud | 1 | |
| | Nejvyšší správní soud | 5 | |
| | Ústavní soud | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 9 | 15 |
| **Id-Danimarka** | Højesteret | 29 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 106 | 135 |
| **Il-Ġermanja** | Bundesgerichtshof | 130 | |
| | Bundesverwaltungsgericht | 100 | |
| | Bundesfinanzhof | 272 | |
| | Bundesarbeitsgericht | 23 | |
| | Bundessozialgericht | 74 | |
| | Staatsgerichtshof des Landes Hessen | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 202 | 1 802 |
| **L-Estonja** | Riigikohus | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 5 | 6 |
| **L-Irlanda** | Supreme Court | 18 | |
| | High Court | 15 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 22 | 55 |
| **Il-Greċja** | Άρειος Πάγος | 10 | |
| | Συμβούλιο της Επικρατείας | 44 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 97 | 151 |
| **Spanja** | Tribunal Supremo | 35 | |
| | Audiencia Nacional | 1 | |
| | Juzgado Central de lo Penal | 7 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 201 | 244 |
| **Franza** | Cour de cassation | 93 | |
| | Conseil d'État | 63 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 660 | 816 |
| **L-Italja** | Corte suprema di Cassazione | 108 | |
| | Corte Costituzionale | 1 | |
| | Consiglio di Stato | 64 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 883 | 1 056 |
| **Ċipru** | Ανώτατο Δικαστήριο | 2 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | 2 |
| **Il-Latvja** | Augstākā tiesa | 9 | |
| | Satversmes tiesa | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 10 |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Litwanja** | Lietuvos Respublikos Konstitucinis Teismas | 1 | |
| | Lietuvos Aukščiausiasis | 3 | |
| | Lietuvos vyriausiasis administracinis Teismas | 3 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | 10 |
| **Il-Lussemburgu** | Cour supérieure de justice | 10 | |
| | Cour de cassation | 8 | |
| | Conseil d'État | 13 | |
| | Cour administrative | 7 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 35 | 73 |
| **L-Ungerija** | Legfelsőbb Bíróság | 3 | |
| | Fővárosi Ítélőtábla | 2 | |
| | Szegedi Ítélötáblá | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 27 | 33 |
| **Malta** | Qorti Kostituzzjonali | | |
| | Qorti tal-Appell | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 1 |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | Raad van State | 74 | |
| | Hoge Raad der Nederlanden | 194 | |
| | Centrale Raad van Beroep | 49 | |
| | College van Beroep voor het Bedrijfsleven | 139 | |
| | Tariefcommissie | 34 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 277 | 767 |
| **L-Awstrija** | Verfassungsgerichtshof | 4 | |
| | Oberster Gerichtshof | 78 | |
| | Oberster Patent- und Markensenat | 3 | |
| | Bundesvergabeamt | 24 | |
| | Verwaltungsgerichtshof | 61 | |
| | Vergabekontrollsenat | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 189 | 363 |
| **Il-Polonja** | Sąd Najwyższy | 5 | |
| | Naczelny Sąd Administracyjny | 12 | |
| | Trybunał Konstytucyjny | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 15 | 32 |
| **Il-Portugall** | Supremo Tribunal de Justiça | 2 | |
| | Supremo Tribunal Administrativo | 40 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 35 | 77 |
| **Ir-Rumanija** | Tribunal Dâmboviţa | 2 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 17 | 19 |
| **Is-Slovenja** | Vrhovno sodišče | | |
| | Ustavno sodišče | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | 3 |
| **Is-Slovakkja** | Ústavný Súd | | |
| | Najvyšší súd | 5 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | 8 |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Finlandja** | Korkein hallinto-oikeus | 29 | |
| | Korkein oikeus | 11 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 24 | 64 |
| **L-Isvezja** | Högsta Domstolen | 14 | |
| | Marknadsdomstolen | 5 | |
| | Regeringsrätten | 24 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 44 | 87 |
| **Ir-Renju Unit** | House of Lords | 40 | |
| | Court of Appeal | 64 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 401 | 505 |
| **Oħra** | Cour de justice Benelux/Benelux Gerechtshof [1] | 1 | 1 |
| | Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej [2] | 1 | 1 |
| **Total** | | | **7 005** |

[1] Kawża C-265/00, Campina Melkunie.

[2] Kawża C-196/09, Miles et.

## 21. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja* (1952-2010) – Rikorsi ppreżentati għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu




| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1952-2010 | 364 | | 22 | 35 | 265 | 17 | 196 | 379 | 227 | 398 | 621 | 7 | | 2 | 258 | 9 | 13 | 139 | 131 | 40 | 182 | 1 | 5 | 9 | 50 | 50 | 129 | **3 549** |




# Kapitolu II

## Il-Qorti Ġenerali

# A – Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2010

*Mill-President Marc Jaeger*

Is-sena 2010 kienet, għall-Qorti Ġenerali, sena ta' tiġdid parzjali fir-rigward ta' erbatax mill-Membri tagħha. Filwaqt li ħdax fosthom komplew il-funzjonjiet tagħhom, b'dispjaċir kbir il-Qorti Ġenerali rat it-tluq ta' tliet Membri li b'esperjenza ta' iktar minn 27 sena fis-servizz tal-qorti: A.W.H. Meij u M. Vilaras, Imħallfin mal-Qorti Ġenerali mill-1998, u V.M. Ciucă, Imħallef mal-Qorti Ġenerali mill-2007, li ġew issostitwiti rispettivament minn M. Van der Woude, D. Gratsias u A. Popescu. Il-kulleġġ ukoll ġie affettwat bir-riżenja, fid-29 ta' Ġunju 2010, ta' T. Tchipev, Imħallef mal-Qorti Ġenerali mill-2007. Sa Jannar 2011, ebda kandidat ma kien għadu ġie propost sabiex jissostitwixxih.

L-effett kunsiderevoli ta' dawn iċ-ċirkustanzi fuq il-kalendarju ġudizzjarju (it-tmien kulleġġi ġudikanti tal-qorti kellhom mill-inqas Membru li l-mandat tiegħu kien ser jiskadi fl-2010) inneċessità organizzazzjoni eċċezzjonali bil-għan li jiġi evitat li tiġi ppreġudikata l-attività ġudizzjarja.

Barra minn hekk, dan kien l-ewwel eżerċizzju li fil-kuntest tiegħu l-kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE ntalab jagħti opinjoni preliminari għad-deċiżjoni tal-Gvernijiet tal-Istati Membri – li fir-rigward tagħha t-Trattat ta' Lisbona fdalu r-responsabbiltà – dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef. Għalkemm din il-proċedura, intiża sabiex tiggarantixxi kemm l-indipendenza kif ukoll il-kompetenza tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali, għandha tintlaqa' pożittivament, hija madankollu dewmet it-twettiq tat-tiġdid parzjali. Huwa importanti, fil-futur, li l-atturi kollha fil-proċess ta' ħatra jaslu sabiex jevitaw dan id-dewmien, u flimkien miegħu l-ostakoli serji għall-funzjonament tajjeb tal-ġustizzja li jiġġeneraw. Ir-riżultati tal-Qorti Ġenerali fl-2010 ma jistgħux jiġu injorati billi tiġi injorata din l-informazzjoni indipendenti mir-rieda u mill-isforzi tal-qorti bil-għan li taffronta l-evoluzzjoni tal-kontenzjuż, li hija kkaratterizzata minn żieda, diversifikazzjoni u kumplessitàjiet ġodda.

Minn lat statistiku, is-sena 2010 kienet ikkaratterizzata b'diversi tendenzi. L-ewwel waħda tikkonċerna ż-żieda kbira tan-numru ta' kawżi mressqa, li tela' minn 568 (fl-2009) għal 636 (fl-2010), livell li qatt ma kien intlaħaq s'issa [1]. It-tieni tendenza tikkonċerna ż-żamma ta' numru ta' kawżi deċiżi sinjifikattivament ikbar minn 500 (527 kawżi deċiżi), u dan minkejja ċ-ċirkustanzi sfavorevoli msemmija qabel. Dan ir-riżultat madankollu ma kienx biżżejjed biex jillimita ż-żieda tal-kawżi pendenti, li laħqu l-1300 fil-31 ta' Diċembru 2010. It-tielet tendenza tikkonċerna t-tul tal-kawża, kriterju ta' evalwazzjoni essenzjali tal-attività ġudizzjarja. Minħabba ż-żamma tal-livell għoli ta' produttività u l-enfasi magħmula fuq il-ħeffa tat-trattament tal-kawżi, dan it-tul tnaqqas b'mod sinjifikattiv, bi 2.5 xhur fil-medja (minn 27.2 xahar fl-2009 għal 24.7 xahar fl-2010). Dan it-tnaqqis jista' jiġi apprezzat iktar fir-rigward tal-kawżi deċiżi permezz ta' sentenza fl-oqsma li jinsabu, wara l-ħolqien tal-qorti, fil-qalb tal-kontenzjuż tal-Qorti Ġenerali (jiġifieri l-oqsma kollha barra l-appelli u l-proprjetà intellettwali), li fir-rigward tagħhom ġie rreġistrat tnaqqis ta' iktar minn seba' xhur fit-tul tal-proċeduri.

Ir-riformi li għandhom isiru u l-isforzi sinjifikattivi mwettqa mill-qorti għandhom jippermettu, sa ċertu punt, li dawn ir-riżultati jitjiebu. Madankollu dan ma għandux isir billi tiġi ssagrifikata l-kwalità tal-istħarriġ ġudizzjarju eżerċitat, ħaġa li tiggarantixxi l-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja, li min-naħa tagħha tikkostitwixxi Unjoni tad-dritt.

[1] Fin-nuqqas ta' gruppi kbar ta' kawżi identiċi jew simili.

L-espożizzjonijiet li ġejjin jippruvaw jagħtu ħarsa fuq id-diversità u, xi drabi, il-kumplessità tal-kamp ta' attività tal-Qorti Ġenerali, fil-funzjoni tagħha ta' Mħallef tal-legalità (1), tal-kumpens għad-danni (II), tal-appelli (III) u tal-proċeduri għal miżuri provviżorji (IV).

# I. Kontenzjuż tal-legalità

## *Ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament*

### 1. Atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors

Il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti b'mod li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jbiddlu b'mod sostanzjali l-pożizzjoni legali tiegħu, jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE [2].

Fis-sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni* (T-258/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kundizzjonijiet li fihom komunikazzjoni tal-Kummissjoni, ippubblikata fis-serje Ċ tal-Ġurnal Uffiċjali, tista' titqies li hija att li jista' jiġi kkontestat.

F'dan il-każ, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja talbet l-annullament ta' komunikazzjoni [3] intiża li tgħarraf l-approċċ ġenerali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tan-normi fundamentali kollha dwar il-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi, li jirriżultaw direttament mir-regoli u mill-prinċipji tat-Trattat KE, b'mod partikolari l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' trasparenza, għall-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti li ma humiex suġġetti jew huma parzjalment suġġetti għad-Direttivi "Kuntratti Pubbliċi" [4].

Bil-għan li tiddetermina n-natura kontestabbli ta' dan il-għan, li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni allegat li dan kellu biss natura interpretattiva, il-Qorti Ġenerali ppruvat tiddetermina jekk, fid-dawl tal-kontenut tagħha, il-komunikazzjoni hijiex intiża li tipproduċi effetti legali ġodda meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-prinċipji fundamentali tat-Trattat. Għaldaqstant kellu jiġi stabbilit jekk il-Komunikazzjoni sempliċement tirriflettix id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-moviment liberu tal-merkanzija, il-libertà ta' stabbiliment, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u t-trattament ugwali kif ukoll ta' proporzjonalità u r-regoli ta' trasparenza u ta' rikonoxximent reċiproku applikabbli għall-kuntratti li ma humiex koperti jew huma biss parzjalment koperti mid-Direttivi "Kuntrati Pubbliċi", jew jekk hija tistabbilixxix obbligi speċifiċi jew ġodda meta mqabbla mal-imsemmija dispożizzjonijiet, prinċipji u regoli. Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li komunikazzjoni interprettativa ma hijiex ippreżentata, minħabba l-forma tagħha, in-natura tagħha jew il-kliem tagħha, bħala att intiż li jipproduċi effetti legali ma

[2] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, Ġabra p. 2639, punt 9.

[3] Komunikazzjoni interprettativa tal-Kummissjoni dwar id-dritt Komunitarju applikabbli għall-għoti ta' kuntratti li ma humiex suġġetti jew li huma parzjalment suġġetti għad-Direttivi "Kuntratti Pubbliċi" (ĠU 2006, C 179, p. 2).

[4] Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali [fuq koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19), u d-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

huwiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li hija ma tipproduċix effetti legali vinkolanti. Il-fatt li dan l-att, kien, jew ma kienx, ġie ppubblikat lanqas ma huwa rilevanti f'dan ir-rigward.

Wara li wettqet eżami fil-fond tal-kontenut tal-komunikazzjoni, il-Qorti Ġenerali kkonludiet li hija ma tinkludix regoli ġodda għall-għoti tal-kuntratti pubbliċi li jmorru lil hinn mill-obbligi tad-dritt eżistenti u li, f'dan iċ-ċirkustanzi, hija ma pproduċietx effetti legali vinkolanti tali li jaffettwaw is-sitwazzjoni ġuridika tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

## 2. Applikazzjoni *ratione temporis* tal-Artikolu 263 TFUE

Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE jissuġġetta l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati mill-individwi kontra atti li tagħhom ma humiex id-destinatarji għar-rekwiżit doppju li r-rikorrenti jkunu direttament u individwalment ikkonċernati mill-att ikkontestat. Skont il-ġurisprudenza, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ma humiex id-destinatarji ta' deċiżjoni jistgħu jsostnu li din tirrigwardahom individwalment fil-każ biss li din id-deċiżjoni taffettwahom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew minħabba ċirkustanzi partikolari li jiddistingwuhom minn kull persuna oħra u, bis-saħħa ta' dawn il-fatturi, tidentifikahom b'mod simili għal dak tad-destinatarju [5].

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, fl-1 ta' Diċembru 2009, ir-rekwiżiti għall-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament inbidlu. Għaldaqstant, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kull persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra att li jirrigwardaha direttament u indvidwalment, kif ukoll kontra att regolatorju li jirrigwardaha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni.

Qabel ma żviluppat l-interpretazzjoni materjali ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kellha, din is-sena, taffronta l-problema tal-applikazzjoni tagħhom *ratione temporis*. Fid-dawl tal-importanza ta' din il-kwistjoni, f'din l-okkażjoni l-Qorti Ġenerali ħadet id-deċiżjonijiet bħala Awla Manja.

Iż-żewġ kawżi kkonċernati, *Norilsk Nickel Harjavalta u Umicore vs Il-Kummissjoni* kif ukoll *Etimine u Etiproducts vs Il-Kummissjoni* (digrieti tas-7 ta' Settembru 2010, T-532/08 u T-539/08, li għadhom ma ġewx ippubblikati) kienu intiżi għall-annullament tad-Direttiva 2008/58/KE [6] u tar-Regolament (KE) Nru 790/2009 [7], intiżi sabiex jemendaw il-klassifikazzjoni ta' ċerti komposti tal-karbonat tan-nikil u tal-borati.

Peress li r-rikorsi ġew ippreżentati fil-5 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni kienet qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, billi sostniet li l-atti kkontestati ma kinux jirrigwardaw lir-rikorrenti individwalment skont l-Artikolu 230 KE. Peress li sa' dak iż-żmien it-Trattat ta' Lisbona kien daħal fis-seħħ, ir-rikorrenti sostnew li, taħt id-dispożizzjonijiet il-ġodda tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, din il-kundizzjoni ta' ammissibbiltà ma kinitx tapplika iktar fir-rigward tal-atti

5 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963 *Plaumann vs Il-Kummissjoni*, 25/62, Ġabra p. 197, 223.

6 Direttiva tal-Kummissjoni 2008/58/KE, tal-21 ta' Awwissu 2008, li temenda, bil-għan li tadatta għall-progress tekniku, għat-30 darba d-Direttiva tal-Kunsill Nru 67/548/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkjettar tas-sustanzi perikolużi (ĠU L 246, p. 1).

7 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 790/2009, tal-10 ta' Awwissu 2009, li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 235, p. 1).

kontestabbli. Għaldaqstant qamet il-kwistjoni dwar jekk ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE kienx applikabbli, *ratione temporis*, għar-rikors inkwistjoni u, b'mod iktar ġenerali, għar-rikorsi kollha pendenti fid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Billi kkonstatat li ebda dispożizzjoni tranżitorja ma kienet prevista f'dan ir-rigward fit-Trattat FUE, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, minn naħa, skont il-massima *tempus regit actum*, il-kwistjoni tal-ammissibbiltà ta' rikors għandha tiġi deċiża abbażi tar-regoli li kienu fis-seħħ fid-data ta' meta ġie ppreżentat, u li, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti ta' ammissibbiltà tar-rikors għandhom jiġu evalwati fil-mument ta' meta jiġi ppreżentat ir-rikors, jiġifieri fil-mument tal-preżentata tat-talba li jista' jiġi rettifikat biss meta tali rettifika sseħħ qabel l-iskadenza tat-terminu għall-preżentata tar-rikors. Is-soluzzjoni opposta ġġib magħha riskju ta' arbitrarjetà fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, peress li l-ammissibbiltà tar-rikors tkun tiddependi fuq id-data, li barra minn hekk hija inċerta, tat-teħid tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li ttemm l-istanza.

Din l-evalwazzjoni ma hijiex ikkonfutata mill-argument li jgħid li l-Artikolu 263 TFUE jifforma parti mir-regoli tal-proċedura li fir-rigward tagħhom il-ġurisprudenza ddeċidiet li, bil-kontra tar-regoli sostantivi u ta' liġi sostantiva, huma jitqiesu li japplikaw għal kull kawża li tkun pendenti meta jidħlu fis-seħħ. Fil-fatt, anki jekk jiġi kkunsidrat li l-kwistjonijiet ta' kompetenza ġudizzjarja huma koperti mill-qasam tar-regoli tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli, li fid-dawl tagħhom għandha tiġi evalwata l-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament ippreżentat kontra att tal-Unjoni, hemm lok li tiġi applikata l-massima *tempus regit actum*.

## 3. Interess ġuridiku

Il-kunċett ta' interess ġuridiku, li jikkundizzjona l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament, kien is-suġġett ta' preċiżazzjonijiet dwar diversi aspetti żviluppati iktar 'il quddiem.

L-ewwel nett, rikors għal annullament ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika huwa ammissibbli biss sa fejn ir-rikorrent ikollu interess fl-annullament tal-att ikkontestat. Tali interess jippresupponi li l-annullament ta' dan l-att jista' jkollu, fih innifsu, konsegwenzi legali jew, fi kliem ieħor, li r-rikors jista', bl-eżitu tiegħu, jipprovdi vantaġġ lill-parti li tkun ippreżentatu [8]. L-interess ġuridiku għandu jissussisti sal-għoti tad-deċiżjoni ġudizzjarja u, fin-nuqqas ta' dan, ma jkunx hemm lok għal deċiżjoni [9].

Fis-sentenza tad-19 ta' Jannar 2010, *Co-Frutta vs Il-Kummissjoni* (T-355/04 u T-446/04, Ġabra p. II-1) [10], il-Qorti Ġenerali ppreċiżat l-evalwazzjoni tal-interess ġuridiku li għandha ssir, meta, wara talba għal aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni, il-parti fil-kawża tippreżenta suċċessivament żewġ rikorsi, wieħed intiż għall-annullament ta' deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba għal aċċess, l-oħra intiża għall-annullament tad-deċiżjoni espliċita tal-Kummissjoni li ngħatat wara l-ewwel deċiżjoni impliċita.

8 Ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Settembru 2004, *MCI vs Il-Kummissjoni*, T-310/00, Ġabra p. II-3253, punt 44, u l-ġurisprudenza ċċitata.

9 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 2007, *Wunenburger vs Il-Kummissjoni* , C-362/05 P, Ġabra p. I-4333, punt 42.

10 Ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2010, *Ryanair vs Il-Kummissjoni* T-494/08 sa T-500/08 u T-509/08, li għadha ma ġietx ippubblikata.

F'dan il-każ, il-kumpannija Co-Frutta, kumpannija Taljana li tieħu ħsieb il-maturazzjoni tal-banana, kienet ippreżentat talba għal aċċess, quddiem id-Direttorat Ġenerali (DĠ) tal-Agrikoltura tal-Kummissjoni, għad-dokumenti tal-Kummissjoni dwar l-importaturi tal-banana rreġistrati fil-Komunità Ewropea. Wara r-risposta negattiva tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Agrikoltura", ir-rikorrenti kienet ressqet talba konfermattiva quddiem is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni, talba li fir-rigward tagħha hija rċeviet risposta negattiva impliċita wara l-iskadenza tat-terminu ta' 15-il jum previst fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [11]. Ir-rikorrenti kkontestat il-legalità ta' dawn iż-żewġ deċiżjonijiet quddiem il-Qorti Ġenerali (suġġett tal-Kawża T-355/04).

Xahrejn wara, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni adotta deċiżjoni espliċita li permezz tagħha huwa kkonferma, essenzjalment, id-deċiżjoni impliċita tiegħu, filwaqt li ta madankollu aċċess għal parti biss tad-dokumenti mitluba. Ir-rikorrenti ppreżentat rikors ġdid kontra din id-deċiżjoni (suġġett tal-Kawża T-446/04).

F'dan il-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li, minħabba l-adozzjoni tad-deċiżjoni espliċita sussegwenti, li tagħha hija talbet ukoll l-annullament, ir-rikorrenti tilfet l-interess ġuridiku tagħha kontra d-deċiżjoni impliċita, u li ma hemmx iktar lok għal deċiżjoni fuq ir-rikors ippreżentat fil-Kawża T-355/04. Fil-fatt, permezz tal-adozzjoni tad-deċiżjoni espliċita, il-Kummissjoni, minħabba f'hekk, irtirat id-deċiżjoni impliċita mogħtija preċedentement. Barra minn hekk il-Qorti Ġenerali kkonstatat li annullament eventwali minħabba difett ta' natura sostanzjali tad-deċiżjoni impliċita jista' jagħti biss lok għal deċiżjoni ġdida, identika mill-aspett tal-mertu għad-deċiżjoni espliċita. Barra minn hekk, l-eżami tar-rikors kontra d-deċiżjoni impliċita ma jista jiġi ġġustifikat bil-għan li jiġi evitat li tiġi rriprodotta l-illegalità allegata, u lanqas bil-għan li jiġi ffaċilitat rikors għad-danni eventwali, peress li dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu permezz tal-eżami tar-rikors kontra d-deċiżjoni espliċita, li huwa l-uniku rikors meqjus bħala ammissibbli.

Fit-tieni lok, fis-sentenza tal-11 ta' Mejju 2010, *PC-Ware Information Technologies vs Il-Kummissjoni* (T-121/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali applikat il-ġurisprudenża li abbażi tagħha, jekk l-interess ġuridiku jiġi evalwat b'mod partikolari fir-rigward tal-benefiċċju dirett li l-annullament tal-att inkwistjoni jagħti lir-rikorrent, l-azzjoni ta' dan tal-aħħar hija wkoll ammissibbli meta l-annullament mitlub jkollu bħala effett li jiġi evitat li l-illegalità allegata ma tipproduċix ruħha fil-futur [12]. Hija għaldaqstant qieset bħala ammissibbli r-rikors ippreżentat minn kandidat li ma jkunx irnexxa fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad l-offerta tiegħu, filwaqt li l-kuntratt kien diġà ġie parzjalment eżegwit. Il-Qorti Ġenerali qieset li, fir-rigward ta' ftehim qafas bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, li jistabbilixxi punt ta' bejgħ uniku għall-akkwist ta' prodotti u liċenzji ta' softwer ta' Microsoft mingħand il-fornitur Microsoft; li jista' jservi bħala mudell tal-għoti fil-futur ta' kuntratti analogi, jeżisti interess li jiġi evitat li l-illegalità allegata mir-rikorrenti terġa' sseħħ fil-futur.

It-tielet nett, fis-sentenza tal-21 ta' Mejju 2010, Franza *et vs Il-Kummissjoni* (T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali fakkret is-sitwazzjoni partikolari prevista fit-Trattat fir-rigward tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-wiri tal-interess ġuridiku, filwaqt li ddistingwiet, barra minn hekk, dan il-kunċett minn dak ta' att li jista' jiġi kkontestat.

[11] Regolament (KE) Nru 1049/2001, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

[12] Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 1999, *Gencor vs Il-Kummissjoni*, T-102/96, Ġabra p. II-753, punt 41.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li t-Trattat jagħmel distinzjoni ċara bejn id-dritt għal azzjoni għal annullament tal-istituzzjonijiet u tal-Istati Membri, minn naħa, u dak tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, min-naħa l-oħra, peress li kull Stat Membru għandu d-dritt li jikkontesta, permezz ta' rikors għal annullament, il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, mingħajr ma l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ikun suġġett għall-ġustifikazzjoni ta' interess ġuridiku. Stat Membru ma għandux għaldaqstant bżonn juri li att tal-Kummissjoni li huwa jikkontesta jipproduċi effetti legali fir-rigward tiegħu sabiex ir-rikors tiegħu jkun ammissibbli. Barra minn hekk, il-kunċett ta' interess ġuridiku ma jistax jitħallat mal-kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat, li bis-saħħa tiegħu biex att jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament huwa neċessarju li jkun intiż li jipproduċi effetti legali li jistgħu jikkawżaw dannu, u dan għandu jiġi ddeterminat b'referiment għas-sustanza tiegħu. F'dan il-każ, peress li d-deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat li jipproduċi effetti legali vinkolanti, kien ammissibbli li r-Repubblika Franċiża, fil-kapaċità biss tagħha ta' Stat Membru, tippreżenta rikors għal annullament mingħajr ma għandha għalfejn tiġġustifika li għandha interess ġuridiku f'dan ir-rigward.

## *Regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi*

### 1. Ġenerali

### a) Kunċett ta' assoċjazzjoni ta' impriżi

Fis-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2010, *CNOP u CCG vs Il-Kummissjoni* (T-23/09, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali għamlet il-kwalifika ta' assoċjazzjoni ta' impriżi, fil-kuntest tad-deċiżjonijiet ta' spezzjoni tal-Kummissjoni, inqas iebsa. L-Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 [13] jindika li l-Kummissjoni tista' tagħmel l-ispezzjonijiet kollha neċessarji għand impriżi u assoċjazzjonijiet ta' impriżi. Fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, il-Conseil national de l'Ordre des pharmaciens (CNOP) u l-Conseil central de la section G (CCG) de l'Ordre national des pharmaciens (ONP), destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata flimkien mal-ONP, kkontestaw il-kwalifika ta' impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi applikata mill-Kummissjoni fir-rigward tagħhom u, għaldaqstant, il-possibbiltà għal din tal-aħħar li twettaq spezzjonijiet fl-uffiċċji tagħhom. Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li hemm lok li titqies in-natura speċifika tad-deċiżjonijiet ta' spezzjoni. B'mod partikolari, fid-dawl tal-fatt li tali deċiżjonijiet jittieħdu fil-bidu ta' investigazzjoni, f'dan l-istadju ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' evalwazzjoni b'mod definittiv ta' jekk l-atti jew id-deċiżjonijiet tal-entitajiet destinatarji, jew entitajiet oħra, jistgħux jiġu kkwalifikati bħala ftehim bejn impriżi, deċiżjonijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki miftiehma li jmorru kontra l-Artikolu 81(1) KE (li sar l-Artikolu 101(1) TFUE) jew kontra l-prattiki msemmija fl-Artikolu 82 KE (li sar l-Artikolu 102 TFUE). Fil-fatt, dan l-istadju ma jinvolvix evalwazzjoni ta' aġir konkret, peress li l-għan tal-ispezzjoni huwa preċiżament li jinġabru l-provi relatati ma' aġir allegat. Sussegwentement il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni kkonstatat li l-ONP u r-rikorrenti huma l-organi li jiġbru u jirrappreżentaw ċertu numru ta' professjonisti li jistgħu jiġu kkwalifikati bħala impriżi skont l-Artikolu 81 KE. Il-kwistjoni dwar jekk, fl-eżerċizzju tal-prerogattivi konkreti tagħhom, ir-rikorrenti jaħarbux jew le mill-applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE kienet manifestament prematura u kellha tinqata' fil-kuntest tad-deċiżjoni finali. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra li fl-istadju ta' meta ttieħdet id-deċiżjoni kkontestata l-ONP u r-rikorrenti kienu assoċjazzjonijiet tal-impriżi fis-sens tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003.

[13] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82[KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

## b) Definizzjoni ta' suq

Is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2010, *CEAHR vs Il-Kummissjoni* (T-427/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), ippermettiet lill-Qorti Ġenerali tfakkar il-metodu ta' definizzjoni tas-suq rilevanti billi rrikorriet għas-swieq ta' wara l-bejgħ. F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li s-suq tal-ispare parts għall-prodotti primarji ta' ċerta ditta jista' ma jikkostitwixxix suq rilevanti separat f'żewġ sitwazzjonijiet: fl-ewwel lok, fil-każ li l-konsumatur ikun jista' jdur għall-ispare parts immanifatturati minn manifattur ieħor; fit-tieni lok, fil-każ li l-konsumatur jista' jdur għal prodott primarju ieħor sabiex jevita żieda fil-prezz fis-suq tal-ispare parts. Madankolu, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni għandha turi li, fil-każ ta' żieda moderata u permanenti tal-prezz tal-prodotti sekondarji, numru suffiċjenti ta' konsumaturi jkunu ser iduru għall-prodotti l-oħrajn, primarji jew sekondarji, sabiex jirrendu tali żieda mhux vantaġġuża. Hija żiedet li l-prova tal-eżistenza ta' possibbiltà purament teoretika li konsumatur idur għal prodott primarju ieħor ma tistax tkun prova biżżejjed għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq rilevanti, peress li hija bbażata fuq il-kunċett ta' eżistenza ta' kompetizzjoni effettiva. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, billi kkunsidrat li l-prodotti primarji u sekondarji f'dan il-każ kienu jifformaw parti tal-istess suq mingħajr ma wriet li żieda moderata fil-prezz tal-prodotti ta' manifattur fis-suq sekondarju jkollha l-konsegwenza li t-talba ddur għall-prodotti ta' manifatturi oħra fis-suq primarju, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

## c) Spezzjonijiet

**Obbligu ta' motivazzjoni**

Fis-sentenza *CNOP u CCG vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni li l-Kummissjoni għandha fil-kuntest ta' deċiżjoni ta' spezzjoni. Qabel kollox il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludix argumenti speċifiċi dwar ir-raġunijiet għalfejn ordni professjonali, bħal dak inkwistjoni, u l-organi tiegħu huma kkunsidrati f'dan il-każ bħala assoċjazzjonijiet ta' impriżi. Madankollu hija sussegwentement osservat li, fid-dawl tal-istadju tal-proċedura amministrattiva li jirriżultaw minnha d-deċiżjonijiet ta' spezzjoni, il-Kummissjoni f'dan il mument ma kellhiex informazzjoni preċiża li tippermettilha tanalizza jekk l-aġir jew l-atti msemmija jistgħux jiġi kkwalifikati bħala deċiżjonijiet ta' impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi skont l-Artikolu 81 KE. Il-Qorti Ġenerali fakkret li huwa preċiżament fid-dawl tan-natura speċifika tad-deċiżjonijiet ta' spezzjoni li l-ġurisprudenza fil-qasam ta' motivazzjoni evidenzjat it-tipi ta' informazzjoni li għandu jkun hemm f'deċiżjoni ta' spezzjoni sabiex tippermetti lid-destinatarji jsostnu d-drittjiet ta' difiża tagħhom f'dan l-istadju tal-proċedura amministrattiva. Li jiġi impost obbligu ta' motivazzjoni ikbar fuq il-Kummissjoni f'dan ir-rigward ma jiħux sewwa inkunsiderazzjoni n-natura preliminari tal-ispezzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tesponi, fid-deċiżjoni kkontestata, l-analiżi ġuridika speċifika li abbażi tagħha kkwalifikat lid-destinatarji bħala assoċjazzjonijiet ta' impriżi lil hinn mill-ispjegazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-rigward f'din id-deċiżjoni.

**Oneru tal-prova**

Fis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2010, *E.ON Energie vs Il-Kummissjoni* (T-141/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-multa ta' EUR 38 miljun imposta fuq E.ON Energie AG għal ksur ta' siġill imwaħħal mill-Kummissjoni f'bini ta' din l-impriża matul spezzjoni. Dan l-ewwel każ ta' applikazzjoni tal-Artikolu 23(1)(e) tar-Regolament NRu 1/2003 wassal lill-Qorti Ġenerali teżamina b'mod iktar partikolari l-kwistjoni tal-oneru tal-prova f'din it-tip ta' sitwazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret il-prinċipju li abbażi tiegħu, fir-rigward tal-oneru tal-prova ta' ksur tad-dritt dwar il-kompetizzjoni, meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq provi diretti li, bħala prinċipju, huma suffiċjenti sabiex tintwera l-eżistenza tal-ksur, ma huwiex biżżejjed li l-impriża kkonċernata ssemmi l-possibbiltà li seħħ fatt li jista' jaffettwa l-valur probatorju tal-imsemmija provi sabiex il-Kummissjoni jkollha l-oneru tal-prova li dan il-fatt ma setax jaffettwa l-valur probatorju tagħhom. Bil-kontra, ħlief fil-każijiet li tali prova ma tkunx tista' tiġi prodotta mill-impriża kkonċernata minħabba l-aġir tal-Kummissjoni nnifisha, hija l-impriża kkonċernata li għandha tistabbilixxi suffiċjentement skont il-liġi, minn naħa, l-eżistenza tal-fatt li hija tinvoka, u, min-naħa l-oħra, li dan il-fatt iqiegħed f'dubju l-valur probatorju tal-provi li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni. Barra minn hekk, għalkemm il-Kummissjoni għandha l-oneru li tipprova l-ksur tas-siġill, min-naħa l-oħra, hija ma għandhiex l-oneru li tipprova li kien hemm dħul effettiv fil-bini li kien issiġillat jew li d-dokumenti li kienu maħżuna hemm ġew mimsusa. F'kull każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat f'dan il-każ li kienet ir-rikorrenti li kellha tieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex tipprevjeni kwalunkwe manipulazzjoni tas-siġill inkwistjoni, iktar u iktar għaliex ir-rikorrenti kienet ġiet informata b'mod ċar bis-sinjifikat tas-siġill inkwistjoni u bil-konsegwenzi tal-ksur tas-siġill.

**Multi**

Fis-sentenza li tat lok għas-sentenza *E.ON Energie vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, ir-rikorrenti sostniet wkoll li l-multa ta' ammont ta' EUR 38 miljun kienet sproporzjonata, Madankollu, il-Qorti Ġenerali fakkret, fis-sentenza tagħha, li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ksur ta' siġill inkwistjoni kien jikkostitwixxi l-ewwel każ ta' applikazzjoni tal-Artikolu 23(1)(e) tar-Regolament Nru 1/2003 filwaqt li ppreċiżat li, indipendentement minn dan il-fatt, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti kellha bosta esperti ġuridiċi fil-qasam tad-dritt dwar l-akkordji, fit-tieni lok, l-emenda tar-Regolament Nru 1/2003 kienet saret iktar minn tliet snin qabel l-ispezzjonijiet li hija ġiet suġġetta għalihom, fit-tielet lok, ir-rikorrenti kienet ġiet informata bil-konsegwenzi ta' ksur ta' siġill u, fir-raba' lok, siġilli oħra kienu diġà twaħħlu fil-bini ta' kumpanniji oħra tal-grupp tar-rikorrenti xi ġimgħat qabel. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li s-sempliċi fatt tal-ksur ta' siġill ineħħi l-effett ta' salvagwardja tiegħu u huwa għalhekk biżżejjed sabiex jikkostitwixxi ksur. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li multa li tammonta għal EUR 38 miljun, li kienet tikkorrispondi għal madwar 0.14 % tad-dħul mill-bejgħ tar-rikorrenti, ma tistax titqies li hija sproporzjonata meta mqabbla mal-ksur, fid-dawl tan-natura partikolarment serja ta' ksur ta' siġill, tad-daqs tar-rikorrenti u tan-neċessità li jiġi żgurat effett dissważiv biżżejjed tal-multa, sabiex ma jkunx iktar vantaġġuż għal impriża li tikser siġill imwaħħal mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' spezzjonijiet.

## 2. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 81 KE (li sar l-Artikolu 101 TFUE)

### a) Ksur kontinwu

Fis-sentenza tad-19 ta' Mejju 2010, *IMI et vs Il-Kummissjoni* (T-18/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), l-eżami tal-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, ikkonċerna n-natura interrotta tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur. F'dan ir-rigward il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, jekk il-perijodu bejn żewġ manifestazzjonijiet ta' aġir li jikkostitwixxi ksur huwa kriterju rilevanti sabiex tiġi stabbilita n-natura kontinwa ta' ksur, xorta jibqa' l-fatt illi l-kwistjoni jekk l-imsemmi perijodu huwiex twil biżżejjed jew le sabiex jikkostitwixxi interruzzjoni tal-ksur ma tistax tiġi eżaminata fl-astratt, iżda għandha tiġi evalwata fil-kuntest tat-tħaddim tal-akkordju inkwistjoni. F'dan il-każ, hija rrilevat li l-perijodu ta' nuqqas ta' kuntatti jew ta' manifestazzjonijiet kollużivi min-naħa tar-rikorrenti jeċċedi b'iktar minn sena l-intervalli li fihom l-impriżi membri tal-kartell kienu normalment juru l-intenzjonijiet rispettivi tagħhom li jillimitaw il-kompetizzjoni. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, billi qieset li r-rikorrenti kienu pparteċipaw b'mod mhux interrott fil-kartell matul il-perijodu kkontestat, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u biddlet l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni

l-parteċipazzjoni sekwenzjali tagħhom fil-kartell, billi naqqset iż-żieda tal-ammont tal-multa skont it-tul tal-ksur minn 110 % għal 100 %.

## b) Kalkolu tal-ammont tal-multa

Ir-rikorsi kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jissanzjonaw il-kartelli msejħa tal-"ħajt industrijali", tal-"pajpijiet għall-plumbing" u tat-"tabakk Spanjol" ippermettew lill-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet u tagħti spjegazzjonijiet dwar ċertu numru ta' elementi li jidħlu fil-kalkolu tal-ammont tal-multi.

**Ammont inizjali**

Fis-sentenza tat-28 ta' April 2010, *BST vs Il-Kummissjoni* (T-452/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), fir-rigward tal-kapaċità ekonomika effettiva tal-awturi ta' ksur li jikkawżaw ħsara lill-kompetizzjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, għalkemm l-integrazzjoni vertikali u l-portata tal-firxa ta' prodotti jistgħu, skont il-każ, jikkostitwixxu elementi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-influwenza li impriża tista' teżerċita fuq is-suq u jikkostitwixxu indizji addizzjonali ta' din l-influwenza flimkien mal-ishma mis-suq jew id-dħul mill-bejgħ fis-suq ikkonċernat, kien hemm lok li jiġi kkonstatat li l-argumenti tar-rikorrenti, dwar l-integrazzjoni vertikali tal-impriżi l-oħra kkonċernati, ma wrewx li dawn tal-aħħar kellhom vantaġġi ta' kompetizzjoni partikolari u sinjifikattivi fis-suq inkwistjoni.

**Trattament differenzjat**

Fil-kawża *Chalkor vs Il-Kummissjoni* (sentenza tad-19 ta' Mejju 2010, T-21/05, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell) u fil-kawża li tat lok għas-sentenza *IMI et vs Il-Kummissjoni* ċċitata iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li ma hemmx lok li jsir trattament differenzjat bejn il-kontravenjenti li jkunu pparteċipaw biss f'parti tal-kartell imsejħa "pajpijiet għall-plumbing" u dawk li jkunu pparteċipaw ukoll fi parti oħra ta' dan il-kartell, peress li l-kooperazzjoni fi ħdan din it-tieni parti ma kinitx kunsiderevolment ħafna iktar minn dik li kienet teżisti fi ħdan l-ewwel waħda. Madankollu, fis-sentenzi tagħha, il-Qorti Ġenerali qieset li impriża li r-responsabbiltà tagħha ġiet stabbilita fir-rigward ta' diversi partijiet ta' akkordju tikkontribwixxi iktar għall-effiċjenza u għall-gravità ta' dan l-akkordju minn persuna li twettaq ksur u tkun involuta biss f'parti waħda ta' dan l-istess akkordju, u għaldaqstant tikkommetti ksur iktar gravi. Din l-evalwazzjoni għandha neċessarjament issir fl-istadju meta jiġi ffissat l-ammont inizjali speċifiku, peress li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi attenwanti jippermetti biss li jinbidel l-ammont inizjali tal-multa skont il-mod kif il-persuna li twettaq il-ksur tkun implementat l-akkordju. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali naqqset l-ammont inizjali tal-multa b'10 % għal kull waħda mir-rikorrenti f'dawn il-kawżi.

**Limitu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ**

Fis-sentenza tat-28 ta' April 2010, *Gütermann u Zwicky vs Il-Kummissjoni* (T-456/05 u T-457/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret li, għall-inqas fis-sitwazzjonijiet fejn ma jkun hemm ebda indikazzjoni li impriża waqqfet l-attivitajiet kummerċjali tagħha jew biddlet id-dħul mill-bejgħ tagħha sabiex tevita l-impożizzjoni ta' multa kbira, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni hija obbligata li tiffissa l-limitu massimu tal-multa b'riferiment għad-dħul mill-bejgħ l-iktar reċenti li jirrifletti sena sħiħa ta' attività ekonomika. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali osservat li indizji serji, bħalma huma n-nuqqas ta' dħul mill-bejgħ għal diversi snin, in-nuqqas ta' impjegati u saħansitra n-nuqqas ta' provi konkreti ta' użu favur il-proprjetà immobbli tagħha jew ta' proġetti ta' investimenti sabiex tuża bi profitt din tal-aħħar, jippermettu li jiġi preżunt li Zwicky ma komplietx teżerċita attività ekonomika normali fis-sens tal-ġurisprudenza. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset li, sabiex tistabbilixxi l-limitu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ li ma għandux jinqabeż fil-kalkolu

tal-ammont tal-multa prevista fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni kien imissha rreferiet għall-aħħar dħul mill-bejgħ ta' Zwicky & Co. li jirriżulta mill-attivitajiet ekonomiċi reali tagħha, u mhux għal dak tal-impriża li ħadet lil Zwicky & Co. wara ċ-ċessjoni tal-attivitajiet tagħha.

**Ċirkustanzi aggravanti**

Fil-kawża *Deltafina vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, T-29/05, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Kummissjoni qieset li r-rikorrenti kellha rwol ta' mexxej fil-kuntest tal-akkordju u, minn naħa żiedet, għaldaqstant, l-ammont bażiku tal-multa bi 50 % abbażi taċ-ċirkustanzi aggravanti u, min-naħa l-oħra, qieset dan ir-rwol sabiex tnaqqas b'10 % biss l-ammont tal-multa minħabba l-kooperazzjoni. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet żball f'dan ir-rigward. Qabel kollox hija fakkret li, biex tiġi kkwalifikata bħala mexxej, l-impriża inkwistjoni għandha tkun forza li tagħti spinta lill-akkordju u tkun refgħet responsabbiltà partikolari u konkreta fil-funzjonament tiegħu. Issa, hija rrilevat li, f'dan il-każ, għalkemm il-provi invokati mill-Kummissjoni kienu juru li r-rikorrenti kellha rwol attiv u dirett fl-akkordju tal-produtturi tat-tabakk, madankollu dan ma kienx biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li din il-kumpannija kienet forza li tat spinta sinjifikattiva lil dan l-akkordju, u lanqas li r-rwol tagħha kien ikbar minn dak ta' xi wieħed mill-produtturi Spanjoli. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat, b'mod partikolari, li ebda prova mill-fajl ma indikat li Deltafina ħadet xi inizjattiva bil-għan li toħloq l-akkordju msemmi jew li twassal li xi wieħed mill-produtturi Spanjoli sabiex jaderixxi miegħu, lanqas, barra minn hekk, li hija assumiet l-inkarigu ta' attivitajiet abitwalment marbuta mal-eżerċizzju tar-rwol ta' mexxej ta' akkordju, bħall-presidenza ta' laqgħat jew iċ-ċentralizzazzjoni u d-distribuzzjoni ta' xi data. Għaldaqstant, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq Deltafina minn EUR 11.88-il miljun għal EUR 6.12 miljuni.

### c) Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur – Kundanna *in solidum*

Fis-sentenza tat-14 ta' Settembru 2010, *Trioplast Industrier vs Il-Kummissjoni* (T-40/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), il-Qorti Ġenerali għamlet diversi preċiżazzjonijiet dwar ir-regoli applikabbli għar-responsabbiltà *in solidum* tal-kumpanniji parent suċċessivi għall-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjara tagħhom.

Qabel kollox, hija indikat li l-proċedura li tikkonsisti f'li lill-kumpannija parent jiġi attribwit l-istess ammont inizjali bħal dak deċiż fir-rigward tas-sussidjarja li pparteċipat direttament fl-akkordju, mingħajr id-diviżjoni, fil-każ ta' suċċessjoni *ratione temporis* ta' diversi kumpanniji parent, ta' dan l-ammont, ma tistax titqies li hija intrinsikament mhux xierqa. Fil-fatt, l-għan imfittex mill-Kummissjoni huwa li lill-kumpannija parent jiġi attribwit l-istess ammont inizjali li kien jiġi attribwit li kieku hija tkun ipparteċipat direttament fl-akkordju nnifsu, fatt li huwa konformi mal-għan tal-politika ta' kompetizzjoni.

Suċċessivament, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-każ ta' ksur imwettaq minn sussidjarja li wara ssir proprjetà ta' diversi entitajiet ekonomiċi matul il-ksur, il-fatt li t-totali tal-ammonti attribwiti lill-kumpanniji parent ikun ogħla mill-ammont, jew mit-totali tal-ammonti, attribwit lill-imsemmija sussidjarja, ma jistax *a priori* jitqies li ma jkunx xieraq.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali rrilevat li huwa b'mod żbaljat li d-deċiżjoni kkontestata tħalli lill-Kummissjoni libertà sħiħa fir-rigward tal-irkupru tal-multa mingħand waħda jew oħra mill-persuni ġuridiċi kkonċernati skont il-kapaċità kontributtiva tagħhom. Fil-fatt din il-libertà ta' għażla tissuġġetta l-ammont effettivament irkuprat mingħand ir-rikorrenti għall-ammonti rkuprati mingħand kumpanniji parent preċedenti, u viċi versa, filwaqt li dawn il-kumpanniji ma jkunu

qatt ma fformaw entità ekonomika komuni u għaldaqstant ma jkunux responsabbli *in solidum*. Il-Qorti Ġenerali żiedet li l-prinċipju ta' individwalità tal-pieni u tas-sanzjonijiet jitlob li l-ammont effettivament imħallas mir-rikorrenti ma jaqbiżx il-parti tar-responsabbiltà *in solidum* tagħha, parti li tikkorrispondi għall-parti tal-ammont attribwita lir-rikorrenti meta mqabbla mat-totali tal-ammonti li fir-rigward tagħhom il-kumpanniji parent suċċessivi jitqiesu rispettivament li huma responsabbli *in solidum* għal ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjoni kienet inkompatibbli mal-obbligu li l-Kummissjoni għandha li tqiegħed lir-rikorrenti f'pożizzjoni li tkun taf mingħajr ambigwità l-ammont eżatt tal-multa li hija għandha tħallas fir-rigward tal-perijodu li għalih hija nżammet responsabbli *in solidum* għall-ksur flimkien mas-sussidjarja tagħha. Għaldaqstant, hija annullat parzjalment din id-deċiżjoni u ffissat għal EUR 2.73 miljuni l-ammont attribwit lil Trioplast Industrier, li jikkostitwixxi l-bażi li fuqha għandha tiġi ddeterminata l-parti tar-rikorrenti mir-responsabbiltajiet *in solidum* tal-kumpanniji parent wara l-ħlas tal-multa imposta fuq is-sussidjarja tagħhom.

## 3. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 82 KE (li sar l-Artikolu 102 TFUE)

Fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, *AstraZeneca vs Il-Kummissjoni* (T-321/05, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fuq il-legalità ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li kkonstatat li r-rikorrenti kienet kisret l-Artikolu 82 KE, minn naħa, billi ppreżentat dikjarazzjonijiet żgwidanti quddiem l-uffiċċji nazzjonali tal-privattivi u, min-naħa l-oħra, billi rtirat awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali li l-privattiva tiegħu kienet ser tiskadi.

Fir-rigward tal-ewwel abbuż, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-preżentazzjoni lill-awtoritajiet pubbliċi ta' informazzjoni li tiżgwida, ta' natura li twassalhom għal deċiżjoni żbaljata u, konsegwentement, għal ħruġ ta' dritt esklużiv li għalih l-impriża ma għandhiex dritt, jew li għalih hija għandha dritt għal perijodu iqsar, tikkostitwixxi prattika li ma taqax fil-parametri tal-kompetizzjoni fuq il-merti, li tista' tkun partikolarment restrittiva għall-kompetizzjoni.

In-natura żgwidanti tad-dikjarazzjonijiet mgħoddija lill-awtoritajiet pubbliċi għandha tiġi evalwata fuq il-bażi ta' elementi oġġettivi, peress li l-prova tan-natura deliberata tal-imġiba u l-*mala fide* tal-impriża f'pożizzjoni dominanti ma hijiex meħtieġa għall-finijiet tal-identifikazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti. Madankollu, il-fatt li l-kunċett ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti għandu kontenut oġġettiv u ma jimplikax l-intenzjoni li ssir ħsara ma jwassalx għall-kunsiderazzjoni li l-intenzjoni li wieħed jirrikorri għal prattiki li ma jaqgħux fil-parametri tal-kompetizzjoni fuq il-merti hija f'kull każ irrilevanti, anki jekk tali konklużjoni għandha qabelxejn tkun ibbażata fuq il-konstatazzjoni oġġettiva ta' tqegħid fis-seħħ konkret tal-imġiba abbużiva.

Fir-rigward tat-tieni abbuż, jiġifieri l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali li l-privattiva tiegħu kienet ser tiskadi, il-Qorti Ġenerali qieset li, minkejja li l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti ma tipprekludix impriża f'din il-pożizzjoni tad-dritt milli tipproteġi l-interessi kummerċjali tagħha meta dawn jiġu mhedda, hija ma tistax tuża proċeduri regolatorji b'mod li timpedixxi jew tirrendi iktar diffiċli d-dħul ta' kompetituri fis-suq, fin-nuqqas ta' raġunijiet marbuta mad-difiża tal-interessi leġittimi ta' impriża involuta f'kompetizzjoni fuq il-merti jew fin-nuqqas ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi. Fil-fatt, il-preparazzjoni minn impriża, anki f'pożizzjoni dominanti, ta' strateġija li għandha l-għan li timminimizza t-tnaqqis tal-bejgħ tagħha u li tkun f'pożizzjoni li tiffaċċja l-kompetizzjoni minn prodotti ġeneriċi hija leġittima u taqa' fl-ambitu normali tal-kompetizzjoni, sakemm l-imġiba prevista ma tmurx lil hinn mill-prattiki li jaqgħu fl-ambitu ta' kompetizzjoni fuq il-merti.

Wara l-iskadenza tal-perijodu ta' esklużività għall-użu tad-data relatata mar-riżultati tat-testijiet farmakoloġiċi, tossikoloġiċi u kliniċi, l-imġiba intiża sabiex tipprekludi lill-produtturi ta' prodotti

ġeneriċi milli jużaw id-dritt tagħhom li jibbenefikaw minn din l-informazzjoni għall-finijiet tat-tqegħid fis-suq tal-prodott oriġinali ma ssib ebda sostenn fil-protezzjoni leġittima ta' investiment li jaqa' fl-ambitu tal-kompetizzjoni fuq il-merti. Il-fatt invokat, li l-kompetituri tal-impriża dominanti setgħu jiksbu awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq permezz ta' proċeduri alternattivi, ma huwiex suffiċjenti sabiex ineħħi n-natura abbużiva tal-imġiba li tikkonsisti b'mod partikolari fl-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq, peress li din hija biss ta' natura li teskludi mis-suq, tal-inqas b'mod temporanju, lill-produtturi kompetituri ta' prodotti ġeneriċi.

Fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2010, *Tomra Systems et vs Il-Kummissjoni* (T-155/06, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex, sabiex tipprova l-esklużjoni tal-kompetituri mis-suq fit-totalià tiegħu, tiddetermina d-daqs tal-profitabbiltà minima rikjesta sabiex wieħed jopera fis-suq inkwistjoni u mbagħad tivverifika jekk il-porzjoni tas-suq li setgħet tinkiseb (jiġifieri l-parti tad-domanda marbuta mill-prattiki inkwistjoni) kinitx suffiċjentement kbira sabiex tkun tista' jkollha effett ta' esklużjoni tal-kompetituri. Il-Qorti Ġenerali qieset li l-għeluq ta' parti sostanzjali tas-suq minn impriża dominanti ma jistax jiġi ġġustifikat bit-turija li parti tas-suq li setgħet tinkiseb għada suffiċjenti sabiex ikun hemm post għal numru limitat ta' kompetituri. Fil-fatt, minn naħa, il-klijenti li jinsabu fil-parti magħluqa tas-suq għandhom ikollhom l-opportunità li japprofittaw minn kull grad ta' kompetizzjoni li hija possibbli fis-suq u l-kompetituri għandhom ikunu jistgħu jikkompetu fuq il-merti għas-suq kollu u mhux parti minnu biss. Min-naħa l-oħra, it-tieni nett, ma huwiex ir-rwol tal-impriża dominanti li tgħid kemm kompetituri profitabbli għandhom jikkompetu għal porzjoni tad-domanda li kienet għadha setgħet tinkiseb.

## 4. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-istħarriġ tal-konċentrazzjonijiet

### a) Kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat

Il-kawża li tat lok għad-digriet tat-2 ta' Settembru 2010 *Schemaventotto vs Il-Kummissjoni* (T-58/09, li għadu ma ġiex ippubblikat) ippermetta lill-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 [14]. F'din il-kawża, il-pjan ta' konċentrazzjoni bejn Abertis Infrastructures SA u Autostrade SpA, fil-bidu awtorizzat mill-Kummissjoni, ġie abandunat mill-imsemmija kumpanniji minħabba, b'mod partikolari, diffikultajiet imqajma minn żviluppi leġiżlattivi fl-Italja. Dawn tal-aħħar kienu s-suġġett ta' evalwazzjoni preliminari mill-Kummissjoni li kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 139/2004. Fid-dawl ta' proposta ta' emendi leġiżlattivi, il-Kummissjoni kienet xorta waħda kkomunikat lill-awtoritajiet Taljani, fit-13 ta' Awwissu 2008, id-deċiżjoni tagħha li tagħlaq il-proċedura mibdija skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 139/2004. Permezz ta' ittra tal-4 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti b'din id-deċiżjoni, suġġett tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fl-ewwel lok, f'dan id-digriet il-Qorti Ġenerali qieset li, permezz ta' din l-ittra, il-Kummissjoni kkomunikat biss id-deċiżjoni tagħha li ma tkomplix bil-proċedura fil-kawża Abertis/Autostrade dwar ksur eventwali identifikati fl-eżami preliminari, li ma tapprovax id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali l-ġodda.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk din il-miżura tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat, jiġifieri jekk din tipproduċix effetti legali vinkolanti ta' tali natura li jaffettwaw l-interessi

[14] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

tar-rikorrenti billi jibdlu, b'mod kunsiderevoli, il-pożizzjoni legali tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-proċedura prevista fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament Nru 139/2004 hija marbuta mal-kontroll ta' operazzjonijiet konkreti ta' konċentrazzjoni mill-Kummissjoni taħt l-imsemmi regolament. Il-Kummissjoni hija b'hekk obbligata tadotta fir-rigward tal-Istat Membru kkonċernat deċiżjoni li tikkonsisti jew f'li tirrikonoxxi l-interess inkwistjoni fid-dawl tal-kompatibbiltà tagħha mal-prinċipji ġenerali u d-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt Komunitarju, jew inkella fin-nuqqas ta' rikonoxximent ta' dan l-interess fid-dawl tal-inkompatibbiltà tiegħu ma' dawn il-prinċipji u dispożizzjonijiet. Konsegwentement, minħabba l-abbandun tal-pjan ta' konċentrazzjoni f'dan il-każ il-Kummissjoni ma kinitx iktar kompetenti sabiex tagħlaq il-proċedura miftuħa abbażi tal-Artikolu 21(4) tal-imsemmi regolament permezz ta' deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent ta' interess pubbliku protett permezz tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni.

Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mill-fatt li l-proċedura prevista fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament Nru 139/2004 ma għandhiex biss funzjoni oġġettiva, iżda wkoll funzjoni suġġettiva, jiġifieri dik li tipproteġi l-interessi tal-impriżi kkonċernati mill-pjan ta' konċentrazzjoni previst bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u l-ħeffa fil-proċedura prevista mill-imsemmi regolament, peress li l-funzjoni suġġettiva kienet spiċċat minħabba l-abbandun tal-pjan.

Għalhekk il-Kummissjoni setgħet biss tieħu d-deċiżjoni formali li tagħlaq il-proċedura inkwistjoni. Peress li ma kellhiex effett ieħor, din id-deċiżjoni ma setgħatx għaldaqstant tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat.

Fil-kawża *Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-13 ta' Settembru 2010, T-279/04, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fir-rigward tar-rikors tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni li tawtorizza, taħt il-kundizzjoni ta' ċessjoni mill-ġdid tal-assi, ix-xiri ta' Vivendi Universal Publishing SA minn Lagardère SCA. Il-Kummissjoni qieset, fil-fatt, li deċiżjoni preċedenti, li permezz tagħha hija kienet iddeċidiet li tibda l-eżami approfondit tal-konċentrazzjoni, kellha bħala effett li tikkwalifika, impliċitament iżda neċessarjament, l-akkwist minn qabel ta' assi mmirati minn Natexis Banques Populaires SA bħala akkwist ta' ishma f'impriża, bil-għan tal-bejgħ tagħhom. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata kienet biss deċiżjoni purament konfermattiva. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni billi fakkret li d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-fażi ta' eżami approfondit ma tikkostitwixxix att li fir-rigward tiegħu jista' jiġi ppreżentat rikors, iżda miżura preparatorja intiża biss għall-ftuħ ta' investigazzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-elementi li għandhom jippermettu lill-Kummissjoni tadotta ta' deċiżjoni finali dwar il-kompatibbiltà ta' din l-operazzjoni mas-suq komuni. Hija żiedet li l-ftuħ tal-fażi ta' eżami approfondit huwa intiż biss sabiex tiġi kkonstatata minn qabel l-eżistenza ta' dubji serji mqajma mill-kompatibbiltà tal-operazzjoni nnotifikata.

## b) Kunċett ta' konċentrazzjoni

Fil-kawża *Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, T-411/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), ir-rikorrenti bbażat ruħha fuq id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali, li ppruvaw iwessgħu l-kunċett ta' konċentrazzjoni, kif iddefinit fid-dritt tal-Unjoni, għall-każ fejn, fin-nuqqas ta' kisba tal-kontroll, sehem minn impriża fil-kapital ta' oħra ma jagħtix, fih innifsu, il-possibbiltà li tiġi eżerċitata influwenza determinanti fuq l-attività ta' din tal-aħħar. Ryanair Holdings plc kienet nediet offerta pubblika ta' akkwist (OPA) għall-kapital kollu ta' Aer Lingus Group plc, iżda kellha tirrinunċja għall-pjan tagħha minħabba d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-operazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni. Wara din id-deċiżjoni Aer Lingus Group kienet madankollu talbet lill-Kummissjoni tordna lir-Ryanair tneħħi barra minn hekk il-holding minoritarju tagħha li hija diġà kellha fil-kapital tagħha. Peress li l-Kummissjoni ċaħdet din it-talba, Aer Lingus Group ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali fakkret li setgħa li jiġi ordnat it-trasferiment tal-azzjonijiet kollha li impriża tkun akkwistat f'oħra teżisti biss sabiex treġġa' lura s-sitwazzjoni għal kif kienet qabel l-implementazzjoni tal-konċentrazzjoni. Għaldaqstant, mingħajr l-akkwist tal-kontroll u għadaqstant mingħajr twettiq tal-konċentrazzjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex setgħa li xxolji din il-"konċentrazzjoni". Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat wkoll li, b'mod ġenerali, ir-Regolament Nru 139/2004 ma għandux bħala għan li jippreżerva l-kumpanniji minn kontenzjuż ta' natura kummerċjali bejnhom u l-azzjonisti tagħhom jew li jneħħi kull inċertezza fir-rigward tal-approvazzjoni ta' deċiżjonijiet importanti minn dawn tal-aħħar, peress li dan it-tip ta' kontenzjuż jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali. Bl-istess mod, li jiġi aċċettat li l-Kummissjoni tista' tordna t-tneħħija ta' holding minoritarju fi ħdan impriża kompettriċi minħabba s-sempliċi raġuni li jirrappreżenta riskju teoretiku taħt l-aspett ekonomiku ta' sitwazzjoni ta' duopolju jew ta' inkonvenjent fil-konfront tan-natura attraenti tal-azzjonijiet ta' waħda mill-impriżi li jikkostitwixxu dan id-duopolju jmur lil hinn mill-kompetenzi mogħtija lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet.

Fil-kawża *Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, ir-rikorrenti kkontestat il-klassifikazzjoni ġuridika tal-akkwist tal-assi mmirati minn Natexis Banques Populaires bħala operazzjoni ta' akkwist ta' ishma f'impriża, bil-għan tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom, li taqa' taħt l-Artikolu 3(5)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89 [15]. Hija sostniet li din l-operazzjoni, magħrufa bħala "ta' ħolding", kienet, fil-fatt, operazzjoni ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 3(1)(b) tal-imsemmi regolament, għaliex kienet ippermettiet lil Lagardère takkwista jew il-kontroll uniku tal-assi mmirati, permezz ta' Natexis Banques Populaires, jew il-kontroll konġunt tagħhom, ma' Natexis Banques Populaires, u, għaldaqstant, li jkollha l-possibbiltà teżerċita influwenza determinanti fuq l-attività marbuta mal-assi mmirati.

Skont il-Qorti Ġenerali, l-allegazzjonijiet ta' kontroll uniku ma jistgħux jiġu milqugħa. Fil-fatt, mill-kliem tal-kuntratt ta' ċessjoni jirriżulta li Lagardère la kellha d-dritt ta' proprjetà jew ta' tgawdija fir-rigward tal-assi mmirati qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni kundizzjonali, u lanqas drittijiet li jagħtuha l-possibbiltà teżerċita influwenza determinanti fuq l-organi tal-kumpanniji li jikkontrollaw l-assi mmirati. Fir-rigward tal-kontroll konġunt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, anki fuq l-assunzjoni li l-holding tal-assi mmirati kien ippermetta lil Lagardère teżerċita flimkien ma' Natexis Banques Populaires influwenza determinati fuq l-attività marbuta ma' dawn l-aħħar mit-twettiq tal-operazzjoni ta' holding, l-operazzjoni ta' konċentrazzjoni li kienet tirriżulta kienet tikkostitwixxi f'kull każ operazzjoni distinta mill-operazzjoni ta' konċentrazzjoni nnotifikata minn Lagardère. L-iżball li l-Kummissjoni wettqet billi kklassifikat il-holding tal-assi mmirati bħala "akkwist ta' ishma f'impriża, bil-għan tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom" u mhux bħala akkwist ta' kontroll uniku jew konġunt huwa, f'kull każ, irrilevanti fir-rigward tal-legalità tad-deċiżjoni li tiddikjara kompatibbli mas-suq komuni, bil-kundizzjoni ta' ċessjoni mill-ġdid tal-assi, ix-xiri ta' Vivendi Universal Publishing minn Lagardère.

### c) Titjib tal-effiċjenza – Natura verifikabbli

Fis-sentenza *Ryanair vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali osservat, qabel kollox, li kemm mir-Regolament Nru 139/2004 kif ukoll mil-linji gwida dwar l-evalwazzjoni

[15] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31).

tal-konċentrazzjonijiet orizzontali [16] jirriżulta li, sabiex jinstab bilanċ għall-effetti negattivi ta' konċentrazzjoni fuq il-konsumaturi, il-kisba ta' iktar effikaċja li tirriżulta għandha tkunu verifikabbli, li tista' tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u li ma tkunux tista' tinkisbu bl-istess mod permezz ta' mezzi inqas antikompetittivi mill-konċentrazzjoni proposta. Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, bil-kontra ta' dak li l-Kummissjoni qieset fid-deċiżjoni kkontestata, skont il-linji gwida, il-kundizzjoni dwar in-natura verifikabbli tal-kisba ta' iktar effikaċja ma teħtieġx li l-parti li tinnotifika tipproduċi data li tista' tiġi vverifikata b'mod indipendenti minn terzi jew dokumenti li jmorru lura qabel il-konċentrazzjoni li jippermettu li tiġi evalwata b'mod oġġettiv u indipendenti l-portata tal-kisba ta' iktar effikaċja li tirriżulta mix-xiri. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx twarrab id-data pprodotta minn Ryanair Holdings fuq din il-bażi. Il-Qorti Ġenerali żiedet li d-dinja tal-kummerċ mhux neċessarjament tippermetti l-produzzjoni ta' dokumenti bħal dawn f'waqthom u d-dokumenti użati minn impriża sabiex tinbeda OPA, provenjenti minn din l-impriża jew mill-avukati tagħha, fihom infushom jistgħu jkunu ta' ċerta rilevanza sabiex jiġi sostnut il-kontenut tal-allegazzjonijiet dwar il-kisba ta' iktar effikaċja.

## d) Impenji

**Mandatarju**

Fil-kawża *Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-13 ta' Settembru 2010, T-452/04, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), tressqet quddiem il-Qorti Ġenerali kawża dwar il-legalità tad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni ta' Wendel Investissement bħala akkwirenti tal-assi ċeduti skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar 2004, taħt il-kundizzjoni ta' ċessjoni mill-ġdid tal-assi, ix-xiri ta' Vivendi Universal Publishing minn Lagardère. Wieħed mill-motivi mqajma kien ibbażat fuq il-fatt li l-approvazzjoni ta' Wendel Investissement kienet ibbażata fuq ir-rapport ta' mandatarju mhux indipendenti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, minn naħa, il-mandatarju kien inħatar meta kien membru tal-bord eżekuttiv tal-kumpannija detentriċi tal-assi mmirati u, min-naħa l-oħra, li huwa kien effettivament eżerċita l-funzjonijiet tiegħu simultanjament ma' dawk ta' membru tal-bord eżekuttiv ta' din il-kumpannija detentriċi tal-assi mmirati. Għaldaqstant, huwa kien dipendenti fuq din il-kumpannija, sa tali punt li jitqajjem dubju fuq in-newtralità li huwa għandu juri fl-eżerċizzju tal-missjoni tiegħu ta' mandatarju. Sa fejn huwa rredieġa r-rapport ta' evalwazzjoni tal-kandidatura ta' Wendel Investissement għax-xiri tal-assi ċeduti mill-ġdid, li kellu influwenza determinati fuq id-deċiżjoni ta' approvazzjoni adottata mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li l-illegalità kkonstatata tiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' Wendel Investissement bħala akkwirenti.

### *Għajnuna mill-Istat*

Il-kawżi dwar l-għajnuna mill-Istat ikkostitwixxew parti sinjifikattiva tal-attività tal-Qorti Ġenerali fl-2010, b'50 kawża deċiża. Huwa possibbli li tingħata ħarsa ħafifa biss lejn dawn id-deċiżjonijiet, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-kwistjonijiet ta' ammissibbiltà, it-tieni nett, tal-kwistjonijiet dwar il-mertu u, it-tielet nett, tal-kwistjonijiet proċedurali.

[16] Linji ta' gwida fuq l-istima jew kalkolu [l-evalwazzjoni] tal-għaqdiet [konċentrazzjonijiet] orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 10).

## 1. Ammissibbiltà

Il-ġurisprudenza ta' din is-sena għamlet preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-interess ġuridiku, fil-każ ta' rikorsi intiżi għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna kompatibbli mas-suq komuni.

Fl-ewwel lok, fis-sentenza *TF1 vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-13 ta' Settembru 2010, T-193/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), ir-rikorrenti talbet l-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, dwar miżuri ta' sostenn għaċ-ċinema u l-awdjoviżiv fi Franza, li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet iddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżuri inkwistjoni fit-tmiem tal-fażi preliminari ta' eżami prevista fl-Artikolu 88(3) KE.

Billi sostniet li d-deċiżjoni kkontestata hija formalment indirizzata lir-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni kkontestat l-ammissibbiltà tal-azzjoni mibdija mir-rikorrenti billi kkonkludiet li din tal-aħħar ma kinitx individwalment ikkonċernata minn din id-deċiżjoni.

Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-fażi preliminari ta' eżami għandha biss l-għan li l-Kummissjoni tkun tista' tasal għal opinjoni preliminari dwar il-kompatibbiltà parzjali jew totali tal-għajnuna kkonċernata. Huwa biss fil-kuntest ta' din il-fażi tal-eżami tal-Artikolu 88(2) KE li l-Kummissjoni hija obbligata tintima lill-persuni interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, meta, mingħajr ma tiftaħ il-proċedura formali ta' eżami, il-Kummissjoni tikkonstata li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq komuni, il-benefiċjarji ta' dawn il-garanziji proċedurali, b'mod partikolari l-impriżi kompetituri tal-benefiċjarji tal-għajnuna, jistgħu jippreżentaw rikors intiż għall-ħarsien tad-drittijiet proċedurali tagħhom. Min-naħa l-oħra, jekk ir-rikorrenti tikkontesta l-fondatezza tad-deċiżjoni ta' evalwazzjoni tal-għajnuna bħala tali, is-sempliċi fatt li hija tista' titqies li hija persuna interessata fis-sens tal-Artikolu 88(2) KE ma huwiex biżżejjed sabiex ir-rikors jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli.

F'dan il-każ, qabel kollox, il-Qorti Ġenerali eżaminat in-natura tal-motivi tar-rikorrenti qabel ma kkonstatat li l-ebda wieħed minn dawn il-motiv ta' annullament ma huma intiż sabiex tiġi kkonstata l-eżistenza ta' diffikultajiet serji mqajma mill-miżuri ta' sostenn fir-rigward tal-klassifikazzjoni tagħhom bħala għajnuna mill-Istat jew mill-kompatibbiltà tagħhom mas-suq komuni, liema diffikultajiet kienu jobbligaw lill-Kummissjoni tiftaħ il-proċedura formali. Ir-rikorrenti ma qegħditx inkwistjoni r-rifjut tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura formali ta' eżami prevista fl-Artikolu 88(2) KE u ma invokatx ksur tad-drittijiet proċedurali li jirriżultaw minn din id-dispożizzjoni, iżda hija riedet esklużivament tikseb l-annullament tad-deċiżjoni fuq il-mertu, hekk kif ikkonfermat fis-seduta bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali.

F'dawn ir-ċirkustanzi, ir-rikors ma kienx intiż għall-ħarsien tad-drittijiet proċedurali tar-rikorrenti, li kellha għaldaqstant turi li għandha status partikolari fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja *Plaumann vs Il-Kummissjoni*[17], b'mod partikolari peress li l-pożizzjoni tagħha fis-suq kienet affettwata sostanzjalment mill-miżuri li huma s-suġġett tad-deċiżjoni u l-impatt fuq il-pożizzjoni kompetittiva tagħha kellha tiġi eżaminata fil-konfront tal-benefiċjarji tal-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni, jiġifieri l-operaturi li għandhom attivitajiet ta' produzzjoni fl-oqsma ċinematografiċi u awdjoviżivi. F'dan il-każ, peress li l-perċentwali ta' investiment obbligatorju applikat għad-dħul mill-bejgħ kien l-istess għall-kompetituri kollha, il-fatt li l-obbligi ta' investiment tar-rikorrenti jeċċedu l-ispejjeż tal-kompetituri l-oħra, fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ ogħli tagħha, ma kienx tali li joħloq status partikolari fir-rigward tagħha u, għaldaqstant,

17 Sentenza tal-15 ta' Lulju 1963, 25/62, Ġabra p. 197, 223.

ma kienx jindividwalizzaha b'mod analogu għal dawk ta' destinatarju, skont il-ġurisprudenza *Plaumann vs Il-Kummissjoni*.

Fit-tieni lok, fis-sentenza tat-13 ta' Settembru 2010, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (T-415/05, T-416/05 u T-423/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali qieset li, sakemm ir-rikorrenti kellhom, anki wara li tqiegħdu taħt proċedura ta' stralċ, interess li jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, l-intervenjenti kien baqgħalha interess korrelat li tintervjeni insostenn tal-Kummissjoni sabiex tiddefendi l-legalità ta' din id-deċiżjoni, minn tal-inqas sabiex tressaq talbiet għal kumpens, segwiti eventwalment minn rikorsi, ibbażati fuq l-għoti illegali ta' għajnuna li kienet ta' preġudizzju għaliha.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, fis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, *Il-Pajjiżi l-Baxxi u NOS vs Il-Kummissjoni* (T-231/06 u T-237/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret li l-proċedura amministrattiva fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat tinfetaħ biss kontra l-Istat Membru kkonċernat. L-impriżi benefiċjarji tal-għajnuna jitqiesu li huma sempliċiment partijiet interessati f'din il-proċedura. Minn dan jirriżulta li l-partijiet interessati, mhux biss ma jistgħux jinvokaw id-drittijiet tad-difiża mogħtija lill-persuni li kontrihom tinbeda proċedura, iżda għandhom biss id-dritt li jiġu assoċjati mal-proċedura amministrattiva sa fejn ikun xieraq fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ.

## 2. Regoli sostantivi

### a) Għajnuna individwali mogħtija skont skema ġenerali ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni

Fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2010, *Freistaat Sachsen et vs Il-Kummissjoni* (T-102/07 u T-120/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali qieset li, meta tkun ikkonfrontata b'għajnuna individwali li fir-rigward tagħha qed jiġi sostnut li ngħatat b'applikazzjoni ta' skema awtorizzata minn qabel, il-Kummissjoni ma tistax teżaminaha immedjatament skont it-Trattat KE. Qabel ma tibda kwalunkwe proċedura, hija għandha teżamina jekk l-għajnuna hijiex koperta mill-iskema ġenerali u jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fid-deċiżjoni li tapprovaha. Jekk hija ma tagħmilx dan, il-Kummissjoni tista', fl-eżami ta' kull għajnuna individwali, tibdel id-deċiżjoni tagħha ta' approvazzjoni tal-iskema ta' għajnuna, li tippresupponi li jkun diġà sar eżami fid-dawl tal-Artikolu 87 tal-KE. Għajnuna li tikkostitwixxi applikazzjoni rigoruża u prevedibbli tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-iskema ġenerali approvata għalhekk titqies li hija għajnuna eżistenti li ma teħtieġ la li tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u lanqas li tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 87 KE.

Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat ukoll li deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddeċiedi fuq il-konformità ta' għajnuna mal-iskema kkonċernata taqa' taħt l-eżerċizzju tal-obbligu tagħha li tiżgura l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 KE u 88 KE. Għaldaqstant, l-eżami mill-Kummissjoni tal-konformità ta' għajnuna ma' din l-iskema ma jikkostitwixxix inizjattiva li tmur lil hinn mill-kuntest tal-kompetenzi tagħha. Għaldaqstant, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ma tistax tiġi limitata minn dik tal-awtoritajiet nazzjonali li taw l-għajnuna.

### b) Għoti ta' vantaġġ ekonomiku

Fis-sentenza tal-21 ta' Mejju 2010, *Franza et vs Il-Kummissjoni*, (T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali qieset li dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula minn awtoritajiet nazzjonali jwasslu għal vantaġġ għall-benefiċċju ta' impriża li jista' jiġi evalwat sa fejn dawn jippermettu li s-swieq finanzjarji jerġgħu jiksbu fiduċja fl-impriża. Dawn jagħmlu possibbli, iktar faċli u b'inqas spejjeż l-aċċess tal-impriża għal self ġdid neċessarju biex

ikunu rrifinanzjati d-djun bi skadenza qasira tagħha u, fl-aħħar mill-aħħar, jikkontribwixxu biex tiġi stabilizzata s-sitwazzjoni finanzjarja ferm dgħajfa tal-impriża. Dawn id-dikjarazzjonijiet jinfluwenzaw, b'mod deċiżiv, ir-reazzjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni ta' kreditu. Issa, kull influwenza pożittiva fuq il-klassifikazzjoni ta' kreditu ta' impriża, anki jekk tkun minħabba dikjarazzjonijiet pubbliċi li jistgħu joħolqu jew isaħħu l-fiduċja tal-investituri, tipproduċi effett immedjat fuq il-livell tal-ispejjeż li din għandha ssostni sabiex tirrifinanzja lilha nfisha fis-swieq tal-kapital.

Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat ukoll li r-rekwiżit ta' rabta bejn il-vantaġġ identifikat u l-impenn tar-riżorsi tal-Istat jippreżumi, fil-prinċipju, li l-imsemmi vantaġġ ikun marbut mill-qrib mal-ispejjeż korrispondenti li jolqtu l-finanzi tal-Istat jew mal-ħolqien, fuq il-bażi ta' obbligi ġuridikament vinkolanti meħuda mill-Istat, ta' riskju ekonomiku suffiċjentement konkret għal dawn il-finanzi. Sabiex dikjarazzjonijiet jiġu pparagunati ma' garanzija tal-Istat jew jiġu interpretati bħala li qed jiżvelaw impenn irrevokabbli li tingħata assistenza finanzjarja preċiża, bħal ħlas lura tad-djun tagħha bi skadenza qasira, dawn għandhom jikkonsistu f'impenn konkret, inkundizzjonali u irrevokabbli tar-riżorsi pubbliċi u jippreċiżaw, b'mod espliċitu, jew is-somom eżatti li kellhom jiġu investiti jew id-djun konkreti li kellhom jiġu ggarantiti jew, għall-inqas, kuntest finanzjarju predefinit, bħal faċilità ta' kreditu sa ċertu ammont, kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-assistenza prevista. Is-sempliċi fatt li Stat Membru rrikorra għar-reputazzjoni partikolari li għandu mas-swieq finanzjarji ma jistax ikun suffiċjenti biex jintwera li r-riżorsi tiegħu kienu esposti għal riskju tali li jista' jitqies li jikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, li huwa suffiċjentement marbut mal-vantaġġ mogħti bid-dikjarazzjonijiet tiegħu.

Fis-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, *Mediaset vs Il-Kummissjoni* (T-177/07, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali fakkret li l-ġurisprudenza aċċettat li vantaġġ mogħti direttament lil ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi li ma humiex neċessarjament impriżi jista' jikkostitwixxi vantaġġ indirett u, għalhekk, għajnuna mill-Istat għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn li huma impriżi. Għalhekk għandu jiġi miċħud l-argument li abbażi tiegħu sussidju mogħti lill-konsumaturi ma jistax jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat favur operaturi li jipprovdu l-prodotti jew is-servizzi ta' konsum.

### c) Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali

Fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, *M6 u TF1 vs Il-Kummissjoni* (T-568/08 u T-573/08, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali qieset li l-pożizzjoni li abbażi tagħha l-osservanza tar-raba' kundizzjoni minn dawk iddefiniti fil-punti 88 sa 93 tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg*[18], tikkundizzjona l-għoti tad-deroga prevista fl-Artikolu 86(2) KE, hija bbażata fuq konfużjoni bejn il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) KE u dawk użati għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' għajnuna skont l-Artikolu 86(2) KE. L-uniku għan tal-kundizzjonijiet tas-sentenza *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg,* iċċitata iktar 'il fuq, huwa l-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat, għall-iskopijiet tad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' obbligu ta' notifika ta' din il-miżura lill-Kummissjoni, fl-ipoteżi ta' għajnuna ġdida, jew ta' kooperazzjoni ma' din l-istituzzjoni, fil-każ ta' għajnuna eżistenti.

Il-Qorti Ġenerali indikat ukoll li l-kwistjoni dwar jekk impriża inkarigata minn servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ta' xandir tistax tissodisfa l-obbligi tagħha ta' servizz pubbliku bl-inqas spiża hija irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-finanzjament mill-Istat ta' dan is-servizz

18 C-280/00, Ġabra p. I-7747.

fir-rigward tar-regoli Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat. L-għan tal-Artikolu 86(2) KE huwa, permezz tal-evalwazzjoni tal-proporzjonalità tal-għajnuna, li jipprevjeni li l-operatur inkarigat minn servizz ta' interess ekonomiku ġenerali milli jibbenefika minn finanzjament li jaqbeż l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku.

Fis-sentenza *Il-Pajjiżi l-Baxxi u NOS vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali kbira fir-rigward tad-definizzjoni ta' dak li huma jqisu li huma servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali. Għaldaqstant, id-definizzjoni ta' dawn is-servizzi minn Stat Membru tista' tiġi kkontestata mill-Kummissjoni biss fil-każ ta' żball manifest. Fir-rigward tad-definizzjoni ta' servizz pubbliku fis-settur tax-xandir, għalkemm huwa veru li ma hijiex il-Kummissjoni li għandha tiddeċiedi jekk programm għandux jixxandar bħala servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u tikkontesta n-natura jew il-kwalità ta' prodott speċifiku, hija għandha, bħala gwardjan tat-Trattat, tkun tista' tintervjeni fil-każ ta' żball manifest.

## d) Kriterju ta' investitur privat f'ekonomija tas-suq

Fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2010, *Bundesverband deutscher Banken vs Il-Kummissjoni* (T-163/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li jgħid li l-eżerċizzju ta' verifika ta' jekk tranżazzjoni saritx f'kundizzjonijiet normali tas-suq għandha neċessarjament issir b'riferiment għall-investitur biss, jew għall-impriża benefiċjarja tal-investiment biss, peress li l-interazzjoni bejn l-aġenti ekonomiċi differenti hija tabilħaqq dik li tikkaratterizza l-ekonomija tas-suq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' teżamina l-kwistjoni dwar jekk impriża setgħetx tikseb mingħand investituri oħra fondi li kellhom l-istess vantaġġi għaliha u, skont il-każ, taħt liema kundizzjonijiet. Barra minn hekk, dan l-eżerċizzju lanqas ma jeżiġi li jiġu injorati kompletament ir-restrizzjonijiet relatati man-natura tal-assi ttrasferiti.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-fatt li wieħed mill-aspetti tat-tranżazzjoni jimplika żieda tar-riskju sostnut mill-investitur jiġġustifika żieda tar-remunerazzjoni jekk l-imsemmi aspett jinvolvi vantaġġ għall-bank jew jekk tali bank ma jkunx f'pożizzjoni li jirrifjuta l-fondi proposti. Barra minn hekk, jekk iż-żieda tar-riskju għall-investitur tirriżulta minn deċiżjoni li huwa adotta għal raġunijiet li huma speċifiċi għalih, mingħajr ma jkun influwenzat mix-xewqat jew mill-bżonnijiet tal-bank, dan jirrifjuta li jħallas żieda tar-remunerazzjoni u jikseb il-fondi mingħand investituri oħra.

Fis-sentenza *Il-Greċja et vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, wara li fakkret li mill-Artikolu 87(1) KE jirriżulta li l-kunċett ta' għajnuna huwa kunċett oġġettiv li jiddependi biss mill-kwistjoni ta' jekk miżura tal-Istat tikkonferixxix lill-impriża benefiċjarja vantaġġ li hija ma kinitx tikseb fil-kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-fatt li l-operazzjoni tkun raġonevoli għall-awtoritajiet pubbliċi jew għall-impriża pubblika li jagħtu l-għajnuna ma jfissirx li ma għandux jiġi applikat il-kriterju ta' investitur privat.

## e) Obbligu ta' rkupru tal-għajnuna

Fis-sentenza *Il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali indirizzat il-kwistjoni tal-irkupru tal-għajnuna fil-każ ta' kontinwità ekonomika bejn żewġ impriżi, Fil-każ ta' tali kontinwità, l-impriża l-ġdida tista' titqies li hija l-benefiċjarja effettiva tal-għajnuna li kienet iffavoriet is-settur tal-attivitajiet inkwistjoni, li kienet ingħatat lill-kumpannija preċedenti qabel mal-attivitajiet tagħha tkomplew mill-impriża l-ġdida. Għall-kuntrarju, fin-nuqqas, wara l-qsim, ta' unità ekonomika bejn iż-żewġ kumpanniji, għajnuna mogħtija lill-impriża preċedenti wara l-qsim ma tistax tiġi rkuprata mingħand l-impriża l-ġdida, għar-raġuni biss li din l-impriża tikseb vantaġġ indirett minnha. Fil-fatt, dan il-fatt, waħdu, ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li l-impriża l-ġdida hija l-benefiċjarja effettiva tal-għajnuna mogħtija lill-impriża preċedenti.

Fir-rigward tat-tqassim tal-obbligu tar-rkupru bejn il-benefiċjarji ta' għajnuna, il-Qorti Ġenerali fakkret li, f'deċiżjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà ta' għajnuna u li timponi l-irkupru tagħha, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tippreċiża l-portata tal-vantaġġ meħud minn kull impriża benefiċjarja tal-ammont tal-għajnuna inkwistjoni. Huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jiddetermina l-ammont li għandu jiġi rrimborsat minn kull waħda minn dawn il-kumpanniji meta tiġi rkuprata l-għajnuna, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, skont l-Artikolu 10 KE.

Barra minn hekk, il-kriterji ġurisprudenzjali ta' identifikazzjoni tal-benefiċjarju effettiv ta' għajnuna huma ta' natura oġġettiva. L-eżistenza ta' kontinwità ekonomika tista' tiġi stabbilita fuq il-bażi ta' diversi elementi oġġettivi, bħan-nuqqas ta' ħlas, bħala korrispettiv għall-assi ttrasferiti, ta' prezz konformi mall-kundizzjonijiet tas-suq, jew bħall-fatt oġġettiv li t-trasferiment kellu l-effett li jiġi evitat l-obbligu li titħallas lura l-għajnuna kontenzjuża.

Il-konstatazzjoni dwar l-eżistenza ta' kontinwità ekonomika bejn żewġ impriżi ma tippermettix li jiġi preżunt li, fid-dawl tal-persistenza tad-diffikultajiet ekonomiċi ta' dawn iż-żewġ kumpanniji wara l-qsim, il-miżuri ġodda favur l-impriża l-ġdida, eżaminati fid-deċiżjoni kkontestata, jikkostitwixxu l-kontinwazzjoni loġika tal-għajnuna preċedenti u jaqgħu għalhekk ukoll fil-kategorija ta' għajnuna mill-Istat. Fi kwalunkwe każ, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tivverifika jekk, fid-dawl tal-elementi rilevanti, dawn il-miżuri jistgħux raġonevolment jiġu distinti mill-miżuri ta' għajnuna preċedenti.

## 3. Regoli proċedurali

### a) Proċedura ta' investigazzjoni formali

Fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2010, *Bundesverband deutscher Banken vs Il-Kummissjoni* (T-36/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali qieset li l-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni applikatx b'mod żbaljat il-kriterju ta' investitur privat ma għandhiex tiġi konfuża ma' dik tal-eżistenza ta' diffikultajiet serji li jeżiġu l-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali. Barra minn hekk, il-fatt li l-Kummissjoni ma rrispondietx għal ċerti lmenti li r-rikorrenti qajmet fil-kuntest ta' kawża parallela ma jimplikax li hija ma setgħetx tagħti deċiżjoni dwar il-miżura inkwistjoni abbażi tal-informazzjoni disponibbli u li għalhekk kellha tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali sabiex tikkompleta l-investigazzjoni tagħha. Meta l-Kummissjoni tkun fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' operazzjonijiet simili u meta, f'din l-okkażjoni, tkun ġiet diskussa l-importanza ta' ċerti karatteristiċi komuni għall-operazzjonijiet kollha, jitsta' jitqies li l-Kummissjoni jkollha l-informazzjoni li tippermettilha tevalwa r-rilevanza ta' dawn il-karatteristiċi.

### b) Obbligu ta' motivazzjoni

Fis-sentenza *Freistaat Sachsen et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali annullat, minħabba motivazzjoni insuffiċjenti, deċiżjoni tal-Kummissjoni li konstatat l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni, li ma kellha l-ebda riferiment, fil-kalkolu tagħha tal-ammont tal-għajnuna lil impriżi f'diffikultà, għall-prassi tas-swieq finanzjarji dwar il-kumulu tar-riskji (impriża f'diffikultà, nuqqas ta' garanziji, etc.), peress li r-rabta bejn iż-żidiet tal-Kummissjoni u s-sitwazzjoni speċifika tal-kumpanniji inkwistjoni ma kinitx tidher ċara u l-għażla taż-żidiet magħmula kienet, tal-inqas fl-apparenza, ta' natura inċerta, u peress li l-Avviż tal-Kummissjoni fuq il-metodu tat-twaqqif tar-referenza u r-rati ta' skont [19] ma kien jinkludi ebda indikazzjoni dwar l-imsemmi kumulu tar-riskji. Il-Kummissjoni kellha tispjega l-użu tal-premjums

[19] Avviż tal-Kummissjoni 97/C 273/03 fuq il-metodu tat-twaqqif tar-referenza u r-rati ta' skont (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 146).

addizzjonali u kif ukoll il-livell tagħhom permezz ta' analiżi tal-prattika fis-suq sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jivverifikaw in-natura xierqa taż-żidiet fil-każ ineżami u l-Qorti Ġenerali tkun tista' tistħarreġ il-legalità tagħhom.

Barra minn hekk, fis-sentenza *Mediaset vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, meta applikat għall-klassifikazzjoni ta' miżura ta' għajnuna, l-obbligu ta' motivazzjoni jirrikjedi li jiġu indikati r-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni tqis li l-miżura inkwistjoni taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) KE. Fir-rigward tal-eżistenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq komuni, għalkemm il-Kummissjoni, fil-motivi tad-deċiżjoni tagħha, hija marbuta tirreferi, għall-inqas, għaċ-ċirkustanzi li fihom ingħatat għajnuna meta dawn jippermettu li jintwera li l-għajnuna hija ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri u li toħloq distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, hija ma hijiex marbuta tagħmel analiżi ekonomika tas-sitwazzjoni reali tas-swieq ikkonċernati, tas-sehem tas-suq tal-impriżi benefiċjarji tal-għajnuna, tal-pożizzjoni tal-impriżi kompetituri u tal-kurrenti kummerċjali bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, fil-każ ta' għajnuna mogħtija kontra l-liġi, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta turi l-effett reali li din l-għajnuna kellha fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Li kieku dan kien il-każ, fil-fatt, din in-neċessità twassal sabiex jiġu avvantaġġati l-Istati Membri li jagħtu għajnuna illegali bi ħsara għal dawk li jinnotifikaw l-għajnuna meta tkun fl-istadju ta' proposta. B'mod partikolari, huwa biżżejjed li l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-għajnuna inkwistjoni hija ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri u li toħloq distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi ddefinit is-suq inkwistjoni.

### *Trade mark Komunitarja*

Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 40/94 [20] u (KE) Nru 207/2009 [21] jirrappreżentaw, għal darb'oħra fl-2010, il-parti l-kbira tal-kawżi deċiżi mill-Qorti Ġenerali (180 kawża, li huma 34 % tan-numru totali ta' kawżi deċiżi fl-2010).

## 1. Raġunijiet assoluti għal rifjut

L-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 u tar-Regolament Nru 207/2009 jipprojbixxi r-reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja tas-sinjali li ma humiex ta' karattru distintiv, peress li l-imsemmi karattru distintiv għandu jiġi evalwat b'relazzjoni mal-prodotti jew is-servizzi li għalihom tkun intalbet ir-reġistrazzjoni u mal-perċezzjoni tagħhom li jkollu l-pubbliku rilevanti.

Fis-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, *X Technology Swiss vs UASI (Kulur oranġjo tal-ponta ta' kalzetta)* (T-547/08, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), li abbażi tagħha l-għoti tal-kulur oranġjo fil-forma ta' barnuża li tgħatti l-ponta ta' kull oġġett tas-saqajn magħmul mill-maljerija huwa, għall-konsumatur medju, sinjal mingħajr karattru distintiv. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta applika l-ġurisprudenza dwar it-trade marks tridimensjonali għat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kklassifikata mir-rikorrenti bħala "trade mark ta' pożizzjoni". Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-klassifikazzjoni ta' "trade mark ta' pożizzjoni" bħala trade mark figurattiva jew tridimensjonali jew bħala kategorija speċifika ta' trade marks hija irrilevanti

[20] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146).

[21] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1), li ssostitwixxa r-Regolament Nru 40/94.

fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tagħha, peress li l-fatt li sinjal jiġi konfuż mal-aspett tal-prodott indikat huwa determinanti għall-applikabblità ta' din il-ġurisprudenza. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali qieset li, meta sinjal ma jkunx jista' jidentifika l-oriġini kummerċjali tal-prodotti, dan ma jistax jiġi rreġistrat bħala trade mark, minkejja l-fatt li jkopri prodotti li huma suġġetti għat-tendenzi fil-moda u, għaldaqstant, li ħafna sinjali simili jeżistu jew jinħolqu kontinwament fil-qasam tal-industrija kkonċernata. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċċarat il-fatt li r-riskju li element ta' preżentazzjoni ta' prodott jew servizz ikun ikkupjat minn kompetitur huwa bla ħsara għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, għaliex il-kummerċjant li juża, fil-kors tan-negozju, sinjal li ma jissodisfax ir-rekwiżit stabbilt minn din id-dispożizzjoni jista', jekk ikun il-każ, jistabbilixxi li dan tal-aħħar kiseb karattru distintiv wara l-użu li huwa għamel minnu, fis-sens tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 40/94, jew juża l-mezzi legali l-oħra eventwalment għad-dispożizzjoni tiegħu, bħad-dritt tad-disinni jew azzjoni eżerċitata minħabba kompetizzjoni inġusta.

Barra minn hekk, fis-sentenzi tat-12 ta' Novembru 2010, *Deutsche Bahn vs UASI (Tagħqid orizzontali tal-kuluri griż u aħmar)* (T-404/09 mhux ippubblikata) u *Deutsche Bahn vs UASI (Taqħqid vertikali tal-kuluri griż u aħmar)* (T-405/09, mhux ippubblikata), il-Qorti Ġenerali rritornat fuq il-kwistjoni tal-karattru distintiv ta' tagħqid ta' kuluri. F'dawn iż-żewġ sentenzi, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-approċċ restrittiv għall-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni bħala trade mark ta' tagħqid ta' kuluri u kkonstatat li t-tagħqid ta' kuluri ma kienx differenza perċettibbli, għall-pubbliku kkonċernat, meta mqabbel mal-kuluri normalment użati għas-servizzi koperti, u għaldaqstant ma kienx ta' karattru distintiv.

## 2. Raġunijiet relattivi għal rifjut

Fis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2010, *Montero Padilla vs UASI – Padilla Requena (JOSE PADILLA)* (T-255/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjoni fir-rigward tar-raġunijiet li fuqhom tista' tiġi bbażata oppożizzjoni. Ir-rikorrenti kienet, essenzjalment, talbet lill-Qorti Ġenerali tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-UASI fid-dawl tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 40/94, dwar id-dritt mogħti mit-trade mark Komunitarja. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li r-raġunijiet li fuqhom oppożizzjoni tista' tiġi bbażata, kif stabbiliti fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament Nru 40/94, huma biss ir-raġunijiet relattivi għal rifjut, kif jinsabu fl-Artikolu 8 tal-istess regolament, għaliex l-Artikolu 9 tar-Regolament jiddefinixxi l-firxa tad-dritt mogħti mit-trade mark Komunitarja u, għaldaqstant, l-effetti tar-reġistrazzjoni tagħha, iżda ma jirrigwardax il-kundizzjonijiet tar-reġistrazzjoni. Konsegwentement, l-imsemmi Artikolu 9 ma jagħmilx parti mill-kuntest ġuridiku li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-UASI meta jeżamina applikazzjoni għal reġistrazzjoni jew oppożizzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, li juża l-kliem "lil dawk li għalihom tkun reġistrata t-trade mark preċedenti", jirriżulta li din id-dispożizzjoni ma tapplikax għat-trade marks preċedenti skont l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-regolament ħlief fejn dawn ikunu ġew irreġistrati. Għaldaqstant, l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94 jipproteġi biss, fir-rigward ta' prodotti jew ta' servizzi li ma jixxibhux, it-trade marks magħrufa sew skont l-Artikolu 6 bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi [22], li għalihom tkun ġiet prodotta prova ta' reġistrazzjoni. Fl-aħħar nett il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li d-dritt tal-awtur ma jistax jikkostitwixxi sinjal "użat fil-kors tan-negozju", fis-sens tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94, hekk kif jirriżulta mill-istruttura tal-Artikolu 52 ta' dan ir-Regolament. Din l-aħħar dispożizzjoni tipprovdi, fl-Artikolu 52(1)(ċ), li trade mark Komunitarja tiġi ddikjarata invalida meta jeżisti dritt preċedenti msemmi fl-Artikolu 8(4) u meta l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu jiġu sodisfatti. L-Artikolu 52(2)(ċ) jiddisponi li trade mark Komunitarja tiġi ddikjarata

[22] Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni ta' Proprjetà Industrijali, tal-20 ta' Marzu 1883, kif irriveduta u emendata.

nulla wkoll jekk l-użu tagħha jista' jiġi pprojbit taħt dritt "ieħor" preċedenti, b'mod partikolari taħt dritt tal-awtur. Minn dan isegwi li d-dritt tal-awtur ma jappartjenix għad-drittijiet preċedenti msemmija fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94.

## 3. Relazzjoni bejn raġunijiet assoluti u raġunijiet relattivi għal rifjut

Fis-sentenza *JOSE PADILLA*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament Nru 40/94, kif ukoll mill-istruttura tal-istess artikolu u tal-Artikolu 43 tal-imsemmi regolament, jirriżulta li r-raġunijiet assoluti għal rifjut li hemm fl-Artikolu 7 tal-istess regolament ma għandhomx jiġu eżaminati fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni. Fil-fatt, ir-raġunijiet li fuqhom oppożizzjoni tista' tkun ibbażata, kif stabbiliti fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament Nru 40/94, huma biss ir-raġunijiet relattivi għal rifjut kif imsemmija fl-Artikolu 8 tal-istess regolament.

## 4. Kwistjonijiet ta' proċedura

Fis-sentenza tat-28 ta' April 2010, *Claro vs UASI – Telefónica (Claro)* (T-225/09, mhux ippubblikata, taħt appell), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-UASI, li permezz tagħha huwa kkunsidra appell inammissibbli, peress li ebda nota li tinkludi r-raġunijiet ma kienet ġiet ppreżentata fit-terminu previst fl-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 40/94. Ir-rikorrenti kienet invokat l-inutilità tal-preżentata ta' nota minħabba, minn naħa, il-fatt li hija kienet qed tikkontesta, fl-intier tagħha, id-deċiżjoni tad-diviżjoni tal-oppożizzjoni li kienet laqgħet l-oppożizzjoni abbażi tar-raġuni relattiva għal rifjut imsemmija fl-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 u, min-naħa l-oħra, il-kontinwità funzjonali bejn id-dipartimenti varji tal-UASI, li huma obbligati jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-proċedimenti quddiem id-dipartiment inferjuri. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-preżentata ta' nota li tinkludi r-raġunijiet tal-appell ma kienet bl-ebda mod inutli, għaliex hija l-parti li tippreżenta appell quddiem il-Bord tal-Appell li għandha tinkludi l-motivi li fuqhom dan l-appell huwa fondat. Min-naħa l-oħra, il-Bord tal-Appell ma għandux jiddetermina, b'deduzzjonijiet, ir-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat l-appell li tressaq quddiemu. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kontinwità funzjonali, il-Qorti Ġenerali applikat mill-ġdid il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, *UASI vs Kaul*[23], billi ppreċiżat li mill-Artikolu 62(1) tar-Regolament Nru 40/94 jirriżulta li, permezz tal-appell ippreżentat quddiemha, il-Bord tal-Appell jintalab jagħmel eżami mill-ġdid komplut tal-mertu tal-oppożizzjoni, kemm fuq il-punti ta' dritt kif ukoll fuq il-fatti. Madankollu, tali eżami jippreżumi li l-appell quddiem il-Bord tal-Appell ikun ammissibbli, għaliex, jekk ikun inammissibbli, il-Bord tal-Appell ikollu jiċħdu mingħajr ma' jeżaminah fil-mertu.

Sussegwentement, fis-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2010, *Kureha vs UASI – Sanofi-Aventis (KREMEZIN)* (T-487/08, mhux ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar il-valur probatorju ta' pubblikazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intelletwali (WIPO) ippreżentata tardivament bil-għan li tiġi pprovata l-eżistenza ta' trade mark preċedenti. Il-Qorti Ġenerali qieset li ebda dispożizzjoni tar-Regolamenti Nru 40/94 u (KE) Nru 2868/95[24] ma tipprekludi li d-dipartimenti tal-UASI jikkunsidraw li l-pubblikazzjoni mid-WIPO tar-reġistrazzjoni kienet tissodsifa r-rekwiżiti meħtieġa mir-Regola 19(2) tar-Regolament Nru 2868/95. Għaldaqstant, il-kontestazzjoni eventwali tal-valur probatorju ta' pubblikazzjoni tad-WIPO tar-reġistrazzjoni internazzjonali hija rregolata mir-Regoli 20(2) u (4) tar-Regolament Nru 2868/95, peress li dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet

[23] C-29/05 P, Ġabra p. I-2213.

[24] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995. li jimplimenta r-Regolament Nru 40/94 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189).

jirregolaw l-iskambju ta' osservazzjonijiet u ta' provi bejn il-partijiet permezz tal-UASI, filwaqt li r-Regola 19 ta' dan l-istess regolament jikkonċerna biss il-komunikazzjoni bejn l-UASI u l-opponent. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li minn qari flimkien tad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolamenti Nri 40/94 u 2868/95 jirriżulta li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regola 20 tar-Regolament Nru 2868/95, l-UASI jista', minn naħa, jistieden lill-partijiet jippreżentaw osservazzjonijiet kemm huwa jqis utli, u, min-naħa l-oħra, jieħu inkunsiderazzjoni, jekk huwa jqis opportun, elementi li jiġu kkomunikati lilu barra mit-terminu mill-partijiet.

Barra minn hekk, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2010, *Inditex vs UASI – Marín Díaz de Cerio (OFTEN)* (T-292/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), ippermettiet lill-Qorti Ġenerali tippreċiża jekk il-kwistjonijiet tal-prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti u tax-xebh bejn il-prodotti, li ma jiġux invokati quddiem Bord tal-Appell tal-UASI, jifformawx parti mill-kwistjoni quddiem dan id-dipartiment, meta jiġu invokati quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-użu ġenwin, il-Qorti Ġenerali qieset li hija tippreżenta natura speċifika u preliminari, għaliex twassal sabiex jiġi ddeterminat jekk, għall-finijiet tal-eżami ta' oppożizzjoni, it-trade mark preċedenti tistax titqies li hija rreġistrata għall-prodotti jew għas-servizzi inkwistjoni. Għaldaqstant l-imsemmija kwistjoni ma taqax taħt il-kuntest tal-eżami tal-oppożizzjoni fil-veru sens tal-kelma, peress li l-motiv ibbażat fuq l-insuffiċjenza ta' provi tal-użu ġenwin ma jifformax parti mis-suġġett tal-kawża quddiem il-Bord tal-Appell, għaliex ikun limitat għall-eżami dwar l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni. Min-naħa l-oħra, oppożizzjoni bbażata fuq l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni tirrikjedi li l-UASI jiddeċiedi dwar l-identiċità jew ix-xebh kemm bejn it-trade marks inkwistjoni kif ukoll bejn il-prodotti u s-servizzi koperti minnhom, fid-dawl tal-interdipendenza bejn il-fatturi kkunsidrati fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

Fl-aħħar nett, fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2010, *Tresplain Investment vs UASI – Hoo Hing (Golden Elephant Brand)* (T-303/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret li l-motivi li ma jiġux invokati mir-rikorrenti quddiem id-dipartimenti tal-UASI ma jkunux ammissibbli quddiemha. Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, l-UASI jista' jintalab jieħu inkunsiderazzjoni l-liġi nazzjonali ta' Stat Membru li fih hija protetta t-trade mark preċedenti li fuqha hija bbażata t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, minħabba l-fatt li l-limitazzjoni tal-bażi fattwali tal-eżami mwettaq mill-UASI ma teskludix li huwa jieħu inkunsiderazzjoni, minbarra l-fatti ppreżentati speċifikament mill-partijiet, fatti magħrufa, meta dawn il-fatti jkunu neċessarji għall-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' raġuni ta' invalidità u, b'mod partikolari, tal-forza probatorja tad-dokumenti ppreżentati. F'dan il-każ, ir-rikorrenti sostniet li, fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' preżentazzjoni għarrieqa, il-Bord tal-Appell kien imissu kkunsidra l-fatt li l-intervenjenti ma kinitx ressqet il-prova ta' ebda każ ta' konfużjoni. Għalkemm ir-rikorrenti sostniet li d-dritt ta' Stat Membru (f'dan il-każ ir-Renju Unit) jeżiġi, fil-każ ta' koeżistenza ta' żewġ trade marks fis-suq, li l-prova ta' każijiet konkreti ta' konfużjoni tkun prodotta fil-kuntest ta' azzjoni kontra l-abbuż tad-denominazzjoni fuq livell nazzjonali, tali argument huwa ammissibbli anki jekk ir-rikorrenti ma invokatux quddiem l-UASI, sakemm il-koeżistenza tat-trade marks tirriżulta mill-fajl. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-fatt li l-intervenjenti kellha għarfien tas-sitwazzjoni legali biss matul il-proċedura, sa fejn, fil-mument tal-preżentata tar-risposta tagħha, il-Qorti Ġenerali ma kinitx għadha ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors separat li hija kienet ippreżentat, ma jistax jikkostitwixxi punt ta' fatt jew ta' liġi ġdid fis-sens tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

## 5. Disinni u mudelli Komunitarji

Matul is-sena 2010, il-Qorti Ġenerali kellha tapplika għall-ewwel darba r-Regolament (KE) Nru 6/2002 [25].

Fis-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, *Grupo Promer Mon Graphic vs UASI – PepsiCo (Rappreżentazzjoni ta' oġġetti promozzjonali ċirkulari))* (T-9/07, li għadha ma ġietx ippubblika, taħt appell), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-lista ta' raġunijiet ta' invalidità ta' disinn Komunitarju stabbilita mill-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 6/2002 għandha tiġi kkunsidrata bħala eżawrjenti u ma tinkludix il-*mala fide* tal-proprjetarju tad-disinn Komunitarju kkontestat. Barra minn hekk il-Qorti Ġenerali ddefiniet ċerti kunċetti fundamentali tar-Regolament Nru 6/2002. Fir-rigward tal-"kunflitt", il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Artikolu 25(1)(d) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li disinn Komunitarju huwa f'kunflitt ma' disinn preċedenti meta, fid-dawl tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tal-isemmi disinn Komunitarju, dan id-disinn ma jagħtix lill-utent informat impressjoni globali differenti minn dik mogħtija mid-disinn preċedenti invokat. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċċarat il-portata tal-kunċetti ta' "grad ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn", ta' "utent informat" u ta' "impressjoni globali". Fir-rigward tal-grad ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dan għandu jiġi ddefinit abbażi, b'mod partikolari, tar-restrizzjonijiet marbuta mal-karatteristiċi imposti mill-funzjoni teknika tal-prodott jew ta' element tal-prodott, jew ukoll mir-rekwiżiti legali applikabbli għall-prodott. Fir-rigward tal-utent informat, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li dan la huwa produttur u lanqas bejjiegħ tal-prodotti li fihom id-disinn ikun maħsub li jiġi inkorporat jew li magħhom ikun maħsub li jiġi applikat, għalkemm huwa għandu viġilanza partikolari u jiddisponi minn ċerta konoxxenza tal-istat ta' arti preċedenti, jiġifieri tal-partimonju tad-disinni li jirrigwardaw il-prodott inkwistjoni li ġew żvelati fid-data tal-preżentata tad-disinn ikkontestat, jew, jekk ikun il-każ, fid-data li fiha ntalbet il-prijorità. Fl-aħħar nett il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni konkreta tal-impressjoni globdali tad-disinni inkwistjoni, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-grad ta' libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn ikkontestat. Għaldaqstant, sa fejn ix-xebh bejn id-disinni inkwistjoni jirrigwardaw karatteristiċi komuni, dan ix-xebh ikollu ftit importanza fuq l-impressjoni globali mogħtija mill-imsemmija disinni lill-utent informat. Għaldaqstant, iktar ma tkun ristretta l-libertà tad-disinjatur iktar ikun probabbli li differenzi żgħar bejn id-disinni inkwistjoni jkunu suffiċjenti sabiex jagħtu impressjoni globali differenti lill-utent informat.

Sussegwentement, fis-sentenza tat-12 ta' Mejju 2010, *Beifa Group vs UASI – Schwan-Stabilo Schwanhaüßer (Strument tal-kitba)* (T-148/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 25(1)(e) tar-Regolament Nru 6/2002, li jipprevedi li disinn Komunitarju jista' jiġi ddikjarat invalidu biss jekk jintuża sinjal distintiv f'disinn sussegwenti, u jekk id-dritt Komunitarju jew il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat li jirregolaw dan is-sinjal jikkonferixxu fuq il-proprjetarju tas-sinjal id-dritt li jipprojbixxi dan l-użu. Skont il-Qorti Ġenerali, dan l-artikolu jkopri wkoll il-każ ta' xebh bejn is-sinjali u mhux biss dak ta' identiċità, b'mod li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' liġi meta interpreta d-dispożizzjoni fis-sens li hija tista' tiġi invokata mill-proprjetarju ta' sinjal distintiv sabiex jitlob dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju sussegwenti, meta, fl-imsemmi disinn, jintuża sinjal li jixbah lis-sinjal tiegħu. Il-Qorti Ġenerali eżaminat barra minn hekk il-kwistjoni tal-modalitajiet ta' preżentata ta' talba għall-prova ta' użu ġenwin mill-proprjetarju ta' disinn Komunitarju kopert minn talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward fir-Regolament Nru 6/2002. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-imsemmija talba għandha tiġi

[25] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002, tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

ppreżentata b'mod espliċitu u fil-ħin quddiem l-UASI. Min-naħa l-oħra, talba għall-prova tal-użu ġenwin tas-sinjal preċedenti invokat insostenn ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' disinn Komunitarju ma tistax tiġi ppreżentata għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell.

Fl-aħħar nett, fis-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2010, *Shenzhen Taiden vs UASI – Bosch Security Systems (Apparat għall-komunikazzjoni)* (T-153/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, kif jirriżulta mill-premessa 14 tar-Regolament Nru 6/2002, fl-evalwazzjoni tal-karattru individwali ta' disinn, skont l-Artikolu 6 tal-istess regolament, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-karattru tal-prodott li għalih japplika d-disinn jew li fuqu ser jiġi applikat u, b'mod partikolari, tal-qasam industrijali li jaqa' fih. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali spjegat il-kunċett ta' "utent informat", billi enfasizzat li l-kwalità ta' "utent" timplika li l-persuna kkonċernata tuża l-prodott li fuqu jiġi applikat id-disinn, skont l-għan li għalih l-istess prodott huwa intiż, u li d-definizzjoni "informat" tissuġġerixxi li, mingħajr ma jkun disinjatur jew espert tekniku, l-utent ikun jaf id-disinni differenti li jeżistu fil-qasam ikkonċernat, jiddisponi minn ċertu grad ta' konoxxenzi fir-rigward tal-elementi li dawn id-disinni jkun fihom normalment u, minħabba l-interess tiegħu fil-prodotti kkonċernati, ikollu livell ta' attenzjoni relattivament ogħla meta jagħmel użu. Madankollu, din is-sitwazzjoni ma timplikax li l-utent informat ikun f'pożizzjoni li jiddistingwi, lil hinn mill-esperjenza li huwa kiseb minħabba l-użu tal-prodott ikkonċernat, bejn l-aspetti tal-apparenza tal-prodott li huma ristretti mill-funzjoni teknika ta' dan tal-aħħar, u dawk li huma arbitrarji.

## *Ambjent*

### 1. Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra

L-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, stabbilita mid-Direttiva 2003/87/KE [26], tikkostitwixxi sors ġdid u kostanti ta' kawżi għall-Qorti Ġenerali mill-2007.

Din is-sena, ta' min ifakkar is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, *Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill* (T-16/04, li għadha ma ġietx ippubblikata). Fil-kuntest ta' rikors għad-danni intiż għall-kumpens ta' danni allegatament ikkawżati lir-rikorrenti wara l-adozzjoni ta' din id-direttiva, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-leġiżlatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fl-eżerċizzju tal-kompetenzi fil-qasam tal-ambjent skont l-Artikoli 174 KE u 175 KE. L-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali jirrikjedi, minn naħa, li l-leġiżlatur Komunitarju jantiċipa u jevalwa żviluppi ekoloġiċi, xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi ta' natura kumplessa u inċerta, u, min-naħa l-oħra, l-ibbilanċjar u l-arbitraġġ minn dan il-leġiżlatur tal-għanijiet, tal-prinċipji u tal-interessi taħt l-Artikolu 174 KE. Dan jirriżulta fid-Direttiva 2003/87 permezz tal-istabbiliment ta' serje ta' għanijiet u ta' sotto-għanijiet parzjalment kontradittorji.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-istituzzjonijiet għandhom iħarsu, l-istess bħall-Istati Membri, il-libertajiet fundamentali, bħal-libertà ta' stabbiliment, li jservu sabiex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet essenzjali tal-Unjoni, b'mod partikolari dak tat-twettiq ta' suq intern. Minn dan ma jirriżultax li l-leġiżlatur Komunitarju għandu jirregola s-suġġett inkwistjoni b'mod illi l-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari meta tieħu l-forma ta' direttiva, tipprovdi soluzzjoni eżawrjenti u definittiva għal ċerti problemi mqajma fir-rigward tat-twettiq tas-suq intern jew tarmonizza kompletament il-liġijiet nazzjonali sabiex telimina kull ostakolu li jista' jkun hemm għall-kummerċ intra-Komunitarju. Meta l-leġiżlatur jissejjaħ jirristruttura jew joħloq sistema kumplessa,

[26] Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Ottubru 2003, li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva [tal-Kunsill] 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631).

bħas-sistema ta' kwoti, huwa jista' jagħmel hekk abbażi ta' approċċ gradwali u jistabbilixxi biss armonizzazzjoni progressiva tal-liġijiet nazzjonali inkwistjoni.

Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent ma tipprovdix għal armonizzazzjoni kompleta u l-Istati Membri huma ħielsa li jadottaw miżuri ta' protezzjoni msaħħa, peress li dawn huma suġġetti biss għall-kundizzjoni li jkunu kompatibbli mat-Trattat KE u li jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. Il-fatt biss li l-leġiżlatur Komunitarju ħalla miftuħa kwistjoni partikolari li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87 u ta libertà fundamentali, ma jiġġustifikax, fih innifsu, il-kwalifika ta' din l-omissjoni bħala kuntrarja għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Barra minn hekk, peress li l-implementazzjoni tad-Direttiva 2003/87 hija suġġetta għall-istħarriġ mill-qrati nazzjonali, huma dawn il-qrati li għandhom iressqu lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari fil-każ li jiltaqgħu ma' diffikultajiet dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' din id-direttiva.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti sostniet li d-Direttiva 2003/87 kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali minħabba n-nuqqas ta' dispożizzjoni li tirregola l-portata tal-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw kemm mill-insuffiċjenza ta' kwoti ta' emissjonijiet mogħtija lil stallazzjoni kif ukoll mill-prezz ta' dawn il-kwoti, peress li dan il-prezz huwa esklużivament iddeterminat mill-forzi tas-suq imwaqqaf wara l-istabbiliment tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-regolamentazzjoni tal-prezzijiet tal-kwoti tista' tfixkel l-għan prinċipali tad-Direttiva 2003/87, jiġifieri t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz ta' skema għall-iskambju ta' kwoti effettiva, li fil-qafas tagħha l-ispiża tal-emissjonijiet u tal-investimenti mwettqa sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet tkun essenzjalment iddeterminata mill-mekkaniżmi tas-suq. Fil-każ li l-kwoti ma jkunux biżżejjed, l-inċentiv tal-operaturi sabiex inaqqsu jew le l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra jiddependi minn deċiżjoni ekonomika kumplessa meħuda wara li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-prezzijiet tal-kwoti ta' emissjonijiet disponibbli fis-suq ta' skambju u l-ispiża ta' eventuali miżuri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li l-għan tagħhom jista' jkun jew li jnaqqsu l-produzzjoni, jew li jinvestu f'metodi ta' produzzjoni iktar effikaċi fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika. Fi skema bħal din, iż-żieda fl-ispiża tal-emissjonijiet ma tistax tiġi rregolata minn qabel mil-leġiżlatur Komunitarju, għaliex imbagħad ikun hemm riskju li jitnaqqsu, u anki jintilfu għal kollox, l-inċentivi ekonomiċi li jikkostitwixxu l-bażi tal-funzjonament tagħha u b'hekk tiġi mfixkla l-effettività tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti.

In-nuqqas ta' prevedibbiltà tal-iżvilupp tas-suq ta' skambju jikkostitwixxi element inerenti li ma jistax jiġi sseparat mill-mekkaniżmu ekonomiku li jikkaratterizza l-iskema għall-iskambju ta' kwoti li hija suġġetta għar-regoli klassiċi tal-offerta u d-domanda, u ma jistax jiġi kkwalifikat bħala li huwa kuntrarju għall-prinċipju ta' ċertezza legali.

## 2. Trasport bl-ajru – Relazzjonijiet barranin

Fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2010, *L-Isvizzera vs Il-Kummissjoni* (T-319/05, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), tressqet kawża quddiem il-Qorti Ġenerali dwar il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru [27] u dwar il-miżuri Ġermaniżi dwar l-approċċi lejn l-ajruport ta' Zurich (l-Isvizzera).

Minħabba l-viċinanza mal-fruntiera Ġermaniża, il-biċċa l-kbira tat-titjiriet li jinżlu f'Zurich u l-biċċa l-kbira tat-tluq ta' kmieni filgħodu u ta' tard filgħaxija jridu jużaw l-ispazju tal-ajru Ġermaniż.

[27] Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fil-21 ta' Ġunju 1999 fil-Lussemburgu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 41, p. 94).

Bejn l-1984 u l-2001, l-użu ta' dan l-ispazju tal-ajru kien is-suġġett ta' ftehim bilaterali, imbagħad ta' negozjati, bejn il-Konfederazzjoni Svizzera u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Fl-2003, l-awtoritajiet federali Ġermaniżi tal-avjazzjoni adottaw regolamenti Ġermaniżi fil-qasam tat-traffiku tal-ajru. Dawn kienu jistabbilixxu miżuri li kienu intiżi, essenzjalment, li jwaqqfu, f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi normali, l-ajruplani milli jtiru f'altitudni baxxa fuq it-territorju Ġermaniż ħdejn il-fruntiera Svizzera bejn id-9:00 ta' filgħaxija u s-7:00 ta' filgħodu mit-Tnejn sal-Ġimgħa u bejn it-8:00 ta' filgħaxija u d-9:00 ta' filgħodu fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi, sabiex jitnaqqas l-ħoss li l-popolazzjoni lokali kienet esposta għalih.

Billi bbażat ruħha fuq il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (li japplika, għall-finijiet tal-ftehim, ir-Regolament (KEE) Nru 2408/92 [28]), il-Konfederazzjoni Svizzera ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni, li fiha talbitha tieħu deċiżjoni sabiex ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tieqaf tapplika l-miżuri introdotti mir-regolamenti nazzjonali. Peress li dan l-ilment ġie miċħud, il-Konfederazzjoni Svizzera ppreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni, li fih allegat, b'mod partikolari, ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' proporzjonalità u ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-settur tat-trasport bl-ajru.

Qabel kollox il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset li l-miżuri Ġermaniżi ma jimponux kundizzjonijiet u lanqas ma jillimitaw jew jirrifjutaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku. Fil-fatt, il-miżuri Ġermaniżi b'ebda mod ma jimplikaw xi projbizzjoni, kundizzjonali jew parzjali, ta' passaġġ mill-ispazju tal-ajru Ġermaniż ta' titjiriet lejn jew mill-ajruport ta' Zurich, iżda sempliċement immodifika t-trajjettorja tat-titjiriet ikkonċernati, wara t-tluq tagħhom jew qabel l-inżul tagħhom fl-ajruport ta' Zurich.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali għad-detriment tat-trasportaturi tal-ajru Svizzeri li jużaw l-ajruport ta' Zurich bħala ajruport ċentrali, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-konstatazzjoni li miżura twassal għall-istess riżultat bħal diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li tali miżura hija inkompatibbli mal-Artikolu 3 tal-ftehim inkwistjoni, u li għandu jiġi vverifikat jekk din il-miżura ma hijiex iġġustifikata minn ċirkustanzi oġġettivi u jekk din hijex proporzjonata mal-għan li hija trid tilħaq. Issa, il-viċinanza għal żona turistika u, bħala tali, żona partikolarment vulnerabbli għall-ħsejjes, tikkostitwixxi ċirkustanza oġġettiva li tiġġustifika l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri fir-rigward biss tal-ajruport ta' Zurich. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-miżuri Ġermaniżi huma proporzjonali għall-għan li għalih huma intiżi, jiġifieri t-tnaqqis tal-ħsara kkawżata mill-ħoss ta' ajruplani fil-parti tat-territorju Ġermaniż li tmiss mal-Isvizzera, matul il-lejl u t-tmiem il-ġimgħa, u li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kellha ebda mezzi oħra għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tikseb it-tnaqqis tal-ħsara kkawżata mill-ħoss. B'mod partikolari, l-osservanza ta' valur limitu ta' ħoss tista' tkun diffiċli ħafna li tiġi kkontrollata u l-ksur tiegħu jista' jkun diffiċli ħafna li jiġi ssanzjonat, b'mod kuntrarju għall-obbligi marbuta tal-iffissar ta' altitudnijiet minimi għal titjira.

Fl-aħħar nett, fil-kuntest tal-eżami tal-eventwali ksur tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-settur tat-trasport bl-ajru, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-għan tat-tnaqqis tal-ħsara kkawżata mill-ħoss jikkostitwixxi aspett speċifiku tal-ħarsien tal-ambjent, li huwa fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat KE, fosthom b'mod partikolari l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u li l-miżuri inkwistjoni huma proporzjonali għal dan il-għan.

[28] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92, tat-23 ta' Lulju 1992, dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 420).

## *Politika barranija u ta' sigurtà komuni*

Din is-sena l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ħames kawżi relatati ma' miżuri restrittivi adottati kontra persuni fil-kuntest tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni. B'mod partikolari, f'żewġ sentenzi tad-9 u tat-30 ta' Settembru 2010, il-Qorti Ġenerali kellha tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha, diġà sostanzjali, fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju operat fir-rigward tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi adottati b'eżekuzzjoni ta' riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2010, Kadi vs Il-Kummissjoni (T-85/09, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), tislet il-konsegwenzi mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Settembru 2008 *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* [29] li annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2005, *Kadi vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* [30]. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja invalidat il-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali u ddeċidiet li l-qorti tal-Unjoni għandha kompetenza assoluta sabiex tistħarreġ il-legalità tal-miżuri adottati mill-Komunità li jimplementaw riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja, hija u tiddeċiedi fuq din il-kawża, annullat ir-regolament ta' ffriżar ta' fondi għaliex ikkonstatat li dan kien ġie adottat bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-parti kkonċernata, filwaqt li żammet l-effetti tiegħu għal perijodu li ma setax jeċċedi tliet xhur sabiex tippermetti li jiġi rrimedjat il-ksur ikkonstatat.

Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni informat lir-rikorrent dwar l-intenzjoni tagħha li żżomm l-inklużjoni ta' ismu fir-Regolament (KE) Nru 881/2002 [31], abbażi ta' sunt tal-motivi redatt mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista tal-persuni li fir-rigward tagħhom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, u stiednitu jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward. Fit-28 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni adottat regolament [32] ġdid li żamm l-iffriżar tal-fondi tar-rikorrent.

Adita mir-rikorrent b'rikors għal annullament kontra dan l-aħħar regolament, il-Qorti Ġenerali qieset li, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, hija obbligata tiżgura f'dan il-każ stħarriġ ġudizzjarju komplet u rigoruż tal-legalità tar-regolament, mingħajr ma tagħti lill-imsemmi regolament xi immunità ġudizzjarja abbażi tal-fatt li dan jipprevedi li jimplementa riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan għandu għalhekk isir, tal-inqas sakemm il-proċeduri ta' eżami mill-ġdid implementati mill-Kumitat tas-Sanzjonijet ma jkunux joffru b'mod manifest il-garanziji ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Dan l-istħarriġ għandu jirrigwarda, indirettament, l-evalwazzjonijet dwar il-mertu magħmula mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet innifsu, kif ukoll l-elementi li jsejsuhom. Dan huwa iktar iġġustifikat mill-miżuri li jaffettwaw b'mod sensittiv u għal tul ta' żmien id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, li kien suġġett, għal kważi għaxar snin issa, għal sistema li tiffriża indefinittivament il-fondi tiegħu kollha. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li fil-livell tal-ħajja umana, għaxar snin jirrappreżentaw tul ta' żmien kunsiderevoli,

[29] C-402/05 P u C-415/05 P, Ġabra p. I-6351.

[30] T-315/01, Ġabra p. II-3649.

[31] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 294).

[32] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1190/2008, tas-28 ta' Novembru 2008, li jemenda għall-101 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 (ĠU L 322, p. 25).

u l-klassifikazzjoni tal-miżuri inkwistjoni bħala ta' natura preventiva jew repressiva, kawtelatorja jew konfiskatorja, ċivili jew kriminali, tidher li għadha miftuħa.

Fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ sħiħ, u filwaqt li ttrasponiet il-kriterji kkunsidrati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha *A et vs Ir-Renju Unit*[33], il-Qorti Ġenerali qieset li d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent ma ġewx "irrispettati" ħlief b'mod purament formali u apparenti. Il-Kummissjoni ma ħaditx debitament inkunsiderazzjoni l-opinjoni espressa minnu u ma tagħtu l-ebda aċċess, lanqas wieħed minimu, għall-provi miżmuma kontra tiegħu, mingħajr ebda bbilanċjar tal-interessi tiegħu fir-rigward tan-neċessità li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni inkwistjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ftit elementi ta' informazzjoni u l-allegazzjonijiet vagi inklużi fis-sunt tar-raġunijiet jidhru li kienu manifestament insuffiċjenti biex jippermettu lir-rikorrent jiċħad b'mod effikaċi l-akkużi mressqa kontrih.

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-regolament ġie adottat bi ksur tad-drittijiet tad-difiża. Barra minnn dan, peress li ma kellu l-ebda aċċess utli għall-informazzjoni u għall-provi kontra tiegħu, ir-rikorrent ma setax jiddefendi d-drittijiet tiegħu fir-rigward tal-imsemmija provi f'kundizzjonijiet sodisfaċenti quddiem il-qorti tal-Unjoni, b'tali mod li għandu wkoll jiġi kkonstatat ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fid-dawl tal-portata ġenerali u tal-persistenza tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, ir-Regolament jikkostitwixxi wkoll restrizzjoni inġustifikata tad-dritt għal proprjetà.

It-tieni nett, f'dak li jikkonċerna d-deċiżjonijiet nazzjonali li jistgħu jikkostitwixxu l-bażi ta' miżura ta' ffriżar ta' fondi adottata mill-Kunsill, il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2010, *Al-Aqsa vs Il-Kunsill* (T-348/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), ippreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom sentenza dwar miżuri provviżorji, mogħtija fil-kuntest ta' proċedura intiża għal kisba, provviżorjament, tas-sospenzjoni ta' miżura nazzjonali ta' ffriżar ta' fondi (Sanctieregeling), tikkostitwixxi tassew "deċiżjoni" meħuda minn awtorità kompetenti, skont l-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK[34] u l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001[35].

Il-Qorti Ġenerali rrilevat, f'dan ir-rigward, li, l-istess bħas-Sanctieregeling, is-sentenza dwar miżuri provviżorji lanqas ma tikkostitwixxi, fil-veru sens tal-kelma, deċiżjoni ta' "bidu ta' investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni għall-att terroristiku" u li hija lanqas ma tikkonċerna l-"kundanna" tar-rikorrenti, fis-sens strett ta' dan it-terminu fid-dritt kriminali. Madankollu, fid-dawl tal-kontenut, tal-portata u tal-kuntest tagħha, is-sentenza dwar miżuri provviżorji, ikkunsidrata flimkien mas-Sanctieregeling, tikkostitwixxi fil-fatt "deċiżjoni" meħuda minn awtorità kompetenti, fis-sens tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u tar-Regolament Nru 2580/2001, li ma jitolbux li d-"deċiżjoni" nazzjonali tkun tagħmel parti minn kuntest ta' proċedura kriminali *stricto sensu*.

Barra minn hekk, deċiżjoni nazzjonali ta' "bidu ta' investigazzjonijiet jew ta' prosekuzzjoni" għandha, sabiex tkun tista' tiġi invokata mill-Kunsill b'mod validu, tittieħed fil-kuntest ta' proċeduri nazzjonali intiżi direttament u prinċipalment sabiex jimponu miżura ta' tip preventiv jew repressiv kontra l-parti kkonċernata bħala parti mill-ġlieda kontra t-terroriżmu. Kuntrarjament għal deċiżjoni ta'

33 Sentenza tad-19 ta' Frar 2009 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-*Ġabra ta' sentenzi u ta' deċiżjonijiet*).

34 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill [2001/931/PESK], tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 217).

35 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 207).

awtorità ġudizzjarja nazzjonali li tiddeċiedi biss b'mod anċillari u inċidentali fuq l-involviment possibbli tal-parti kkonċernata f'attività bħal din, il-Qorti Ġenerali qieset li s-sentenza dwar miżuri provviżorji invokata f'din il-kawża mill-Kunsill taqa' b'mod dirett biżżejjed fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali intiża prinċipalment li timponi miżura ta' sanzjoni ekonomika fuq il-parti kkonċernata, jiġifieri l-iffriżar tal-fondi tagħha magħmul permezz tas-Santieregeling stess, u dan minħabba l-involviment tagħha f'attività terroristika.

Tqajmet, madankollu l-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni dwar miżuri provviżorji inkwistjoni setgħetx dejjem tipprovdi bażi għad-deċiżjoni tal-Kunsill filwaqt li s-Sanctieregeling kienet ġiet abrogata mill-awtoritajiet wara li kienet ġiet mitħuda t-talba għal miżuri provviżorji. Il-Qorti Ġenerali qieset li dan ma kienx il-każ. Permezz ta' din is-sentenza, fil-fatt, l-Imħallef għal miżuri provviżorji kien sempliċement irrifjuta li jissospendi, b'mod provviżorju, l-effetti tas-Sanctieregeling. Issa, minħabba t-tħassir tagħha, din waqfet definittivament milli jkollha effetti legali. Dan jgħodd neċessarjament ukoll, bħala konsegwenza, għall-effetti legali tas-sentenza dwar miżuri provviżorji sa fejn din tagħmel biss evalwazzjoni provviżorja, bla ħsara għad-deċiżjoni fuq il-mertu fi tmiem il-proċess. Barra minn hekk, ma jkunx kompatibbli mas-sistema ġenerali tar-Regolament Nru 2580/2001, ikkaratterizzata mill-importanza prinċipali li għandha tingħata lill-elementi tal-proċedura nazzjonali fl-evalwazzjoni tal-Kunsill, li s-Sanctieregeling, li ma għadx għandha effett fis-sistema legali Olandiża, jibqa' jkollha effett indirettament u indefinittivament, permezz tas-sentenza dwar miżuri provviżorji, fis-sistema legali Komunitarja. Il-Kunsill mar lil hinn mil-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu meta żamm indefinittivament lir-rikorrenti fil-lista kontenzjuża, meta sar l-eżami mill-ġdid perijodiku tas-sitwazzjoni, għas-sempliċi raġuni li d-deċiżjoni tal-Imħallef għal miżuri provviżorji ma kinitx ġiet ikkontestata, fis-sistema legali Olandiża, permezz tal-istanza ġudizzjarja ta' appell dwar miżuri provviżorji jew permezz tal-istanza ġudizzjarja dwar il-mertu, meta fil-frattemp id-deċiżjoni amministrattiva li s-sospensjoni tal-effetti tagħha kienet intalbet lil dan l-imħallef kienet ġiet imħassra mill-awtur tagħha.

### *Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet*

Il-proċedura ta' aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni, irregolata b'mod partikolari mill-Artikoli 6 sa 8 tar-Regolament Nru 1049/2001, tiżvolġi f'żewġ stadji. L-ewwel nett, l-applikant għandu jippreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni inizjali għal aċċess għal dokumenti. It-tieni nett, fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali, l-applikant jista' jippreżenta applikazzjoni konfermatorja lis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni. Il-miżura adottata mis-Segretarju Ġenerali biss tista' tipproduċi effetti legali tali li jaffettwaw l-interessi tal-applikanti u, għaldaqstant, tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament.

Fis-sentenza tad-19 ta' Jannar 2010, *Co-Frutta vs Il-Kummissjoni* (T-355/04 u T-446/04, Ġabra p. II-1) [36], il-Qorti Ġenerali kellha tiddeskrivi l-konsegwenzi tal-iskadenza tat-terminu ta' ħmistax-il jum ta' xogħol li jista' jiġi estiż, li fih l-istituzzjoni għandha twieġeb għall-applikazzjoni konfermatorja. Skont il-Qorti Ġenerali, dan it-terminu, previst fl-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament Nru 1049/2001, huwa imperattiv. Madankollu, l-iskadenza ta' dan it-terminu ma għandhiex l-effett li tiċħad lill-istituzzjoni mis-setgħa tagħha li tadotta deċiżjoni. Fil-fatt, l-ebda prinċipju ġuridiku ma jtellef lill-amministrazzjoni mill-kompetenza tagħha li twieġeb applikazzjoni, anki barra mit-termini mogħtija f'dan ir-rigward. Il-mekkaniżmu ta' deċiżjoni impliċita ta' ċaħda ġie stabbilit bil-għan li jitnaqqas ir-riskju li l-amministrazzjoni tagħżel li ma twieġibx għal applikazzjoni għal aċċess għal dokumenti u taħrab minn kull stħarriġ ġudizzjarju, u mhux sabiex kull deċiżjoni tardiva ssir illegali.

[36] Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Diċembru 2010, *Ryanair vs Il-Kummissjoni* (T-494/08 sa T-500/08 u T-509/08, li għadha ma ġietx ippubblikata).

Bil-kontra, l-amministrazzjoni, bħala prinċipju, għandha l-obbligu li tipprovdi tweġiba motivata għal kull applikazzjoni li ssir minn persuna amministrata minnha, anki jekk din it-tweġiba tingħata tardivament. Tali soluzzjoni hija konformi mal-funzjoni tal-mekkaniżmu tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda li tikkonsisti f'li tippermetti lill-persuni amministrati li jikkontestaw in-nuqqas ta' azzjoni tal-amministrazzjoni bil-għan li jiksbu tweġiba motivata mingħandha.

Bl-istess mod, l-istituzzjoni li saritilha applikazzjoni għal aċċess għal dokument li joriġina minn Stat Membru u dan tal-aħħar għandhom, meta din l-applikazzjoni tkun ġiet innotifikata mill-istituzzjoni lill-imsemmi Stat Membru, jibdew mingħajr dewmien djalogu leali dwar l-applikazzjoni eventwali tal-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001, billi jibqgħu attenti b'mod partikolari għall-ħtieġa li l-istituzzjoni tkun tista' tieħu pożizzjoni fit-termini previsti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dan ir-regolament, li jobbligawaha tiddeċiedi fuq din l-applikazzjoni għal aċċess. Madankollu, id-dekorrenza tat-termini previsti minn din id-dispożizzjoni ma tagħtix awtomatikament lok għall-annullament tad-deċiżjoni adottata barra mit-termini. Fil-fatt, l-annullament ta' deċiżjoni minħabba s-sempliċi fatt li ddekorra t-terminu previst mir-Regolament Nru 1049/2001 ikollu biss l-effett li terġa' tinbeda l-proċedura amministrattiva ta' aċċess għal dokumenti. F'kull każ, il-kumpens għal preġudizzju eventwali dovut minħabba risposta tardiva min-naħa tal-Kummissjoni jista' jintalab permezz ta' rikors għad-danni.

Barra minn hekk, fis-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2010, *Ryanair vs Il-Kummissjoni* (T-494/08 sa T-500/08 u T-509/08, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali siltet il-konsegwenzi mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2010, *Il-Kummissjoni vs Technische Glaswerke Ilmenau* [37].

Il-Qorti Ġenerali b'dan il-mod fakkret li, skont din is-sentenza, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, dwar il-protezzjoni tal-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li l-persuni interessati minbarra l-Istat Membru kkonċernat fil-proċeduri ta' verifika tal-għajnuna mill-Istat ma għandhomx id-dritt li jikkonsultaw id-dokumenti tal-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni u, għalhekk, għandha tiġi rrikonoxxuta l-eżistenza ta' preżunzjoni ġenerali li l-iżvelar tad-dokumenti tal-fajl amministrattiv iwassal, fil-prinċipju, għal ħsara lill-protezzjoni tal-iskop tal-investigazzjonijiet.

B'hekk, il-Kummissjoni tista', skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti kollha li jirrigwardaw il-proċedura ta' verifika ta' għajnuna mill-Istat, u dan mingħajr ma twettaq eżami konkret u individwali ta' dawn id-dokumenti minn qabel. Il-preżunzjoni ġenerali ma teskludix id-dritt ta' dawn il-persuni interessati li juru li dokument speċifiku li tiegħu jintalab l-iżvelar ma huwiex kopert minn din il-preżunzjoni jew li jeżisti interess pubbliku ikbar li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument imsemmi skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti ma ressqet ebda argument li juri li dawn id-dokumenti ma humiex koperti mill-preżunzjoni ġenerali, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

Problema simili ġiet affrontata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2010, *Éditions Jacob vs Il-Kummissjoni* (T-237/05, li għadha ma ġietx ippubblikata). Madankollu, f'dan il-każ, id-dokumenti li fir-rigward tagħhom intalab l-aċċess kienu jikkonċernaw proċedura dwar operazzjoni ta' konċentrazzjoni ta' impriżi diġà magħluqa fil-jum tal-preżentata tal-applikazzjoni

[37] C-139/07 P, li għadha ma ġietx ippubblikata.

għal aċċess. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qieset li l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki hija applikabbli biss jekk l-iżvelar tad-dokumenti inkwistjoni jgħaddi mir-riskju li jipperikola t-twettiq ta' dawn l-attivitajiet. Ċertament, l-atti differenti meħuda fl-investigazzjoni jistgħu jibqgħu koperti mill-eċċezzjoni sakemm jiżvolġu l-attivitajiet ta' investigazzjoni jew ta' spezzjoni, anki jekk l-investigazzjoni jew spezzjoni li jkunu taw lok għar-rapport li għalih intalab l-aċċess intemmew. Madankollu, li jiġi aċċettat, kif allegat il-Kummissjoni, li d-dokumenti mitluba dejjem huma koperti mill-imsemmija eċċezzjoni sakemm id-deċiżjonijiet li jagħlqu l-proċedura ma humiex definittivi, jiġifieri, sakemm il-Qorti Ġenerali u, jekk ikun il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkunux ċaħdu r-rikorsi ppreżentati kontrihom jew, fil-każ ta' kanċellazzjoni, sakemm deċiżjoni ġdida jew deċiżjonijiet diversi ġodda ma jkunux ġew adottati mill-Kummissjoni, ifisser li l-aċċess għal dawn id-dokumenti jkun qed jiġi ssuġġettat għall-avveniment każwali, futur u eventwalment iktar 'il bogħod. Minn dan jirriżulta li d-dokumenti ma jaqgħux, waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għan ta' attivitajiet ta' investigazzjoni. F'kull każ, anki jekk jiġi aċċettat li dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni, mill-motivi tad-deċiżjoni kkontestata bl-ebda mod ma jirriżulta li l-Kummissjoni għamlet eżami konkret u individwali tad-dokumenti mitluba.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-obbligu tas-sigriet professjonali, li jirriżulta mill-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 139/2004 u mill-Artikolu 287 KE, ma għandux portata tali li jista' jiġġustifika rifjut għal aċċess ġenerali u astratt għad-dokumenti mibgħuta fil-kuntest tan-notifika ta' konċentrazzjoni. L-evalwazzjoni tan-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni teħtieġ bilanċ bejn, minn naħa, l-interessi leġittimi kontra l-iżvelar tagħha u, min-naħa l-oħra, l-interess ġenerali li jitlob li attivitajiet tal-istituzzjonijiet Komunitarji jiżvolġu fl-ikbar osservanza possibbli tal-prinċipju ta' trasparenza. Fit-twettiq tal-eżami konkret u individwali tad-dokumenti mitluba, il-Kummissjoni b'hekk tista' tiżgura l-effettività tad-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet, b'konsistenza sħiħa mar-Regolament Nru 1049/2001. B'mod partikolari l-Qorti Ġenerali żiedet li, fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet, il-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-partijiet ikkonċernati ma tistax tiġi kkunsidrata bħala manifestament koperta mill-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali, u l-Kummissjoni għandha tiżgura ruħha minn dan permezz ta' eżami konkret u effettiv ta' kull dokument.

## *Status tal-membri tal-Parlament Ewropew*

### 1. Privileġġi u immunitajiet

Il-kawża *Gollnisch vs Il-Parlament* (sentenza tad-19 ta' Marzu 2010, T-42/06, li għadha ma ġietx ippubblikata) toriġina minn dikjarazzjonijiet magħmula minn B. Gollnisch, dak iż-żmien membru tal-Parlament Ewropew, waqt konferenza stampa, u li setgħu jitqiesu li jikkostitwixxu ksur kriminali. Wara l-ftuħ, fi Franza, ta' investigazzjoni għall-kontestazzjoni tar-reati kontra l-umanità, u fuq talba ta' L. Romagnoli, ukoll membru tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Parlament ressaq quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali talba għall-ħarsien tal-immunità tar-rikorrent, skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament Intern tal-Parlament [38]. Wara l-eżami ta' din it-talba, u fuq proposta f'dan ir-rigward tal-Kummissjoni, il-Parlament ċaħad it-talba għal immunità permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2005, abbażi tal-fatt li, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej [39], l-immunità tal-membri tal-Parlament tikkonċerna l-opinjonijiet espressi jew il-voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom, li ma kienx il-każ hawnhekk.

[38] ĠU 2005, L 44, p. 1.

[39] Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965 (ĠU 1967, 152, p. 13).

Adita b'talba għall-kumpens għad-dannu subit minn B. Gollnisch minħabba din id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għalkemm il-privileġġi u l-immunitajiet irrikonoxxuti minn dan il-protokoll huma ta' natura funzjonali sa fejn huma intiżi li jevitaw li jkun hemm ostakolu għall-funzjonament u għall-indipendenza tal-Komunitajiet, xorta jibqa' l-fatt li dan il-protokoll joħloq dritt suġġettiv għall-benefiċċju tal-persuni previsti, li r-rispett tiegħu huwa ggarantit mid-dritt li jiġi ppreżentat rikors skont it-Trattat.

Barra minn hekk, filwaqt li rrefera għall-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, L. Romagnoli indika li l-immunità li jibbenefika minnha B. Gollnisch kienet dik prevista fid-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni Franċiża, li jipprovdu li l-Assemblea li l-parlamentari jagħmel parti minnha tista' teżiġi s-sospensjoni tal-proċeduri kontrih. Fil-fatt, skont dan l-artikolu tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet, matul is-sessjonijiet tal-Parlament, il-membri tiegħu jgawdu, fit-territorju nazzjonali tagħhom, minn immunitajiet irrikonoxxuti lill-membri tal-Parlament tal-pajjiż tagħhom. Minn dan jirriżulta li l-Parlament intalab jagħti deċiżjoni dwar talba għas-sospensjoni tal-proċeduri għaddejjin kontra B. Gollnisch fi Franza, u mhux dwar talba tal-ħarsien ta' immunità bbażata fuq l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet. Issa, għalkemm il-Parlament għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-orjentazzjoni li jkollu intenzjoni jagħti lid-deċiżjoni fir-rigward ta' talba bħal dik li tressqet f'dan il-każ, xorta jibqa' l-fatt li l-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni kellhiex tittieħed abbażi tal-Artikolu 9 jew abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(a) tal-Protokoll ma kinitx taqa' taħt is-setgħa diskrezzjonali tal-Parlament. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat għaldaqstant li l-Parlament ma adottax deċiżjoni fuq sospensjoni eventwali tal-proċeduri kriminali, filwaqt li l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jirreferi għad-drittijiet nazzjonali sabiex jiddetermina d-delimitazzjoni u l-portata tal-immunità li minnha jgawdu d-deputati fit-territorju nazzonali tagħhom, u li l-Artikolu 26(3) tal-Kostituzzjoni Franċiża tipprevedi sospensjoni tal-proċeduri kriminali matul il-mandat parlamentari. F'dan il-każ, ir-rikorrent seta' għaldaqstant jinvoka, fil-kuntest tar-rikors għad-danni tiegħu, l-illegalità tar-rifjut tal-Parlament li jiddeċiedi abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(a) tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet.

It-talba għal kumpens minħabba d-dannu li jirriżulta mill-attakk fuq l-unur ġiet madankollu miċħuda minħabba n-nuqqas ta' rabta kawżali diretta bejn dan id-dannu u l-illegalità kkonstatata. Fil-fatt, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni kbira tal-Parlament, jekk huwa bbaża ruħu fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(a) tal-Protokoll, huwa seta' jieħu kemm id-deċiżjoni li jitlob is-sospensjoni tal-proċeduri, kif ukoll deċiżjoni li ma jitlobx is-sospensjoni tal-proċeduri. L-illegalita li tivvizzja d-deċiżjoni kkontestata ma tistax tikkostitwixxi l-kawża diretta u determinanti tal-attakk fuq l-unur li jsostni r-rikorrent.

## 2. Spejjeż u allowances

Fil-kawża *Martin vs Il-Parlament* (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, T-276/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'talba għall-annullament ta' deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament, li permezz tagħha huwa ddikjara bħala inġustifikat il-ħlas lil H. Martin, membru tal-Parlament, ta' somma ta' EUR 163 381.54 bħala allowance tas-segretarjat, u li biha informah li huwa kien ser jipproċedi għall-irkupru tiegħu.

Bit-tir ta' trasparenza, il-Parlament adotta r-Regolament dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji għall-membri tal-Parlament Ewropew (FID), li l-Artikolu 14 tiegħu jipprevedi li l-membri tal-Parlament li għandhom iressqu talba għall-għoti tal-allowance tas-segretarjat li tinkludi, b'mod partikolari, l-isem, l-indirizz, iċ-ċittadinanza, il-pajjiż, il-post u d-data tat-twelid tal-assistent, kif ukoll il-firma ta' dan tal-aħħar li tikkonferma l-eżattezza ta' din l-informazzjoni. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dawn ir-rekwiżiti ġew imsaħħa maż-żmien, b'mod partikolari bl-obbligu li mat-talba tiġi inkluża kopja

tal-kuntratt konkluż bejn il-membru tal-Parlament u l-assistent tiegħu, kif ukoll li tiġi indikata kull bidla li tkun seħħet fir-rigward tat-talba għall-għoti tal-allowance. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali osservat li kull membru tal-Parlament, mid-dħul fil-karigu tiegħu, jirċievi kopja tar-Regolament FID u jiddikjara li rċevih, bil-miktub. Fl-aħħar nett, il-Membru tal-Persunal jimpenja ruħu formalment li jħallas il-kumpens tas-segretarjat lill-assistent, indikat b'ismu, mill-bidu tal-attivitajiet tiegħu, filwaqt li l-lista tal-assistenti parlamentari ddikjarati huma, barra minn hekk, aċċessibbli għall-pubbliku.

Minn dawn l-elementi kollha, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14 tar-Regolament FID, b'mod partikolari fir-rigward tal-indikazzjonijiet li għandha tinkludi t-talba għall-għoti mressqa mill-membru tal-Parlament fir-rigward tal-assistent jew tal-assistenti li huwa jimpjega, huma ta' natura sostanzjali. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-rikorrenti ma ddikjarax lill-Parlament ċerti destinatarji finali tal-ħlasijiet u li l-Parlament ma rċeviex notifika tax-xoljiment ta' ċerti kuntratti. Barra minn hekk, ir-rikorrent, minn naħa, ma rrimborsax il-fondi mhux użati fl-aħħar tas-sena u, min-naħa l-oħra, uża l-fondi mħallsa għal ċerti assistenti sabiex iħallas lil persuni oħra. F'dan il-każ, ir-rikorrent kiser ir-Regolamenti FIB u għaldaqstant ma setax jinvoka, fil-kuntest tar-rikors għal annullament tiegħu, dritt inkundizzjonali li juża l-fondi miġbura.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-Artikolu 71(3) tar-Regolament Finanzjarju (KE Euratom) Nru 1605/2002 [40] jimponi fuq il-Parlament obbligu inkundizzjonali li jirkupra l-ammonti mħallsa indebitament. Dan l-obbligu jaqa' wkoll fuq is-Segretarju Ġenerali skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament FID.

## II. Kawżi dwar il-kumpens għad-danni

### 1. Klassifikazzjoni tan-natura kuntrattwali jew mhux kuntrattwali tal-kawża

Fis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, *Systran u Systran Luxembourg vs Il-Kummissjoni* (T-19/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret li l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tisma' azzjoni għad-danni tiddependi min-natura kuntrattwali jew mhux kuntrattwali tar-responsabbiltà invokata. B'hekk, fil-qasam tar-responsabbiltà kuntrattwali, huwa biss meta jkun hemm klawżola ta' arbitraġġ fis-sens tal-Artikolu 238 KE li l-Qorti Ġenerali jkollha ġurisdizzjoni. Fin-nuqqas ta' tali klawżola, il-Qorti Ġenerali fil-verità ma tistax tiddeċiedi, fuq il-bażi tal-Artikolu 235 KE, dwar azzjoni għad-danni ta' oriġini kuntrattwali. Jekk ma jkunx hekk, il-Qorti Ġenerali tkun qiegħda testendi l-ġurisdizzjoni tagħha lil hinn mill-kawżi li fir-rigward tagħhom l-Artikolu 240 KE jirriżervalha ġurisdizzjoni, sa fejn din id-dispożizzjoni tagħti lill-qrati nazzjonali ġurisdizzjoni ta' dritt komuni sabiex jisimgħu l-kawżi li fihom tkun parti l-Komunità. Mill-banda l-oħra, fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni mingħajr ma jkun meħtieġ li l-partijiet fil-kawża juru manifestament il-kunsens tagħhom minn qabel. Fil-fatt, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tirriżulta direttament mill-Artikolu 235 KE u mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE.

Sabiex tiddetermina jekk għandhiex ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 235 KE, il-Qorti Ġenerali għandha teżamina, fid-dawl tad-diversi elementi rilevanti tal-proċess, jekk it-talba għad-danni mressqa mir-rikorrenti hijiex ibbażata b'mod oġġettiv u globali fuq obbligi ta' oriġini kuntrattwali jew mhux kuntrattwali. Dawn l-elementi jistgħu jiġu misluta, b'mod partikolari, mill-eżami tal-pretensjonijiet tal-partijiet, mill-fatt li kkawża d-dannu li qiegħed jintalab il-kumpens tiegħu

[40] Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74).

u mill-kontenut tad-dispożizzjonijiet kuntrattwali jew mhux kuntrattwali invokati sabiex tinstab soluzzjoni għall-kawża. F'dan ir-rigward, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-qasam kuntrattwali hija derogatorja mid-dritt komuni u għandha, għaldaqstant, tiġi interpretata b'mod limitat, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali tista' tisma' biss it-talbiet li joriġinaw mill-kuntratt u li jkollhom relazzjoni diretta mal-obbligi li jirriżultaw minn dan il-kuntratt.

Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kellha teżamina l-kontenut tad-diversi kuntratti konklużi bejn il-grupp Systran u l-Kummissjoni. Tali eżerċizzju jagħmel parti mill-eżami tal-ġurisdizzjoni, li n-nuqqas tiegħu jikkostitwixxi motiv ta' nuqqas ta' ammissibbiltà ta' ordni pubbliku, u ma jistax ikollu l-konsegwenza li jibdel in-natura tal-kawża billi jagħtiha bażi kuntrattwali.

Filwaqt li eżaminat fil-fond l-argumenti ppreżentati mill-partijiet, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-kawża inkwistjoni hija ta' natura mhux kuntrattwali. Fil-fatt, huwa meħtieġ li tiġi evalwata n-natura allegatament illegali u dannuża tal-iżvelar mill-Kummissjoni lil terzi ta' informazzjoni protetta bi dritt ta' proprjetà jew bħala "know-how" mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa tad-detentur tagħhom fid-dawl tal-prinċipji ġenerali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri applikabbli fil-qasam u mhux fid-dawl ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali.

## 2. Rabta kawżali

Fis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2010, *Sungro et vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* (T-252/07, T-271/07 u T-272/07, Ġabra. p. II-55), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi għad-danni ppreżentati mir-rikorrenti, intiżi għall-kumpens tad-dannu li kkawżatilhom skema ta' għajnuna mill-Istat fis-settur tal-qoton, annullata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Settembru 2006, *Spanja vs Il-Kunsill* (C-310/04, Ġabra p. I-7285). F'dan ir-rigward hija bbażat ruħha fuq il-premessa li, sabiex jiġi stabbilit id-dannu imputabbli għal azzjoni żbaljata ta' istituzzjoni Komunitarja, hemm lok li jitqiesu l-effetti tan-nuqqas li jiġġenera r-responsabbiltà u mhux dawk tal-att li fih tali nuqqas jaqa', sakemm l-istituzzjoni setgħet jew kellha tadotta att tal-istess effett mingħajr ma tikser id-dispożizzjoni legali. Fi kliem ieħor, l-analiżi tar-rabta kawżali ma tistax titlaq mill-premessa żbaljata li, fin-nuqqas ta' aġir illegali, l-istituzzjoni tkun naqset milli taġixxi jew tkun adottat att kuntrarju – li jista' anki jikkostitwixxi aġir illegali – iżda għandha tagħmel paragun bejn is-sitwazzjoni kkawżata lit-terzi kkonċernati minħabba azzjoni żbaljata u s-sitwazzjoni li kieku kien igawdi minnha fil-każ ta' aġir li josserva d-dispożizzjoni legali min-naħa tal-istituzzjoni.

## 3. Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni li tagħti drittijiet lill-individwi

Sabiex tqum ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, huwa meħtieġ li r-rikorrent jipprova li twettaq ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi [41].

Fil-kuntest ta' talba intiża għall-kumpens għad-danni allegatament ikkawżati mir-rikorrent minn deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna, abbażi tal-Artikolu 15a tat-Tieni Direttiva 75/319/KEE [42], l-irtirar tal- awtorizzazzjonijiet għal tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li fihom is-sustanza "Amfepramone", il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2010, *Artegodan vs Il-Kummissjoni* (T-429/05, li għadha ma ġietx ippubblikata, taħt appell), fakkret li r-rekwiżit ta' ksur suffiċjentement serju huwa intiż sabiex jiġi evitat li l-eżerċizzju, mill-istituzzjoni kkonċernata,

41 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2000, *Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni*, C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punti 42 u 43.

42 Tieni Direttiva tal-Kunsill 75/319/KEE, tal-20 ta' Mejju 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-prodotti mediċinali speċjali (ĠU L 147, p. 13).

tal-kompetenzi tagħha ta' interess ġenerali ma jiġux ostakolati mir-riskju li jkollha ssostni d-danni allegati mill-impriżi kkonċernati.

Barra minn hekk hija ppreċiżat li, fil-każ fejn il-marġni ta' diskrezzjoni tal-istituzzjoni kkonċernata hija kunsiderevolment mnaqqsa, jew saħansitra ineżistenti, ma teżisti ebda rabta awtomatika bejn in-nuqqas ta' setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjoni kkonċernata u l-klassifikazzjoni tal-ksur bħala ksur suffiċjentement serju tad-dritt Komunitarju. Il-portata tas-setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjoni kkonċernata hija, ċertament, ta' natura determinanti, iżda ma tikkostitwixxix kriterju esklużiv. Għaldaqstant hija l-Qorti Komunitarja li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-komplessità tas-sitwazzjoni li għandha tiġi rregolata, id-diffikultajiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni tat-testi, il-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tar-regola li ġiet miksura u n-natura mhux skużabbli tal-iżball imwettaq. B'hekk hija biss il-konstatazzjoni ta' illegalità li f'ċirkustanzi analogi ma kinitx twettaq amministrazzjoni normalment prudenti u diliġenti li tippermetti li tiġi applikata r-responsabbiltà tal-Unjoni.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttiva 65/65/KEE[43], l-awtorità kompetenti biex tadotta deċiżjoni ta' rtirar jew ta' sospensjoni ta' awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq hija obbligata tosserva l-prinċipju ġenerali ta' preeminenza tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, stabbilit fid-dispożizzjonijiet materjali tal-imsemmija direttiva. Dan il-prinċipju jimponi fuqha, fl-ewwel lok, it-teħid inkunsiderazzjoni esklużiv tal-kunsiderazzjonijiet relatati mal-protezzjoni tas-saħħa, fit-tieni lok, l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ bejn il-benefiċċji u r-riskji ta' prodott mediċinali meta data ġdida tagħti lok għal dubji dwar l-effikaċja tiegħu jew is-sigurtà tiegħu u, fit-tielet lok, l-implementazzjoni tas-sistema tal-prova skont il-prinċipju ta' prekawzjoni. F'dan il-każ, ir-rikorrenti għaldaqstant ma setgħetx tinvoka, fil-kuntest tar-rikors għad-danni tagħha, ksur tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 65/65. Fil-fatt, id-diffikultajiet marbuta mal-interpretazzjoni sistematika tal-kundizzjonijiet ta' rtirar jew ta' sospensjoni ta' awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq, fid-dawl tas-sistema Komunitarja kollha ta' awtorizzazzjoni minn qabel tal-prodotti mediċinali, setgħu raġonevolment jispjegaw, fin-nuqqas ta' preċedent simili, l-iżball ta' liġi li wettqet il-Kummissjoni. Fil-fatt il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, fin-nuqqas ta' enfasi, fil-linji gwida applikabbli, tal-iżvilupp tal-kriterju xjentifiku determinanti fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li fihom is-sustanza "Amfepramone", il-Kummissjoni kien imissha tat id-deċiżjoni tagħha abbażi ta' eżami kumpless tar-rapporti xjentifiċi preparatorji suċċessivi stabbiliti fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami li tat lok għall-opinjoni finali relatata mal-Amfepramone, kif ukoll tal-linji gwida msemmija f'din l-opinjoni finali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset li l-ksur tad-dritt Komunitarju ma kienx suffiċjentement serju.

Għandu jiġi osservat ukoll li, fir-rigward tal-kundizzjoni li l-ksur allegat għandu jikkonċerna dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 75/519 li jiddelinjaw l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri ma għandhomx bħala għan li jagħtu drittijiet lill-individwi. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet huma speċifikament intiżi sabiex jorganizzaw it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni fir-rigward tal-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku tal-awtorizzazzjonijiet għal tqegħid fis-suq nazzjonali. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma setgħetx għaldaqstant tinvoka, fil-kuntest tar-rikors għad-danni tagħha, il-fatt li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma kellhiex bażi legali, minħabba n-nuqqas ta' kompetenza tal-Komunità, u l-fatt li hija kienet kisbet, b'mod partikolari għal din ir-raġuni, l-annullament tagħha.

[43] Direttiva tal-Kunsill 65/65/KEE, tas-26 ta' Jannar 1965, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi, dwar il-prodotti mediċinali speċjali (ĠU 1965, 22, p. 369).

## 4. Ksur tad-drittijiet tal-awtur u tan-“know-how”

Is-sentenza *Systran u Systran Luxembourg vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar ’il fuq, turi l-iżviluppi ġodda dwar il-kawżi tal-kumpens għad-danni u r-rispett tad-drittijiet tal-awtur u tan-“know-how”, u ddeċidiet kwistjoni kumplessa bejn il-kumpannija Systran u l-Kummissjoni, wara sejħa għal offerti għall-manutenzjoni jew it-tisħiħ lingwistiku tas-sistema ta’ traduzzjoni awtomatika tal-Kummissjoni.

Bejn it-22 ta’ Diċembru 1997 u l-15 ta’ Marzu 2002, il-kumpannija Systran-Luxembourg adattat, taħt l-isem EC-Systran Unix, is-softwer ta’ traduzzjoni awtomatika tagħha Systran-Unix għall-bżonnijiet speċifiċi tal-Kummissjoni f’dan il-qasam. Fl-4 ta’ Ottubru 2003, il-Kummissjoni nediet sejħa għal offerti għall-manutenzjoni u t-tisħiħ lingwistiku tas-sistema ta’ traduzzjoni awtomatika tagħha. Is-servizzi fdati lill-persuna li tingħata dan il-kuntratt mill-Kummissjoni kienu jikkonċernaw, b’mod partikolari, it-“titjib, l-adattamenti u ż-żidiet għas-softwer lingwistiku”, it-“titjib speċifiku tal-programmi ta’ analiżi, ta’ trasferiment u ta’ sinteżi” kif ukoll l-“aġġornament tas-sistema” koperti mis-sejħa għal offerti.

Wara din is-sejħa għal offerti, Systran – kumpannija parent ta’ Systran Luxembourg – ikkuntattjat lill-Kummissjoni biex tindikalha li x-xogħlijiet previsti kienu jidhrulha li jistgħu jippreġudikaw id-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tagħha. Wara diversi kuntatti bejn Systran u l-Kummissjoni, hija qieset li Systran ma kinitx ipproduċiet id-“dokumenti probatorji” intiżi sabiex jistabbilixxu d-drittijiet li din il-kumpannija setgħet tinvoka fuq is-sistema ta’ traduzzjoni awtomatika tagħha EC-Systan Unix. Għaldaqstant il-Kummissjoni qieset li l-grupp Systran ma kellux dritt jopponi x-xogħlijiet imwettqa mill-kumpannija li kienet rebħet is-sejħa għal offerti u għaldaqstant tat il-kuntratt li kien is-suġġett tas-sejħa għal offerti.

Peress li l-Kummissjoni żvelat b’mod illegali n-“know-how” tagħha lil terzi u wettqet att ta’ kontravvenzjoni fl-okkażjoni tat-twettiq mill-persuna li tingħata l-kuntratt ta’ żviluppi mhux awtorizzati tal-verżjoni EC-Systran Unix, Systran u Systran Luxembourg ippreżentaw azzjoni għall-kumpens għad-danni kontra l-Kummissjoni. F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li, billi kkunsidrat li għandha d-dritt twettaq xogħlijiet li jimplikaw modifika tal-elementi li jikkonċernaw il-verżjoni Systran Unix tas-softwer Systran, mingħajr ma kisbet minn qabel il-kunsens tal-grupp Systran, il-Kummissjoni wettqet illegalità fid-dawl tal-prinċipji ġenerali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri applikabbli fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u tan-“know-how”. Din l-illegalità, li tikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju tad-drittijiet tal-awtur u tan-“know-how” miżmuma mill-grupp Systran fuq il-verżjoni Systran Unix tas-softwer Systran, hija ta’ natura li timplika r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni.

Peress li l-allegat nuuqas tal-Kummissjoni ġie stabbilit, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-danni invokati, jiġifieri, essenzjalment, dannu kummerċjali li jirriżulta mit-telf ta’ klijenti potenzjali u l-kumplikazzjoni tad-diskussjonijiet bejn il-klijenti attwali ta’ Systran, kif ukoll dannu finanzjarju li jirriżulta mit-telf tal-attrazzjoni ekonomika tagħha għal investituri u deprezzament tal-assi inkorporali tagħha, jirriżultaw direttament mill-ksur, mill-Kummissjoni, tad-drittijiet tal-awtur u ta’ “know-how” ta’ Systran.

Il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet il-kumpens għad-dannu subit mill-kumpannija Systran għas-somma ta’ EUR 12 001 000 għal danni u interessi, liema soma inkludiet l-ammont tal-ħlasijiet li kienu jkunu dovuti jekk il-Kummissjoni tkun talbet l-awtorizzazzjoni li tuża d-drittijiet ta’ proprjetà intelletwali ta’ Systran sabiex twettaq ix-xogħlijiet elenkati fis-sejħa għal offerti, l-impatt li l-aġir tal-Kummissjoni seta’ kellu fuq id-dħul mill-bejgħ magħmul minn Systran u l-kumpens għad-danni morali. Għandu jiġi osservat ukoll li, b’mod eċċezzjonali, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li d-distribuzzjoni ta’ stqarrija

għall-istampa kienet tippermetti wkoll li jiġi rrimedjat fin-natura d-dannu morali kkostitwit mill-ħsara għar-reputazzjoni ta' Systran minħabba l-aġir illegali tal-Kummissjoni.

## III. Appelli

Matul is-sena 2010, ġew ippreżentati 24 appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u ġew magħluqa 37 kawża mill-Qorti Ġenerali. Tnejn minn fosthom jistħoqqilhom attenzjoni partikolari.

L-ewwel nett, fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, *Il-Kummissjoni vs Putterie-De-Beukelaer* (T-160/08 P, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali fakkret, min-naħa, li l-inkompetenza tal-awtur ta' att li jikkawża preġudizzju tikkostitwixxi motiv ta' ordni pubbliku li hija l-qorti tal-Unjoni li għandha teżaminaha, jekk ikun hemm bżonn *ex officio*, u min-naħa l-oħra li n-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-proċedura dwar l-adozzjoni ta' att li jikkawża preġudizzju jikkostitwixxi ksur tal-forom sostanzjali, li jista' jiġi eżaminat mill-qorti tal-Unjoni wkoll *ex officio*. Għaldaqstant, ir-rifjut li jiġi eżaminat rikors intern, previst mir-regoli tal-proċedura applikabbli għall-adozzjoni ta' att li jikkawża preġudizzju, jikkostitwixxi ksur tal-forom sostanzjali u jista', għalhekk, jiġi eżaminat *ex officio* mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

It-tieni nett, hemm lok li jiġi enfasizzat li, għall-ewwel darba, il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rinviju mill-Qorti tal-Ġustizzja wara eżami mill-ġdid ta' sentenza mogħtija taħt appell. Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Lulju 2010, *M vs EMA* (T-12/08 P-RENV-RX, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti Ġenerali qieset li l-qorti tal-appell tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, tiddeċiedi fuq il-mertu ta' rikors minkejja li l-proċedura fl-ewwel istanza tkun limitata għal eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li tkun ġiet milqugħa mill-qorti ta' din l-istanza. Dan jista' jkun il-każ, minn naħa, meta l-annullament tas-sentenza jew tad-digriet ikkontestat jinvolvi neċessarjament deċiżjoni definittiva rigward il-mertu tar-rikors inkwistjoni jew, min-naħa l-oħra, meta l-eżami tal-mertu tar-rikors għal annullament ikun ibbażat fuq l-argumenti skambjati mill-partijiet fil-kuntest tal-appell wara raġunament tal-qorti tal-ewwel istanza. Jekk ma jeżistux tali ċirkustanzi speċifiċi, il-kawża ma hijiex fi stat li tiġi deċiża fis-sens tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 13(1) tal-Anness tal-imsemmi statut. Konsegwentement, il-qorti tal-appell ma tista' tagħmel xejn ħlief li tirrinvija l-kawża quddiem il-qorti tal-ewwel istanza, sabiex din tiddeċiedi dwar it-talbiet dwar il-mertu tar-rikors. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali stess irrinvijat il-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

## IV. Talbiet għal miżuri provviżorji

Din is-sena l-President tal-Qorti Ġenerali ġie adit b'41 talba għal miżuri provviżorji, numru li jirrappreżenta żieda sinjifikattiva meta mqabbel man-numru ta' talbiet imressqa (24) fl-2009. Fl-2010, l-Imħallef għal miżuri provviżorji ddeċieda 38 kawża, kontra 20 fl-2009.

Fid-digrieti tal-15 ta' Jannar u tal-25 ta' Novembru 2010, *United Phosphorus vs Il-Kummissjoni* (T-95/09 R II u T-95/09 R III, mhux ippubblikati), il-President tal-Qorti Ġenerali laqa' żewġ talbiet għal proroga ta' miżura ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li tipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' sustanza attiva għall-protezzjoni tal-pjanti. Permezz ta' digriet tat-28 ta' April 2009, *United Phosphorus vs Il-Kummissjoni* (T-95/09 R, mhux ippubblikat), il-President tal-Qorti Ġenerali kien diġà rrikonoxxa l-urġenza, billi rrikonoxxa bħala determinanti l-fatt li, wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti kienet bdiet proċedura amministrattiva mħaffa ta' evalwazzjoni ġdida, li fil-kuntest tagħha l-probabbiltajiet ta' suċċess kienu jidhru ikbar minn dawk li kienu fil-kuntest tal-proċedura li twassal għal deċiżjoni ta' projbizzjoni, u li din il-proċedura mħaffa setgħet tingħalaq xi ftit ta'

xhur biss wara d-data imposta għall-irtirar mis-suq tas-sustanza attiva inkwisjtoni. Minn dan huwa kien ikkonkluda li ma jkunx raġonevoli li tiġi permessa l-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' sustanza li fir-rigward tagħha ma kienx improbabbli li t-tqegħid fis-suq ikun awtorizzat biss ftit tax-xhur wara. Għaldaqstant, wara li rrikonoxxa l-eżistenza ta' *fumus boni juris* u wara li qies li l-bilanċ tal-interessi kien ixaqleb favur ir-rikorrenti, il-President tal-Qorti Ġenerali ppronunċja s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' projbizzjoni sas-7 ta' Mejju 2010.

Wara, permezz ta' digriet tal-15 ta' Jannar 2010, ir-rikorrenti kisbet il-proroga, sat-30 ta' Novembru 2010, tas-sospensjoni mogħtija, minħabba li rriżulta li l-proċedura mħaffa ma kinitx ser tingħalaq qabel is-7 ta' Mejju 2010 u minħabba li l-elementi li ġġustifikaw l-għoti inizjali tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni baqgħu l-istess. Fil-bidu tax-xhar ta' Novembru 2010, ir-rikorrenti ressqet talba ġdida għal proroga, filwaqt li bbażat ruħha fuq il-fatt li l-proċedura mħaffa ta' evalwazzjoni kien ikollha riżultat pożittiv fir-rigward tagħha. Fil-fatt, il-Kummissjoni kienet bdiet il-proċess ta' awtorizzazzjoni tas-sustanza inkwistjoni, peress li direttiva li tinkludi din l-awtorizzazzjoni kellha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011. F'dawn iċ-ċirkustanzi, permezz tad-digriet tal-25 ta' Novembru 2010, il-President tal-Qorti Ġenerali pproroga sal-31 ta' Diċembru 2011 is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' projbizzjoni, sa fejn irrifjutat l-awtorizzazzjoni tas-sustanza attiva inkwistjoni. Fir-rigward tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jinkludu din is-sustanza, huwa fakkar li d-deċiżjoni ta' projbizzjoni kienet timponi fuq l-Istati Membri jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet ta' tali prodotti u li s-sospensjoni mogħtija mid-digrieti preċedenti kienet tikkonċerna wkoll l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet tal-imsemmija prodotti. Issa, anki wara d-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni tas-sustanza inkwistjoni, ir-rikorrenti kellha tressaq, quddiem l-awtoritajiet nazzjonali, talbiet għal awtorizzazzjoni ġodda fir-rigward tal-prodotti tagħha għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludu din is-sustanza, peress li dawn il-prodotti kellhom jiġu rtirati mis-suq qabel l-għoti tal-awtorizzazzjonjiet nazzjonali. F'dan ir-rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li d-direttiva ta' awtorizzazzjoni l-ġdida ma kien fiha ebda dispożizzjoni li tħassar id-deċiżjoni ta' projbizzjoni, b'mod li din kienet tordna, fin-nuqqas ta' proroga tas-sospensjoni diġà mogħtija, l-irtirar tal-awtorizzazzjonjiet ta' prodotti li r-rikorrenti kienet attwalment tibbenefika minnhom. Barra minn hekk, id-direttiva l-ġdida ma kienet tinkludi ebda dispożizzjoni li tqis is-sospensjoni mogħtija mid-digrieti tat-28 ta' April 2009 u tal-15 ta' Jannar 2010, sabiex jiġi evitat nuqqas ta' kontinwità fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti koperti u sabiex tiġi żgurata fażi ta' tranżizzjoni raġonevoli bejn id-deċiżjoni ta' projbizzjoni u l-implementazzjoni tad-direttiva l-ġdida. Għaldaqstant, il-President tal-Qorti Ġenerali pproroga, sal-31 ta' Diċembru 2010, is-sospensjoni mogħtija preċedentement, fir-rigward tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva inkwistjoni, filwaqt li enfasizza li tali miżura kienet tieħu inkunsiderazzjoni n-nuqqas ta' ħsara ta' din is-sustanza, kif finalment dehret fit-tmiem il-proċedura mħaffa ta' evalwazzjoni.

Fir-rigward tat-talbiet għal miżuri provviżorji bbażati fuq l-allegata inkapaċità tar-rikorrenti li jħallsu l-multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, fid-digriet tiegħu tas-7 ta' Mejju 2010, *Almamet vs Il-Kummissjoni* (T-410/09 R, mhux ippubblikat), afferma mill-ġdid il-ġurisprudenza li abbażi tagħha r-rikorrenti għandha tipprovdi indikazzjonijiet konkreti, sostnuti minn dokumenti dettaljati ċċertifikati li jippreżentaw stampa vera u globali tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, li tippermetti lill-Imħallef għal miżuri provviżorji jevalwa l-konsegwenzi preċiżi li hija probabbilment ikollha ssostni jekk il-miżuri provviżorji mitluba ma jingħatawx. Abbażi ta' din il-ġurisprudenza, il-President qies bħala insuffiċjenti l-invokazzjoni, mir-rikorrenti, tar-rifjut purament bil-fomm li ngħatalha minn bank li hija kienet ikkuntattjat bil-għan li tikseb garanzija bankarja. Huwa żied li, għalkemm il-ġurisprudenza dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-grupp ta' kumpanniji ta' spiss ġiet applikata fir-rigward tal-azzjonisti maġġoritarji, ir-raġunament wara tali ġurisprudenza ma jeskludix li din tista' tkun, jekk ikun il-każ, kompletament rilevanti fir-rigward tal-azzjonist minoritarju, peress li l-interessi ta' ċerti azzjonijiet minoritarji jistgħu, fid-dawl tal-istruttura tal-azzjonist, ukoll jiġġustifikaw li jiġu kkunsidrati r-riżorsi

finanzjarji. F'dan il każ, peress li l-azzjonarjat tal kumpannija rikorrenti kien kompost minn żewġ azzjonisti prinċipali, li kellhom rispettivament 50 % u 30 % tal kapital tagħha, din il kumpannija kien imissha kkomunikat lill-Imħallef għal miżuri provviżorji informazzjoni preċiża dwar l-azzjonist minoritarju li kellu s-sehem ta' 30 % [44].

Barra minn hekk, l-ewwel talba għal miżuri provviżorji mressqa fil-kuntest tar Regolament (KE) Nru 1907/2006 [45] qajmet il-kwistjoni tal kawżalità bejn id-dannu allegat u l-miżura li s-sospensjoni tagħha ntalbet. Fid-digriet tagħha tas-26 ta' Marzu 2010, SNF vs ECHA (T-1/10 R, mhux ippubblikata), il-President tal Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-inklużjoni ta' sustanza kimika fil-"lista ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna", peress li ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 1907/2006 ma kellha l-effett li tipprojbixxi jew li tirrestrinġi l-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni jew l-użu ta' din is-sustanza minħabba s-sempliċi inklużjoni tagħha fl-imsemmija lista. Fir-rigward tat-tħassib li l-lista inkwistjoni tiġi pperċepita mill-industrija u mill-konsumaturi bħala "lista sewda" ta' sustanzi li għandhom jiġi evitati, ġie kkunsidrat li, fin-nuqqas ta' kull awtomatiżmu bejn l-inklużjoni tas-sustanza fil-lista kkontestata u s-sostituzzjoni progressiva tagħha b'sustanzi oħrajn, reazzjonijiet negattivi eventwali mill-klijenti tar-rikorrenti ma jistgħux jitqiesu li huma konsegwenzi li operatur ekonomiku seta' raġonevolment jislet mis-sempliċi identifikazzjoni tas-sustanza bħala ta' tħassib serju ħafna. Il-President tal Qorti Ġenerali ddeċieda li, anki fuq il-preżunzjoni li dawn ir-reazzjonijiet negattivi huma spjegati minn bidla fil-politika tal-operaturi ekonomiċi inkwistjoni, ibbażata fuq żieda sinjifikattiva fir-rigward tas-sustanzi perikolużi, din hija għażla awtonoma magħmula minn dawn l-operturi ekonomiċi, li tikkostitwixxi l-kawża determinanti tad-dannu allegat.

Fil-qasam tal-proċedura għal sejħa għal offerti, għandu jitfakkar id-digriet tal-31 ta' Awwissu 2010, *Babcock Noell vs L-Impriża Konġunta Fusion for Energy* (T-299/10 R, mhux ippubblikat), mogħti f'kawża li kienet tikkonċerna l-proġett internazzjonali ta' bini u ta' użu ta' reattur termonukleari sperimentali internazzjonali (ITER), intiż sabiex juri l-vijabbiltà xjentifika u teknika tal-enerġija ta' fużjoni. Fil-kuntest ta' dan il-proġett inħolqot impriża komuni Ewropea għall-ITER li l-missjoni tagħha kienet li tikkontribwixxi għat twettiq imħaffef tal-enerġija ta' fużjoni. Għal dan il-għan, l-impriża komuni kellha tagħti kuntratti relatati mal-provvista ta' beni, mat-twettiq tax-xogħlijiet jew mal-provvista ta' servizzi. Fir rigward ta' sejħa għal offerti magħmula bil-għan tal-għoti tal-kuntratt għall-provvista ta' pakketti ta' kojls tal-kamp torojdali ITER (ITER Toroidal Field Coils Winding Packs) ITER, ir-rikorrenti, kumpannija attiva fil-qasam tat-tekonoloġija nukleari ppreżentat offerta għall-kuntratt inkwistjoni, li ġiet miċħuda minħabba li ma kinitx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Ir-rikorrenti ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' ċaħda u tad-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt lil impriża oħra, rikors li fih hija żiedet talba għal

[44] F'dan il-kuntest, għandha tissemma kawża oħra – koperta mill-kunfidenzjalità, fid-dawl tar riskju li l-insolvenza tar-rikorrenti tiġi mgħaġġla iktar fil-każ ta' rivelazzjoni tas-sitwazzjoni prekarja tagħha – li kienet tikkonċerna talba intiża għall-kisba ta' eżenzjoni mill-obbligu, impost fuq il-Kummissjoni, li tikkostitwixxi garanzija bankarja bħala kundizzjoni għan nuqqas ta' rkupru immedjat tal-multa li kienet imponiet fuqha. Peress li r-rikorrenti kienet diġà bdiet teżegwixxi pjan ta' pagamenti f'diversi stadji favur il-Kummissjoni, il-President tal-Qorti Ġenerali adotta digriet għas-sospensjoni skont l-Artikolu 105(2) tar Regoli tal-Proċedura segwit b'seduta, sabiex jinkoraġġixxi lill-partijiet jilħqu ftehim bonarju. Peress li fil-fatt l-isforzi tal-partijiet kienu ta' suċċess, il-kawża għal miżura provviżorja tħassret mir reġistru.

[45] Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 18 ta' Diċembru 2006 dwar ir reġistrazzjoni, il-valutazzjoni [l-evalwazzjoni], l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, p. 1).

miżuri provviżorji, li ġiet miċħuda, peress li ebda waħda mill-kundizzjonijiet għall-għoti ta' miżuri provviżorji mitluba ma kienet ġiet sodisfatta f'dan il-każ.

Fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-urġenza, l-allegat dannu għar-reputazzjoni tar-rikorrenti ma ġiex irrikonoxxut mill-Imħallef għal miżuri provviżorji, peress li l-parteċipazzjoni f'sejħa għal offerti pubblika timplika riskji għall-parteċipanti kollha u peress li ċ-ċaħda tal-offerta ta' offerent, skont ir-regoli tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi, fiha nnifisha, ma hijiex ta' dannu. Fil-każ ta' ċaħda illegali tal-offerta ta' kumpannija, hemm anki inqas raġunijiet li wieħed jaħseb li hija jkollha r-riskju li ssostni dannu gravi u irreparabbli fir-rigward tar-reputazzjoni tagħha peress li din iċ-ċaħda illegali ma hijiex relatata mal-kompetenzi tagħha u peress li s-sentenza ta' annullament tippermetti li jiġi rrimedjat dannu eventwali għar-reputazzjoni tagħha. Barra minn hekk, fir-rigward tal-ibbilanċjar tal-interessi, l-Imħallef għal miżuri provviżorji rrileva li l-interess tar-rikorrenti, li jikkonsisti f'li tkun tista' ssemmi, għal finijiet ta' reklamar, il-kuntratt inkwistjoni, kellu jċedi quddiem l-interess ġenerali tal-Unjoni, inkluż dak taċ-ċittadini tagħha, għal twettiq imħaffef tal-proġett ITER, li l-importanza politika ekonomika primordjali tiegħu hija evidenti minħabba li dan il-proġett huwa intiż sabiex tintuża l-fużjoni bħala sors ta' enerġija potenzjalment illimitat, ċert, li jdum fiż-żmien, ekoloġiku u ekonomikament kompetittiv, li minnu l-Unjoni tista' tislet vantaġġi sinjifikattivi [46].

Fl-aħħar għandu jiġi enfasizzat l-impatt legali, ekonomiku u soċjokulturali tad-digrieti tat 30 ta' April, tad-19 ta' Awwissu, tad-19 ta' Ottubru u tal-25 ta' Ottubru 2010, li l-President tal-Qorti Ġenerali kellu jagħti fil-kawża *Inuit Tapiriit Kanatami et vs Il-Parlament u Il-Kunsill* [rispettivament, T-18/10 R, T-18/10 R II, T-18/10 R II INTP u T-18/10 R II (taħt appell), mhux ippubblikati]. Dawn id-digrieti oriġinaw mir-Regolament (KE) Nru 1007/2009 [47], li, fl-interess tal-benesseri tal-annimali u bil-għan li jiġu stabbiliti regoli armonizzati ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-foki, ipprojbixxa, mill-20 ta' Awwissu 2010, it-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti, bl-eċċezzjoni ta' dawk li joriġinaw mill-forom tal-kaċċa tradizzjonalment ipprattikati mill komunitajiet Inuit għal finijiet ta' sussistenza. Din l-eċċezzjoni kienet iġġustifikata mill-interessi ekonomiċi u soċjali fundamentali tal-komunitajiet Inuit li jipprattikaw il-kaċċa tal-foki, peress li din il-kaċċa tifforma parti integrali mill-kultura u mill-identità tal-imsemmija komunitajiet. Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-benefiċċju tal-komunitajiet Inuit, din kellha tiġi implementata permezz ta' regolament ta' eżekuzzjoni li kellu jiġi adottat mill-Kummissjoni.

F'Jannar 2010, diversi kaċċaturi u nassaba tal-foki, manufatturi ta' prodotti mill-foki u kumpanniji kummerċjali attivi fil-kummerċjalizzazzjoni ta' tali prodotti jew li jużawhom għal finijiet mediċi ppreżentaw rikors għall-annullament tar-Regolament Nru 1007/2009 u, fi Frar 2010 huma ressqu talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' dan ir-regolament. Permezz ta' digriet tat 30 ta' April 2010, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad din it-talba. Wara li qies li l-ammissibbiltà tar-rikors prinċipali ma setgħetx tiġi eskluża u li l-mezzi ta' annullament invokati mir-rikorrenti kienu jidhru biżżejjed rilevanti u serji sabiex jiġi kkostitwit *fumus boni juris*, huwa xorta waħda kkonkluda li ma kienx hemm urġenza billi rrileva, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni ma kinitx għadha adottat ir-regolament ta' eżekuzzjoni intiż għall-implementazzjoni tal-awtorizzazzjoni għall-benefiċċju tal-komunitajiet Inuit.

46 Fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, għandhom jissemmew ukoll id-digrieti ta' ċaħda, mhux ippubblikati, tal-15 ta' Ottubru 2010, *Nexans France vs L-Aġenzija Komuni Fusion for Energy* (T-415/10 R), tas 26 ta' Marzu 2010, *Sviluppo Globale vs Il-Kummissjoni* (T-6/10 R), tal-5 ta' Frar 2010, *De Post vs Il-Kummissjoni* (T-514/09 R), u tal-20 ta' Jannar 2010, *Agriconsulting Europe vs Il-Kummissjoni* (T-443/09 R).

47 Regolament (KE) Nru 1007/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas 16 ta' Settembru 2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill foki (ĠU L 286, p. 36).

F'Lulju 2010, ir-rikorrenti ppreżentaw talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ġdida, ibbażata fuq fatt ġdid, jiġifieri l-pubblikazzjoni tal-abbozz ta' regolament ta' eżekuzzjoni mill-Kummissjoni. Huma sostnew li r-regolament ta' eżekuzzjoni futur, li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Awwissu 2010, huwa totalment inadatt u jċaħħad minn kull portata prattika l-awtorizzazzjoni għall-benefiċċju tal-komunitajiet Inuit. Permezz ta' digriet tad-19 ta' Awwissu 2010, il-President tal-Qorti Ġenerali laqa' din it talba l-ġdida, skont l-Artikolu 15(2) tar Regoli tal-Proċedura, u ssospenda l-eżekuzzjoni tar-Regolament Nru 1007/2009 sa fejn dan kien jirrestrinġi, fir-rigward tar-rikorrenti, it-tqegħid fis-suq ta' prodotti mill-foki, u dan sal-adozzjoni tad-digriet li jtemm il-proċedura għal miżuri provviżorji.

Permezz ta' digriet tal-25 ta' Ottubru 2010, il-President tal-Qorti Ġenerali temm il-proċedura għal miżuri provviżorji u ċaħad, minħabba nuqqas ta' urġenza, it talba l-ġdida għal miżuri provviżorji mressqa f'Lulju 2010. Qabel kollox, peress li ebda entità tad-dritt pubbliku ma kienet inkluża fost ir-rikorrenti, huma ma setgħux jinvokaw l-interessi ġenerali ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-Inuit, iżda kull waħda minnhom kellha tistabbilixxi li r-Regolament Nru 1007/2009 seta' jikkawżalha, individwalment, dannu gravi u irreparabbli, jekk it-talba għal miżuri provviżorji kellha tiġi miċħuda. Issa, ir-rikorrenti ma pproduċewx tali provi. Fir-rigward tal-kaċċaturi u tan-nassaba tal-foki jew tal-manifatturi ta' prodotti mill-foki, huma naqsu milli jippreċiżaw id-dħul tagħhom li joriġina mill-kaċċa jew minn attivitajiet oħra jew il-patrimonju personali tagħhom u ma pproduċew ebda attestazzjoni minn awtorità kompetenti li tindika d-dritt tagħhom għal għajuna soċjali, għal allowance tal-qgħad jew għal forma oħra ta' allowance, filwaqt li rapport li huma stess kienu ppreżentaw kien jistabbilixxi li skemi ta' sussisdji kienu jeżistu fil-Groenlandja u fil-Kanada, il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, in sostenn tal-kaċċa tal-foki. Fir-rigward tal-kumpanniji kummerċjali attivi f'dan is-settur, huma ma pproduċew ebda prova ta' ċifri li tippermetti li tiġi evalwata l-gravità tad-dannu allegat fir-rigward tad-daqs u tad-dħul mill-bejgħ ta' kull kumpannija individwali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-regolament ta' eżekuzzjoni tal-Kummissjoni, ir-rikorrenti baqgħu ma wrewx l-impossibbiltà li tinħoloq sistema ta' traċċabbiltà imposta minn dan ir-regolament, li kellha tippermetti l-identifikazzjoni tal-prodotti mill-foki li kienu joriġinaw mill-kaċċa mill-Inuit. Għall-kuntrarju, ir-rapport li huma stess kienu ppreżentaw kien isemmi sistemi ta' traċċabbiltà li kienu diġà effettivament ipprattikati fil-Groenlandja (użu ta' tikketta b'kodiċi lineari [barcodes] u l-inklużjoni tal-kitba "Kaċċa tradizzjonalment ipprattikata mill-komunitajiet Inuit għall-finijiet ta' sussistenza"). Ir-rikorrenti naqsu milli jagħtu r-raġunijiet li għalihom kien impossibbli li dawn is-sistemi ta' traċċabbiltà tal-Groenlandja jiġu adattati għall-ħtiġijiet tar-regolament ta' eżekuzzjoni.

## B – Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali



(Ordni protokollari fit-18 ta' Novembru 2010)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

Il-Presidenti ta' Awla A. Dittrich, S. Papasavvas, O. Czúcz u J. Azizi; Il-President tal-Qorti Ġenerali M. Jaeger; Il-Presidenti ta' Awla N. J. Forwood; I. Pelikánová; E. Moavero Milanesi u L. Truchot.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin N. Wahl; K. Jürimäe, I. Wiszniewska-Białecka; F. Dehousse; M. E. Martins Ribeiro, E. Cremona; V. Vadapalas; I. Labucka, M. Prek.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

| Politika kummerċjali | | | | | 2 | 1 | | | | 1 | | | 2 | | 2 | | | | | |
| Proċedura | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | |
| Regolamenti tal-Persunal | | | | | | | | | 1 | | | | | 1 | | | | | | |
| Saħħa pubblika | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | |
| **Total** | **10** | **4** | **6** | **2** | **17** | **4** | **13** | **0** | **15** | **6** | **7** | **2** | **22** | **3** | **18** | **2** | **24** | **0** | **22** | **0** |

[1] It-trattazzjoni ta' kawża quddiem il-Qorti Ġenerali permezz tal-proċedura mħaffa tista' tiġi awtorizzata abbażi tal-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura. Din id-dispożizzjoni ilha applikabbli mill-1 ta' Frar 2001.

[2] Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fl-1 ta' Diċembru 2009 għamel neċessarja emenda tal-preżentazzjoni tas-suġġetti tar-rikors. Konsegwentement, id-data għall-perijodu 2006-2009 ġiet irriveduta.

[3] Il-każijiet segwenti jaqgħu taħt il-kategorija "mingħajr tkomplija": l-irtirar tat-talba, ir-rinunzja għall-atti u l-kawżi li fihom ir-rikors jiġi deċiż permezz ta' digriet anki qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq it-talba għal proċedura mħaffa.

# 15. *Varji* – Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (1989-2010)




| | Numru ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell | Total tad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati [1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell |
|---|---|---|---|
| **1989** | | | |
| **1990** | 16 | 46 | 35 % |
| **1991** | 13 | 62 | 21 % |
| **1992** | 25 | 86 | 29 % |
| **1993** | 17 | 73 | 23 % |
| **1994** | 12 | 105 | 11 % |
| **1995** | 47 | 143 | 33 % |
| **1996** | 27 | 133 | 20 % |
| **1997** | 35 | 139 | 25 % |
| **1998** | 67 | 224 | 30 % |
| **1999** | 60 | 180 | 33 % |
| **2000** | 67 | 225 | 30 % |
| **2001** | 69 | 230 | 30 % |
| **2002** | 47 | 224 | 21 % |
| **2003** | 66 | 260 | 25 % |
| **2004** | 53 | 261 | 20 % |
| **2005** | 64 | 297 | 22 % |
| **2006** | 77 | 281 | 27 % |
| **2007** | 77 | 290 | 27 % |
| **2008** | 84 | 339 | 25 % |
| **2009** | 92 | 371 | 25 % |
| **2010** | 98 | 340 | 29 % |

[1] Total ta' deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati – sentenzi, digrieti għal miżuri provviżorji u ta' rifjut ta' intervent, u kull digriet li jtemm l-istanza ħlief id-digrieti ta' tħassir u ta' trasferiment – li t-terminu għall-appell tagħhom skada jew li tressaq appell kontrihom.

# 16. *Varji* – Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2006-2010)

| | 2006 | | | 2007 | | | 2008 | | | 2009 | | | 2010 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** |
| Għajnuna mill-Istat | 5 | 21 | **24 %** | 11 | 30 | **37 %** | 4 | 19 | **21 %** | 23 | 51 | **45 %** | 17 | 35 | **49 %** |
| Kompetizzjoni | 14 | 41 | **34 %** | 13 | 33 | **39 %** | 7 | 26 | **27 %** | 11 | 45 | **24 %** | 15 | 33 | **45 %** |
| Servizz pubbliku | 13 | 62 | **21 %** | 10 | 53 | **19 %** | 9 | 31 | **29 %** | 1 | 3 | **33 %** | | | |
| Proprjetà intellettwali | 18 | 62 | **29 %** | 14 | 64 | **22 %** | 24 | 105 | **23 %** | 25 | 153 | **16 %** | 32 | 140 | **23 %** |
| Rikorsi diretti oħra | 27 | 95 | **28 %** | 29 | 110 | **26 %** | 40 | 158 | **25 %** | 32 | 119 | **27 %** | 34 | 132 | **26 %** |
| **Total** | 77 | 281 | **27 %** | 77 | 290 | **27 %** | 84 | 339 | **25 %** | 92 | 371 | **25 %** | 98 | 340 | **29 %** |

# 17. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2010) (sentenzi u digrieti)

| | Appell miċħud | Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | Annullament totali jew parzjali b'rinviju | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Agrikoltura | 2 | | | | 2 |
| Ambjent u konsumaturi | 1 | | | | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 20 | 2 | 1 | | 23 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | | | 1 | 1 |
| Għajnuna mill-Istat | 7 | | 2 | | 9 |
| Kompetizzjoni | 8 | 3 | | | 11 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 1 | | | | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | | | | 1 |
| Politika ekonomika u monetarja | 1 | | | | 1 |
| Politika kummerċjali | 1 | | | | 1 |
| Politika reġjonali | 2 | | | | 2 |
| Politika soċjali | 1 | | | | 1 |
| Politika tas-sajd | 1 | | | | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 23 | 1 | 1 | 3 | 28 |
| Regolamenti tal-Persunal | 3 | | | | 3 |
| Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni | 2 | | | | 2 |
| **Total** | **74** | **6** | **4** | **4** | **88** |

# 18. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2006-2010) (sentenzi u digrieti)




| | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appell miċħud | 51 | 72 | 51 | 84 | 74 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 8 | 8 | 16 | 12 | 6 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | 1 | 6 | 7 | 3 | 4 |
| Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | 5 | 4 | 3 | 5 | 4 |
| **Total** | **65** | **90** | **77** | **104** | **88** |

# 19. *Varji* – Żvilupp Ġenerali (1989-2010)
## Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti

| | Kawżi ġodda [1] | Kawżi magħluqa [2] | Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru |
|---|---|---|---|
| **1989** | 169 | 1 | 168 |
| **1990** | 59 | 82 | 145 |
| **1991** | 95 | 67 | 173 |
| **1992** | 123 | 125 | 171 |
| **1993** | 596 | 106 | 661 |
| **1994** | 409 | 442 | 628 |
| **1995** | 253 | 265 | 616 |
| **1996** | 229 | 186 | 659 |
| **1997** | 644 | 186 | 1 117 |
| **1998** | 238 | 348 | 1 007 |
| **1999** | 384 | 659 | 732 |
| **2000** | 398 | 343 | 787 |
| **2001** | 345 | 340 | 792 |
| **2002** | 411 | 331 | 872 |
| **2003** | 466 | 339 | 999 |
| **2004** | 536 | 361 | 1 174 |
| **2005** | 469 | 610 | 1 033 |
| **2006** | 432 | 436 | 1 029 |
| **2007** | 522 | 397 | 1 154 |
| **2008** | 629 | 605 | 1 178 |
| **2009** | 568 | 555 | 1 191 |
| **2010** | 636 | 527 | 1 300 |
| **Total** | **8 611** | **7 311** | |

[1] 1989: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 153 kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza (li issa saret il-Qorti Ġenerali), li kienet għadha kemm ġiet stabbilita.
1993: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 451 kawża minħabba l-ewwel żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
1994: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 14-il kawża minħabba t-tieni żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.
2004-2005: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 25 kawża minħabba t-tielet żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

[2] 2005-2006: il-Qorti tal-Prim'Istanza rrinvijat 118-il kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li kien għadu kemm ġie stabbilit.



# Kapitolu III

## It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

# A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2010

*Mill-President Paul Mahoney*

**1.** L-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku turi li n-numru ta' kawżi mressqa fl-2010 (139) qed jiżdied kunsiderevolment meta mqabbel man-numru ta' rikorsi ppreżentati fl-2009 (113) u fl-2008 (111).

In-numru ta' kawżi magħluqa (129) huwa, minn naħa tiegħu, iżgħar [1] minn dak tas-sena l-oħra (155).

Għaldaqstant, in-numru ta' kawżi pendenti [2] żdied bi ftit meta mqabbel mas-sena l-oħra (185 sal-31 ta' Diċembru 2010 kontra 175 fil-31 ta' Diċembru 2009). It-tul medju tal-proċeduri wkoll żdied (18.1-il xhar fl-2010 kontra 15.1-il xhar fl-2009 [3]) [4].

24 deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġew appellati quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Għaxar deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġew annullati jew parzjalment annullati mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, sitt kawżi ġew rinvijati quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Tnax-il kawża ngħalqet permezz ta' ftehim bonarju, li jikkorrispondi għall-għola ċifra mill-ħolqien tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku [5]. Għaldqastant l-istatistika ta' din is-sena tidher li tixhed fetħa ikbar għal dan it-tip ta' riżoluzzjoni ta' tilwim.

**2.** Fir-rigward tal-mezzi proċedurali, għandu jiġi nnotat li din is-sena, għall-ewwel darba, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għamel użu mill-possibbiltà li jagħtuh ir-Regoli tal-Proċedura [6] tiegħu li jiddeċiedi permezz ta' Mħallef uniku [7].

[1] Iż-żieda din is-sena tal-perċentwali tal-kawżi magħluqa permezz ta' sentenza meta mqabbla ma' dik tal-għeluq ta' kawżi permezz tal-proċedura iktar ħafifa tad-digriet bla dubju ta' xejn ikkontribwixxiet għat-tnaqqis tan-numru ta' kawżi magħluqa. Barra minn hekk, għandu jitqies il-fatt li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-fatt ma kienx komplet minħabba l-indisponibbiltà kontinwa ta' wieħed mis-seba' Mħallfin.

[2] B'mod partikolari għad hemm pendenti 15-il kawża, imressqa minn 327 uffiċjal u membri tal-persunal kontra l-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom, intiżi għall-annullament tal-istqarrijiet ta' regolarizzazzjoni tar-remunerazzjoni tagħhom għall-perijodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2009 kif ukoll tal-istqarrijiet ta' remunerazzjoni stabbiliti mill-1 ta' Jannar 2010, inkwantu dawn l-istqarrijiet japplikaw żieda ta' remunerazzjoni abbażi ta' rata ta' 1.85 %, minflok rata ta' 3.7 % li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") u tal-Anness XI tagħhom. Dawn il-kawżi huma strettament marbuta mal-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (sentenza tal-24 ta' Novembru 2010, C-40/10), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009, li jaġġusta b'effett mill-1 ta' Lulju 2009 ir-remunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom

[3] Tul ta' sospensjoni eventwali mhux inkluż.

[4] Tali żieda tat-tul tal-proċeduri għandha bla dubju ta' xejn titqiegħed f'parallel maż-żieda tal-perċentwali tal-kawżi magħluqa permezz ta' sentenza meta mqabbla ma' dik tal-kawżi magħluqa permezz ta' digriet.

[5] Jista' jiġi indikat li, għall-ewwel darba, ftehim bonarju ġie konkluż bejn il-partijiet fil-kuntest ta' proċeduri għal miżuri provviżorji, fir-rigward tal-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-miżura provviżorja mitluba (Kawża *De Roos- Le Large vs Il-Kummissjoni*, F-50/10 R).

[6] Artikolu 14 tar-Regoli tal-Proċedura.

[7] Din il-possibbiltà ġiet użata fil-Kawża li tat lok għas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2010 Marcuccio vs Il-Kummissjoni, F-1/10.

**3.** Fl-aħħar nett, peress li s-sena 2010 tikkorrispondi għall-ħames anniversarju tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, ġiet organizzata konferenza [8] għal din l-okkażjoni, li laqqgħet membri tal-ġudikatura, professuri u avukati speċjalizzati fil-qasam tas-servizz pubbliku Ewropew u internazzjonali, uffiċjali tal-istituzzjonijiet Ewropej u rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet professjonali u sindakali. L-iskambji li saru matul din il-konferenza bla dubju ta' xejn ser jikkontribwixxu sabiex isaħħu r-riflessjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, b'mod partikolari dawk li huwa għandu l-intenzjoni li jimplementa fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-ħolqien tiegħu. Il-manifestazzjonijiet tal-ħames anniversarju tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ġew ukoll iċċelebrati permezz ta' ġurnata "bibien miftuħin" irriżervata għall-membri tal-persunal tal-istituzzjoni.

**4.** Fl-espożizzjoni li ġejja ser jiġu indikati l-iktar sentenzi sinjifikattivi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-qasam tal-proċedura u fuq il-mertu. Peress li ma kien hemm ebda żvilupp importanti fir-rigward tal-proċeduri għal miżuri provviżorji [9], tal-kwistjoni tal-ispejjeż u tal-ispejjeż tal-qorti kif ukoll tal-għajnuna legali, it-taqsimiet tradizzjonalment iddedikati għal dawn is-suġġetti ma humiex ser jidhru fir-rapport ta' din is-sena.

# I. Kwistjonijiet proċedurali

## *Kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà*

### 1. Proċedura prekontenzjuża: regola ta' konkordanza bejn ilment u rikors

Fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, *Mandt vs Il-Parlament* (F-45/07 *) [10], it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għamel iktar flessibbli r-regola ta' konkordanza bejn l-ilment prekontenzjuż u r-rikors, billi ddeċieda li r-regola ta' konkordanza tiġi miksura biss jekk ir-rikors kontenzjuż ibiddel is-suġġett tal-ilment jew il-kawża tiegħu, u li dan il-kunċett tal-aħħar għandu jiġi interpretat b'mod wiesa'. Fir-rigward tat-talbiet għal annullament, bħala regola ġenerali s-suġġett tat-tilwima għandha tinftiehem li hija l-kontestazzjoni mir-rikorrent tal-legalità interna tal-att ikkontestat jew, alternattivament, il-kontestazzjoni tal-legalità esterna tiegħu. Għaldaqstant, u bla ħsara għall-eċċezzjonijiet ta' illegalità (ta' natura intrinsikament legali u mhux faċilment perċettibbli mill-persuni li ma humiex ġuristi) kif ukoll għall-motivi ta' ordni pubbliku, ikun hemm bidla fis-suġġett tat-tilwima u, għaldaqstant, inammissibbiltà minħabba nuqqas ta' osservanza tar-regola ta' konkordanza, jekk ir-rikorrent, huwa u jikkritika fl-ilment tiegħu biss il-validità formali tal-att li jikkawżalu preġudizzju, iqajjem fir-rikors motivi fuq il-mertu, jew jekk fil-każ invers, jekk ir-rikorrent, wara li fl-ilment tiegħu jkun ikkontesta biss il-legalità fil-mertu tal-att li jikkawżalu preġudizzju, jippreżenta rikors li jkun fih motivi relatati mal-validità formali tiegħu.

Għandu jiġi rrilevat li, fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2010, *Bartha vs Il-Kummissjoni* (F-50/08*), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għall-ewwel darba ddeċieda li motiv iddikjarat ammissibbli skont is-sentenza *Mandt vs Il-Parlament*, iċċitata iktar 'il fuq, kien fondat.

[8] L-atti tal-konferenza ser jiġu ppubblikati matul is-sena 2011 fir-Revue universelle des droits de l'homme (RUDH), Éditions N.P. Engel. Id-diskorsi ta' dakinhar huma diġà disponibbli fis-sit Curia.

[9] Din is-sena ġew adottati erba' digrieti għal miżuri provviżorji mill-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (digriet tat-23 ta' Frar 2010, *Papathanasiou vs UASI*, F-99/09 R; digriet tal-14 ta' Lulju 2010, *Bermejo Garde vs KESE*, F-41/10 R ; digriet tal-10 ta' Settembru 2010, Esders *vs Il-Kummissjoni*, F-62/10 R, u digriet tal-15 ta' Diċembru 2010, *Bömcke vs BEI*, F-95/10 R u F-105/10 R). F'dawn l-erba' kawżi, it-talbiet għal miżuri provviżorji ġew miċħuda.

[10] Is-sentenzi indikati b'asterisk ġew tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-Irlandiż.

## 2. Kunċett ta' att li jikkawża preġudizzju

Fis-sentenza tat-13 ta' Jannar 2010, *A u G vs Il-Kummissjoni* (Kawżi magħquda F-124/05 u F-96/06*), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote vs Il-Parlament*, T-345/05, li kienet tikkonċerna t-tneħħija tal-immunità ġudizzjarja ta' membru tal-Parlament Ewropew, iddeċieda li d-deċiżjoni li tneħħi l-immunità ġudizzjarja ta' uffiċjal tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju lil dan tal-aħħar. Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrent ma setax iktar jinvoka l-illegalità tad-deċiżjoni li tneħħi l-immunità ġudizzjarja tiegħu fil-kuntest tar-rikors għad-danni li huwa kien ippreżenta, inkwantu huwa ma kienx ikkontesta l-imsemmija deċiżjoni fit-termini previsti fl-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Novembru 2010, *Gheysens vs Il-Kunsill* (F-8/10*), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li deċiżjoni li tirrifjuta li ġġedded kuntratt għal żmien determinat hija att li jikkawża preġudizzju li għandu jiġi motivat, skont l-Artikolu 25 tar-Regolamenti tal-Persunal, jekk din hija distinta mill-kuntratt inkwistjoni, li huwa b'mod partikolari l-każ jekk hija tkun ibbażata fuq elementi ġodda jew jekk tikkostitwixxi teħid ta' pożizzjoni tal-amministrazzjoni li tittieħed wara talba tal-membru tal-persunal ikkonċernat u li tirrigwarda possibbiltà, imniżżla fil-kuntratt, li dan jiġi mġedded.

## 3. Interess ġuridiku

Fis-sentenza tal-5 ta' Mejju 2010, *Bouillez et vs Il-Kunsill* (F-53/08*), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonferma li l-uffiċjali li jistgħu jiġu promossi għal grad speċifiku għandhom, bħala regola, interess personali li jikkontestaw mhux biss id-deċiżjonijiet ta' nuqqas ta' promozzjoni meħuda fir-rigward tagħhom iżda wkoll id-deċiżjonijiet li jagħtu promozzjoni lil uffiċjali oħra għall-imsemmi grad.

## 4. Termini

Fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2010, *Lebedef u Jones vs Il-Kummissjoni* (F-29/09*), fir-rigward ta' kawża bbażata fuq il-legalità tad-dispożizzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(5) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, li abbażi tiegħu ebda koeffiċjent ta' korrezzjoni ma huwa applikabbli biss għall-Belġju (pajjiż ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-għoli tal-ħajja) iżda wkoll għall-Lussemburgu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qabel kollox fakkar il-ġurisprudenza li abbażi tagħha uffiċjal li naqas milli jikkontesta, fit-termini għall-preżentata ta' lment u ta' rikors, id-dikjarazzjoni ta' remunerazzjoni li tinkorpora, għall-ewwel darba, l-implementazzjoni ta' att ta' portata ġenerali li jiffissa drittijiet pekunarji, ma jistax, wara l-iskadenza tal-imsemmija termini, jikkontesta validament id-dikjarazzjonijiet sussegwenti, billi jinvoka kontrihom l-istess illegalità bħala dik li hija vvizzjata biha l-ewwel dikjarazzjoni. Madankollu, f'dan il-każ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li r-rikorrenti kienu qed jikkritikaw essenzjalment il-persistenza tal-Kummissjoni li tapplika l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(5) tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr ma wettqet studju dwar id-differenza eventwali tal-kapaċità ta' akkwist bejn Brussell u l-Lussemburgu, filwaqt li huma jinvokaw il-ħruġ ta' ċirkustanzi ekonomiċi ġodda, li lanqas jiġġustifikaw, fid-dawl b'mod partikolari tal-prinċipju ta' trattament ugwali, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar id-diffikultajiet proċedurali li jiltaqa' magħhom individwu li għandu l-intenzjoni li jaġixxi għal nuqqas, skont l-Artikolu 265 TFUE, kontra istituzzjoni għat-tħassir ta' dispożizzjoni ta' regolament, adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, li tiġi eskluża, skont il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq, il-possibbiltà għal uffiċjal li jikkontesta d-dikjarazzjoni ta' remunerazzjoni tiegħu minħabba bidla ta' ċirkustanzi fattwali, bħall-bidla ta' kundizzjonijiet ekonomiċi, billi titqajjem, f'din l-okkażjoni, eċċezzjoni ta' illegalità kontra dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal li, għalkemm kienet tidher valida

fil-mument tal-adozzjoni tagħha, saret, skont l-uffiċjal ikkonċernat, illegali minħabba din il-bidla ta' ċirkustanzi, twassal sabiex tirrendi prattikament impossibbli l-eżerċizzju ta' rikors intiż sabiex jiżgura l-osservanza tal-prinċipju ġenerali ta' trattament ugwali rrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni, u tikkawża għaldaqstant ksur sproporzjonat lid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fid-digriet tas-16 ta' Diċembru 2010, AG vs Il-Parlament (F-25/10), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fir-rigward tan-notifika ta' deċiżjoni permezz ta' ittra rreġistrata, li, fil-każ fejn id-destinatarju ta' ittra rreġistrata, assenti mir-residenza tiegħu fil-mument li jgħaddi l-pustier, ikun assenti kull darba jew ma jiġborx l-ittra fit-terminu li din normalment tinżamm mid-dipartiment tal-posta, għandu jitqies li d-deċiżjoni inkwistjoni ġiet debitament innotifikata lid-destinatarju tagħha fid-data tal-iskadenza ta' dan it-terminu. Fil-fatt, jekk jiġi aċċettat li tali aġir tad-destinatarju jostakola n-notifika regolari ta' deċiżjoni permezz ta' ittra rreġistrata, minn naħa, il-garanziji ppreżentati permezz ta' dan il-metodu ta' notifika jiġu kunsiderevolament imdgħajfa, filwaqt li dan jikkostitwixxi metodu partikolarment ċert u oġġettiv ta' notifika tal-atti amministrattivi. Min-naħa l-oħra, id-destinatarju jkollu ċerta latitudni fl-iffissar tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għal preżentata ta' rikors, filwaqt li tali terminu ma jistax ikun għad-dispożizzjoni tal-partijiet u għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Madankollu, il-preżunzjoni li d-destinatarju rċieva notifika tad-deċiżjoni fl-iskadenza tat-terminu normali ta' żamma tal-ittra rreġistrata mid-dipartiment tal-posta ma hijiex assoluta. Fil-fatt l-applikazzjoni tagħha hija suġġetta għall-prova, mill-amministrazzjoni, tar-regolarità tan-notifika permezz ta' ittra rreġistrata, b'mod partikolari billi titħalla nota tal-pustier fl-aħħar indirizz indikat mid-destinatarju. Barra minn hekk, din il-preżunzjoni ma hijiex inkonfutabbli. Id-destinatarju jista' b'mod partikolari jipprova jistabbilixxi li, b'mod partikolari minħabba raġunijiet ta' mard jew ta' forza maġġuri indipendenti mir-rieda tiegħu, ma setax isir jaf bin-nota tal-pustier.

### *Dokumenti kunfidenzjali*

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-15 ta' April 2010, *Matos Martins vs Il-Kummissjoni* (F-2/07), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, wara li kkonstata n-natura kunfidenzjali, fir-rigward tar-rikorrent, ta' ċerti dokumenti li kien talab il-produzzjoni tagħhom permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, limita l-aċċess għall-imsemmija dokumenti għall-avukat tal-persuna kkonċernata, bl-esklużjoni tar-rikorrent personalment, fejn tali konsultazzjoni kellha ssir fil-bini tar-reġistru u mingħajr ma kien awtorizzat li jsiru kopji tal-imsemmija dokumenti.

Permezz ta' żewġ digrieti tas-17 ta' Marzu 2010 u tal-20 ta' Mejju 2010, li ngħataw fil-kawża *Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni* (F-50/09) [11], it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ordna lill-konvenuta tipproduċi ċerti dokumenti kklassifikati "ristretti UE", filwaqt li ppreċiża l-miżuri ta' sigurtà li l-aċċess għal tali dokumenti kellu jkun suġġett għalihom, u filwaqt li enfasizza b'mod partikolari li la r-rikorrent u lanqas l-avukat tiegħu ma kienu awtorizzati jikkonsultaw dawn id-dokumenti. Huwa b'mod partikolari enfasizza li, jekk huwa kellu l-intenzjoni jibbaża s-soluzzjoni tal-kontroversja fuq id-dokumenti inkwistjoni, huwa kellu jeżamina l-metodi ta' applikazzjoni f'dan il-każ tal-prinċipju ta' natura kuntradittorja tal-proċedura u tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura, peress li dan il-prinċipju u dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jimplikaw li r-rikorrent ikollu aċċess, għall-inqas parzjalment, għall-imsemmija dokumenti [12].

[11] Id-deċiżjoni li ttemm l-istanza f'din il-kawża għadha ma ngħatatx.

[12] Digriet tas-17 ta' Marzu 2010, iċċitat iktar 'il fuq.

*Eżami ex officio ta' motiv*

Permezz ta' ħdax-il sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010 [13], it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża jikkostitwixxi forma proċedurali sostanzjali li l-ksur tagħha jista' jitqajjem *ex officio*, u f'dan il-każ annulla minħabba ksur ta' dan il-prinċipju deċiżjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) li jirrifjutaw li jagħtu lir-rikorrenti kuntratt għal żmien indeterminat.

## II. Fuq il-mertu

*Prinċipji ġenerali*

### 1. Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet

Fis-sentenza *Nanopoulos vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-11 ta' Mejju 2010, F-30/08*, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet, meta din titqajjem abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 236 KE (li sar, wara emenda permezz tat-Trattat ta' Lisbona, l-Artikolu 270 TFUE), tista' tiġi stabbilita biss abbażi tal-illegalità ta' att li jikkawża preġudizzju (jew ta' aġir mhux deċiżjonali), u dan mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit jekk jeżistix ksur serju biżżejjed ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tikkonferixxi drittijiet fuq l-individwi. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jippreċiża li din il-ġurisprudenza ma teskludix eżami mill-qorti tal-portata tas-setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni fil-qasam ikkonċernat; għall-kuntrarju, dan il-kriterju huwa parametru essenzjali biex tiġi eżaminata l-legalità tad-deċiżjoni jew tal-aġir inkwistjoni peress li l-istħarriġ tal-legalità eżerċitat mill-qorti u l-intensità tiegħu huma dipendenti fuq kemm ikun wiesa' l-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-amminstrazzjoni, skont id-dritt applikabbli u l-ħtiġijiet ta' funzjonament tajjeb imposti fuqha.

Fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, *N vs Il-Parlament* (F-26/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, wara li fakkar li l-annullament ta' att ikkontestat minn uffiċjal jikkostitwixxi, fih innifsu, kumpens adegwat u, bħala prinċipju, suffiċjenti ta' kull dannu morali li dan tal-aħħar seta' ġarrab, ippreċiża l-ipoteżijiet li fihom il-qorti tal-Unjoni kienet aċċettat ċerti eċċezzjonijiet għal din ir-regola. Għaldaqstant, huwa ppreċiża li l-annullament tal-att illegali tal-amministrazzjoni ma jistax jikkostitwixxi kumpens totali għad-dannu morali subit, l-ewwel nett, jekk dan l-att jinkludi evalwazzjoni espliċitament negattiva tal-kapaċitajiet tar-rikorrent li tista' tikkawżalu ħsara, it-tieni nett meta l-illegalità mwettqa tkun partikolarment gravi u, it-tielet nett, meta l-annullament ta' att ma jkollu ebda effettività.

### 2. Drittijiet fundamentali u prinċipji ġenerali tad-dritt tas-servizz pubbliku

### a) Dritt fundamentali għall-invjolabbiltà tar-residenza privata

Fis-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2010, *Marcuccio vs Il-Kummissjoni* (F-56/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li d-dritt fundamentali għall-invjolabbiltà tar-residenza privata tal-persuni fiżiċi huwa stabbilit fis-sistema legali tal-Unjoni bħala prinċipju ġenerali komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri, u li, barra minn hekk, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), li jirreferi għaliha l-Artikolu 6(2) tat-TUE,

[13] Sentenzi mogħtija fil-Kawżi F-27/09, F-28/09, F-34/09, F-35/09, F-36/09, F-37/09, F-38/09, F-39/09, F-41/09, F-42/09, F-44/09.

tistipola, fl-Artikolu 8(1) tagħha, li "Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu". F'dan il-każ, ġie kkonstatat li, billi aċċediet għall-bini tas-servizz tar-rikorrent mingħajr ma osservat ebda formalità, l-amministrazzjoni kisret id-dritt tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-beni tagħha, tar-residenza tagħha u tal-ħajja privata tagħha, u li dan l-iżball tas-servizz huwa tali li jirrendi l-konvenuta responsabbli.

## b) Preżunzjoni ta' innoċenza

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-23 ta' Novembru 2010, *Wenig vs Il-Kummissjoni* (F-75/09), tqajjem motiv quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li permezz tiegħu r-rikorrent sostna li, billi rrifjutat li tilqa' t-talbiet tiegħu għal assistenza, il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza, peress li tali rifjut impliċitament fisser li, skont il-Kummissjoni, huwa kien effettivament wettaq ċerti fatti msemmija f'artiklu ta' gazzetta. Il-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qabel kollox fakkar li l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza stabbilit fl-Artikolu 6(2) tal-KEDB ma huwiex limitat għal garanzija proċedurali fil-qasam kriminali, iżda l-portata tiegħu hija iktar wiesgħa u teżiġi li ebda rappreżentant tal-Istat ma jiddikjara li persuna hija ħatja ta' ksur qabel mal-ħtija tagħha tkun ġiet stabbilita minn qorti. Imbagħad huwa ddeċieda, f'dan il-każ, li peress li l-Kummissjoni ma kienet għamlet ebda dikjarazzjoni li tippermetti li jiġi preżunt li, fl-opinjoni tagħha, ir-rikorrent kien wettaq jew seta' jwettaq ksur, il-persuna kkonċernata ma kellhiex bażi biex tallega li l-Kummissjoni, bis-sempliċi fatt li hija rrifjutat li tagħtiha assistenza, kienet kisret il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza.

## c) Dmir ta' premura

Fis-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2010, *U vs Il-Parlament* (F-92/09*), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ppreċiża li d-dmir ta' premura jimponi fuq l-amministrazzjoni, meta jkun hemm dubju dwar l-oriġini ta' natura medika tad-diffikultajiet li għandu uffiċjal biex jeżerċita l-kompiti tiegħu, li tagħti l-attenzjoni kollha biex tneħħi dan id-dubju qabel ma tiġi adottata deċiżjoni li tkeċċi l-imsemmi uffiċjal. Barra minn hekk, l-obbligi li d-dmir ta' premura jimponi fuq l-amministrazzjoni huma essenzjalment imsaħħa meta tqum il-kwistjoni ta' sitwazzjoni partikolari ta' uffiċjal fejn jeżistu dubji dwar is-saħħa mentali tiegħu u, b'hekk, dwar il-kapaċità li jiddefendi, b'mod adegwat, l-interessi tiegħu.

## 3. Applikazzjoni tad-dritt internazzjonali privat minn istituzzjoni tal-Unjoni

Fis-sentenza *Mandt vs Il-Parlament*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Tribunal għas-Servizz pubbliku ppreċiża, fir-rigward tal-applikazzjoni minn istituzzjoni ta' dispożizzjoni li tirreferi għall-istat ċivili tal-persuni, li l-amministarazzjoni ma kinitx obbligata tiddetermina d-dritt applikabbli u/jew is-sistema legali kompetenti permezz ta' raġunament pur tad-dritt internazzjonali privat, iżda setgħet tillimita ruħha tikkonstata, bħala fattur ta' rabta, l-eżistenza ta' rabtiet "mill-qrib" mal-kawża.

F'din il-kawża, żewġ persuni talbu, bħala konjuġi superstiti tal-istess uffiċjal mejjet, il-benefiċċju ta' pensjoni tas-superstiti skont l-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal, sitwazzjoni li fir-rigward tagħha l-Parlament kien iddeċieda li jaqsam l-imsemmija pensjoni bejn iż-żewġ persuni. Wara li ċaħad bħala inammissibbli r-rikors ippreżentat minn waħda miż-żewġ persuni (digriet tat-23 ta' Mejju 2008, *Braun-Neumann vs Il-Parlament*, F-79/07), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad fil-mertu r-rikors ippreżentat mill-persuna l-oħra billi ċaħad, b'mod partikolari, kemm-il motiv intiż sabiex l-ewwel persuna tiġi miċħuda l-kwalità stess ta' konjuġi superstiti (it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kien irrileva għal dan il-għan li din il-persuna kienet ikkunsidrata bħala konjuġi superstiti mid-dirtt u s-sistema legali ta' pajjiż li għandu rabtiet stretti ħafna kemm magħha kif ukoll mal-kawża fit-totalità tagħha) kif ukoll il-motiv li abbażi tiegħu, fil-preżenza

ta' żewġ konjuġi superstiti, kull wieħed minnhom ikollu dritt għal pensjoni tas-superstiti sħiħa. Għaldaqstant, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li l-Parlament, ikkonfrontat b'lakuna leġiżlattiva, ma kienx wettaq żball ta' liġi billi adotta s-soluzzjoni msemmija iktar 'il fuq.

## *Drittijiet u obbligi tal-uffiċjal*

### 1. Obbligu ta' assistenza

Fis-sentenza *Wenig vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, ġie deċiż li l-amministrazzjoni ma tistax tkun obbligata tassisti, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, uffiċjal issuspettat, fid-dawl ta' elementi preċiżi u rilevanti, li naqas serjament milli jwettaq l-obbligi professjonali tiegħu u suġġett għal dan il-għan għal azzjoni dixxiplinari, anki jekk tali nuqqas seħħ favur aġir irregolari ta' terzi.

### 2. Aċċess ta' uffiċjal għad-dokumenti li jikkonċernawh

Fis-sentenza *A u G vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ppreċiża l-artikolazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26 tar-Regolamenti tal-Persual, dwar id-dritt ta' aċċess ta' uffiċjal għall-fajl personali tiegħu, id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess ta' uffiċjal għad-dokumenti ta' natura medika li jikkonċernawh, bħal dawk previsti fir-regoli komuni dwar l-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' aċċident u ta' mard ikkaġunat mix-xogħol tal-uffiċjali, u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

## *Karriera tal-uffiċjali*

### 1. Kompetizzjonijiet

Fis-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, *Pachtitis vs Il-Kummissjoni* (F-35/08*, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku annulla d-deċiżjoni tal-Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunità Ewropea (EPSO) li teskludi lir-rikorrent mil-lista tal-kandidati li kisbu l-aħjar marki fit-testijiet ta' ammissjoni għal kompetizzjoni ġenerali, minħabba n-nuqqas ta' kompetenza tal-EPSO li jadotta tali deċiżjoni. Huwa fil-fatt iddeċieda li fin-nuqqas ta' emenda statutorja li tagħti espressament lill-EPSO kompiti li sa dak iż-żmien kienu tal-Bord tal-Għażla, l-EPSO ma għandux il-kompetenza li jeżerċita dawn il-kompiti, u b'mod partikolari kompiti li, fir-rigward tar-reklutaġġ tal-uffiċjali, jaffettwaw id-determinazzjoni tal-kontenut tal-provi u l-korrezzjoni tagħhom, inkluż il-provi f'forma ta' testijiet ta' mistoqsijiet b'għażla multipla, anki jekk dawn it-testijiet jiġu ppreżentati bħala testijiet "ta' ammissjoni" ta' kandidati fil-provi bil-miktub u orali tal-kompetizzjoni.

Fis-sentenza *Bartha vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għamel diversi preċiżazzjonijiet fir-rigward tad-dispożizzjoni prevista fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal, li abbażi tiegħu Bord tal-Għażla li jikkonsisti minn iktar minn erba' membri, għandu jkun magħmul minn mill-inqas żewġ membri ta' kull sess. Huwa b'mod partikolari ppreċiża li din ir-regola għandha tiġi vverifikata waqt il-kostituzzjoni tal-Bord tal-Għażla, kif jidher fil-lista ppubblikata mill-istituzzjoni organizzatriċi jew l-istituzzjonijiet organizzaturi tal-kompetizzjoni, u għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-membri permanenti tal-Bord tal-Għażla.

## 2. Proċeduri ta' promozzjoni

Fis-sentenza *Bouillez et vs Il-Kunsill,* iċċitata iktar 'il fuq, ġie ppreċiżat li mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti jirriżulta li l-livell tar-responsabbiltajiet eżerċitati mill-uffiċjali li jistgħu jiġu promossi jikkostitwixxi wieħed mit-tliet fatturi rilevanti li l-amministrazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni fl-analiżi komparattiva tal-merti tal-imsemmija uffiċjali. L-espressjoni "fejn ikun il-każ" li tinsab fir-raba' sentenza tal-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, tfisser sempliċement li għalkemm, bħala regola, l-uffiċjali fl-istess grad huma mistennija jaqdu funzjonijiet ta' responsabbiltà ekwivalenti, meta konkretament dan ma jkunx il-każ, dan il-fatt għandu jittieħed inkunsiderazzjoni matul il-proċedura ta' promozzjoni.

Filwaqt li f'dan il-każ it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal kien fondat huwa madankollu fakkar li l-qorti tal-Unjoni aċċettat li meta l-att li għandu jiġi annullat ikun ta' benefiċċju għal terza persuna, bħalma huwa l-każ meta ssir iskrizzjoni f'lista ta' riżerva u meta tittieħed deċiżjoni ta' promozzjoni jew deċiżjoni ta' nomina għal pożizzjoni vakanti, huwa l-kompitu tal-qorti li tivverifika preliminarjament jekk l-annullament jikkostitwixxix sanzjoni eċċessiva tal-illegalità mwettqa. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sussegwentement fakkar li, fil-qasam tal-promozzjoni, il-qorti tal-Unjoni għandha tagħmel eżami speċifiku għal kull każ. L-ewwel nett, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni n-natura tal-illegalità mwettqa. It-tieni nett, hija għandha tibbilanċja l-interessi. Fl-ibbilanċjar tal-interessi li hija tagħmel, il-qorti tieħu inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, l-interess li għandhom ir-rikorrenti li jkunu legalment u kompletament reintegrati fid-drittijiet tagħhom, wara l-interessi tal-uffiċjali li ġew promossi illegalment, u fl-aħħar, l-interess tas-servizz.

Fis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2010, *Almeida Campos et vs Il-Kunsill* (F-14/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-Awtorità tal-Ħatra (iktar 'il quddiem l-"AIPN") ma setgħetx legalment teżamina separatament il-merti tal-uffiċjali tal-istess grad skont jekk huma kinux jiffurmaw parti, taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, mill-Kategorija A jew jekk kinux jaqgħu taħt il-kuntest lingwistiku LA, peress li l-leġiżlatur iddeċieda li, fir-Regolamenti tal-Persunal il-Ġodda huma jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' funzjonijiet uniku tal-amministraturi.

### *Kundizzjonijiet ta' xogħol tal-uffiċjal*

Fis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2010, *Taillard vs Il-Parlement* (F-97/09), ġie ppreċiżat li, peress li l-mard jista' jevolvi, ma jistax jiġi sostnut li r-riżultati ta' arbitraġġ li kkonkluda favur il-kapaċità għax-xogħol ta' uffiċjal jibqgħu validi meta dan tal-aħħar jipproduċi sussegwentement ċertifikat mediku ġdid. Fir-rigward tar-riskju ta' abbuż tal-proċedura dwar il-kontrolli mediċi permezz ta' ċertifikati mediċi suċċessivi li jirrigwardaw l-istess marda, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li, meta jkun neċessarju, b'mod partikolari meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' abbuż minn naħa tar-rikorrent, l-istituzzjoni kkonċernata tista' tirrikorri għall-proċeduri dixxiplinari rilevanti.

### *Sistema pekunjarja u benefiċċji soċjali tal-uffiċjal*

## 1. Remunerazzjoni

Fis-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, *W vs Il-Kummissjoni* (F-86/09*), tressqet, quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, talba għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tħallas lil membru tal-persunal l-allowance tad-dar, minħabba li l-koppja fformata minn dan il-membru tal-persunal u s-sieħeb tiegħu mhux fiż-żwieġ tal-istess sess ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 1(2)(ċ)(iv) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, peress li huwa kellu aċċess għaż-żwieġ ċivili fil-Belġju. Ir-rikorrent, li kellu ċittadinanza doppja Belġjana u Marokkina,

madankollu sostna quddiem l-amministrazzjoni li, fid-dawl taċ-ċittadinanza Marokkina tiegħu, dan iż-żwieġ kien impossibbli, inkwantu, kieku kellu jidħol għal żwieġ ma' persuna tal-istess sess, huwa kien jirriskja li jesponi ruħu fil-Marokk għal proċeduri kriminali bbażati fuq l-Artikolu 489 tal-Kodiċi Kriminali Marokkin, li jirreprimi l-omosesswalità. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, filwaqt li bbaża ruħu fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iddeċieda li d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li jestendu d-dritt għall-allowance tad-dar għall-uffiċjali rreġistrati bħala msieħba stabbli miżżewġin għandhom jingħataw interpretazzjoni tali li tiggarantixxi li dan id-dritt ma jibqax teoriku iżda jkun konkret u effettiv. F'dan il-każ, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li dispożizzjoni ta' liġi nazzjonali bħall-Artikolu 489 tal-Kodiċi Kriminali Marokkin, li tinkrimina l-atti omosesswali mingħajr lanqas ma tiddistingwi skont il-post li fih tali atti jitwettqu, tirriskja li tirrendi teoriku l-aċċess għaż-żwieġ u għaldaqstant id-dritt għall-allowance tad-dar. Għaldaqstant huwa annulla d-deċiżjoni tal-konvenuta li tirrifjuta li tħallas l-imsemmija allowance lir-rikorrent.

## 2. Sigurtà soċjali

Fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, *Füller-Tomlinson vs Il-Parlament* (F-97/08, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad eċċezzjoni li permezz tagħha r-rikorrenti invokat l-illegalità tat-tabella Ewropea ta' evalwazzjoni tal-preġudizzju tal-integrità fiżika u psikika, li tifforma parti integrali mir-regoli komuni dwar l-assigurazzjoni kontra r-riskji ta' aċċident u ta' mard ikkaġunat mix-xogħol, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006.

Fis-sentenza tal-14 ta' Settembru 2010, *AE vs Il-Kummissjoni* (F-79-09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li quddiemu ġie ppreżentat rikors għad-danni li jinvoka t-tul irraġonevoli tal-proċedura ta' rikonoxximent ta' mard kkaġunat mix-xogħol, fakkar li l-Kummissjoni, bħala istituzzjoni, għandha tfakkar lill-membri tal-kummissjonijiet mediċi dwar l-obbligu tagħhom ta' diliġenza.

Fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 2010, *Marcuccio vs Il-Kummissjoni* (F-65/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad eċċezzjoni ta' illegalità intiża kontra l-kriterji ta' definizzjoni ta' marda serja, skont l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri pronjostika vitali sfavorevoli, evoluzzjoni kronika, in-neċessità ta' miżuri ta' dijanjosi jew terapewtiċi iebsa u l-preżenza jew ir-riskju ta' diżabbiltà serja. Permezz ta' din is-sentenza, ġie wkoll ippreċiżat li l-kunċett ta' "mard mentali" skont l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal jista' jkopri biss il-mard li oġġettivament huwa ta' ċerta serjetà, u mhux kull disordni psikoloġiku u psikjatriku, irrispettivament mis-serjetà tiegħu.

Fis-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2010, *Gagalis vs Il-Kunsill* (F-89/09), ġie ppreċiżat li kemm l-Artikolu 73(3) tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regoli tar-riskji ta' aċċident għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprevedu biss kopertura tar-rimbors tal-ispejjeż sostnuti għal prestazzjonijiet koperti mill-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal, wara rimbors tal-parti tal-ispejjeż koperta mill-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard. Peress li l-iskema ta' assigurazzjoni għall-inċidenti hija kumplementari u għaldaqstant ma tipprevedi ebda rimbors ta' spejjeż sostnuti minħabba prestazzjonijiet mhux koperti mill-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard, bl-eċċezzjoni ta' dawk previsti fl-imsemmi artikolu 9(2), din ma tat lok għal ebda teħid ta' responsabbiltà mill-iskema ta' assigurazzjoni għall-mard.

### *Sistema dixxiplinari*

Fis-sentenza *A u G vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, ġie ppreċiżat li l-fatt li proċedura dixxiplinari tkun ingħalqet mingħajr ma ġiet imposta sanzjoni dixxiplinari fuq l-uffiċjal inkwistjoni ma jistax iżomm lill-qorti Ewropea milli tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni li tkun fetħet il-proċedura dixxiplinari kontra l-persuna kkonċernata. Bil-għan li jiġu protetti d-drittijiet tal-uffiċjal ikkonċernat, l-Awtorità tal-Ħatra għandha titqies li teżerċita l-poteri tagħha b'mod illegali mhux biss fil-każ li jkun hemm prova tal-abbuż ta' poter, iżda wkoll fin-nuqqas ta' elementi preċiżi u rilevanti biżżejjed li juru li l-persuna kkonċernata wettqet nuqqas dixxiplinari. Barra minn hekk, f'din l-istess sentenza, ġie affermat mill-ġdid il-prinċipju li abbażi tiegħu proċedura dixxiplinari għandha titmexxa fi żmien raġonevoli. L-obbligu ta' diliġenza li l-awtorità dixxiplinari għandha jikkonċerna kemm il-ftuħ tal-proċedura dixxiplinari kif it-tmexxija tagħha.

### *Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea*

## 1. Tkeċċija ta' membru tal-persunal b'kuntratt għal żmien indeterminat

Fis-sentenzi tad-9 ta' Diċemrbu 2010, *Schuerings vs ETF* (F-87/08) u *Vandeuren vs ETF* (F-88/08), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, wara li ppreċiża li l-fatt li wieħed jippermetti lil min iħaddem itemm relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat mingħajr motiv validu jmur kontra l-istabbiltà li tikkaratterizza l-kuntratti għal żmien indeterminat u jikser l-essenza stess ta' dan it-tip ta' kuntratti, iddeċieda li t-tnaqqis tal-perimetru tal-attivitajiet ta' aġenzija jista' jitqies li jista' jikkostitwixxi motiv validu ta' tkeċċija, bil-kundizzjoni madankollu li l-imsemmija aġenzija ma jkollhiex pożizzjoni li l-membru tal-persunal ikkonċernat jista' jiġi assenjat mill-ġdid fiha. Meta teżamina jekk membru tal-persunal jistax jiġi assenjat mill-ġdid f'pożizzjoni oħra, eżistenti jew li għadha trid tinħoloq, l-amministrazzjoni għandha tibbilanċja l-interess tas-servizz, li jeżiġi li tiġi rreklutata l-persuna l-iktar adatta sabiex tokkupa l-pożizzjoni, mal-interess tal-aġent li t-tkeċċija tiegħu tkun qed tiġi kkunsidrata. Sabiex tagħmel dan hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, kriterji differenti, fosthom l-eżiġenzi tal-pożizzjoni fid-dawl tal-kwalifiki u tal-potenzjal tal-membru tal-persunal, il-fatt li l-kuntratt ta' xogħol tal-membru tal-persunal ikkonċernat jippreċiża jew le li dan tal-aħħar huwa rreklutat sabiex jokkupa pożizzjoni determinata, ir-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu, kif ukoll l-età tiegħu, l-anzjanità fis-servizz u n-numru ta' snin li fadallu qabel ma jkun jista' jinvoka d-drittijiet għall-pensjoni tiegħu.

## 2. Tkeċċija ta' membru tal-persunal wara t-tmiem tal-perijodu ta' prova tiegħu

Fis-sentenza tal-24 ta' Frar 2010, *Menghi vs ENISA* (F-2/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għamel, fir-rigward tat-tkeċċija ta' membru tal-persunal wara t-tmiem tal-perijodu ta' prova tiegħu, diversi preċiżazzjonjiet fir-rigward tad-deċiżjoni ta' tkeċċija. L-ewwel nett, huwa indika li l-fatt li jintwera li jkun hemm fastidju psikoloġiku sostnut minn membru tal-persunal ma jfissirx li kull deċiżjoni li tippreġudika lil dan il-membru tal-persunal u li ssir f'dan il-kuntest ta' fastidju hija illegali. Jeħtieġ li jintwera wkoll li jkun hemm rabta bejn il-fastidju inkwistjoni u r-raġunijiet tad-deċiżjoni kkontestata. It-tieni nett, huwa sostna li l-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar l-obbligu ta' assistenza, ma jistax jiġi invokat effettivament fir-rigward ta' deċiżjoni ta' tkeċċija. Fil-fatt, huma biss id-deċiżjonijiet amministrattivi li għandhom kontenut b'rabta mal-obbligu ta' assistenza, jiġifieri d-deċiżjonijiet li jiċħdu talba għal assistenza jew, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, in-nuqqas li tingħata assistenza b'mod spontanju lil membru tal-persunal, li jistgħu jmorru kontra dan l-obbligu. Issa, l-għan ta' deċiżjoni ta' tkeċċija ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u ma għandux, għalhekk, rabta mal-obbligu ta' assistenza previst f'dan l-artikolu. Fl-aħħar nett, huwa ddeċieda li d-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, li abbażi

tagħhom l-uffiċjal li kkomunika informazzjoni dwar fatti li jistgħu jwasslu għal suppożizzjoni ta' attività possibbilment illegali jew imġiba li tista' tikkostitwixxi nuqqas serju għall-obbligi tal-uffiċjali tal-Unjoni "m'għandux isofri minn xi effetti ta' preġudizzju min-naħa ta' l-istituzzjoni [...] sakemm aġixxa raġonevoli u bl-onestà", ma jipprovdux lill-uffiċjal, li jkun ikkomunika, skont l-Artikolu 22a(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, informazzjoni dwar fatti li jistgħu jwasslu għal suppożizzjoni ta' attività illegali, protezzjoni kontra kull deċiżjoni li tista' tippreġudikah, iżda biss kontra d-deċiżjonijiet adottati minħabba din il-komunikazzjoni.

## B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku



(Ordni protokollari tal-31 ta' Diċembru 2010)

*Mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin S. Van Raepenbusch u H. Kreppel; il-President ta' awla H. Tagaras, il-President P. Mahoney; il-President ta' awla S. Gervasoni; l-Imħallfin I. Boruta u M. I. Rofes i Pujol; ir-Reġistratur W. Hakenberg.

# 1. Il-Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

*(skont id-dħul tagħhom fil-kariga)*



**Paul J. Mahoney**
Imwieled fl-1946; studji fid-dritt (Master of Arts, Università ta' Oxford, 1967; Master of Laws, University College London, 1969); Lecturer, University College London (1967-1973); Barrister (Londra, 1972-1974); Amministratur, Amministratur Prinċipali mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1974-1990); Visiting Professor fl-Università ta' Saskatchewan, Saskatoon, Kanada (1988); Kap tal-persunal mal-Kunsill tal-Ewropa (1990-1993); Kap ta' Diviżjoni (1993-1995), Deputat Reġistratur (1995-2001), Reġistratur fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2001-Settembru 2005); President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



**Horstpeter Kreppel**
